

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea għall-ghajjnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura  
u tal-forestrija u fiż-żoni rurali mill-2014 sal-2020

(2014/C 204/01)

## WERREJ

	<i>Paġna</i>
PARTI I. DISPOŻIZZJONIJET KOMUNI .....	4
<b>Kapitolu 1. Introduzzjoni</b> .....	4
<b>Kapitolu 2. Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet</b> .....	7
2.1. Effett tal-PAK u tal-politika tal-iżvilupp rurali fuq il-kamp ta' applikazzjoni .....	7
2.2. Kamp ta' applikazzjoni .....	8
2.3. Regoli orizzontali u strumenti tal-ghajjnuna applikabbli għas-settur agrikolu u għas-settur tal-forestrija u għaż-żoni rurali .....	10
2.4. Definizzjonijiet .....	11
2.5. Ghajjnuna notifikabbli .....	17
<b>Kapitolu 3. Il-prinċipji komuni tal-valutazzjoni</b> .....	18
3.1. Kontribuzzjoni għal għan komuni .....	19
3.2. Il-bżonn għal intervent mill-stat .....	20
3.3. Adegwatezza tal-ghajjnuna .....	21
3.4. L-effett ta' incenċiv u l-bżonn ta' ghajjnuna .....	22
3.5. Il-proporzjonalità tal-ghajjnuna .....	24
3.6. L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ .....	27
3.7. Trasparenza .....	29
PARTI II. KATEGORIJI TA' GĦAJNUNA .....	30
<b>Kapitolu 1. Ghajjnuna favur l-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli</b> .....	30
1.1. Miżuri dwar l-iżvilupp rurali .....	30
1.1.1. Ghajjnuna għall-investiment .....	30
1.1.1.1. Ghajjnuna għal investiment fassi tanġibbli u intaġibbli fuq azjendi agrikoli marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja .....	30
1.1.1.2. Ghajjnuna għal investiment favur il-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali u naturali li jin-sabu fuq l-azjendi agrikoli .....	35
1.1.1.3. Ghajjnuna għal investiment li tikkonċerna r-rilokazzjoni tal-binijiet tal-azjenda agrikola .....	35
1.1.1.4. Ghajjnuna għall-investimenti b'rabta mal-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli .....	36

1.1.2.	Ghajjnuna biex jinbeda negozju għal bdiewa żgħażaġh u għall-iżvilupp ta' farms żgħar .....	37
1.1.3.	Ghajjnuna għat-trasferiment ta' azjendi agrikoli .....	38
1.1.4.	Ghajjnuna inizjali għal gruppi u organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur agrikolu .....	39
1.1.5.	L-għajjnuna għall-impenji agroambjentali klimatiċi u ta' trattament xieraq tal-annimali .....	40
1.1.5.1.	L-għajjnuna għall-impenji agri-ambjent-klima .....	40
1.1.5.2.	Ghajjnuna għall-impenji għat-trattament xieraq tal-annimali .....	42
1.1.6.	Ghajjnuna għall-iżvantaġġi relatati ma-żoni ta' Natura 2000 u għad-Direttiva Qafas dwar l-ilma .....	43
1.1.7.	Ghajjnuna għaż-żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn ...	44
1.1.8.	L-għajjnuna għall-agrikoltura organika .....	46
1.1.9.	Ghajjnuna għall-parteċipazzjoni ta' produtturi ta' prodotti agrikoli fl-iskemi tal-kwalità .....	47
1.1.10.	Ghajjnuna għall-għoti ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu .....	48
1.1.10.1.	Ghajjnuna għat-trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni .....	48
1.1.10.2.	Ghajjnuna għas-servizzi konsultattivi .....	49
1.1.10.3.	Ghajjnuna għal servizzi ta' sostituzzjoni fuq il-farms .....	50
1.1.11.	Ghajjnuna għall-kooperazzjoni fis-settur agrikolu .....	51
1.2.	Ġestjoni tar-riskji u tal-kriżijiet .....	52
1.2.1.	Ghajjnuniet bħala kumpens għad-dannu mġarrab mill-produzzjoni agrikola jew mill-mezzi ta' produzzjoni agrikola u biex jiġi evitat id-dannu .....	53
1.2.1.1.	Ghajjnuna biex tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali .....	53
1.2.1.2.	Ghajjnuna biex tikkompensa għad-dannu kkawżat minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jkunu assimilati ma' diżastru naturali .....	55
1.2.1.3.	Ghajjnuna għall-ispejjeż ta' prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda tal-mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti biex tagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat mill-mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti .....	56
1.2.1.4.	Ghajjnuna għal bhejjem mejta .....	58
1.2.1.5.	Ghajjnuna biex tikkompensa d-dannu kkawżat minn annimali protetti .....	59
1.2.1.6.	Ghajjnuna għall-pagament ta' primjums tal-assigurazzjoni .....	60
1.2.1.7.	Ghajjnuna għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-fondi reċiproki .....	61
1.2.2.	Ghajjnuna għall-Għeluq tal-Kapaċità ta' Produzzjoni .....	62
1.2.2.1.	L-għeluq tal-kapaċità għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, il-pjanti jew il-bnedmin jew għal raġunijiet sanitarji, etiċi jew ambjentali .....	62
1.2.2.2.	L-għeluq tal-kapaċità għal raġunijiet oħrajn .....	63
1.3.	Tipi oħrajn ta' għajjnuna fis-settur agrikolu .....	64
1.3.1.	Ghajjnuna lis-settur tat-trobbija tal-bhejjem .....	64
1.3.2.	Ghajjnuna għall-miżuri ta' promozzjoni favur il-prodotti agrikoli .....	65
1.3.3.	Ghajjnuna lir-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer minuri tal-Eġew .....	67
1.3.4.	Ghajjnuna għal konsolidazzjoni tal-art agrikola .....	68
1.3.5.	Ghajjuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà .....	68
1.3.6.	Ghajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur agrikolu .....	69

<b>Kapitolu 2. Ghajjnuna għas-settur tal-forestrija li mhijiex kofinanzjata mill-FAEŻR, mogħtija bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal tali miżuri kofinanzjati jew mogħtija bħala ghajjnuna mill-Istat biss .....</b>	<b>70</b>
2.1. Investimenti fl-iżvilupp taż-żona tal-foresti u titjib tal-vijabbiltà tal-foresti .....	71
2.1.1. Ghajjnuna għall-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' msaġar .....	72
2.1.2. Ghajjnuna sabiex jiġu stabbiliti sistemi tal-agroforestrija .....	73
2.1.3. Ghajjnuna għall-prevenzjoni u l-irkurpru mill-ħsara lill-foresti minħabba nirien, diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi oħra, pesti tal-pjanti u avvenimenti katastrofiċi .....	74
2.1.4. Ghajjnuna għall-investimenti li jtejbju r-reżiljenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi tal-foresti .....	75
2.1.5. Ghajjnuna għall-investimenti fit-teknoloġiji tal-forestrija u fl-ipproċessar, il-mobilizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-foresti .....	75
2.1.6. Ghajjnuna għal investimenti fl-infrastruttura relatata mal-iżvilupp, l-immodernizzar jew l-adattament tal-forestrija .....	76
2.2. Ghajjnuna għal żvantaġġi relatati maż-żoni tal-foresta ta' Natura 2000 .....	77
2.3. Ghajjnuna għas-servizzi tal-ambjent u l-klima tal-foresti u l-konservazzjoni tal-foresti .....	77
2.4. Ghajjnuna għat-trasferiment tal-għarfien u l-azzjonijiet ta' informazzjoni fis-settur tal-forestrija .....	79
2.5. Ghajjnuna għas-servizzi konsultattivi fis-settur tal-forestrija .....	79
2.6. Ghajjnuna għall-kooperazzjoni fis-settur tal-foresti .....	79
2.7. Ghajjnuna tal-bidu għal gruppi u organizzazzjonijiet ta' produttori fis-settur tal-forestrija .....	80
2.8. Ghajjnuna oħra għas-settur tal-forestrija b'għaniet ekoloġiċi, protettivi u rikreazzjonali .....	81
2.8.1. L-ghajjnuna għal azzjonijiet speċifiċi tal-foresta u interventi bl-għan primarju ta' kontribuzzjoni għaż-żamma jew l-irkupru tal-ekosistema u l-bijodiversità tal-foresta jew il-pajsaġġ tradizzjonali .....	81
2.8.2. Ghajjnuna għaż-żamma u t-titjib tal-kwalità tal-ħamrija u l-iżgurar ta' tkabbir ibbilanċjat u b'saħħtu tas-siġar fis-settur tal-forestrija .....	81
2.8.3. Irkupru u żamma tal-mogħdijiet naturali, l-elementi u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u l-habitat naturali għall-annimali fis-settur tal-forestrija .....	82
2.8.4. Ghajjnuna għall-manutenzjoni ta' toroq biex jiġu evitati nirien fil-foresti .....	82
2.8.5. Ghajjnuna li tikkumpensa l-ħsara fforesti kkaġunata minn annimali rregolati bil-liġi .....	82
2.8.6. Ghajjnuna sabiex jiġu stabbiliti pjaniet ta' ġestjoni tal-foresti .....	83
2.9. Ghajjnuna fis-settur tal-forestrija allinjata mal-miżuri tal-ghajjnuna agrikola .....	83
2.9.1. Ghajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tal-foresti .....	84
2.9.2. Ghajjnuna għall-konsolidazzjoni tal-art tal-forestrija .....	85
<b>Kapitolu 3. Ghajjnuniet fiż-żoni rurali li huma kofinanzjati mill-FAEŻR jew mogħtija bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal tali miżuri kofinanzjati .....</b>	<b>85</b>
3.1. Ghajjnuna għall-investimenti li tikkonċerna l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli fi prodotti mhux agrikoli, il-produzzjoni tal-qoton jew l-investimenti fil-ħolqien u l-iżvilupp ta' attivitajiet mhux agrikoli .....	86
3.2. Ghajjnuna għal servizzi bażiċi u tiġdid ta' villaġġi f'żoni rurali .....	87
3.3. Ghajjnuna inizjali għan-negozju għall-attivitajiet mhux agrikoli f'żoni rurali .....	88
3.4. Ghajjnuna għall-impenji agroambjentali klimatiċi lil amministraturi oħrajn tal-artijiet u lil impriżi fiż-żoni rurali li mhumiex attivi fis-settur agrikolu .....	89

3.5.	Ghajjnuna għal żvantaġġi relatati ma' żoni tan-Natura 2000 lil amministraturi tal-artijiet oħrajn .....	89
3.6.	Ghajjnuna għat-trasferiment ta' għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni fiż-żoni rurali .....	90
3.7.	Ghajjnuna għal servizzi ta' konsulenza fiż-żoni rurali .....	90
3.8.	Ghajjnuna għal parteċipazzjoni ġdida tal-bdiewa attivi fi skemi tal-kwalità għall-qoton u l-oġġetti tal-ikel .....	91
3.9.	Ghajjnuna għal attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-qoton u oġġetti tal-ikel koperti minn skema tal-kwalità .....	92
3.10.	Ghajjnuna għall-kooperazzjoni fiż-żoni rurali .....	92
3.11.	Ghajjnuna għat-twaqqif ta' fondi reċiproki .....	94
PARTI III.	KWISTJONIJET PROĊEDURALI .....	95
1.	It-tul tal-iskemi tal-ghajjnuna u evalwazzjoni .....	95
2.	Klawżola ta' revizzjoni .....	96
3.	Rapportar u monitoraġġ .....	96
4.	Applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida .....	96
5.	Proposti għal miżuri xierqa .....	97
6.	L-iskadenza .....	97

## PARTI I. DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

### Kapitolu 1. Introduzzjoni

- (1) L-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jistipula li, "ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull ghajjnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produttori għandha, safejn toqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."
- (2) Madankollu, minkejja din il-projbizzjoni ġenerali, tista' tkun meħtieġa ghajjnuna mill-Istat biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq biex tiġi żgurata ekonomija li tiffunzjona sew u ekwitabbli. Għalhekk, it-Trattat jagħti lok għall-ġħoti ta' ghajjnuna mill-Istat fir-rigward ta' diversi għanijiet politiċi. B'rilevanza partikolari għas-settur agrikolu u l-forestrija, l-ewwelnett skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-Trattat, l-ghajjnuna biex tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastri naturali jew avvenimenti eċċezzjonali għandha tkun kompatibbli mas-suq intern. It-tieninett, fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, il-Kummissjoni tista' tqis li l-ghajjnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku tas-settur agrikolu u tal-forestrija u taż-żoni rurali hija kompatibbli mas-suq intern, diment li din ma taffettwax ħażin lill-kundizzjonijiet tal-kummerċ.
- (3) Barra minn hekk, minħabba l-ispeċifitajiet tas-settur agrikolu, l-Artikolu 42 tat-Trattat jipprevedi li r-regoli dwar il-kompetizzjoni japplikaw għall-produzzjoni tal-prodotti agrikoli u għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli biss sal-punt li jiddeterminaw il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.
- (4) F'dawn il-Linji Gwida, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-kriterji skont liema l-ghajjnuna għas-settur agrikolu u tal-forestrija u għaż-żoni rurali titqies bħala kompatibbli mas-suq intern u tistabbilixxi l-kriterji li bihom jiġu identifikati ż-żoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat. Fir-rigward tal-ghajjnuna mogħtija skont l-Artikolu 107(2)(b), il-Kummissjoni hawnhekk tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li sejrini jiġu vverifikati sabiex jiġi stabbilit jekk ghajjnuna li tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastri naturali jew avvenimenti eċċezzjonali hijiex fil-fatt koperta minn dak l-Artikolu.

- (5) L-ghajjnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku tas-settur agrikolu u tal-forestrija u taż-żoni rurali hi integrata fil-Politika Agrikola Komuni (il-PAK) usa'. Fi ħdan il-PAK, l-Unjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju għas-settur agrikolu u tal-forestrija u għaż-żoni rurali. Peress li l-effetti ekonomiċi tal-ghajjnuna mill-Istat ma jinbidlux skont jekk din hijiex (anki parzjalment) iffinanzjata mill-Unjoni, jew jekk hijiex iffinanzjata minn Stat Membru waħdu, il-Kummissjoni tikkunsidra li fil-prinċipju għandu jkun hemm konsistenza u koerenza bejn il-politika tagħha fir-rigward tal-kontroll tal-ghajjnuna mill-Istat, u l-appoġġ li jin-għata skont il-politika agrikola komuni tal-Unjoni stess. B'hekk, l-użu ta' ghajjnuna mill-Istat jista' jiġi ġġustifikat biss jekk ikun konformi mal-għanijiet ta' din il-politika u, b'mod partikolari, l-għanijiet sottostanti tar-riforma fil-PAK lejn l-2020 <sup>(1)</sup>. Għalhekk, meta l-Kummissjoni tapplika u tinterpreta r-regoli tal-Linji Gwida għal skemi ta' ghajjnuna speċifiċi, hija tikkunsidra r-regoli u l-politiki tal-PAK.
- (6) L-Istrumenti Ewropej li ġejjin huma ta' rilevanza partikolari għall-kunsiderazzjonijiet ta' ghajjnuna mill-Istat relatati mal-PAK:
- (a) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi <sup>(2)</sup>, jew kwalunkwe regolament ta' sostituzzjoni, li jirregola l-informazzjoni u l-miżuri ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli u l-metodu ta' produzzjoni tagħhom kif ukoll għall-prodotti tal-ikel ibbażati fuq prodotti agrikoli mwettqa fis-suq intern jew f'pajjiżi terzi;
- (b) Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jstabilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 <sup>(3)</sup> u r-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jstabilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 <sup>(4)</sup>. Skont dawk ir-Regolamenti, jistgħu jiġu stabbiliti programmi ta' appoġġ biex jitqiesu l-iżvantaġġi ġeografiċi u ekonomiċi ta' dawk ir-reġjuni.
- (c) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 <sup>(5)</sup>;
- (d) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1698/2005 <sup>(6)</sup>, li għandu l-għan li jippromwovi l-iżvilupp rurali sostenibbli madwar l-Unjoni b'mod komplimentari għall-istrumenti l-oħra tal-PAK, bħal pagamenti diretti u miżuri tas-suq. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' settur agrikolu tal-Unjoni iżjed ibbilanċjat fil-livell territorjali u ambjentali, li ma jagħmilx ħsara lill-klima u li jkun reżistenti, kompetittiv, produttiv u innovattiv u għall-iżvilupp ta' territorji rurali;
- (e) Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 <sup>(7)</sup>;
- (f) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa fi skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 <sup>(8)</sup> li jstabilixxi regoli għal pagamenti diretti mħallsa lill-bdiewa fil-forma ta' appoġġ bażiku għad-dħul taħt ċerti skemi ta' appoġġ;

<sup>(1)</sup> Aktar dettalji dwar ir-riforma tal-PAK jinsabu fi: [http://ec.europa.eu/agriculture/cap-post-2013/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/agriculture/cap-post-2013/index_en.htm)

<sup>(2)</sup> ĠUL 3, 5.1.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠUL 78, 20.3.2013, p. 23.

<sup>(4)</sup> ĠUL 78, 20.3.2013, p. 41.

<sup>(5)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 320.

<sup>(6)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 487.

<sup>(7)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 549.

<sup>(8)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 608.

- (g) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-suq għall-prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007<sup>(9)</sup>, li jstabbilixxi regoli komuni għas-swieq agrikoli. B'mod partikolari, dawk ir-regoli jikkonċernaw l-intervent pubbliku fis-swieq, il-kwoti, u l-iskemi ta' għajjnuna, il-kummerċjalizzazzjoni u l-istandards ta' produzzjoni, u l-kummerċ ma' pajjiżi terzi;
- (7) Il-PAK tistrieħ fuq żewġ pilastri: l-ewwel wieħed fih strumenti relatati mal-funzjonament tas-swieq agrikoli u mal-katina tal-provvista tal-ikel (ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, ir-Regolament (KE) Nru 3/2008, ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 u r-Regolament (UE) Nru 229/2013) u mal-pagamenti diretti (ir-Regulation (UE) Nru 1307/2013) bil-kundizzjoni ta' rekwiżiti ta' ġestjoni statutorji, u ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin. Flimkien, dawk il-miżuri jipprovdwu bażi ta' appoġġ għall-bdiewa fl-Unjoni, billi jiffurmaw il-pedament li fuqu tistrieħ il-biedja sostenibbli madwar l-UE. Il-miżuri tal-ewwel pilastru huma obbligatorji għall-Istati Membri u, bi fteit eċċezzjonijiet li huma rari, ma hemm l-ebda kofinanzjament. Dan jiżgura l-applikazzjoni ta' politika komuni fi ħdan is-suq intern. It-tieni pilastru tal-PAK hu l-politika tal-iżvilupp rurali rregolata bir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 li l-għan tiegħu hu li jtejjeb il-kompetittività tal-agrikoltura, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni klimatika u l-iżvilupp territorjali bbilanċjat taż-żoni rurali. Ġeneralment, il-miżuri tal-iżvilupp rurali huma volontarji, ta' natura kuntrattwali, kofinanzjati u mogħtija fi ħdan qafas strateġiku u implimentati permezz ta' programmi ta' żvilupp rurali li jissodisfaw il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.
- (8) Skont l-Artikolu 39(1) tat-Trattat, il-PAK għandha l-għanijiet li żżid il-produttività agrikola, tiżgura livell ta' għajxen ġust għall-komunità agrikola, tistabbilizza s-swieq u tiżgura d-disponibbiltà tal-fornituri li jilhqqu l-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli. Skont l-Artikolu 39(2) tat-Trattat, matul it-tfassil tal-PAK u l-metodi speċjali għall-applikazzjoni tagħha, ġew meqjusa l-forma partikolari tal-attività agrikola, li tirriżulta mill-istruttura soċjali tal-agrikoltura u minn disparitajiet strutturali u naturali bejn id-diversi reġjuni agrikoli, il-ħtieġa li jsiru l-aġġustamenti xierqa skont il-grad u l-fatt li l-agrikoltura tikkostitwixxi settur li hu marbut mill-qrib mal-ekonomija in ġenerali.
- (9) L-agrikoltura trid taddatta għar-realtajiet il-ġodda u trid tiffaċċja l-isfidi f'termini ta' sigurtà alimentari, l-ambjent, it-tibdil fil-klima u ż-żamma tal-ekonomija rurali ħajja. Sabiex jiġu indirizzati dawk l-isfidi ewlenin, fil-Komunikazzjoni dwar il-PAK fid-dawl tas-sena 2020<sup>(10)</sup> il-Kummissjoni indikat l-għanijiet li ġejjin għall-PAK 2014-2020: (1) produzzjoni tal-ikel vijabbli; (2) ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u azzjoni klimatika; u (3) żvilupp territorjali bbilanċjat.
- (10) Bħala parti integrali mill-PAK, il-politika 2014-2020 dwar l-iżvilupp rurali għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet li ġejjin: (1) it-trawwim tal-kompetittività tal-agrikoltura; (2) l-iżgurar tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, u l-azzjoni klimatika; u (3) l-ilħuq ta' żvilupp territorjali bbilanċjat ta' ekonomiji u komunitajiet rurali inkluż il-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi. L-ilħuq ta' dawn l-għanijiet ta' żvilupp rurali għandu jiġi segwit permezz tal-prijoritajiet tal-Unjoni li ġejjin għall-iżvilupp rurali: (1) il-promozzjoni tat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura u l-forestrija u ż-żoni rurali; (2) it-tisħiħ tal-kompetittività u l-vijabbiltà tal-farm tat-tipi kollha ta' agrikoltura fir-reġjuni kollha u l-promozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi tal-farms u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti; (3) il-promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina tal-ikel, inkluż l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, it-trattament xieraq tal-annimali u l-ġestjoni tar-riskji fl-agrikoltura; (4) ir-restawr, il-preżervazzjoni u t-tisħiħ tal-ekosistemi relatati mal-agrikoltura u l-forestrija; (5) il-promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi u l-appoġġ għall-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżiljenti għall-klima fis-setturi tal-agrikoltura u tal-ikel u tal-forestrija; u (6) il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali<sup>(11)</sup>.

<sup>(9)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>(10)</sup> Il-Komunikazzjoni tat-18 ta' Novembru 2010 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-PAK fid-dawl tas-sena 2020: Nindirizzaw l-isfidi tal-futur fl-ambitu tal-ikel, tar-riżorsi naturali u dak territorjali (COM(2010) 672 finali).

<sup>(11)</sup> Kif iddefinit fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

- (11) L-għanijiet tal-PAK jaqgħu wkoll fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-għanijiet stipulati fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 "Ewropa 2020 - Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv"<sup>(12)</sup> u l-inizjattiva ewlenija tagħha għal Ewropa effiċjenti fir-riżorsi<sup>(13)</sup>, li tistabbilixxi miri f'oqsma bħall-kompetittività, il-klima, l-enerġija u l-bijodiversità.
- (12) Il-politika ta' għajjnuna mill-Istat fis-settur agrikolu u tal-forestrija u fiż-żoni rurali trid tiġi inkorporata wkoll fl-inizjattiva ġenerali tal-Kummissjoni għal modernizzazzjoni tal-għajjnuna mill-Istat. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-modernizzazzjoni tal-għajjnuna mill-Istat<sup>(14)</sup>, il-Kummissjoni ħabbret tliet għanijiet li għandhom jiġu segwiti permezz tal-modernizzazzjoni tal-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat: (1) biex jitrawwem it-tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklużiv fsuq intern kompetittiv; (2) biex l-iskrutinju ex ante tal-Kummissjoni jiġi ffukat fuq il-każijiet bl-akbar impatt fuq is-suq intern, filwaqt li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Istati Membri fl-infurzar tal-għajjnuna mill-Istat; u (3) biex jiġu ssimplifikati r-regoli u jkun hemm deċiżjonijiet aktar rapidi. B'mod partikolari, il-Komunikazzjoni appellat għal approċċ komuni fir-reviżjoni tal-Linji Gwida u tal-oqfsa differenti bil-għan li jissaħħaħ is-suq intern, tiġi promossa effikaċja akbar fl-infiq pubbliku permezz ta' kontribuzzjoni aħjar tal-għajjnuna mill-Istat għall-għanijiet tal-interess komuni, isir skrutinju akbar fuq l-effett tal-inċentiv, l-għajjnuna tiġi ristretta biss għall-minimu, u jiġu evitati l-effetti negattivi li l-għajjnuna jista' jkollha fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ. Il-kundizzjonijiet ta' kompatibilità stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida huma bbażati fuq daww il-prinċipji komuni ta' valutazzjoni u huma applikabbli għal skemi ta' għajjnuna notifikabbli u għall-għajjnuna individwali.

## **Kapitolu 2. Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet**

### **2.1. Effett tal-PAK u tal-politika tal-iżvilupp rurali fuq il-kamp ta' applikazzjoni**

- (13) Skont l-Artikolu 42 tat-Trattat, sa fejn huma kkonċernati l-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-Trattat, ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat stabbiliti fl-Artikoli 107 sa 109 tat-Trattat japplikaw biss sa fejn jistabbilixxu l-Parlament Ewropew u l-Kunsill.
- (14) Bħala regola ġenerali, skont l-Artikolu 211(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat japplikaw għall-roduzzjoni tal-prodotti agrikoli u l-kummerċ fihom. Madankollu, hemm diversi derogi mill-prinċipju ġenerali li huma stabbiliti, fost l-oħrajn, fl-Artikolu 211(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Artikolu 13(6) tar-Regolament (KE) Nru 3/2008, l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 229/2013.
- (15) Fir-rigward tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali, il-prinċipju ġenerali tal-applikabilità tar-regoli tal-għajjnuna mill-Istat f'dak il-kuntest huwa stabbilit fl-Artikolu 81(1) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. Madankollu, l-Artikoli 81(2) u 82 ta' dak ir-Regolament jistipulaw li r-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat ma japplikawx għall-pagamenti li jsiru mill-Istati Membri skont, u b'mod konformi mar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jew ma' finanzjament nazzjonali addizzjonali fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat.
- (16) Għalhekk, ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat la japplikaw għall-kofinanzjament tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali (kemm il-parti tal-FAEŻR kif ukoll il-parti nazzjonali) u lanqas għall-finanzjament nazzjonali addizzjonali bħala żieda ma' tali appoġġ, diment li l-miżura inkwistjoni tkun relatata ma' attività agrikola li taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat u tagħmel parti mill-programm ta' żvilupp rurali.
- (17) Madankollu, ir-regoli tal-għajjnuna mill-Istat japplikaw b'mod sħiħ għal kull miżura kofinanzjata ta' għajjnuna (kemm il-parti tal-FAEŻR kif ukoll il-parti nazzjonali) u għal finanzjament nazzjonali addizzjonali għat-tali miżuri li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat, previsti fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fil-każijiet li ġejjin: (a) miżuri li jappoġġjaw l-attivitajiet fiż-żoni rurali u (b) il-miżuri tal-forestrija.
- (18) Jekk Stat Membru jkun beħsiebu jiffinanzja b'mod esklussiv mill-fondi nazzjonali (jiġifieri mingħajr ebda kofinanzjament mill-FAEŻR), miżura li fil-parti l-kbira tagħha tkun imfassla skont il-kundizzjonijiet ta' miżura tal-iżvilupp rurali partikolari ("miżura simili għal dik tal-iżvilupp rurali"), ir-regoli tal-għajjnuna mill-Istat japplikaw b'mod sħiħ, indipendentement minn jekk il-miżura taqax fi ħdan jew barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat.

<sup>(12)</sup> COM(2010) 2020 finali.

<sup>(13)</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni (COM(2011) 21 finali).

<sup>(14)</sup> COM(2012) 209 tat-8.5.2012.

## 2.2. Kamp ta' applikazzjoni

- (19) Il-Kummissjoni ser tapplika dawn il-Linji Gwida għall-iskemi ta' għajjnuna u għall-għajjnuna individwali.
- (20) Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-għajjnuna mill-Istat għall-produzzjoni agrikola primarja u għall-ipproċessar ta' prodotti agrikoli li jirriżultaw fi prodott agrikolu ieħor u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli.
- (21) Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet ġenerali deskritti fit-Taqsima 2.1 tal-Parti I ta' dawn il-Linji Gwida, sabiex tiġi żgurata koerenza mal-politika ta' żvilupp rurali u tintlaħaq simplifikazzjoni għall-konformità mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat, huwa xieraq li f'dawn il-Linji Gwida jiġu inklużi wkoll ċertu miżuri tal-iżvilupp rurali li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat, li jkunu kofinanzjati mill-FAEŻR jew minn finanzjament nazzjonali addizzjonali, kif ukoll miżuri simili għal dawk tal-iżvilupp rurali ffinanzjati esklussivament minn fondi nazzjonali. Għalhekk, minbarra s-settur agrikolu, dawn il-Linji Gwida jistabbilixxu l-kriterji ta' kompatibbiltà għall-għajjnuna mill-Istat lis-settur tal-forestrija u l-għajjnuna lill-impriżi attivi fiż-żoni rurali li nkella ma jkunux jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat.
- (22) Meta tanalizza l-għajjnuna mill-Istat u l-kompatibbiltà tagħha mal-prinċipji ġenerali dwar l-għajjnuna mill-Istat, il-Kummissjoni se tqis, sa fejn possibbli, il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni u l-att delegat tiegħu.
- (23) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija qabel, dawk il-Linji Gwida jkopru l-kategoriji ta' għajjnuna li ġejjin:
- (a) miżuri fis-settur agrikolu, iffinanzjati esklussivament mill-fondi nazzjonali, li jikkonsistu minn:
- (i) miżuri simili għal dawk tal-iżvilupp rurali li mhumiex fil-qafas ta' programm ta' żvilupp rurali (Taqsima 1.1 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida);
  - (ii) miżuri oħra li mhumiex dawk imsemmija fil-(i) li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, bħal xi miżuri ta' ġestjoni tar-riskju u tal-kriżijiet, għajjnuna għas-settur tat-trobbija tal-bhejjem u ċertu miżuri tal-promozzjoni (it-Taqsimiet 1.2 u 1.3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida);
- (b) għajjnuna għas-settur tal-forestrija, li tista':
- (i) tingħata bħala parti minn programm tal-iżvilupp rurali jew bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għat-tali miżura tal-iżvilupp rurali (Taqsimiet 2.1 sa 2.7 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida);
  - (ii) tiġi ffinanzjata minn riżorsi nazzjonali, fl-għamla ta':
    - miżura tal-forestrija simili għal dik tal-iżvilupp rurali prevista fir-Regolament (UE) Nru 1305/2014 u tingħata skont il-kundizzjonijiet ta' dawn il-Linji Gwida (Taqsimiet 2.1 sa 2.7 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida);
    - għajjnuna oħra fis-settur tal-forestrija b'għanijiet ekoloġiċi, protettivi u rikreazzjonali (Taqsima 2.8 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida);
    - għajjnuna fis-settur tal-forestrija skont il-miżuri dwar l-għajjnuna agrikola (Taqsima 2.9 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida);
- (c) għajjnuna għall-impriżi attivi fiż-żoni rurali li tista' tingħata bħala:
- (i) miżura ta' għajjnuna inkluża fi programm tal-iżvilupp rurali kofinanzjata mill-FAEŻR fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u b'mod konformi miegħu, fejn il-miżura notifikabbli ta' għajjnuna mill-Istat hija l-istess bħall-miżura fil-programm tal-iżvilupp rurali (Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida); jew



- (ii) bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali relatat ma' miżura fil-qafas ta' programm tal-iżvilupp rurali (Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida).
- (24) L-ghajjnuna għall-żvilupp lokali "Leader" imsemmija fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u fl-Artikolu 42 sa 45 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, li jinvolvi proġetti individwali mfassla u mwettqa minn imsieħba lokali biex jiġu indirizzati problemi lokali speċifiċi, jista' jiġi kopert minn dawn il-Linji Gwida, sal-punt li jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-miżuri tal-iżvilupp rurali kif stabbilit f'dawn il-Linji Gwida.
- (25) Dawn il-Linji Gwida fil-prinċipju japplikaw għall-ghajjnuna lill-SMEs u lill-intrapriżi l-kbar. L-intrapriżi l-kbar għandhom it-tendenza li jkunu inqas affettwati mill-fallimenti tas-suq mill-SMEs. Barra minn hekk, l-intrapriżi l-kbar fis-settur agrikolu u tal-forestrija u fiż-żoni rurali għandhom tendenza akbar li jkunu atturi importanti fis-suq u, konsegwentement, f'każijiet speċifiċi, l-ghajjnuna mogħtija lill-intrapriżi l-kbar tista' tfixkel b'mod partikolari l-kompetizzjoni u l-kummerċ fis-suq intern. Peress li l-ghajjnuna lill-intrapriżi l-kbar fis-settur agrikolu u tal-forestrija u fiż-żoni rurali u lil intrapriżi kbar oħra tista' tikkawża distorsjonijiet simili tal-kompetizzjoni, ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-intrapriżi l-kbar f'dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu armonizzati mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, u għandhom ikunu soġġetti għall-prinċipji komuni tal-valutazzjoni kif stabbilit fil-Kapitolu 3 tal-Parti I ta' dawn il-Linji Gwida. Min-għajr preġudizzju għal dawk il-prinċipji komuni tal-valutazzjoni, fir-rigward tal-miżuri tal-iżvilupp rurali, għal raġunijiet ta' konsistenza u koerenza mal-politika tal-iżvilupp rurali, ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat lill-intrapriżi l-kbar għandhom jiġu allinjati mar-regoli rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. Fir-rigward tal-miżuri ta' ghajjnuna għas-settur tat-trobbija tal-bhejjem, li mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, il-Kummissjoni żżomm il-politika preċedenti tagħha li l-intrapriżi l-kbar għandhom ikunu jistgħu jiffinanzjaw l-ispejjeż ta' dawn il-miżuri huma stess. Għalhekk, l-ghajjnuna fis-settur tat-trobbija tal-bhejjem għandha tiġi limitata għall-SMEs.
- (26) Fil-prinċipju, l-impriżi f'diffikultà<sup>(15)</sup> huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida. Il-Kummissjoni tikkunsidra li meta impriża tkun f'diffikultà finanzjarja, fid-dawl tal-fatt li l-eżistenza tagħha tkun f'periklu, din ma tistax titqies mezz xieraq għall-promozzjoni ta' għanijiet oħrajn ta' politika pubblika sakemm tiġi żgurata l-vijabbiltà tagħha. Għalhekk, meta l-benefiċjarju tal-ghajjnuna ikun f'diffikultà finanzjarja fis-sens tal-punt (35)15, l-ghajjnuna se tkun valutata skont il-Linji Gwida Komunitarji dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-kumpaniji f'diffikultà<sup>(16)</sup>, kif emendati jew mibdula. Dan il-prinċipju ma japplikax għal ghajjnuna kompensatorja għal danni kkawżati minn diżastri naturali u okkorrenzi eċċezzjonali, imsemmija fit-Taqsima 1.2.1.1 u fit-Taqsima 2.1.3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida, li hija dejjem kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-Trattat. Jekk id-diffikultà finanzjarja ta' impriża attiva fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija jkun għabha avveniment tar-riskju msemmi fit-Taqsimiet 1.2.1.2., 1.2.1.3, 1.2.1.5, 2.1.3 jew 2.8.5 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida, tista' tingħata ghajjnuna kumpensatorja għal avvenimenti tar-riskju bħal dawn, jew biex jitreggħu lura t-telf jew id-dannu kkawżat minnhom, jew jitħallsu l-ispejjeż tal-querda tal-pesti tal-pjanti, f'konformità ma' dawn il-Linji Gwida u xorta waħda tista' tinstab kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ta' emerġenza, m'għandha ssir l-ebda distinzjoni, skont ċertu kundizzjonijiet, fir-rigward tas-sitwazzjoni ekonomika ta' impriża għal ghajjnuna għall-querda u għat-tneħħija ta' fwata jitqies għandhiex tingħata ghajjnuna għall-querda u t-tneħħija ta' bhejjem mejta fit-Taqsima 1.2.1.4 u għal ghajjnuna għall-miżuri tal-querda fil-każ ta' mard tal-annimali msemmija fil-punt (375)(c) tat-Taqsima 1.2.1.3.
- (27) Meta tivvaluta l-ghajjnuna li tingħata lil xi impriża li tkun soġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti b'segwitu għal deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara ghajjnuna bħala li tkun illegali u inkompatibbli mas-suq intern, il-Kummissjoni ser tqis l-ammont tal-ghajjnuna li jkun għadu jrid jiġi rku-prat<sup>(17)</sup>. Dan ma japplikax għall-ghajjnuna li tikkumpensa għad-danni kkawżati minn diżastri naturali skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-Trattat.

<sup>(15)</sup> Ara d-definizzjoni ta' impriża f'diffikultà fil-punt (35)15.

<sup>(16)</sup> ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2. Kif estiż bi ĠU C 156, 9.7.2009, p. 3 u ĠU C 296, 2.10.2012, p. 3.

<sup>(17)</sup> F'dan ir-rigward, ara l-Kawżi konġunti T-244/93 u T-486/93, TWD Textilwerke Deggendorf GmbH v il-Kummissjoni, [1995] ECR II-02265.

- (28) Il-Kummissjoni mhijiex ser tawtorizza għajnuna għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lil pajjiżi terzi jew lil Stati Membri li jkunu marbutin direttament mal-kwantitajiet esportati, għajnuna li tkun tiddependi fuq l-użu ta' prodotti domestiċi fuq dawk importati, jew għajnuna biex jitwaqqaf u jitħaddem netwerk ta' distribuzzjoni jew biex tiġi koperta xi nefqa oħra marbuta mal-attivitajiet ta' esportazzjoni. Għajnuna għall-ispjiza tal-parteċipazzjoni ffieri kummerċjali, jew ta' studji jew servizzi ta' konsulenza meħtieġa għat-tneđija ta' prodott ġdid jew eżistenti fsuq ġdid, fil-prinċipju ma tikkostitwixxix għajnuna għall-esportazzjoni.
- (29) L-Istati Membri huma mfakkra li s-sistema ta' finanzjament, pereżempju l-imposti parafiskali għandhom jiġu nnotifikati, meta din is-sistema tagħmel parti integrali mill-miżura ta' għajnuna (ara l-paragrafi 41 sa 44 tal-Kawża T-275/11)<sup>(18)</sup>.
- (30) Il-Kummissjoni se tivvaluta kwalunkwe miżuri ta' għajnuna li mhumiex koperti minn dawn il-Linji Gwida jew permezz ta' xi regoli rilevanti oħra ta' għajnuna mill-Istat abbażi ta' każ b'każ direttament skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat, filwaqt li tqis ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat, il-PAK u b'analoġija dawn il-Linji Gwida, meta jkun possibbli. L-Istati Membri li jinnotifikaw għajnuna mill-Istat li ma tkunx koperta mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, se jkunu jridu juru li l-għajnuna mill-Istat inkwistjoni tkun tissodisfa l-prinċipji ta' valutazzjoni komuni kif jistabbilixxi l-Kapitolu 3 tal-Parti I ta' dawn il-Linji Gwida. Il-Kummissjoni se tapprova miżuri bħal dawn biss jekk il-kontribut pożittiv tas-settur jegħleb ċar u tond lir-riskji li jaf ixekklu l-kompetizzjoni fis-suq intern u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

### 2.3. Regoli orizzontali u strumenti tal-għajnuna applikabbli għas-settur agrikolu u għas-settur tal-forestrija u għaż-żoni rurali

- (31) Fil-prinċipju, biex jiġu ssimplifikati r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u minħabba x-xebh bejn l-impriżi attivi fis-settur agrikolu, fis-settur tal-forestrija u f'żoni rurali u impiżi oħra, l-istrumenti ġenerali tal-għajnuna mill-Istat li jstabbilixxu l-kriterji għall-kompatibbiltà tal-għajnuna huma applikabbli għas-setturi li jkopru dawn il-Linji Gwida. Dan jolqot l-aktar lil-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-impiżi f'diffikultà, il-Qafas għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni<sup>(19)</sup> kif emendat jew mibdul, il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020<sup>(20)</sup> kif emendati jew mibdula, il-Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband<sup>(21)</sup> kif emendata jew mibdula, il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-investimenti ta' finanzjament tar-riskju<sup>(22)</sup> kif emendati jew mibdula, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà tal-każijiet tal-għajnuna mill-Istat għat-taħriġ soġġetti għal notifika individwali<sup>(23)</sup> kif emendata jew mibdula, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Kriterji għall-analiżi tal-kompatibilità tal-għajnuna mill-Istat għall-ħaddiema żvantaġġati jew b'diżabbiltà suġġetta għan-notifika individwali<sup>(24)</sup> kif emendata jew mibdula, u l-istrumenti relatati mas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali<sup>(25)</sup>.

<sup>(18)</sup> Il-Kawża T-275/11 *Télévision française 1 (TF1) v il-Kummissjoni* [2013] ECR; Ara fost l-oħrajn. Il-Kawża C-174/02 *Streekgewest Westelijk Noord-Brabant* [2005], ECR I-85; Il-Kawża C-526/04 *Laboratoires Boiron* [2006] ECR I-7529; Il-Kawża konġunti C-78/90, C-79/90, C-80/90, C-81/90, C-82/90 u C-83/90 *Compagnie commerciale de l'Ouest v. Receveur principal des douanes de La Pallice-Port* [1992], ECR I-1847; Il-Kawża C-234/99 *Niels Nygård v Svineavgiftsfonden, u Ministeriet for Fødevarer* [2002] ECR I-3657.

<sup>(19)</sup> ĠU C 198, 27.6.2014, p. 1.

<sup>(20)</sup> It-test kif adottat fid-9.4.2014 jinsab fi: [http://ec.europa.eu/competition/sectors/energy/legislation\\_en.html](http://ec.europa.eu/competition/sectors/energy/legislation_en.html)

<sup>(21)</sup> ĠU C 25, 26.1.2013, p. 1.

<sup>(22)</sup> ĠU C 19, 22.1.2014, p. 4.

<sup>(23)</sup> ĠU C 188, 11.8.2009, p. 1.

<sup>(24)</sup> ĠU C 188, 11.8.2009, p. 6.

<sup>(25)</sup> Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-appikazzjoni tal-Artikolu 106(2), tat-trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna lill-Istat f'forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku mogħti lil ċerti intrapriżi responsabbli mill-immanjġġar tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3) u l-Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajjuna tal-Istat fil-forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku, (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15).

- (32) L-istrumenti orizzontali ta' hawn fuq japplikaw għall-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli sakemm il-Linji Gwida attwali jipprovdu regoli speċifiċi. Dawn il-Linji Gwida jipprevedu miżuri speċifiċi ta' għajna ambjentali, bħal għajna għall-impenji fil-qasam tal-agri-ambjent-klima u tal-benesseri tal-annimali (it-Taqsima 1.1.5 tal-Parti II), għajna għall-iżvantaġġi relatati maż-żoni tan-Natura 2000 u mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma<sup>(26)</sup> (it-Taqsima 1.1.6 tal-Parti II) u għajna għall-biedja agrikola (it-Taqsima 1.1.8 tal-Parti II). L-għajna għal investimenti fl-interess tal-għajna ambjentali fil-qasam tal-produzzjoni agrikola primarja hija evalwata skont ir-regoli stipulati fit-Taqsima 1.1.1.1. tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida. L-għajna għall-protezzjoni tal-ambjent favur impriżi attivi fl-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli ser tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Linji Gwida dwar l-għajna mill-Istat għall-protezzjoni tal-ambjent u l-enerġija 2014-2020. L-għajna għall-investimenti fl-iffrankar tal-enerġija, fil-bijokarburanti u fis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitoli 2 u 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida peress li t-tali għajna għandha tikkonforma mal-GBER jew il-Linji Gwida dwar l-għajna mill-Istat għall-protezzjoni tal-ambjent u l-enerġija 2014-2020, sakemm din ma tkunx eżentata mill-obbligu ta' notifika. Madankollu, l-għajna għall-investimenti marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja relatata mal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli jew mal-produzzjoni ta' bijokarburanti fl-azjendi tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Linji Gwida, sakemm it-tali produzzjoni ma tkunx taqbeż il-konsum annwali medju ta' karburanti jew enerġija tal-impriża agrikola partikolari (Taqsima 1.1.1.1).
- (33) Il-Linji Gwida dwar l-għajna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020<sup>(27)</sup> ma japplikawx għall-għajna għall-produzzjoni ta' prodotti agrikoli primarji minħabba l-ispeċifitàjiet tas-settur. Madankollu, dawn japplikaw għall-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli sal-punt stabbilit f'dawn il-Linji Gwida.
- (34) Kemm ir-regoli ġenerali dwar l-għajna mill-Istat kif ukoll id-dispożizzjonijiet aktar speċifiċi ta' dawn il-Linji Gwida jaf ikollhom x'jaqsmu ma' impriżi attivi fis-settur tal-forestrija jew f'żoni rurali. Meta applikabbli, l-għajna lill-impriżi attivi fis-settur tal-forestrija jew fiż-żoni rurali tista' wkoll tinstab kompatibbli skont il-kundizzjonijiet u f'konformità ma' regoli ġenerali tal-Unjoni dwar l-għajna mill-Istat (b'mod partikolari, mal-Linji Gwida dwar l-għajna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020, il-Qafas għall-għajna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u l-Linji Gwida dwar l-għajna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020).

#### 2.4. Definizzjonijiet

(35) Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida:

1. "għajna" tfisser kwalunkwe miżura li tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat;
2. "settur agrikolu" tfisser l-azjendi kollha attivi fil-produzzjoni agrikola primarja, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli;
3. "prodott agrikolu" tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat, minbarra l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(28)</sup>;
4. "skema ta' għajna" tfisser kull att li, abbażi tiegħu, mingħajr ma jkun meħtieġa miżuri oħra ta' implimentazzjoni, għotjiet ta' għajna individwali jistgħu jingħataw lil impriżi ddefiniti fl-att b'mod ġenerali u astratt u kwalunkwe att li abbażi tiegħu tista' tingħata għajna li mhijetx marbuta ma' proġett speċifiku lil impriża waħda jew aktar għal perjodu ta' żmien indefinit u għal ammont indefinit;

<sup>(26)</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma ("id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma") (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>(27)</sup> ĠU C 209, 23.7.2013 p.1.

<sup>(28)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

5. “reġjuni l-aktar imbiegħda” tfisser ir-reġjuni msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 349 tat-Trattat;
6. “gżejjer minuri tal-Eġew” tfisser il-gżejjer minuri msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 229/2013 <sup>(29)</sup>;
7. “programm tal-iżvilupp rurali” tfisser programm tal-iżvilupp rurali kif previst fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013;
8. “attività agrikola” tfisser il-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti agrikoli;
9. “foresta” tfisser medda ta’ art ta’ aktar minn 0,5 ettaru b’siġar għoljin aktar minn 5 metri u kanupew li jkopri aktar minn 10 %, jew siġar li kapaċi jilhqqu dawn il-limiti in situ; u ma tinkludix art li hi prinċipalment taħt użu ta’ art agrikola jew urbana. Stat Membru jew reġjun jistgħu jagħżlu li japplikaw definizzjoni oħra ta’ foresta abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti jew is-sistema tal-inventarju. L-Istati Membri jew ir-Reġjuni għandhom jagħtu definizzjoni bħal din fin-notifika u meta tkun relatata ma’ miżura tal-iżvilupp rurali, din għandha tingħata fil-programm tal-iżvilupp rurali;
10. “produzzjoni agrikola primarja” tfisser il-produzzjoni ta’ prodotti tal-ħamrija u tat-trobbija tal-bhejjem, elenkati fl-Anness I għat-Trattat, mingħajr it-twettiq ta’ kwalunkwe operazzjoni ulterjuri li tbiddel in-natura ta’ dawn il-prodotti;
11. “ipproċessar ta’ prodotti agrikoli” tfisser kwalunkwe operazzjoni fuq prodott agrikolu li tirriżulta fi prodott li huwa wkoll prodott agrikolu, minbarra l-attivitàjiet fil-farm meħtieġa għat-thejġija ta’ prodott tal-animali jew tal-pjanti għall-ewwel bejgħ;
12. “kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti agrikoli” tfisser iż-żamma jew il-wiri bil-għan ta’ bejgħ, l-offerta għall-bejgħ, il-kunsinna jew kwalunkwe mod ieħor ta’ tqegħid fis-suq, minbarra l-ewwel bejgħ minn produttur primarju lil dawk li jbiegħu mill-ġdid jew lill-proċessuri u kwalunkwe attività ta’ preparazzjoni ta’ prodott għat-tali l-ewwel bejgħ; bejgħ minn produttur primarju lill-konsumaturi finali jitqies bħala kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti agrikoli jekk iseħħ f’bini separat riżervat għal dak l-iskop;
13. “SME” jew “intrapriżi mikro, żgħar u ta’ medji” tfisser intrapriżi li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 702/2014 <sup>(30)</sup>;
14. “intrapriżi kbar” tfisser intrapriżi li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 702/2014;
15. “impriża f’diffikultà” tfisser impriża li fir-rigward tagħha tinqala’ mill-inqas waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:
  - (a) fil-każ ta’ kumpanija b’responsabbiltà limitata (għajr SME li ilha teżisti għal anqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottomskritt ikun għeb b’riżultat ta’ telf akkumulat. Dan huwa l-każ meta t-tnaqqis tat-telf akkumulat mir-riżervi (u l-elementi l-oħra kollha ġeneralment ikkunsidrati bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) jwassal għal ammont kumulat negattiv li jecedi nofs il-kapital azzjonarju sottomskritt. Għall-finijiet ta’ din id-dispożizzjoni “kumpanija b’responsabbiltà limitata” tirreferi b’mod partikolari għat-tipi ta’ kumpaniji msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(31)</sup> u “kapital azzjonarju” jinkludi, fejn relevanti, kwalunkwe primjum fuq l-azzjonijiet;
  - (b) fil-każ ta’ kumpanija li mill-inqas xi membri għandhom responsabbiltà limitata għad-dejn tal-kumpanija (ħlief SME li ilha teżisti għal anqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kontijiet tal-kumpanija jkun għeb minħabba telf akkumulat. Għall-finijiet ta’ din id-dispożizzjoni “kumpanija fejn mill-inqas xi membri għandhom responsabbiltà limitata għad-dejn tal-kumpanija” tirreferi b’mod partikolari għat-tipi ta’ kumpanija msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE;

<sup>(29)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41).

<sup>(30)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta’ Ġunju 2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta’ għajnunha fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f’żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 (ĠU L 193, 1.7.2014, p. 1).

<sup>(31)</sup> Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta’ ċerti tipi ta’ impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

- (c) meta l-impriża tkun suġġetta għal proċedimenti ta' insolvenza kollettivi jew tissodisfa l-kriterji skont il-liġi domestika tagħha biex titqiegħed fi proċedimenti ta' insolvenza kollettivi fuq talba tal-kredituri tagħha.
- (d) meta l-impriża tkun irċeviet għajnuna għas-salvataġġ u tkun għadha ma rrimborzatz is-self jew ma temmitx il-garanzija, jew tkun irċeviet għajnuna għar-ristrutturar u għadha soġġetta għal pjan ta' ristrutturar;
- (e) fil-każ ta' intrapriża li mhix SME, fejn fl-aħħar sentejn:
- (i) id-dejn kontabilistiku għall-proporzjon ta' ekwità tal-impriża kien aktar minn 7,5; u
  - (ii) il-proporzjon tal-kopertura tal-imgħax tal-EBITDA tal-impriża jkun taħt il-1,0.
16. "azjenda agrikola" tfisser unità li tinkludi art, bini u faċilitajiet użati għal produzzjoni agrikola primarja;
17. "intensità tal-għajnuna" tfisser l-ammont tal-għajnuna gross espress bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli, qabel kull tnaqqis ta' taxxa jew imposti oħra;
18. "għajnuna individwali" tfisser għajnuna ad hoc u għotjiet ta' għajnuna lil benefiċjarji individwali abbażi ta' skema ta' għajnuna;
19. "għajnuna ad hoc" tfisser għajnuna mhux mogħtija fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna;
20. "għotja gross ekwivalenti" tfisser l-ammont tal-għajnuna jekk kienet ipprovduta fil-forma ta' għotja għall-benefiċjarju, qabel kull tnaqqis tat-taxxa jew imposti oħrajn;
21. "data tal-għoti tal-għajnuna" tfisser id-data li fiha l-benefiċjarju jingħata d-dritt legali li jirċievi l-għajnuna skont l-iskema legali nazzjonali applikabbli.
22. "grupp ta' produttori u organizzazzjoni" tfisser grupp jew organizzazzjoni stabbiliti għall-fini:
- (a) tal-adattament tal-produzzjoni u l-output tal-produttori li huma membri ta' tali gruppi jew organizzazzjonijiet ta' produttori skont ir-rekwiżiti tas-suq, jew
  - (b) tat-tqegħid b'mod konġunt ta' prodotti fis-suq, inklużi l-preparazzjoni għall-bejgħ, iċ-ċentralizzazzjoni tal-bejgħ u l-provvista lix-xerrejja bl-ingrossa; jew
  - (c) tal-istabbiliment ta' regoli komuni fuq l-informazzjoni dwar il-produzzjoni, b'mod partikolari dwar il-ħsad u d-disponibbiltà; jew
  - (d) tal-attivitajiet l-oħra li jstgħu jitwettqu minn gruppi jew organizzazzjonijiet tal-produttori, bħall-iżvilupp ta' ħiliet tan-negozju u tal-kummerċjalizzazzjoni u l-organizzazzjoni u l-iffaċilitar ta' proċessi ta' innovazzjoni;
23. "avvanz ripagabbli" tfisser self għal proġett li jthallas bi ħlas parzjali wieħed jew iktar u l-kundizzjonijiet li għar-rimborż li jiddependi mill-eżitu tal-proġett;
24. "pest tal-pjanti" tfisser organiżmi dannużi kif definiti fil-punt (e) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE<sup>(32)</sup>;
25. "bidu ta' xogħlijiet fuq il-proġett jew attività" tfisser jew il-bidu tal-attivitajiet jew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni marbuta mal-investment, liema minnhom jinbnew l-ewwel, jew l-ewwel impenn legalment vinkolanti biex jiġi ordnat apparat jew jiġu impjegati servizzi jew kull impenn ieħor li permezz tiegħu il-proġett jew l-attività isiru irriversibbli; ix-xiri ta' art u xogħlijiet preparatorji bħalma huma l-kisba ta' permessi u t-twettiq ta' studji ta' fattibiltà mhumiex ikkunsidrati bħala l-bidu ta' xogħlijiet jew attività. Ix-xiri ta' art imsemmi fil-punt (144)(a) fit-tieni sentenza, (502)(a) fit-tieni sentenza u (635)(a) meta l-ispejjeż eliġibbli għax-xiri tal-art ikunu 100 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-investment, jitqies li huwa l-bidu ta' ħidma fi proġett jew attività;
26. "skemi tas-suċċessur fiskali" tfisser skema fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa li tikkostitwixxi verżjoni emnedata ta' skema li kienet teżisti qabel fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa u li tiħdilha postha;

<sup>(32)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p.1).

27. “bhejjem mejta” tfisser annimali li nqatlu permezz tal-ewtanażja b’dijanjożi definita jew mingħajrha jew li mietu, inklużi annimali li twieldu mejta u li ma twildux, ffarm jew fi kwalunkwe bini jew matul it-trasport, iżda li ma nqatlux għall-konsum tal-bniedem;
28. “animal protett” tfisser kull animal protett jew mill-Unjoni jew inkella mil-leġiżlazzjoni nazzjonali;
29. “bidwi żgħażuġh” tfisser persuna fiżika li ma għandhiex aktar minn 40 sena fid-data meta tissotto-metti l-applikazzjoni għall-għajnuna, ikollha ħiliet u kompetenzi okkupazzjonali xierqa u tkun qiegħda tieħu r-rwol ta’ kap fdik l-azjenda agrikola;
30. “proġett kbir ta’ investment” tfisser investment f’żoni rurali, kif imsemmi fil-Kapitolu 3 tal-Parti II ta’ dawn il-Linji Gwida, bl-ispejjeż eliġibbli li jaqbuż l-EUR 50 miljun, ikkalkolati bil-prezzijiet u r-rati tal-kambju tad-data ta’ għoti tal-għajnuna;
31. “ammont aġġustat tal-għajnuna” tfisser l-ammont massimu ta’ għajnuna permissibbli għal proġett kbir tal-investment, ikkalkulat b’din il-formula: ammont massimu tal-għajnuna =  $R \times (50 + 0,50 \times B + 0,34 \times C)$ , fejn R hi l-intensità tal-għajnuna massima li tapplika fiż-żona kkonċernata, mingħajr l-intensità tal-għajnuna miżjuda għall-SMEs. B jirrappreżenta l-parti tal-ispejjeż eliġibbli bejn il-EUR 50 miljun u l-EUR 100 miljun. C hija l-parti tal-ispejjeż eliġibbli ta’ aktar minn EUR 100 miljun;
32. “assi tanġibbli” tfisser assi li jkunu jikkonsistu minn art, bini u impjanti, makkinarju u tagħmir;
33. “assi intanġibbli” tfisser assi li m’għandhomx forma fiżika jew finanzjarja bħal privattivi, liċenzji, know-how jew proprjetà intellettuali oħra;
34. “avveniment klimatiku avvers li jista’ jkun assimilat ma’ diżastru naturali” tfisser kundizzjonijiet ħżiena tat-temp bħal ġlata, tempesti u silġ, borra, xita bil-qliel jew nixfa severa li jeqirdu aktar minn 30 % tal-medja tal-produzzjoni annwali ta’ bidwi partikolari, matul il-perjodu preċedenti ta’ tliet snin jew medja ta’ tliet snin ibbażata fuq il-perjodu preċedenti ta’ ħames snin, esklużi l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa;
35. “avvenimenti klimatiċi avversi oħra” tfisser kundizzjonijiet mhux favorevoli li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-punt (35)34 ta’ dawn il-Linji Gwida;
36. “inċidenti ambjentali” tfisser okkorrenza speċifika ta’ tniġġis, kontaminazzjoni jew degradazzjoni fil-kwalità tal-ambjent relatati ma’ avveniment speċifika u ta’ ambitu ġeografiku limitat, li jeqred aktar minn 30 % tal-produzzjoni annwali medja tal-impriża attiva fis-settur agrikolu fil-perjodu preċedenti ta’ tliet snin jew medja ta’ tliet snin abbażi tal-perjodu preċedenti ta’ ħames snin, bl-esklużjoni tal-ogħla entrata u ta’ dik l-aktar baxxa. Ma tkoprix ir-riskji ambjentali ġenerali li mhumiex marbuta ma’ avveniment speċifiku, bħat-tibdil fil-klima jew it-tniġġis atmosferiku;
37. “avveniment katastrofiku” tfisser avveniment mhux previst ta’ natura bijotika jew mhux bijotika kkawżat minn azzjoni umana li twassal għal disturbu kbar fl-istrutturi forestali, u li eventwalment jikkawża dannu ekonomiku kbir lis-setturi forestali;
38. “standard tal-Unjoni” tfisser standard obligatorju stabbilit fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li jstabbilixxi l-livell li jridu jkunsbu l-impriżi individwali, b’mod partikolari fir-rigward tal-ambjent, l-iġene u t-treatment xieraq tal-annimali; għaldaqstant, standards jew miri stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li huma vinkolanti għall-Istati Membri iżda mhux għal impriżi individwali ma jitqisux bħala standards tal-Unjoni;
39. “investment mhux produttiv” tfisser investment li ma jwassalx għal żieda sinifikanti fil-valur jew fil-profitabbiltà tal-azjenda agrikola;
40. “investimenti biex tinżamm konformità ma’ standard tal-Unjoni” tfisser investimenti li jsiru biex ikun hemm konformità ma’ standard tal-Unjoni wara l-iskadenza tal-perjodu tranżitorju previst fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;
41. “konsulenza” tfisser konsulenza kompleta mogħtija fil-qafas tal-istess kuntratt;
42. “ktieb tal-merħla” tfisser kwalunkwe ktieb, reġistru, fajl jew mezz ta’ ħżin ta’ dejta:
  - (a) li jinżamm minn organizzazzjoni jew assoċjazzjoni ta’ min inissel rikonoxxuta b’mod uffiċjali minn Stat Membru li fih twaqqfet l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni ta’ min inissel; u
  - (b) li fih jiddaħħlu jew jiġu rreġistrati annimali ta’ razza pura għat-tnissil ta’ razza partikolari b’referenza għall-antenati tagħhom;
43. “bidwi attiv” tfisser bidwi attiv skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013;

44. “reġjuni inqas żviluppatti” tfisser reġjuni fejn il-prodott domestiku gross (PDG) per capita huwa inqas minn 75 % tal-PDG medju tal-UE-27;
45. “UE-25” tfisser il-25 Stat Membru tal-Unjoni li kienu Stati Membri fl-Unjoni f'Mejju 2005;
46. “UE-27” tfisser is-27 Stat Membru tal-Unjoni li kienu Stati Membri fl-Unjoni f'Jannar 2007;
47. “xogħlijiet kapitali” tfisser xogħlijiet li jitwettqu mill-bidwi nnifsu jew mill-ħaddiema tiegħu, li permezz tagħhom jinholq attiv;
48. “infrastruttura fuq skala żgħira” tfisser infrastruttura bi spejjeż eliġibbli limitati għal EUR 2 miljun;
49. “bijokarburant magħmul mill-ikel” tfisser bijokarburant prodott minn ċereali u minn għejejjel oħra bi pjanti b'kontenut rikk ta' lamtu, bi pjanti taz-zokkor u bi pjanti li minnhom jiġi estratt iż-żejt kif definit fil-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli <sup>(33)</sup>;
50. “żona agrikola” tfisser kwalunkwe żona meħuda minn raba', bur permanenti u merġha permanenti jew uċuh tar-raba' permanenti kif definiti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013;
51. “maniġer ieħor tal-art” tfisser impriża li timmaniġġa art għajr impriża li hija attiva fis-settur agrikolu;
52. “spiża tat-tranżazzjonijiet” tfisser spiża addizzjonali marbuta ma' li jiġi sodisfatt l-impenn, iżda mhux direttament attribwibbli għall-implimentazzjoni tiegħu jew mhux inkluż fl-ispejjeż jew id-dħul mitluf li huma kumpensati direttament; u li tista' tiġi kkalkolata abbażi ta' spiża standard;
53. għall-finijiet tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura u fil-forestrija,
  - (a) “konservazzjoni in situ” fl-agrikoltura tfisser il-konservazzjoni ta' materjal ġenetiku fl-ekosistemi u l-habitats naturali u ż-żamma u l-irkupru ta' popolazzjoni vijabbli ta' speċi jew razez selvaġġi fl-ambjenti naturali tagħhom u, fil-każ ta' razez ta' annimali ddomestikati jew speċijiet ta' pjanti kkultivati, fl-ambjent ikkultivat fejn dawn żviluppaw il-karatteristiċi distintivi tagħhom;
  - (b) “konservazzjoni in situ” fil-forestrija tfisser il-konservazzjoni tal-materjal ġenetiku f'ekosistemi u habitats naturali u ż-żamma u l-irkupru tal-popolazzjoni vijabbli ta' speċijiet fl-ambjent naturali tagħhom;
  - (c) “konservazzjoni tal-farm jew tal-azjenda f'foresti” tfisser il-konservazzjoni in situ u l-iżvilupp fil-livell tal-farm jew tal-azjenda f'foresti;
  - (d) “konservazzjoni ex situ” tfisser il-konservazzjoni ta' materjal ġenetiku għall-agrikoltura jew il-forestrija barra mill-habitat naturali tiegħu;
  - (e) “għbir ex situ” tfisser għbir ta' materjal ġenetiku għall-agrikoltura jew il-forestrija miżmum barra l-habitat naturali tiegħu;
54. “oġġetti tal-ikel” tfisser oġġetti tal-ikel li mhumiex prodotti agrikoli u li huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(34)</sup>;
55. “spejjeż fissi li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fi skema tal-kwalità” tfisser l-ispejjeż imġarrba biex wieħed jidħol fi skema tal-kwalità appoġġjata u l-kontribuzzjoni annwali għall-parteċipazzjoni f'dik l-iskema tal-kwalità, inkluża, fejn ikun meħtieġ, in-nefqa fuq il-verifiki meħtieġa biex tiġi verifikata l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-iskema tal-kwalità;
56. “katina qasira tal-provvista” tfisser katina qasira tal-provvista li tinvolvi numru limitat ta' operaturi ekonomiċi, impenjati għall-kooperazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku lokali, u relazzjonijiet ġeografiċi u soċjali mill-qrib bejn il-produtturi, il-proċessuri u l-konsumaturi;

<sup>(33)</sup> COM(2012) 595, tas-17.10.2012.

<sup>(34)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 November 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

57. “membru ta’ familja li tgħix f’farm” tfisser persuna fiżika jew ġuridika jew grupp ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ikun xi jkun l-istatus legali li jingħata lill-grupp u l-membri tiegħu mil-liġi nazzjonali, minbarra l-ħaddiema tal-azjenda. Meta persuna ġuridika jew grupp ta’ persuni ġuridiċi jitqiesu bħala membri tal-unità domestika tal-azjenda agrikola, dawk il-membri jridu jeżerċitaw attività agrikola fil-farm fiż-żmien li fih issir l-applikazzjoni għall-għajnuna;
58. “raggruppament” tfisser grupp ta’ impriżi indipendenti, inklużi negozji li jkunu għadhom kemm jiftħu, intrapriżi żgħar, medji u kbar kif ukoll korpi konsultattivi u/jew organizzazzjonijiet ta’ riċerka - imfassla biex jistimulaw l-attività ekonomika/innovattiva billi jippromwovu interazzjonijiet intensivi, qsim ta’ faċilitajiet u skambju ta’ għarfien u l-kompetenza kif ukoll billi jikkontribwixxu b’mod effettiv għat-trasferiment tal-għarfien, in-netwerking u t-tixrid ta’ informazzjoni fost l-impriżi fir-raggruppament;
59. “operatur żgħir” tfisser mikrointrapriża kif iddefinit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361<sup>(35)</sup>, jew persuna fiżika mhux impenjata f’attività ekonomika fil-mument tal-applikazzjoni għall-għajnuna;
60. “swieq lokali” tfisser:
- (a) swieq fraġġ ta’ 75 km mill-farm mnejn joriġina l-prodott, li fiha jridu jitwettqu l-attivitàjiet ta’ pproċessar u bejgħ lill-klijent finali; jew
  - (b) swieq li għalihom il-programm tal-iżvilupp rurali rispettiv jistabbilixxi raġġ kilometriku mill-farm mnejn joriġina l-prodott, li fiha jridu jitwettqu l-attivitàjiet ta’ pproċessar u bejgħ lill-klijent finali; jew
  - (c) swieq li għalihom il-programm tal-iżvilupp rurali rispettiv jistabbilixxi definizzjoni alternattiva konvinċenti;
61. “spejjeż tat-testijiet għall-Enċefalopatija Sponġiformi li Tittieħed (TSE) u l-Enċefalopatija Sponġiformi Bovina (BSE)” tfisser l-ispejjeż kollha, inklużi dawk għall-kits tat-testijiet u għat-teħid, it-trasport, l-ittestjar, il-ħżin u l-qerda ta’ kampjun imehtieġa għall-kampjunar u l-ittestjar fil-laboratorji skont il-Kapitolu C tal-Anness X għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(36)</sup>;
62. “organizzazzjoni ta’ riċerka u tqassim tal-għarfien” tfisser entità (bħal universitajiet jew istituti ta’ riċerka, aġenziji ta’ trasferiment tat-teknoloġija, intermedjarji tal-innovazzjoni, entitajiet kollaborattivi fiżiċi u/jew virtwali orjentati lejn ir-riċerka), ikun xi jkun l-istatus ġuridiku tagħha (organizzata skont il-liġi pubblika jew privata) jew mod ta’ finanzjament tagħha, bl-għan primarju li twettaq riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali b’mod indipendenti, kif stipulat fil-Qafas għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni jew biex tqassam b’mod mifrux ir-riżultati tat-tali attivitàjiet permezz ta’ tagħlim, pubblikazzjoni jew trasferiment tal-għarfien. Meta t-tali entità twettaq attivitàjiet ekonomiċi wkoll, il-finanzjament, l-ispejjeż u d-dħul ta’ attivitàjiet ekonomiċi jridu jitqiesu b’mod separat. L-impriżi li jstgħu jinfluwenzaw lit-tali entità, fil-kwalità ta’, pereżempju, azzjonisti jew membri, ma jstgħux igawdu aċċess preferenzjali għall-kapaċitajiet ta’ riċerka tat-tali entità jew għar-riżultati ġġenerati minnha;
63. “distakkament” tfisser li l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjoni bejn il-partijiet kontraenti mhumiex differenti minn dawk li jkunu stipulati bejn impriżi indipendenti u ma jinkludu ebda element ta’ kollużjoni. Kull tranżazzjoni li tirriżulta minn proċedura miftuħa, trasparenti u bla ebda kundizzjoni titqies li tilħaq il-prinċipju tad-distakkament;
64. “għestjoni sostenibbli tal-foresti” tfisser l-użu tal-foresti u tal-art tal-foresti b’mod u b’rata tali li jippermettulhom iżommu l-bijodiversità, il-produttività, il-kapaċità ta’ riġenerazzjoni, il-vitalità u l-potenzjal tagħhom li jiġu sodisfatti, attwalment u fil-futur, il-funzjonijiet ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali rilevanti, flivell lokali, nazzjonali u dinji, mingħajr ma jikkawżaw dannu lil ekosistemi oħrajn;
65. “sistemi agroforestali” tfisser sistemi tal-użu tal-art li fihom is-siġar jtkabbru flimkien ma’ agrikoltura fuq l-istess art;

<sup>(35)</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta’ Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta’ intrapriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

<sup>(36)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta’ ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).



66. "siġar li jikbru malajr" tfisser foresta ta' rotazzjoni qasira, fejn iż-żmien minimu qabel it-tqaċċit totali ma jkunx inqas minn 8 snin u iż-żmien massimu qabel it-tqaċċit totali ma jaqbiżx l-20 sena;
67. "siġar għall-imsaġar ta' rotazzjoni qasira" tfisser l-ispeċijiet ta' siġar tal-kodiċi NM 0602 90 41 li għandhom jiġu ddefiniti mill-Istati Membri, li jkunu magħmula minn uċuh tar-raba' għudin, perenni, mir-riżomi jew mill-għeruq li jifdal fl-art wara l-ħsad, b'rimjiet ġodda li joħorġu fl-istaġun ta' wara u b'ċiklu ta' ħsad massimu li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 4(1)(k) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013;
68. "żoni skarsament popolati" tfisser żoni aċċettati mill-Kummissjoni bħala tali fid-deċizzjonijiet individwali fuq mapep ta' għajjnuna reġjonali għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2014 u l-31 ta' Diċembru 2020;
69. "żoni 'a'" tfisser dawk iż-żoni nominati f'mappa ta' għajjnuna reġjonali approvata għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2014 u l-31 ta' Diċembru 2020 b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat;
70. "żoni 'c'" tfisser dawk iż-żoni nominati f'mappa ta' għajjnuna reġjonali approvata għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2014 u l-31 ta' Diċembru 2020 b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat;
71. "żona NUTS 3" tfisser reġjun speċifikat fil-livell 3 ta' klassifika komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(37)</sup>;
72. "żoni 'c' mhux predefiniti" tfisser żoni li Stat Membru skont id-diskrezzjonijiet tiegħu stess jagħżel bħala żoni "c" dment li l-Istat Membru juri li żoni bħal dawn jissodisfaw ċertu kriterji soċjoekonomiċi u li dawn iż-żoni huma identifikati fuq mappa ta' għajjnuna reġjonali approvata għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat;
73. "dawk li kienu żoni 'a'" tfisser dawk iż-żoni identifikati bħala żoni "a" fuq mappa approvata ta' għajjnuna reġjonali għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sat-30 ta' Ġunju 2014;
74. "mappa ta' għajjnuna reġjonali" tfisser il-lista ta' żoni nominati minn Stat Membru skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Linji Gwida dwar l-għajjnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020 u approvati mill-Kummissjoni;
75. "l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli fi prodotti mhux agrikoli" tfisser kwalunkwe operazzjoni fuq prodott agrikolu li tagħmlu prodott li mhuwiex prodott mhux agrikolu;
76. "pjan ta' evalwazzjoni" tfisser dokument li fih mill-inqas l-elementi minimi li ġejjin: l-għanijiet tal-iskema ta' għajjnuna li jridu jiġu evalwati; il-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni; l-indikaturi tar-riżultati; il-metodoloġija li se tintuża biex titwettaq l-evalwazzjoni; ir-rekwiżiti tal-għbir tad-dejta; it-twaqqit propost tal-evalwazzjoni inkluż id-data ta' preżentazzjoni tar-rapport finali ta' evalwazzjoni; id-deskrizzjoni tal-korp indipendenti li jkun qed iwettaq l-evalwazzjoni jew il-kriterji li se jintużaw għall-għażla tiegħu u tal-modalitajiet biex tkun żgurata l-pubbliċità tal-evalwazzjoni.

## 2.5. Għajjnuna notifikabbli

- (36) Meta l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat ma jiġux issodisfati, l-Istati Membri jridu jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-għajjnuna fis-settur agrikolu u tal-forestrija u fiż-żoni rurali skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat u ma għandhomx idaħħlu fis-seħħ il-miżura proposta sakemm din il-proċedura tkun irriżultat f'deċizzjoni finali, hliief fil-każ ta' miżuri li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolament ta' eżenzjoni ġenerali.
- (37) L-għajjnuna individwali mogħtija skont skema ta' għajjnuna tibqa' soġġetta għall-obbligu ta' notifika skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, jekk l-għajjnuna tkun taqbeż dawn il-limiti tan-notifika:
  - (a) għal għajjnuna individwali għal investiment għall-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli skont it-Taqsima 1.1.1.4 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida: l-ispejjeż eliġibbli li jaqbiż l-EUR 25 miljun, jew meta l-ekwivalenti tal-għotja gross tkun taqbeż it-EUR 12 miljun;

<sup>(37)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

- (b) għall-ghajjnuna għall-kampanji ta' promozzjoni skont it-Taqsima 1.3.2. tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida: kampanji ta' promozzjoni b'baġit annwali li jaqbeż il-EUR 5 miljun;
- (c) għall-ghajjnuna għal investiment individwali mogħtija skont it-Taqsimiet 3.1, 3.2, 3.6 u 3.10 tal-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida:

L-intensità tal-ghajjnuna	Livell limitu tan-notifika
10 %	EUR 7,5 miljun
15 %	EUR 11,25 miljun
25 %	EUR 18,75 miljun
35 %	EUR 26,25 miljun
50 % u iktar	EUR 37,5 miljun

### Kapitolu 3. Il-prinċipji komuni tal-valutazzjoni

- (38) Fil-valutazzjoni tagħha jekk miżura ta' għajjnuna nnotifikata tistax titqies kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat, il-Kummissjoni ġeneralment tanalizza jekk it-tfassil tal-miżura ta' għajjnuna jiżgurax li l-impatt pożittiv tal-ghajjnuna għall-ilħuq ta' għan ta' interess komuni jkun jeċċedi l-effetti negattivi potenzjali tagħha fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni.
- (39) Il-Komunikazzjoni dwar l-immodernizzar tal-ghajjnuna mill-Istat talbet għall-identifikazzjoni u d-definizzjoni tal-prinċipji komuni applikabbli għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri kollha ta' għajjnuna mwettqa mill-Kummissjoni. Għal din il-fini, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li miżura ta' għajjnuna tkun kompatibbli mat-Trattat biss jekk tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:
- (a) kontribuzzjoni għal għan definit sew ta' interess komuni: miżura ta' għajjnuna mill-Istat trid timmira għal għan ta' interess komuni b'mod konformi mal-Artikolu 107(3) tat-Trattat;
- (b) hteieġa ta' intervent mill-Istat: miżura ta' għajjnuna mill-Istat għandha tkun immirata lejn sitwazzjoni fejn l-ghajjnuna tkun tista' ġġib magħha titjib materjali li ma jkunx jista' jikseb is-suq innifsu billi tirrimedja falliment tas-suq iddefinit sew;
- (c) l-adegwatezza tal-miżura tal-ghajjnuna: il-miżura ta' għajjnuna proposta trid tkun strument ta' politika adegwat biex jiġi indirizzat l-għan ta' interess komuni;
- (d) l-effett tal-inċentiv: l-ghajjnuna trid tibdel l-imġiba tal-impriżi kkonċernati b'tali mod li dawn jidħlu għal attivitá addizzjonali li mingħajr l-ghajjnuna ma jwettquh jew iwettquha b'mod ristrett jew differenti jew b'mod differenti;
- (e) il-proporzjonalità tal-ghajjnuna (ghajjnuna limitata għall-bżonn minimu): l-ammont tal-ghajjnuna jrid ikun limitat għall-bżonn minimu kemm tithegġegħ l-attivitá tas-settur ikkonċernat;
- (f) evitati l-effetti negattivi mhux dovuti fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn Stati Membri: l-effetti negattivi tal-ghajjnuna għandhom jridu jkunu limitati biżżejjed ħalli l-bilanċ ġenerali tal-miżura jkun pożittiv;
- (g) it-trasparenza tal-ghajjnuna: l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-operaturi ekonomiċi u l-pubbliku jrid ikollhom aċċess faċli għall-atti u għall-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-ghajjnuna li tingħata fil-qafas tagħhom.
- (40) Il-bilanċ globali ta' ċertu kategoriji ta' skemi jista' jkun soġġett għal rekwiżit ieħor ta' evalwazzjoni *ex post* kif deskritt fil-punti (720) sa (723). F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni tista' tillimita t-tul ta' żmien ta' dawn l-iskemi (normalment għal erba' snin jew anqas) bil-possibbiltà li tinnotifika mill-ġdid l-estensjoni ulterjuri tagħhom.

- (41) Barra minn hekk, jekk miżura għall-ghajjnuna mill-Istat jew il-kundizzjonijiet marbuta magħha (inkluż il-metodu ta' finanzjament tagħha meta jiffirma parti integrali minnha) iwasslu b'mod mhux esklussiv fi ksur tal-liġi tal-Unjoni, l-ghajjnuna ma tkunx tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern<sup>(38)</sup>. B'mod partikolari, l-ghajjnuna li ġejja hija meqjusa li tinvolvi ksur inseperabbli tal-liġi tal-UE:
- (a) ghajjnuna li tingħata biss jekk il-benefiċjarju jkollu l-kwartieri tiegħu fl-Istat Membru rilevanti jew li jkun stabbilit b'mod predominanti f'dak l-Istat Membru;
  - (b) ghajjnuna li tingħata biss jekk il-benefiċjarju juża oġġetti prodotti nazzjonalment jew servizzi nazzjonali;
  - (c) ghajjnuna li tillimita l-possibbiltà li l-benefiċjarji jisfruttaw ir-riżultati tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fi Stati Membri oħrajn.
- (42) Il-prinċipji komuni tal-valutazzjoni għandhom jitqiesu fil-kuntest speċifiku tal-Politika Agrikola Komuni. Għalhekk, dawn il-kunsiderazzjonijiet politiċi ġenerali dwar il-kompetizzjoni għall-ghajjnuna kollha skont dawn il-Linji Gwida, sakemm ma jkunux previsti derogi fit-Taqsimiet 3.1 sa 3.7 tal-Parti I ta' dawn il-Linji Gwida, minħabba kunsiderazzjonijiet partikolari applikabbli fis-settur agrikolu.

### 3.1. Kontribuzzjoni għal għan komuni

- (43) L-għanijiet tal-ghajjnuna fis-settur agrikolu u tal-forestrija u fiż-żoni rurali għandhom jiżguraw produzzjoni tal-ikel vijabbli u l-promozzjoni tal-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi sabiex jinkiseb tkabbir intelliġenti u sostenibbli.
- (44) L-ghajjnuna fis-settur agrikolu u tal-forestrija u fiż-żoni rurali għandha tkun relatata mill-qrib mal-PAK, għandha tkun konsistenti mal-għanijiet tal-iżvilupp rurali msemmijin fil-punt (10) ta' dawn il-Linji Gwida u għandha tkun kompatibbli mar-regoli dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli.

#### Għanijiet tal-iżvilupp rurali

- (45) L-għanijiet tal-iżvilupp rurali flimkien mal-prinċipji ġenerali dwar l-ghajjnuna mill-Istat se jitqiesu għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-ghajjnuna.
- (46) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżuri, implimentati skont u b'mod konformi mar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu jew bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali fil-qafas tal-programm tal-iżvilupp rurali, huma per se konsistenti mal-għanijiet tal-iżvilupp rurali u jikkontribwixxu għalihom.
- (47) Fir-rigward tal-miżuri simili għal dawk tal-iżvilupp rurali ffinanzjati esklussivament minn fondi nazzjonali, sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-miżuri tal-iżvilupp rurali kofinanzjati mill-FAEŻR taħt il-programm ta' iżvilupp rurali, l-Istati Membri għandhom juru kif l-ghajjnuna mill-Istat inkwistjoni hija tajba u konsistenti mal-programmi tal-iżvilupp rurali rilevanti. Kull notifika għandha tiġi akkumpanjata minn tali dokumentazzjoni.
- (48) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-prinċipju ta' kontribuzzjoni għall-għanijiet tal-iżvilupp rurali huwa ssodisfat fir-rigward tal-miżuri ta' ghajjnuna fit-Taqsimiet 1.2, 1.3, 2.8 u 2.9 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida, li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-iżvilupp rurali, peress li l-Kummissjoni kisbet biżżejjed esperjenza fir-rigward tal-kontribuzzjoni ta' dawk il-miżuri għall-għanijiet tal-iżvilupp rurali.

#### Kundizzjonijiet addizzjonali għal ghajjnuna individwalment notifikabbli abbażi ta' skema

- (49) Meta tagħti l-ghajjnuna għal proġetti ta' investiment individwalment notifikabbli abbażi ta' skema, l-awtorità awtorizzanti trid turi li l-proġett magħżul se jikkontribwixxi għall-għan tal-iskema u li b'hekk jikkontribwixxi għall-għanijiet ta' ghajjnuna fis-settur agrikolu u tal-forestrija u fiż-żoni rurali. Għal din il-fini, l-Istati Membri jistgħu jserrħu fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikant għall-ghajjnuna, billi fiha jridu jiġu deskritti l-effetti pożittivi tal-investment.

<sup>(38)</sup> Ara pereżempju l-Kawża C-156/98 il-Ġermanja vs il-Kummissjoni [2000] Ġabra I-6857, il-paragrafu 78 u l-Kawża C-333/07 Régie Networks vs Rhone Alpes Bourgogne [2008] Ġabra I-10807, il-paragrafi 94 sa 116.

### Ir-regoli tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli

- (50) Minħabba l-ispeċifità tas-settur agrikolu<sup>(39)</sup>, minkejja li r-regoli ta' għajna mill-Istat huma ġeneralment applikabbli għal dan is-settur, l-applikazzjoni tagħhom madankollu tibqa' soġġetta għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-regolament tal-ewwel pilastru tal-PAK. Fi kliem ieħor, ir-rikors tal-Istati Membri għal miżuri tal-għajna mill-Istat ma jistax jieħu preċedenza fuq ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013<sup>(40)</sup>. Għalhekk, il-Kummissjoni mhix se tawtorizza għajna mill-Istat li tkun inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-organizzazzjoni komuni tas-suq jew li tfixx il-funzjonament xieraq tal-organizzazzjoni komuni.
- (51) Aktar kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-konformità mal-prinċipji tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli huma stabbiliti fit-Taqsima 1.1.1.1 dwar l-għajna għall-investiment f'azjendi agrikoli relatati mal-produzzjoni agrikola primarja, fit-Taqsima 1.1.4 dwar l-għajna għall-bidu ta' gruppi u organizzazzjonijiet tal-produtturi u fit-Taqsima 1.2.2 dwar l-għajna għall-għeluq tal-kapaċità tal-produzzjoni, tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida.

### Għanijiet ambjentali

- (52) L-Artikolu 11 tat-Trattat jiddikjara li: "Il-ħtiġijiet għall-ħarsien tal-ambjent għandhom ikunu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, partikolarment bl-iskop li jinkora-ġixxu żvilupp sostenibbli". Il-bażi legali għall-miżuri ambjentali sostanzjali fl-ewwel u fit-tieni pilastru tal-PAK hi l-Artikolu 11 tat-Trattat. B'mod konformi ma' dan ir-rekwiżit, il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali għandhom ikunu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli. Il-promozzjoni mill-Unjoni tal-għan tal-ħarsien tal-ambjent kif stabbilit fl-Artikolu 11 tat-Trattat, iqis ukoll il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas<sup>(41)</sup>. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-kwistjonijiet ambjentali fin-notifiki futuri dwar l-għajna mill-Istat. In-notifiki kollha ta' għajna mill-Istat fil-futur għandhom jinkludu valutazzjoni dwar jekk l-attività ta' għajna hijiex mistennija li jkollha xi impatt ambjentali. F'każijiet fejn hemm impatt ambjentali, in-notifiki ta' għajna mill-Istat għandhom jipprovdu informazzjoni li turi li l-miżura tal-għajna mhix se twassal għal ksur tal-leġiżlazzjoni Ewropea applikabbli dwar il-protezzjoni ambjentali. Pereżempju, fil-każ ta' skema ta' għajna għall-investimenti li huma maħsuba biex iżidu l-produzzjoni, u li jinvolvu żieda fl-użu tar-riżorsi skarsi jew żieda fit-tniġġis, ser ikun meħtieġ li tintwera li l-iskema ma twassalx għal ksur tal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni, inkluża l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni ambjentali<sup>(42)</sup>, u l-Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (GAECs) tal-kundizzjonalità skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013. Fejn tiġi nnotifikata l-għajna mill-Istat, li tagħmel parti mill-programm tal-iżvilupp rurali, ir-rekwiżit ambjentali għal tali miżura ta' għajna mill-Istat għandha tkun l-istess bħar-rekwiżit ambjentali tal-miżura tal-iżvilupp rurali.

### **3.2. Il-bżonn għal intervent mill-Istat**

- (53) Sabiex jiġi vvalutat jekk l-għajna mill-Istat hix neċessarja biex jintlaħaq l-għan ta' interess komuni, jeh-tieġ li l-ewwel tingħarbel il-problema li għandha tiġi indirizzata. L-għajna mill-Istat għandu jkollha fil-mira sitwazzjonijiet meta l-għajna tista' ġġib magħha titjib materjali li s-suq ma jkunx kapaċi jġib waħdu.
- (54) Tabilħaqq, il-miżuri ta' għajna mill-Istat jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jikkoreġu fallimenti tas-suq, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-funzjonament effiċjenti tas-swieq u jsaħħu l-kompetittività. Barra minn hekk, meta s-swieq jipprovdu riżultati effiċjenti imma dawn jitqiesu bħala mhux sodisfaċenti minn perspettiva ta' ekwità jew ta' koeżjoni, l-għajna mill-Istat tista' tintuża biex jinkiseb riżultat tas-suq li jkun aktar mixtieq u ekwu.

<sup>(39)</sup> Ara l-punti (13) u (14) ta' dawn il-Linji Gwida.

<sup>(40)</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-Kawża 177/78 Pigs&Bacon il-Kummissjoni v. McCarren [1979] ECR 2161, il-paragrafu 11.

<sup>(41)</sup> Il-premessa 5 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

<sup>(42)</sup> Fir-rigward tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni: Id-Direttiva 2009/147/KE (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7) ("id-Direttiva dwar l-Għasafar"); Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KE tal-21 ta' Mejju 1992 (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7) ("id-Direttiva dwar il-Habitats"); Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KE (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1) ("id-Direttiva dwar in-Nitrati"); id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma; Id-Direttiva 2006/118/KE (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19) ("id-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art"); Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71) ("l-Użu Sostenibbli tad-Direttiva dwar il-Pestiċidi"); Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1); Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1) ("id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali") u meta applikabbli d-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30) ("id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika").

- (55) Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, il-Kummissjoni tikkunsidra li s-suq mhux qiegħed iwassal l-għanijiet mistennija mingħajr l-intervent tal-Istat fir-rigward tal-miżuri ta' għajjnuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fit-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida. Għaldaqstant, tali għajjnuna għandha tiġi kkunsidrata neċessarja biex jinkisbu l-għanijiet ta' interess komuni speċifikati skont it-Taqsima 3.1 tal-Parti I ta' dawn il-Linji Gwida.

### 3.3. Adegwatezza tal-għajjnuna

- (56) Il-miżura ta' għajjnuna proposta trid tkun strument ta' politika adegwat biex jiġi indirizzat l-għan ta' politika kkonċernat. Miżura ta' għajjnuna ma titqisx kompatibbli jekk strumenti ta' politika li jgħolqu anqas distorsjoni jew tipi oħra ta' ta' għajjnuna li jgħolqu anqas distorsjoni jippermettu li jinkiseb l-istess kontribuzzjoni pożittiva għall-għanijiet tal-PAK u b'mod partikolari tal-iżvilupp rurali. Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li jista' jkun hemm strumenti oħra li jkunu aktar adattati bħal regolamenti, strumenti bbażati fuq is-suq, l-iżvilupp tal-infrastruttura u t-titjib fl-ambjent tan-negozju biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

#### L-adeqwatezza fost strumenti ta' politika alternattivi

- (57) Dwar l-għajjnuna mogħtija fis-settur agrikolu u fis-settur tal-forestrija u fiż-żoni rurali, li tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fit-Taqsimiet rilevanti tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida, il-Kummissjoni tqis li din hi strument tal-politika xieraq.
- (58) Meta Stat Membru jiddeċiedi li jdaħħal fis-seħħ miżura tal-għajjnuna simili għal dik tal-iżvilupp rurali ffinanzjata esklussivament minn fondi nazzjonali, meta fl-istess ħin l-istess miżura hi prevista fil-programm tal-iżvilupp rurali rilevanti, l-Istat Membru għandu juri l-vantaġġi ta' tali strument tal-għajjnuna nazzjonali meta mqabbel mal-miżura tal-programm tal-iżvilupp rurali kkonċernat.

#### Adegwatezza fost strumenti differenti ta' għajjnuna

- (59) L-għajjnuna tista' tingħata fdiversi forum. Madankollu l-Istat Membru għandu jiżgura li l-għajjnuna tingħata fil-forma li aktarx tiġġenera l-anqas distorsjonijiet fil-kummerċ u fil-kompetizzjoni.
- (60) Meta tkun prevista formola speċifika għal miżura tal-għajjnuna deskritta fil-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida, din il-formola titqies xierqa bħala strument tal-għajjnuna xieraq għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida.
- (61) Il-Kummissjoni tqis ukoll li fir-rigward tal-miżuri tal-iżvilupp rurali, ikkofinanzjati mill-FAEŻR jew mogħtija bħala finanzjament addizzjonali għat-tali miżuri tal-iżvilupp rurali kkofinanzjati, l-għajjnuna fil-forma pprovduta fil-miżura rispettiva tal-iżvilupp rurali hija strument xieraq ta' għajjnuna.
- (62) Fir-rigward tal-għajjnuna għall-investiment, mhux koperta mir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 bħala parti mill-programm tal-iżvilupp rurali jew bħala finanzjament addizzjonali għat-tali miżura ta' żvilupp rurali, meta l-għajjnuna tingħata f'forum li jipprovdu vantaġġ finanzjarju dirett (pereżempju għotjiet diretti, eżenzjonijiet jew tnaqqis fit-taxxi, fis-sigurtà soċjali jew f'imposti obbligatorji oħrajn, eċċ.), l-Istat Membru jrid juri għaliex forum ta' għajjnuna oħrajn li potenzjalment jgħolqu anqas distorsjoni, bħall-ħlas bil-quddiem ripagabbli jew bħal forum ta' għajjnuna li huma bbażati fuq strumenti ta' dejn jew ta' ekwità (pereżempju, self b'imgħax baxx jew rifużjonijiet tal-imgħax, garanziji tal-Istat, jew forniment alternattiv ta' kapital b'termini favorevoli), huma inqas adegwati.
- (63) Fir-rigward tal-miżuri tal-forestrija fit-Taqsima 2.8 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida, l-Istati Membri għandhom juru li l-għanijiet ekoloġiċi, protettivi u rikreattivi li qed jippruvaw jilħqu ma jistgħux jintlaħqu b'miżuri tal-forestrija simili għal dawk tal-iżvilupp rurali fil-Kapitoli 2.1 sa 2.7 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida.
- (64) Fil-każ ta' diversi kategoriji ta' għajjnuna bħall-għajjnuna għall-ispejjeż tal-attivatijiet ta' riċerka tas-suq, il-ħolqien u d-disinn tal-prodotti u għall-preparazzjoni tal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' skemi tal-kwalità, l-għajjnuna għat-trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni, l-għajjnuna għal servizzi ta' konsulenza, l-għajjnuna għal servizzi ta' sostituzzjoni fuq l-azjendi agrikoli, l-għajjnuna għal miżuri promozzjonali, l-għajjnuna biex tikkumpensa l-ispejjeż tal-prevenzjoni u l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti u l-għajjnuna għas-settur tal-bhejjem, l-għajjnuna trid tingħata lill-benefiċjarji finali tal-għajjnuna indirettament, in natura, permezz ta' servizzi sussidjati. F'dawn il-każijiet l-għajjnuna titħallas lill-fornitur tas-servizz jew l-attività inkwistjoni.

- (65) Il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna mas-suq intern hija mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli tal-akkwist pubbliku u għall-prinċipji ta' trasparenza u ftuħ u n-nondiskriminazzjoni fil-proċess ta' għażla ta' fornitur tas-servizzi.

#### 3.4. L-effett ta' incenċiv u l-bżonn ta' għajnuna

- (66) L-għajnuna fis-settur agrikolu u fis-settur tal-forestrija u fiż-żoni rurali tista' biss titqies kompatibbli mas-suq intern, jekk ikollha effett ta' incenċiv. Meta l-għajnuna tiddel l-imġiba ta' impriża b'tali mod li din tinvolvi ruħha fattività addizzjonali li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur, li mingħajr l-għajnuna, ma kinitx tinvolvi ruħha fiha jew kienet tinvolvi ruħha fiha biss b'mod ristrett jew differenti, jinħoloq effett ta' incenċiv. Madankollu, l-għajnuna ma għandhiex tissussidja l-kosti ta' attività li ġġarrab impriża jkun x'ikun il-każ u ma tridx tikkumpensa għar-riskju normali tan-negozju ta' attività ekonomika.
- (67) Sakemm l-eċċezzjonijiet ma jkunux stipulati b'mod espliċitu fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew f'dawn il-Linji Gwida, il-miżuri unilaterali ta' għajnuna mill-Istat li huma sempliċiment maħsuba biex itejbu s-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriżi iżda li bl-ebda mod ma jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-settur, u b'mod partikolari għajnuna li tingħata biss fuq il-bażi tal-prezz, il-kwantità, l-unità ta' produzzjoni jew l-unità tal-mezzi ta' produzzjoni jitqiesu li jikkostitwixxu għajnuna operattiva li hija inkompatibbli mas-suq intern. Barra minn hekk, fis-sustanza tagħha, għajnuna bħal din aktarx li xxekkel ukoll il-mekkaniżmi li jirregolaw l-organizzazzjoni tas-suq intern.
- (68) Dawn l-istess raġunijiet wasslu biex il-Kummissjoni tawtorizza għajnuna biex tiffaċilita l-konformità mal-istandards obbligatorji sal-punt biss li tissodisfa l-għanijiet tal-politika tal-iżvilupp rurali.
- (69) Għall-istess raġunijiet, għajnuna mogħtija skont it-Taqsimiet 1.2. u 2.8.5 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida għandha tkun limitata għal għajnuna mogħtija lill-impriżi attivi fis-settur agrikolu u tal-forestrija li jiffaċċjaw diversi diffikultajiet minkejja li jkunu wettqu sforzi raġonevoli biex jimminimizzaw dawn ir-riskji. L-għajnuna mill-Istat ma għandhiex ikollha bħala effett li tħajjar lil impriżi jieħdu riskju bla bżonn. Impriżi attivi fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija għandhom huma stess iġarrbu l-konsegwenzi ta' għażliet mhux prudenti ta' metodi ta' produzzjoni jew prodotti.
- (70) Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna ma tippreżentax incenċiv għall-benefiċjarju kull meta l-ħidma fuq il-proġett jew l-attività rilevanti tkun diġà bdiet qabel ma l-benefiċjarju jkun applika għall-għajnuna mingħand l-awtoritajiet nazzjonali.
- (71) L-applikazzjoni għall-għajnuna għandha tinkludi tal-anqas l-isem tal-applikant u d-daqs tal-impriża, deskrizzjoni tal-proġett jew tal-attività, inkluż il-post u d-dati ta' bidu u tmiem tagħhom, l-ammont ta' għajnuna meħtieġa biex jitwettqu u l-ispejjeż eliġibbli.
- (72) Barra minn hekk, fl-applikazzjoni, l-intrapriżi l-kbar għandhom jiddeskrivu s-sitwazzjoni mingħajr l-għajnuna, liema sitwazzjoni tissemma bħala x-xenarju kontrofattwali jew bħala proġett jew attività alternattivi, u għandhom iressqu evidenza dokumentata li tappoġġa x-xenarju kontrofattwali deskritt fl-applikazzjoni.
- (73) Malli tirċievi applikazzjoni, l-awtorità awtorizzanti trid twestaq verifika tal-kredibbiltà tax-xenarju kontrofattwali u tikkonferma li l-għajnuna reġjonali għandha l-effett ta' incenċiv meħtieġ. Xenarju kontrofattwali jitqies kredibbli jekk ikun ġenwin u jekk ikun jirrigwarda l-fatturi prevalenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet fiż-żmien li fih il-benefiċjarju jieħu d-deċiżjoni dwar il-proġett jew l-attività kkonċernata.
- (74) B'deroga mill-punti (70) sa (73), l-għajnuna fil-forma ta' benefiċċji fiskali mogħtija lill-SMES għandha titqies li jkollha effett ta' incenċiv jekk l-iskema tal-għajnuna tkun tistabbilixxi dritt għall-għajnuna skont kriterji oġġettivi u mingħajr aktar eżerċitar ta' diskrezzjoni mill-Istat Membru u jekk l-iskema tal-għajnuna tkun ġiet adottata u daħlet fis-seħħ qabel bdiet il-ħidma fuq il-proġett jew l-attività meħjuna. Ir-rekwiżit tal-aħħar ma japplikax fil-każ ta' skemi fiskali suċċessivi, sakemm l-attività ma kinitx diġà koperta mill-iskemi preċedenti fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa.
- (75) B'deroga mill-punti (70) sa (74), dawn il-kategoriji ta' għajnuna ta' dawn il-Linji Gwida mhemmx bżonhom jew jistgħu jitqiesu li għandhom effett incenċiv:
- (a) skemi ta' għajnuna għall-konsolidazzjoni tal-art skont it-Taqsima 1.3.4. u t-Taqsima 2.9.2. u skemi ta' għajnuna b'għanijiet ekoloġiċi, protettivi u rikreazzjonali skont it-Taqsima 2.8 tal-Parti II u meta:
- (i) l-iskema ta' għajnuna tistabbilixxi dritt għal għajnuna skont il-kriterji oġġettivi u mingħajr eżerċizzju ulterjuri ta' diskrezzjoni mill-Istat Membri;

- (ii) l-iskema ta' għajnuna għet adottata u kienet fis-seħħ qabel ma ġġarrbu l-ispejjeż eliġibbli skont it-Taqsimiet 1.3.4, 2.9.2 u 2.8. mill-benefiċjarju; u
- (iii) l-iskema tal-għajnuna tkopri biss lill-SMEs;
- (b) l-għajnuna għall-iżvantaġġi marbuta mal-oqsma ta' Natura 2000 u għad-Direttiva qafas dwar l-Ilma mogħtija lill-SMEs skont it-Taqsima 1.1.6 tal-Parti II;
- (c) l-għajnuna lil żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew speċifiċi oħra skont it-Taqsima 1.1.7 tal-Parti II;
- (d) l-għajnuna biex tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali skont it-Taqsima 1.2.1.1 tal-Parti II;
- (e) għajnuna biex tikkumpensa d-dannu ikkawżat minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastru naturali skont it-Taqsima 1.2.1.2 tal-Parti II;
- (f) għajnuna biex tikkumpensa l-ispejjeż tal-qerda tal-mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti u għat-telf ikkawżat minn dak il-mard tal-annimali jew il-pesti tal-pjanti skont it-Taqsima 1.2.1.3 tal-Parti II;
- (g) għajnuna biex tkopri l-ispejjeż tat-tneħħija u l-qerda ta' bhejjem mejta skont it-Taqsima 1.2.1.4 tal-Parti II;
- (h) għajnuna biex tikkumpensa d-danni kkawżati minn annimali protetti skont it-Taqsima 1.2.1.5 tal-Parti II;
- (i) għajnuna biex tagħmel tajjeb għad-dannu fil-foresti kkawżat minn annimali rregolati bil-liġi skont it-Taqsima 2.8.5 tal-Parti II;
- (j) għajnuna għall-investiment biex jintlaħqu l-istandards skont il-punt (148)(a) u (b);
- (k) għajnuna għall-investiment biex jintlaħqu l-istandards mogħtija lill-SMEs skont il-punt (148)(c); għajnuna għall-investiment biex jintlaħqu l-istandards lill-intrapriżi l-kbar skont il-punt (148)(c) tista' titqies li għandha effett ta' inċentiv, meta l-impriża kkonċernata tista' turi li mingħajr l-għajnuna jkollha r-riskju li tagħlaq.
- (l) għajnuna għall-investiment favur il-konservazzjoni tal-wirt kulturali u naturali fl-azjenda agrikola skont it-Taqsima 1.1.1.2 tal-Parti II, ħlief għajnuna individwali li taqbeż il-EUR 500 000 għal kull impriża għal kull proġett ta' investiment;
- (m) għajnuna għall-miżuri ta' promozzjoni skont il-punt (464)(b) u (c) u għall-kampanji ta' promozzjoni ta' bixra ġenerika skont il-punt (464)(d);
- (n) għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija skont it-Taqsima 1.3.6 u t-Taqsima 2.9.1 tal-Parti II;
- (o) għajnuna għaż-żamma, ir-restawr u t-titjib tal-wirt kulturali u naturali tal-irħula, il-pajsaġġi rurali u s-siti ta' valur naturali għoli skont il-punt (644)(e); din id-deroga ma tapplikax għal l-għajnuna għall-investiment assoċjat mal-wirt kulturali u naturali ta' villaġġi, pajsaġġi rurali u siti ta' valur naturali għoli, li tkun taqbeż il-limiti tan-notifika stabbiliti fil-punt (37)(c);
- (p) għajnuna għat-tfassil u l-aġġornament ta' pjanijiet għall-iżvilupp ta' muniċipalitajiet u rħula f'żoni rurali u s-servizzi bażiċi tagħhom u tal-pjanijiet ta' protezzjoni u ġestjoni relatati ma' siti ta' Natura 2000 u żoni oħrajn ta' valur naturali għoli, skont il-punt (644)(a);
- (q) għajnuna għar-restawrazzajoni ta' ħsara f'foresti minn nirien, diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, pesti tal-pjanti, mard tal-annimali, avvenimenti katastrofiċi u avvenimenti relatati mat-tibdil fil-klima skont it-Taqsima 2.1.3 tal-Parti II.

Kundizzjonijiet addizzjonali għal għajnuna għal investment individwalment notifikabbli

- (76) Minbarra r-reqwiżiti stabbiliti hawn fuq, għall-għajnuna għall-investment individwalment notifikabbli, l-Istat Membru jrid jipprovdi evidenza ċara li l-għajnuna effettivament għandha impatt fuq l-għażla tal-investment. Sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni komprensiva, l-Istat Membru ma jridx jipprovdi biss l-informazzjoni dwar il-proġett megħjun iżda anki deskrizzjoni komprensiva tax-xenarju kontrofattwali, li fih l-ebda awtorità pubblika ma tagħti xi għajnuna lill-benefiċjarju.
- (77) L-Istati Membri huma, mistiedna biex iserrħu fuq dokumenti, bħal dokumenti uffiċjali tal-bord, valutazzjonijiet tar-riskju, inkluża l-valutazzjoni ta' riskji speċifiċi għall-post, rapporti finanzjarji, pjanijiet interni ta' direzzjoni tan-negozju, opinjonijiet tal-esperti u studji oħra relatati mal-proġett ta' investment taħt valutazzjoni. Dokumenti li jkunu jinkludu tbassir dwar id-domanda u l-kosti u tbassir finanzjarju, dokumenti li jiġu ppreżentati lill-kumitat għall-investment u li jlaboraw dwar diversi xenarji ta' investment, jew dokumenti pprovduti lill-istituzzjonijiet finanzjarji, jistgħu jgħinu lill-Istati Membri juru l-effett ta' incēntiv.
- (78) F'dan il-kuntest, il-livell ta' profittabbiltà jista' jiġi evalwat b'referenza għal metodoloġiji li huma Prattika standard fis-settur ikkonċernat, u li jistgħu jinkludu metodi għall-evalwazzjoni tal-valur nett preżenti tal-proġett (NPV)<sup>(43)</sup>, ir-rata ta' redditu interna (IRR)<sup>(44)</sup> jew ir-redditu medju fuq il-kapital imħaddem (ROCE). Il-profittabbiltà tal-proġett għandha tiġi mqabbla mar-rati normali ta' redditu applikati mill-impriża fi proġetti oħrajn ta' investment ta' natura simili. Meta dawn ir-rati ma jkunux disponibbli, il-profittabbiltà tal-proġett għandha tiġi mqabbla mal-kost tal-kapital tal-impriża b'mod sħiħ jew bir-rati ta' redditu komuni osservati fis-settur ikkonċernat.
- (79) Fejn l-ebda xenarju kontrofattwali speċifiku ma huwa magħruf, l-effett ta' incēntiv jista' jkun preżunt meta hemm diskrepanza ta' likwidità, jiġifieri meta l-kostijiet tal-investment jaqbżu l-valur preżenti nett (VPN) tal-profitti operattivi mistennija tal-investment fuq il-bażi ta' pjan tan-negozju ex ante.
- (80) Jekk l-għajnuna ma tibdilx l-imġiba tal-benefiċjarju billi tħeġġeġ investiment addizzjonali, din ma jkollha l-ebda effett pożittiv għall-iżvilupp tas-settur ikkonċernat. Għaldaqstant, l-għajnuna ma tiġix approvata meta jkun jidher li l-istess investment isir xorta mingħajr l-għajnuna.

**3.5. Il-proporzjonalità tal-għajnuna**

- (81) Fis-settur agrikolu u fis-settur tal-forestrija u f'żoni rurali, l-għajnuna hija kkunsidrata bħala proporzjonata jekk l-ammont ta' għajnuna għal kull benefiċjarju hija limitata għall-minimu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan komuni fil-mira.

L-intensitajiet massimi tal-għajnuna u l-ammonti massimi tal-għajnuna

- (82) Fil-prinċipju, sabiex l-għajnuna tkun proporzjonata, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ammont tal-għajnuna ma għandux jaqbeż l-ispejjeż eliġibbli. Dan hu mingħajr ħsara għar-regoli għal incēntivi ambjentali jew pubbliċi oħrajn li espressament hemm previsti fit-Taqsimiet 1.1.3 u 1.2.2 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida.
- (83) Sabiex tiżgura previdibbiltà u kundizzjonijiet ekwi, f'dawn il-Linji Gwida l-Kummissjoni tapplika wkoll l-intensitajiet massimi tal-għajnuna. Meta l-intensità massima tal-għajnuna ma tkun tista' tiġi stabbilita, pereżempju fil-każ tal-għajnuna tal-bidu għall-bdiewa żgħażaġh u l-iżvilupp ta' farms żgħar, jiġu stabbiliti l-ammonti massimi tal-għajnuna definiti f'termini nominali ħalli tkun żgurata l-proporzjonalità tal-għajnuna.
- (84) Jekk l-ispejjeż eliġibbli jkunu kkalkolati b'mod korrett u l-intensitajiet massimi tal-għajnuna jew l-ammonti massimi tal-għajnuna stabbiliti fil-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida jkunu rispettati, il-kriterju ta' proporzjonalità jitqies bħala sodisfat.
- (85) L-intensità massima tal-għajnuna u l-ammont tal-għajnuna jridu jiġu kkalkolati mill-awtorità awtorizzanti meta tingħata l-għajnuna. L-ispejjeż eliġibbli jridu jkunu sostnuti minn evidenza dokumentarja li għandha tkun ċara, speċifika u kontemporanja. Għall-fini tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u tal-ispejjeż eliġibbli, iċ-ċifri kollha użati jridu jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis fit-taxxa jew imposta oħra.

<sup>(43)</sup> Il-valur preżenti nett ta' proġett (NPV) huwa d-differenza bejn il-flussi ta' flus pożittivi u negattivi matul il-ħajja tal-investment, imnaqqsa għall-valur attwali tagħhom (normalment billi jintuża l-kost tal-kapital).

<sup>(44)</sup> Ir-rata ta' redditu interna (IRR) mhijiex ibbażata fuq il-kontabilizzar tal-qliġ f'sena partikolari, imma tqis in-nixxieġha ta' flussi ta' flus futuri li l-investitur jistenna li jirċievi tul il-perjodu kollu ta' ħajja tal-investment. Hija definita bħala r-rata ta' skont li għaliha l-VPN ta' nixxieġha ta' flussi ta' flus huwa ugwali għal zero.



- (86) It-taxxa fuq il-valur miżjud (il-VAT) mhix eliġibbli għal għajjnuna, ħlief meta ma tkunx tista' tiġi rkuprata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT.
- (87) Meta tingħata l-għajjnuna f'forma oħra għajr għotja, l-ammont tal-għajjnuna huwa l-ekwivalenti tal-għotja gross tal-għajjnuna.
- (88) Għajjnuna pagabbli f'diversi ħlasijiet parzjali hija skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata l-għajjnuna. L-ispejjeż eliġibbli huma skontati għall-valur tagħhom fil-mument li tingħata l-għajjnuna. Ir-rata ta' imgħax li għandha tintuża għall-finijiet ta' skontijiet hija r-rata tal-iskont applikabbli fid-data ta' meta ngħatat l-għotja.
- (89) Meta l-għajjnuna tingħata b'vantaġġi fiskali, l-iskontar tal-porzjonijiet tal-għajjnuna għandu jsir abbażi tar-rati ta' skont applikabbli fid-diversi drabi li jidħol fis-seħħ il-benefiċċju fiskali.
- (90) Fir-rigward tal-għajjnuna għall-investment fiż-żoni rurali, l-intensità tal-għajjnuna massima għal proġetti kbar tal-investment trid titbaxxa għall-ammont tal-għajjnuna aġġustat kif jiddefinixxi l-punt (35).31. Barra minn hekk, il-proġetti l-kbar tal-investment ma jstgħux igawdu mill-intensitajiet miżjuda tal-għajjnuna għall-SMEs.
- (91) Meta l-impenji skont it-Taqsimiet 1.1.5.1, 1.1.8, 2.3 u 3.4 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida jingħataw funitajiet oħrajn minbarra dawk stipulati fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, l-Istati Membri jstgħu jikkalkolaw il-pagamenti fuq il-bażi ta' dawk l-unitajiet l-oħrajn. F'dawn il-każi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinżamm konformità mal-ammonti massimi fis-sena.
- (92) Ħlief għall-għajjnuna għal impenji biex jitrabaw razzi lokali fil-periklu li jintilfu għall-biedja msemmija fit-Taqsima 1.1.5.1, għajjnuna skont it-Taqsimiet 1.1.5.1, 1.1.8, 2.3 u 3.4 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida ma jstgħux jingħataw għal kull unità ta' bhejjem. Ir-rati ta' konverżjoni tal-bosta kategoriji ta' annimali għal unitajiet ta' bhejjem huma stabbiliti fl-Anness II tal-att ta' implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.
- (93) L-Istati Membri jstgħu jstabbilixxu l-ammont ta' għajjnuna għall-miżuri jew tipi ta' operazzjonijiet imsem- mijin fit-Taqsimiet 1.1.5, 1.1.6, 1.1.7, 1.1.8, 2.3, 3.4 u 3.5 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet standard ta' spejjeż addizzjonali u dħul mitluf. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kalkoli u l-għajjnuna korrispondenti: (a) fihom biss elementi li huma verifikabbli; (b) huma bbażati fuq figuri stabbiliti b'kompetenza xierqa; (c) jindikaw biċ-ċar is-sors tal-figuri użati; (d) huma differenzjati sabiex jieħdu f'kunsiderazzjoni kundizzjonijiet reġjoanli jew tas-sit lokali u l-użu attwali tal-art, fejn appli- kabli; u (e) ma fihomx elementi marbutin ma' spejjeż ta' investment.
- (94) Meta tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajjnuna, il-Kummissjoni ser tikkunsidra kwalunkwe assigurazzjoni meħuda, jew li setgħet tittieħed mill-benefiċjarju tal-għajjnuna. Fir-rigward tal-għajjnuna għall-kumpens ta' telf ikkawżat minn avvenimenti klimatiċi avversi li jstgħu jkunu assimilati ma' diżastru naturali, sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, l-għajjnuna fl-intensità massima tal-għajjnuna għandha tingħata biss lil impriża li ma tistax tkun koperta minn assigurazzjoni għal dan it-telf. Għaldaqstant, biex titjieb ulterjorment il-ġestjoni tar-riskji, il-benefiċjarji jridu jkunu mħeġġa li jagħmelu assigurazzjoni kull meta dan ikun possibbli.

Kundizzjonijiet addizzjonali għal għajjnuna tal-investment individwalment notifikabbli u għajjnuna tal-investment għal intrapriżi kbar skont skemi notifikati

- (95) Bħala regola ġenerali, l-għajjnuna għall-investment individwalment notifikabbli se titqies li hija limitata għall-minimu meħtieġ, jekk l-ammont tal-għajjnuna jikkorrispondi għall-ispejjeż żejda netti marbuta mal-implimentazzjoni tal-investment fiż-żona kkonċernata, meta mqabbel ma' dak li seta' jseħħ mingħajr l-għajjnuna f'xenarju kontrofattwali. Bl-istess mod, fil-każ ta' għajjnuna għall-investment mogħtija lill-intrapriżi l-kbar taħt skemi nnotifikati, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-ammont tal-għajjnuna huwa limitat għall-minimu fuq il-bażi ta' "approċċ tal-ispejjeż żejda netti".
- (96) L-ammont tal-għajjnuna ma għandux jaqbeż il-minimu meħtieġ sabiex il-proġett ikun profitabbli biżżejjed, pereżempju dan ma għandux iwassal biex iżid l-IRR tiegħu aktar mir-rati normali ta' redditu applikati mill-impriża kkonċernata fi proġetti oħra tal-investment tal-istess tip jew, meta disponibbli, biex iżid l-IRR tiegħu aktar mill-ispiża tal-kapital tal-impriża b'mod sħiħ jew aktar mir-rati ta' redditu osservati b'mod komuni fis-settur ikkonċernat.

- (97) Fir-rigward tal-ghajjnuna għall-investment lill-intrapriżi l-kbar taħt skemi nnotifikati, l-Istat Membru jrid jiżgura li l-ammont tal-ghajjnuna jikkorrispondi għall-ispejjeż żejda netti marbuta mal-implimentazzjoni tal-investment fiż-żona kkonċernata, meta mqabbel ma' dak li seta' jiġri mingħajr l-ghajjnuna f'xenarju kontrofattwali. Il-metodu spjegat fil-punt (96) irid jintuża flimkien mal-intensitajiet massimi tal-ghajjnuna bħala limitu massimu.
- (98) Fir-rigward tal-ghajjnuna għall-investment individwalment notifikabbli, il-Kummissjoni ser tivverifika jekk l-ammont tal-ghajjnuna jaqbiżx il-minimu meħtieġ biex il-proġett jiġi jrendi biżżejjed profitt, billi tuża l-metodu stabbilit fil-punt (96). Il-kalkoli użati għall-analiżi tal-effett ta' inċentiv jistgħu jintużaw ukoll biex jiġi vvalutat jekk l-ghajjnuna hijiex proporzjonata. L-Istat Membru jrid juri l-proporzjonalità abbażi ta' dokumentazzjoni bħal dik imsemmija fil-punt (77). Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal ghajjnuna għall-investment relatat mal-produzzjoni agrikola primarja.

#### Akkumulazzjoni ta' ghajjnuna

- (99) L-ghajjnuna tista' tingħata flimkien ma' diversi skemi jew akkumulata ma' ghajjnuna ad hoc, sakemm l-ammont totali ta' ghajjnuna mill-Istat għal attività jew proġett meħjun ma taqbiżx il-limiti massimi tal-ghajjnuna stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida.
- (100) L-ghajjnuna bi spejjeż eliġibbli identifikabbli tista' tiġi akkumulata ma' kwalunkwe ghajjnuna oħra tal-Istat, sakemm dawn l-ghajjnuniet jikkonċernaw spejjeż eliġibbli identifikabbli differenti. L-ghajjnuna bi spejjeż eliġibbli identifikabbli tista' tiġi akkumulata ma' kwalunkwe ghajjnuna oħra mill-Istat, fir-rigward tal-istess spejjeż eliġibbli, li jikkoinċidu b'mod sħiħ jew parzjali, biss jekk tali akkumulazzjoni ma twassalx biex tinqabeż l-ogħla intensità ta' ghajjnuna jew l-ammont ta' ghajjnuna applikabbli għal dan it-tip ta' ghajjnuna skont dawn il-Linji Gwida.
- (101) L-ghajjnuna mingħajr spejjeż eliġibbli identifikabbli skont it-Taqsimiet 1.1.2 u 3.3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida tista' tiġi akkumulata ma' kwalunkwe miżura oħra ta' ghajjnuna mill-Istat bi spejjeż eliġibbli identifikabbli. L-ghajjnuna mingħajr spejjeż eliġibbli identifikabbli tista' tiġi akkumulata ma' ghajjnuna mill-Istat oħra mingħajr spejjeż eliġibbli identifikabbli, sal-livelli limitu ta' finanzjament totali rilevanti stabbilit fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ minn dawn il-Linji Gwida jew linji gwida oħra dwar l-ghajjnuna mill-Istat, regolament ta' eżenzjoni ġenerali jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni.
- (102) Ghajjnuna mill-Istat favur is-settur agrikolu m'għandhiex tiġi kumulata mal-pagamenti msemmija fl-Artikoli 81(2) u 82 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fir-rigward tal-istess spejjeż eliġibbli jekk dan il-kumulu joħloq intensità tal-ghajjnuna jew ammont tal-ghajjnuna li jaqbiżu lil dawk stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida.
- (103) Meta l-finanzjament tal-Unjoni mmexxi b'mod ċentrali mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħra tal-Unjoni, li mhux direttament jew indirettament fil-kontroll tal-Istat Membru, jingħaqad mal-ghajjnuna mill-Istat, dan tal-aħħar biss għandu jitqies biex jinstab jekk humiex jiġu rrispettati l-limiti tan-notifika u l-intensitajiet massimi tal-ghajjnuna u l-livelli limitu, sakemm l-ammont totali ta' finanzjament pubbliku mogħti fir-rigward tal-istess spejjeż eliġibbli ma jkunx jaqbeż l-aktar rati favorevoli ta' finanzjament stabbiliti fir-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni.
- (104) L-ghajjnuna ambjentali skont dawn il-Linji Gwida ma tistax tkun akkumulata b'ghajjnuna de minimis fir-rigward tal-istess spejjeż eliġibbli jekk tali akkumulazzjoni tirriżulta f'intensità ta' ghajjnuna jew ammont ta' ghajjnuna li jaqbeż lil dak stabbilit f'dawn il-Linji Gwida.
- (105) L-ghajjnuna għal investimenti maħsuba għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola kif imsemmi fil-punt (143)(e) m'għandhiex tiżdied mal-ghajjnuna li tikkumpensa dannu materjali msemmi fit-Taqsimiet 1.2.1.1, 1.2.1.2 u 1.2.1.3 ta' dawn il-Linji Gwida.
- (106) Il-finanzjament doppju ta' Prattiki Agrikoli ta' Benefiċċju għall-klima u l-ambjent skont it-Taqsimiet 1.1.5.1, 1.1.6, 1.1.8 u 3.5 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u Prattiki ekwivalenti msemmija fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għandu jiġi eskluż. Il-klawżola ta' reviżjoni prevista fil-punt (724) ta' dawn il-Linji Gwida għandha tiżgura li jiġi evitat il-finanzjament doppju.
- (107) L-ghajjnuna tal-bidu għal gruppi u organizzazzjonijiet tal-produtturi kif imsemmi fit-Taqsima 1.1.4 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida ma għandhiex tiżdied ma' ghajjnuna għat-twaqqif ta' gruppi u organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur agrikolu stabbilita fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. L-ghajjnuna tal-bidu għal bdiewa żgħażaġh u ghajjnuna tal-bidu għall-iżvilupp ta' farms żgħar kif jissemma fit-Taqsima 1.1.2 ma għandhiex tiżdied ma' ghajjnuna tal-bidu ta' negozju għal bdiewa żgħażaġh jew l-iżvilupp ta' farms żgħar kif jissemma fl-Artikolu 19(1)(a)(i) u (iii) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jekk b'dan il-kumulu, l-ammont tal-ghajjnuna jaqbeż lil dawk stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida.

### 3.6. L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

- (108) Sabiex l-ghajjnuna tkun kompatibbli, l-effetti negattivi tal-miżura ta' ghajjnuna f'termini ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri jridu jkunu limitati u inferjuri għall-effetti pożittivi f'dak li jikkonċerna l-kontribuzzjoni għal għan ta' interess komuni.

#### Kunsiderazzjonijiet ġenerali

- (109) Fil-valutazzjoni tal-effetti negattivi tal-miżura ta' ghajjnuna, il-Kummissjoni ser tiffoka l-analiżi tagħha tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fuq l-impatt previst li l-ghajjnuna fis-settur agrikolu u tal-forestrija u fiż-żoni rurali għandha fuq il-kompetizzjoni bejn l-impriżi fis-swieq tal-prodotti affettwati<sup>(45)</sup>.
- (110) Bħala punt ta' tluq, jekk l-ghajjnuna tkun immirata sew, proporzjonata u limitata għall-ispejjeż żejda netti, l-impatt negattiv tal-ghajjnuna jitnaqqas u r-riskju li l-ghajjnuna tfixkel il-kompetizzjoni b'mod mhux xieraq ikun aktar limitat. It-tieni, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-intensitajiet massimi tal-ghajjnuna. Dawn jikkostitwixxu rekwiżit bażiku għall-kompatibbiltà, li l-għan tiegħu huwa li jevita li l-ghajjnuna mill-Istat tintuża għal proġetti fejn il-proporzjon bejn l-ammont tal-ghajjnuna u l-ispejjeż eliġibbli għandu jitqies għoli ħafna u partikolarment suxxettibbli li joħloq distorsjonijiet. B'mod ġenerali, aktar ma l-proġett megħjun iġib miegħu effetti pożittivi potenzjali u aktar ma tkun kbira l-ħtieġa potenzjali għall-ghajjnuna, aktar ikun għoli l-limitu massimu fuq l-intensità tal-ghajjnuna.
- (111) Madankollu, anki meta l-ghajjnuna tkun meħtieġa u proporzjonata, din tista' tirriżulta f'bidla fl-imġiba tal-benefiċjarji li tfixkel il-kompetizzjoni. Dan huwa aktar probabbli fis-settur agrikolu li hu differenti minn swieq oħra bl-istruttura speċifika tal-produzzjoni agrikola primarja li hi karatterizzata minn għadd ġmielu ta' impriżi żgħar involuti. Fi swieq bħal dawn, ir-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni huwa kbir anki meta jingħataw biss ammonti żgħar ta' ghajjnuna.
- (112) Iż-żewġ distorsjonijiet potenzjali ewlenin tal-kompetizzjoni u l-kummerċ jistgħu jkunu kkawżati mill-ghajjnuna għas-settur agrikolu u tal-forestrija u għaż-żoni rurali. Dawn huma distorsjonijiet tas-suq tal-prodotti u l-effetti marbuta mal-post. Iż-żewġ tipi jistgħu jwasslu għal ineffiċjenzi allokativi, li jkunu ta' ħsara għall-prestazzjoni ekonomika tas-suq intern, u jistgħu iwasslu wkoll għal tħassib distributtiv, fis-sens li l-ghajjnuna taffettwa d-distribuzzjoni tal-attività ekonomika fost ir-reġjuni.
- (113) Fil-prinċipju, minħabba l-effetti pożittivi tagħha fuq l-iżvilupp tas-settur, il-Kummissjoni tikkunsidra li meta ghajjnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet u ma taqbiżx l-intensitajiet massimi rilevanti tal-ghajjnuna, stabbliti fit-Taqsimiet applikabbli tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida, l-effett negattiv fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ jiġi limitat għall-minimu.
- (114) Madankollu, billi l-ghajjnuna għall-investment lil impriżi attivi fl-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u lil impriżi attivi f'setturi oħrajn, pereżempju fis-settur tal-ipproċessar tal-ikel<sup>(46)</sup>, għandha t-tendenza li jkollha effetti ta' distorsjoni simili fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ, il-kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar il-politika ta' kompetizzjoni fuq l-effett tal-kompetizzjoni u l-kummerċ għandhom japplikaw ugwalmment għal dawk is-setturi kollha. Għalhekk, il-kundizzjonijiet deskritti fil-punti (115) sa (127) għandhom jiġu rrispettati fir-rigward tal-ghajjnuna għall-investment għall-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, fis-settur tal-forestrija u f'żoni rurali.

<sup>(45)</sup> Għadd ta' swieq jistgħu jiġu affettwati mill-ghajjnuna, għax l-impatt tal-ghajjnuna jista' ma jkunx limitat għas-suq li jikkorrispondi għall-attività appoġġata, iżda jista' jestendi għal swieq oħra li huma marbuta ma' dak is-suq għax ikunu f'fażi anterjuri (upstream), posterjuri (downstream) jew kumplementari, jew għax il-benefiċjarju jkun diġà fihom jew se jkun fihom fil-futur qrib.

<sup>(46)</sup> Fil-Linji Gwida Komunitarji għall-ghajjnuna mill-Istat fis-settur agrikolu u tal-forestrija għall-2007-2013 (ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1) ir-regoli li japplikaw għall-kumpaniji tal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli diġà ġew armonizzati ma' dawk li japplikaw għall-kumpaniji mhux agrikoli (il-punt 17 ta' dawn il-Linji Gwida).

L-iskemi ta' għajnuna għall-investiment għall-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli fis-settur tal-forestrija u fiż-żoni rurali :

- (115) L-iskemi ta' għajnuna ma għandhomx iwasslu għal distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ. B'mod partikolari, anki meta d-distorsjonijiet jistgħu jitqiesu limitati fuq livell individwali (sakemm ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha tal-għajnuna għall-investiment), fuq bażi kumulattiva l-iskemi ta' għajnuna għall-investiment xorta waħda jistgħu jwasslu għal livelli għoljin ta' distorsjonijiet. Tali distorsjonijiet jistgħu jolqtu s-swieq tal-produzzjoni billi jgħolqu jew jiggravaw sitwazzjoni ta' kapaċità żejda, jew billi jgħolqu, iżidu jew iżommu s-setgħa sostanzjali fis-suq ta' wħud mill-benefiċjarji b'tali mod li jaffettwa b'mod negattiv l-inċentivi dinamiċi. L-għajnuna disponibbli fil-qafas ta' skemi ta' għajnuna għall-investiment tista' twassal ukoll għal telf sinifikanti ta' attivitá ekonomika f'żoni oħra taż-ŻEE. F'każ li skema ta' għajnuna għall-investiment tkun tiffoka fuq ċerti setturi, ir-riskju ta' distorsjoni bħal din jinħass aktar.
- (116) Għaldaqstant, l-Istat Membru kkonċernat irid juri li dawn l-effetti negattivi se jkunu limitati għall-minimu li jqis, pereżempju, id-daqs tal-proġetti kkonċernati, l-ammonti tal-għajnuna individwali u kumulattiva, il-benefiċjarji mistennija, kif ukoll il-karatteristiċi tas-setturi fil-mira. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-effetti negattivi potenzjali, l-Istat Membru mħeġġeġ jippreżenta kull valutazzjoni tal-impatt li għandu, kif ukoll evalwazzjonijiet *ex post* li jkunu twettqu għal skemi simili preċedenti.

Għajnuna għal investimenti individwalment notifikabbli għall-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u fiż-żoni rurali

- (117) Fl-istima tal-effetti negattivi tal-għajnuna għall-investiment individwali, il-Kummissjoni tenfasizza b'mod partikolari l-effetti negattivi marbuta mal-bini tal-kapaċità żejda fi swieq li jkunu sejrini lura, mal-prevenzjoni tal-ħruġ, u mal-kunċett tas-setgħa sostanzjali fis-suq. Dawn l-effetti negattivi huma deskritti fil-punti (118) sa (127) u jridu jgħolqu bilanċ mal-effetti pożittivi tal-għajnuna.
- (118) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tidentifika u tivvaluta d-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ, l-Istati Membri għandhom jipprovdu evidenza li tippermetti lill-Kummissjoni tidentifika s-swieq tal-prodotti kkonċernati (jiġifieri, prodotti affettwati mill-bidla fl-imġiba tal-benefiċjarju tal-għajnuna) u l-kompetituri u l-klijenti/konsumaturi affettwati.
- (119) Il-Kummissjoni tuża diversi kriterji biex tivvaluta dawk id-distorsjonijiet potenzjali, bħall-istruttura tas-suq tal-prodott ikkonċernat, il-prestazzjoni tas-suq (suq li sejjer lura jew li qiegħed jikber), il-proċess tal-għażla tal-benefiċjarju tal-għajnuna, l-ostakli għad-dħul fis-suq u għall-ħruġ minnu, u l-varjazzjoni tal-prodotti.
- (120) Meta impriża tiddependi b'mod sistematiku fuq l-għajnuna mill-Istat, dan jista' jfisser li l-impriża waħedha ma tiflaħx għall-kompetizzjoni jew li qiegħda tgawdi minn vantaġġi mhux mistħoqqa meta mqabbla mal-kompetituri tagħha.
- (121) Il-Kummissjoni tagħmel distinzjoni bejn żewġ sorsi ewlenin ta' effetti negattivi potenzjali fuq is-swieq tal-prodotti:
- (a) każijiet ta' espansjoni sinifikanti fil-kapaċità li jew twassal għal sitwazzjoni ta' kapaċità żejda jew inkella tkompli tgħarraq sitwazzjoni diġà eżistenti ta' kapaċità żejda, speċjalment f'suq li jkun sejjer lura; u
- (b) każijiet fejn il-benefiċjarju tal-għajnuna jkollu setgħa sostanzjali fis-suq.
- (122) Biex tevalwa jekk l-għajnuna tistax tgħin biex jinħolqu jew jinżammu strutturi ineffiċjenti fis-suq, il-Kummissjoni tikkunsidra l-kapaċità addizzjonali fil-produzzjoni maħluqa mill-proġett u jekk is-suq huwiex sejjer agħar milli mistenni.
- (123) Fejn is-suq inkwistjoni jkun qiegħed jikber, normalment ikun hemm anqas raġuni għal tħassib li l-għajnuna ser toloq b'mod negattiv inċentivi dinamiċi jew li ser ixkekkel il-ħruġ jew id-dħul bla bżonn.
- (124) Wieħed jifhem li jkun hemm aktar tħassib meta s-swieq ikunu sejrini lura. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tagħmel distinzjoni bejn il-każijiet li fihom, minn perspettiva fit-tul, is-suq rilevanti jkun strutturalment sejjer lura (jiġifieri juri rata ta' tkabbir negattiva), u l-każijiet li fihom is-suq rilevanti jkun sejjer lura b'mod relattiv (jiġifieri juri rata ta' tkabbir pożittiva, iżda ma jaqbix ir-rata ta' tkabbir normattiva).

- (125) Normalment, kemm is-suq mhux sejjer kif mistenni jitkejjel f'paragun mal-PDG taż-ŻEE matul it-tliet snin qabel il-bidu tal-proġett (ir-rata normattiva); jista' jiġi stabbilit ukoll fuq il-bażi tar-rati ta' tkabbir għat-tliet snin sa ħames snin ta' wara. L-indikaturi jistgħu jinkludu t-tkabbir futur prevedibbli tas-suq ikkonċernat u r-rati tal-użu tal-kapaċità mistennija li jirriżultaw, kif ukoll l-impatt potenzjali taż-żieda fil-kapaċità fuq il-kompetituri permezz tal-effetti li tħalli fuq il-prezzijiet u l-marġnijiet tal-profit.
- (126) F'ċerti każijiet, il-valutazzjoni tat-tkabbir tas-suq tal-prodotti fiż-ŻEE tista' ma tkunx kompletament adgwata biex jitqiesu l-effetti tal-ghajjnuna, b'mod partikolari jekk is-suq ġeografiku jkun mifruq mad-dinja kollha. F'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni tqis l-effett tal-ghajjnuna fuq l-istrutturi tas-suq ikkonċernati, b'mod partikolari, il-potenzjal tagħha li tisforza produtturi fiż-ŻEE sabiex jorhorgu mis-suq.
- (127) Sabiex tiġi evalwata l-eżistenza tas-setgħa sostanzjali tas-suq, il-Kummissjoni ser tqis il-pożizzjoni tal-benefiċjarju f'perjodu ta' żmien qabel ma jirċievi l-ghajjnuna u l-pożizzjoni mistennija fis-suq wara l-iffinalizzar tal-investment. Il-Kummissjoni se tqis l-ishma fis-suq tal-benefiċjarju, kif ukoll l-ishma fis-suq tal-kompetituri tiegħu u fatturi rilevanti oħrajn, inkluża pereżempju l-istruttura tas-suq billi jiġu eżaminati l-konċentrazzjoni fis-suq, l-ostakli possibbli għad-dħul<sup>(47)</sup>, is-saħħa tax-xerrej<sup>(48)</sup> u l-ostakli għall-espansjoni jew għall-ħruġ mis-suq.

### 3.7. **Transparenza**

- (128) L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni li ġejja fuq websajt komprensiva dwar l-ghajjnuna mill-Istat, flivell nazzjonali jew regional:
- (a) it-test sħiħ tal-iskema ta' ghajjnuna u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, jew il-bażi ġuri-dika għall-ghajjnuna individwali, jew link għalih;
- (b) l-identità tal-awtorità(jiet) awtorizzanti;
- (c) l-identità tal-benefiċjarji individwali, il-forma u l-ammont mogħtija lil kull benefiċjarju, id-data tal-għoti, it-tip ta' impriża (SME/ intrapriża kbira), ir-reġjun li fih jinsab il-benefiċjarju (fil-livell II tal-NUTS) u s-settur ekonomiku ewlieni fejn il-benefiċjarju għandu l-attivitajiet tiegħu (fil-livell tal-grupp tal-NACE). Rekwiżit bħal dan jista' jiġi rrinunzjat fir-rigward ta' għotjiet ta' ghajjnuna individwali li ma jaqbżux dawn li il-limiti:
- (i) EUR 60 000 għal benefiċjarji attivi fil-produzzjoni agrikola primarja;
- (ii) EUR 500 000 għal benefiċjarji fis-setturi tal-ipproċessar tal-prodotti agrikoli, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, is-settur tal-forestrija jew l-attivitajiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat.
- (129) Għal skemi ta' ghajjnuna fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, l-informazzjoni dwar l-ammont ta' ghajjnuna individwali tista' tiġi pprovduta fil-meded li ġejjin (f'EUR miljun): 0,06 – 0,5 biss għal produzzjoni agrikola primarja; 0,5 sa 1; 1 sa 2; 2 sa 5; 5 sa 10; 10 sa 30; u 30 u iktar.
- (130) Jekk l-għotja tal-ghajjnuna individwali tkun fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u tkun kofinanzjata mill-FAEŻR jew mogħtija bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal tali miżuri kofinanzjati, l-Istat Membru kkonċernat jista' jagħżel li ma jippubblikahix fuq il-websajt tal-ghajjnuna mill-Istat li tisemma fil-punt (128) sakemm l-għotja tal-ghajjnuna individwali tkun għet ippubblikata skont l-Artikoli 111, 112 u 113 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. F'dak il-każ, l-Istat Membru għandu jagħmel referenza għall-websajt imsemmija fl-Artikolu 111 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fuq il-websajt dwar l-ghajjnuna mill-Istat imsemmija fil-punt (128).
- (131) Din l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni tal-għoti, u għandha tin-żamm għal mill-anqas 10 snin u tkun disponibbli għall-pubbliku bla restrizzjonijiet<sup>(49)</sup>. L-Istati membri ma jeħtiġilhomx jippubblikaw din l-informazzjoni msemmija hawn fuq qabel l-1 ta' Lulju 2016<sup>(50)</sup>.

<sup>(47)</sup> Dawn l-ostakli għad-dħul jinkludu ostakli legali (b'mod partikolari d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali), l-ekonomiji ta' skala u l-ekonomiji ta' firxa, l-ostakli għall-aċċess għan-netwerks u l-infrastruttura. Meta l-ghajjnuna tikkonċerna suq fejn il-benefiċjarju tal-ghajjnuna jkun diġà stabbilit, l-ostakli possibbli għad-dħul jistgħu jintensifikaw is-setgħa sostanzjali fis-suq ta' dan il-benefiċjarju bir-riżultat li jiġu intensifikati wkoll l-effetti negattivi possibbli ta' dik is-setgħa fis-suq.

<sup>(48)</sup> Meta jkun hemm xerrejja b'saħħithom fis-suq, huwa anqas probabbli li benefiċjarju tal-ghajjnuna jista' jżid il-prezzijiet fil-konfront ta' dawn ix-xerrejja b'saħħithom.

<sup>(49)</sup> Din l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata fi żmien sitt xhur mid-data tal-għoti (jew, għall-ghajjnuna fil-forma ta' benefiċċji fiskali, fi żmien sena mid-data tad-dikjarazzjoni tat-taxxa). F'każ ta' ghajjnuna mhux skont il-liġi, l-Istati Membri ser ikunu meħtieġa jiżguraw il-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni ex post, tal-inqas fi żmien sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. L-informazzjoni għandha tkun disponibbli f'format li jippermetti li d-dejta tkun tista' titfittex, tiġi estratta u faċilment ippubblikata fuq l-internet, pereżempju f'format CSV jew XML.

<sup>(50)</sup> Mhemmx b'żonn li tiġi ppubblikata informazzjoni fuq ghajjnuna mogħtija qabel l-1 ta' Lulju 2016 u, għal ghajjnuna fiskali, mhemmx b'żonn li tiġi ppubblikata informazzjoni fuq ghajjnuna mitluba jew mogħtija qabel l-1 ta' Lulju 2016.

- (132) Għal raġunijiet ta' trasparenza, l-Istati Membri jridu jwettqu rapportar u revizzjoni kif mitlub fil-Kapitolu 2 tal-Parti III ta' dawn il-Linji Gwida.

## PARTI II. KATEGORIJI TA' GĦAJNUNA

### **Kapitolu 1. Għajnuna favur l-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli**

#### 1.1. Miżuri dwar l-iżvilupp rurali

##### 1.1.1. Għajnuna għall-investiment

- (133) Din it-Taqsima tapplika għall-investiment fl-azjendi agrikoli marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja, l-investiment b'rabta mal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli.

- (134) Kull għajnuna għall-investiment skont it-Taqsimiet 1.1.1.1, 1.1.1.2, 1.1.1.3. u 1.1.1.4. tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida trid tikkonforma ma' dawn il-kundizzjonijiet: meta organizzazzjoni tas-suq komuni, inklużi skemi ta' appoġġ dirett, iffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG) tqiegħed restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni jew limitazzjonijiet fuq l-appoġġ tal-Unjoni fil-livell tal-impriżi individwali, l-azjendi jew l-impjanti tal-ipproċessar, l-ebda investiment li jżid il-produzzjoni aktar minn dawk ir-restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet ma jista' jirċievi appoġġ b'għajnuna mill-Istat.

##### 1.1.1.1. Għajnuna għal investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli fuq azjendi agrikoli marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja

- (135) Il-Kummissjoni se tqis għajnuna għall-investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli f'azjendi agrikoli relatati mal-produzzjoni agrikola primarja kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk din tkun konformi mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawk il-Linji Gwida, il-kundizzjoni ġenerali għall-għajnuna għal investiment stabbilita fil-punt (134) ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

- (136) Din it-Taqsima tapplika għall-investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli f'azjendi agrikoli marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja. L-investiment jitwettaq minn benefiċjarju wieħed jew aktar jew jikkonċerna assi tanġibbli jew assi intanġibbli użati minn benefiċjarju wieħed jew aktar.

- (137) Din it-Taqsima tapplika wkoll għall-investiment f'assi tanġibbli u intanġibbli relatat mal-produzzjoni ta' bijokarburanti jew ta' enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli jew il-produzzjoni ta' bijokarburanti f'azjendi, li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) meta l-investiment isir għall-produzzjoni tal-bijokarburanti fis-sens tad-Direttiva 2009/28/KE<sup>(51)</sup> f'azjendi agrikoli, il-faċilitajiet ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli huma eliġibbli biss għall-għajnuna jekk il-kapaċità ta' produzzjoni tagħhom ma tkunx aktar mill-medja tal-konsum annwali ta' karburant għat-trasport tal-azjenda agrikola; il-bijokarburant prodott ma għandux jinbiegħ fis-suq;

(b) meta l-investiment isir fil-produzzjoni ta' enerġija termali u/jew l-elettriku minn sorsi rinnovabbli f'azjendi agrikoli, il-faċilitajiet ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli huma eliġibbli għall-għajnuna biss jekk dawn ikollhom l-għan li jaqdu l-ħtiġijiet tagħhom tal-enerġija u jekk il-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom ma tkunx aktar mill-medja ta' konsum enerġetiku annwali kkombinat ta' enerġija termali u elettriku fl-azjenda agrikola, inkluż fl-unità domestika agrikola; fir-rigward tal-elettriku, huwa permess il-bejgħ ta' elettriku fil-grilja, sakemm jitħares il-limitu ta' konsum proprju annwali.

- (138) Meta aktar minn azjenda agrikola waħda tagħmel l-investiment għall-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli bil-għan li sservi l-ħtiġijiet tagħha tal-enerġija jew għall-produzzjoni ta' bijokarburanti f'azjendi, il-konsum medju annwali hu akkumulat sal-ammont ekwivalenti tal-konsum annwali medju ta' kull benefiċjarju.

- (139) L-Istati Membri jridu jeżiġu konformità mal-istandards minimi għall-effiċjenza enerġetika għall-investimenti finfrastruttura tal-enerġija rinnovabbli li jikkunsmaw jew jipproduċu l-enerġija, fejn tali standards jeżistu fil-livell nazzjonali.

- (140) L-investimenti fl-installazzjonijiet, li l-għan primarju tagħhom huwa l-produzzjoni tal-elettriku mill-bijomassa, mhumiex eliġibbli għall-għajnuna sakemm ma jiġix utilizzat perċentwal minimu ta' enerġija, li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri.

<sup>(51)</sup> Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

- (141) L-Istati Membri jridu jstabbilixxu l-livelli limitu għall-proporzjonijiet massimi ta' ċereali u ghelejjele oħra b'kontenut rikk ta' lamtu, zokkor u ghelejjele taż-żejt użati għall-produzzjoni tal-bijoenerġija, inkluż il-bijokarburanti, għal tipi differenti ta' installazzjonijiet. L-għajnuna għall-proġetti tal-bijoenerġija trid tkun limitata għall-bijoenerġija li tissodisfa l-kriterji ta' sostenibbiltà applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkluż l-Artikolu 17(2) sa (6) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (142) Jekk il-kapaċità tal-produzzjoni tal-installazzjoni taqbeż il-konsum annwali medju tal-benefiċjarju jew tal-benefiċjarji kif jissewma fil-punti (137) u (138) ta' dawn il-Linji Gwida, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020 diment li din l-għajnuna ma tkunx eżentata mill-obbligu ta' notifika.
- (143) L-investiment irid jsegwi tal-inqas wieħed mill-għanijiet li ġejjin:
- (a) it-titjib tal-prestazzjoni globali u s-sostenibbiltà tal-azjenda agrikola, b'mod partikolari permezz ta' tnaqqis fl-ispejjeż ta' produzzjoni jew it-titjib u t-tqassim mill-ġdid ta' produzzjoni;
  - (b) it-titjib tal-ambjent naturali, l-istandards tal-iġjene jew l-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali, sakemm l-investiment ikkonċernat ikollu l-għan li jmur lil hinn mill-istandard tal-Unjoni fis-seħħ;
  - (c) il-ħolqien u t-titjib ta' infrastruttura relatata mal-iżvilupp, l-adattament u l-immodernizzar tal-agrikoltura, inkluż aċċess għal art tal-farm, konsolidazzjoni tal-art u titjib tal-art, il-forniment u l-iffrankar tal-enerġija u tal-ilma;
  - (d) il-kisba tal-għanijiet agroambjentali klimatiċi, inkluż l-istatus ta' konservazzjoni tal-bijodiversità tal-ispeċijiet u l-habitats kif ukoll it-titjib tal-valur tal-kumditajiet pubbliċi ta' żona ta' Natura 2000 jew sistemi oħra ta' valur naturali għoli, sakemm l-investimenti ma jkunux produttivi;
  - (e) it-treġġiġh lura tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li ġarrbet danni minn diżastri naturali, okkorrenzi eċċezzjonali jew avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jkunu assimilati ma' diżastri naturali, il-mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti, l-annimali protetti u l-prevenzjoni u l-mitgazzjoni tar-riskju tad-danni kkawżati minn dawk l-avvenimenti u l-fatturi msemmija qabel;
  - (f) jissodisfa l-istandards skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-punt (148) ta' hawn taħt.

#### L-ispejjeż eliġibbli

(144) L-għajnuna tkopri l-ispejjeż eliġibbli li ġejjin:

- (a) il-konstruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-lokazzjoni, jew it-titjib tal-proprjetà immobbli, bl-art mixtrija eliġibbli biss sa limitu li ma jaqbiżx l-10% tal-ispejjeż totali eliġibbli tal-operazzjoni kkonċernata; f'każijiet eċċezzjonali u ġġustifikati kif xieraq, perċentwal ogħla jista' jiġi awtorizzat għal operazzjonijiet li jikkonċernaw il-konservazzjoni ambjentali;
- (b) ix-xiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;
- (c) spejjeż ġenerali relatati man-nefqa msemmija fil-punti (a) u (b), bħal tariffi tal-perit, tal-ingenier u dawk ta' konsultazzjoni, tariffi li għandhom x'jaqsmu ma' konsulenza dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inklużi studji tal-fattibbiltà; l-istudji tal-fattibbiltà jibqgħu spejjeż eliġibbli anki meta abbażi tar-riżultati tagħhom ma tiġġarrab ebda nefqa skont il-punt (a) u (b);
- (d) l-akkwist jew l-iżvilupp ta' softwer tal-kompjuter u l-akkwist ta' privati, liċenzji, drittijiet tal-awtur u marki kummerċjali.
- (e) spejjeż għal investimenti mhux produttivi marbutin mal-għanijiet imsemmijin fil-punt (143)(d) hawn fuq;
- (f) fil-każ ta' investiment li għandu l-għan li jirrestawra l-potenzjal ta' produzzjoni agrikola li ġarrbet ħsara minħabba diżastri naturali, okkorrenzi eċċezzjonali jew avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti u annimali protetti, l-ispejjeż jistgħu jinkludu l-ispejjeż imġarrbin għar-restawrazzjoni tal-potenzjal ta' produzzjoni sal-livell preċedenti li kien hemm qabel ma seħħew dawk l-avvenimenti;

- (g) fil-każ ta' investimenti bl-għan li jipprevjenu ħsara kkaġunata minn diżastri naturali, okkorrenzi eċċez-zjonali, avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, mard tal-annimali u pesti tal-pjanti u minn annimali protetti, l-ispejjeż eliġibbli jistgħu jinkludu l-ispejjeż ta' azzjonijiet speċifiċi ta' prevenzjoni bl-għan li jnaqqsu l-konsegwenzi tat-tali avvenimenti probabbli.
- (145) L-għajnuna ma tistax tingħata fir-rigward ta' dawn li ġejjin:
- (a) ix-xiri ta' drittijiet tal-produzzjoni, intitolamenti tal-pagamenti u pjanti annwali;
  - (b) it-tħawwil ta' pjanti annwali;
  - (c) ix-xiri ta' annimali;
  - (d) investimenti biex tinżamm konformità ma' standards tal-Unjoni li huma fis-seħħ;
  - (e) spejjeż, minbarra dawk imsemmijin fil-punt (144) marbutin ma' kuntratti ta' lokazzjoni, bħall-marġni ta' lokatur, spejjeż ta' rifinanzjament tal-imgħax, spejjeż ġenerali u miżati tal-assigurazzjoni.
  - (f) il-kapital tax-xogħol;
- (146) B'deroga mill-punt (145)(c), għajnuna tista' tingħata għax-xiri ta' annimali bil-għan ta' punt (143)(e) ta' dawn il-Linji Gwida.
- (147) B'deroga mill-punt (145)(c), għajnuna tista' tingħata għax-xiri ta' annimali tat-tgħammir bil-għan li titjeb il-kwalità ġenetika tal-merħla, diment li dan ix-xiri jikkonforma ma' dawn il-kundizzjonijiet:
- (a) il-Kummissjoni tqis li t-titjeb fil-kwalità ġenetika tal-merħla jista' jinkiseb b'mod ġenerali permezz ta' inseminazzjoni artifiċjali b'materjal ġenetiku ta' annimali ta' kwalità għolja. Madankollu, din tagħraf li l-prattiki ta' ġestjoni jillimitaw b'ċertu mod l-użu tal-inseminazzjoni artifiċjali fil-bhejjem tal-laħam taċ-ċanga, in-nagħaġ u l-mogħoż; għalhekk l-għajnuna tista' tingħata biss għax-xiri ta' annimali għat-tnissil biex tittejjeb il-kwalità ġenetika tal-mergħa fil-bhejjem tal-laħam taċ-ċanga, in-nagħaġ u l-mogħoż;
  - (b) għandu jkun eliġibbli biss l-investment maħsub biex itejjeb il-kwalità ġenetika tal-istokk permezz tax-xiri ta' annimali għat-tnissil ta' kwalità għolja, kemm irġiel u nisa li ġew irreġistrati f'kotba tal-mergħa; fil-każ ta' sostituzzjoni tal-istokk eżistenti għat-tnissil, tista' tingħata għajnuna biss għas-sostituzzjoni ta' annimali li ma kinux irreġistrati fi ktieb tal-mergħa;
  - (c) bdiewa attivi biss huma eliġibbli għall-għajnuna;
  - (d) għandhom jinxtraw biss dawk l-annimali li jiżguraw potenzjal riproduttiv ottimali għal ċertu perjodu ta' żmien; għalhekk, annimali nisa biss mixtrijin qabel ma jwelledu l-ewwel wild tagħhom għandhom ikunu eliġibbli;
  - (e) l-animali mixtrija jridu jinżammu tal-inqas erba' snin fil-mergħa.
- (148) B'deroga mill-punt (145)(d), tista' tingħata għajnuna biex jintlaħqu standards, iżda b'dawn il-kundizzjonijiet:
- (a) lill-bdiewa zġhażagh li jidħlu għall-ewwel darba f'azjenda agrikola bħala kap tal-azjenda fir-rigward tal-investimenti biex jikkonformaw mal-istandards tal-Unjoni li japplikaw għall-produzzjoni agrikola, inkluż is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; tali għajnuna tista' tingħata għal massimu ta' 24 xahar mid-data tal-bidu tal-attività;
  - (b) Il-Kroazja tista' tagħti għajnuna għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati<sup>(52)</sup> fi żmien massimu ta' erba' snin mid-data ta' Adeżjoni skont l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 5(1) ta' dik id-Direttiva;
  - (c) meta l-liġi tal-Unjoni timponi rekwiżiti ġodda fuq l-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja, tista' tingħata għajnuna għall-investimenti biex jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti għal perjodu massimu ta' 12-il xahar mid-data li fiha r-rekwiżiti jkunu saru obbligatorji għall-impriża kkonċernata.

<sup>(52)</sup> Ara l-punt ta' qiegħ il-paġna 64 ta' dawn il-Linji Gwida.



(149) Fir-rigward tat-tisqija f'żoni msoqqija eżistenti jew ġodda, l-investimenti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin ser jitqiesu bħala spejjeż eliġibbli:

- (a) pjan ta' ġestjoni tal-baċin tax-xmara, kif meħtieġ skont it-termini tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma ġie kkomunikat lill-Kummissjoni għaż-żona sħiħa fejn ikun ser isir l-investment, kif ukoll fi kwalunkwe żona oħra li l-ambjent tagħha jista' jiġi milqut mill-investment; il-miżuri li jidħlu fis-seħħ taħt il-pjan ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara skont l-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva u tar-rilevanza għas-settur agrikolu ġew speċifikati fil-programm ta' miżuri rilevanti;
- (b) bħala parti mill-investment hemm jew irid ikun hemm fis-seħħ kejl tal-ilma li jippermetti li jitkejjel l-użu tal-ilma fil-livell tal-investment appoġġjat;
- (c) investment fit-titjib ta' installazzjoni ta' tisqija eżistenti jew element ta' infrastruttura tat-tisqija huma eliġibbli biss jekk jiġu vvalutati ex-ante bħala li joffru ffrankar ta' ilma potenzjali ta' mill-anqas bejn 5 u 25 % skont il-parametri tekniċi tal-installazzjonijiet jew l-infrastruttura eżistenti; jekk l-investment jaffettwa korpi tal-ilma tal-wiċċ jew ta' taħt l-art li l-istat tagħhom ġie identifikat bħala mhux daqshekk tajjeb fil-pjan ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara rilevanti għal raġunijiet relatati mal-kwantità tal-ilma:
- (i) l-investment irid jiżgura tnaqqis effettiv fl-użu tal-ilma, fil-livell tal-investment, li jammonta għal tal-anqas 50 % tal-iffrankar potenzjali ta' ilma li jkun possibbli permezz tal-investment;
- (ii) fil-każ ta' investment f'impriża agrikola waħda, dan irid iwassal ukoll għal tnaqqis fl-użu totali ta' ilma mill-azjenda agrikola li jammonta għal tal-anqas 50 % tal-iffrankar potenzjali ta' ilma li jkun possibbli fil-livell tal-investment; l-użu totali ta' ilma tal-azjenda jrid jinkludi l-ilma mibjugħ mill-azjenda:
- L-ebda waħda mill-kundizzjonijiet tal-punti (c) ma għandha tapplika għal investment f'installazzjoni eżistenti li tolqot biss l-effiċjenza enerġetika jew investment fil-ħolqien ta' ġibjun jew investment fl-użu tal-ilma riċiklat li la jolqot korp ta' ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ;
- (d) investment li jirriżulta f'żieda netta taż-żona li tissaqqa li jaffettwa medda partikolari ta' ilma tal-wiċċ jew ta' taħt l-art għandu jkun eliġibbli biss jekk:
- (i) l-istat tal-korp tal-ilma ma jkunx ġie identifikat bħala mhux daqshekk tajjeb fil-pjan ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara rilevanti għal raġunijiet relatati mal-kwantità tal-ilma; u
- (ii) analiżi ambjentali turi li mhu ser ikun hemm l-ebda impatt ambjentali negattiv sinifikanti mill-investment. Tali analiżi tal-impatt ambjentali trid titwettaq mill-awtorità kompetenti jew tiġi approvata mill-awtorità kompetenti u tista' tirreferi wkoll għal gruppi ta' azjendi;
- (e) b'deroga mill-punt (d)(i), l-investimenti li jwasslu għal żieda netta fiż-żona li tissaqqa xorta jistgħu jkunu eliġibbli jekk:
- (i) l-investment ikun flimkien ma' investment f'installazzjoni ta' tisqija eżistenti jew element ta' infrastruttura tat-tisqija vvalutati ex-ante bħala li joffru ffrankar ta' ilma potenzjali ta' mill-anqas bejn 5 % u 25 % skont il-parametri tekniċi tal-installazzjoni jew l-infrastruttura eżistenti; u
- (ii) l-investment jiżgura tnaqqis effettiv fl-użu tal-ilma, fil-livell tal-investment kollu kemm hu, li jammonta għal tal-anqas 50 % tal-iffrankar potenzjali ta' ilma li jkun possibbli permezz tal-investment fl-installazzjoni tat-tisqija jew l-element tal-infrastruttura eżistenti;
- (f) b'deroga mill-punt (d)(i), il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni ma japplikawx għal investimenti fit-twaqqif ta' sistema ta' tisqija ġdida fornita b'ilma minn ġibjun eżistenti approvat mill-awtoritajiet kompetenti qabel il-31 ta' Ottubru 2013, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (i) il-ġibjun inkwistjoni jkun identifikat fil-pjan ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara rilevanti u jkun soġġett għar-rekwiżiti ta' kontroll previsti fl-Artikoli 11(3)(e) tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma;
- (ii) fil-31 ta' Ottubru 2013, kien hemm fis-seħħ limitu massimu fuq l-estrazzjonijiet totali mill-ġibjun jew livell minimu meħtieġ ta' fluss fl-ilmijiet affettwati mill-ġibjun;

- (iii) dak il-limitu massimu jew il-livell minimu meħteġ ta' fluss li jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma; u
  - (iv) l-investment inkwistjoni ma jirriżultax festrazzjonijiet li jmorru lil hinn il-limitu massimu fis-seħħ fil-31 ta' Ottubru 2013 jew jirriżulta fi tnaqqis fil-livell ta' fluss fil-korpi tal-ilma affettwati taħt il-livell minimu meħteġ fis-seħħ fil-31 ta' Ottubru 2013.
- (150) Iż-żoni li ma jissaqgawx iżda fejn reċentement kienet attiva installazzjoni ta' tisqija, li għandhom jiġu stabbiliti u ġġustifikati mill-Istati Membri, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala żoni misqija għall-fini li tiġi stabbilita ż-żieda netta fiż-żona misqija.
- (151) Mill-1 ta' Jannar 2017, fil-każ tat-tisqija, l-għajnuna jistgħu jħallsuha l-Istati Membri li jistgħu jiżguraw li fir-rigward tad-distrett tal-baċin tax-xmara fejn isir l-investment, tingħata kontribuzzjoni tal-użi differenti tal-ilma għall-irkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma mis-settur agrikolu, f'konformità mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/60/KE filwaqt li meta jixraq, jitqiesu l-effetti soċjali, ambjentali u ekonomiċi tal-irkupru u l-kundizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi tar-reġjuni jew reġjuni milquta.

#### L-intensità tal-għajnuna

(152) L-intensità tal-għajnuna ma tistax taqbeż:

- (a) 75 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi;
  - (b) 75 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli eliġibbli fil-Gżejjer minuri tal-Eġew;
  - (c) 75 % tal-ammont ta' spejjeż eliġibbli fil-Kroazja għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati skont il-punt (148)(b) ta' dawk il-Linji Gwida;
  - (d) 50 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli freġjuni anqas żviluppatti u fir-reġjuni kollha li l-PDG *per capita* tagħhom għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 kien inqas minn 75 % tal-medja tal-UE-25 għall-perjodu ta' referenza imma li l-PDG *per capita* tagħhom jaqbeż il-75 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27;
  - (e) 40 % tal-ammont tal-investment eliġibbli freġjuni oħrajn;
  - (f) 30 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli għax-xiri ta' annimali għat-tnissil imsemmijin fil-punt (147).
- (153) Ir-rati tal-għajnuna msemmija fil-punt (152) jistgħu jiżiedu b'20 punt perċentwali, sakemm l-għajnuna massima kkombinata ma tkunx taqbeż id-90 % għal ta' dan li ġej:
- (a) bdiewa żgħażaġh jew bdiewa li ilhom stabbiliti matul il-ħames snin qabel id-data tal-applikazzjoni għall-għajnuna;
  - (b) investimenti kollettivi, bħal faċilitajiet tal-ħżin li juża l-grupp ta' bdiewa jew faċilitajiet fejn jitħejjew il-prodotti agrikoli qabel il-kummerċjalizzazzjoni; investimenti kollettivi, bħalma huma faċilitajiet ta' ħżin li jintużaw minn grupp ta' bdiewa jew faċilitajiet biex jiġu ppreparati l-prodotti agrikoli qabel il-kummerċjalizzazzjoni, u proġetti integrati li jkopru diversi miżuri li hemm stipulazzjoni dwarhom fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013, inklużi dawk marbuta ma' fużjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtture;
  - (c) investimenti f'żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013;
  - (d) operazzjonijiet iffinanzjati fil-qafas tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP), bħalma huwa investment fi stalla ġdida, li jippermettu l-ittestjar ta' Prattika ġdida ta' akkomodazzjoni tal-annimali, li tkun ġiet żviluppata fi grupp operazzjonali kompost minn bdiewa, xjentisti, u organizzazzjonijiet mhux governattivi tat-trattament xieraq tal-annimali;
  - (e) investimenti bil-għan li jtejbu l-ambjent naturali, il-kundizzjonijiet tal-iġjene jew l-istandards tal-benesseri tal-annimali, kif jissema fil-punt (143)(b) hawn fuq; f'dak il-każ l-intensità tal-għajnuna miżjuda prevista f'dan il-paragrafu tapplika biss għall-ispejjeż addizzjonali li hemm b'żonn biex jinkiseb livell li jaqbeż l-istandards tal-Unjoni fis-seħħ u li ma jwassalx għal żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni;
  - (f) investimenti bil-għan li jtejbu s-sostenibbiltà tal-azjenda agrikola, kif jissema fil-punt (143)(a), li huma marbuta mal-impenji agroambjentali klimatiċi u l-agrikoltura organika skont it-Taqsima 1.1.5.1 u t-Taqsima 1.1.8 tal-Parti II.

- (154) Fir-rigward ta' investimenti mhux produttivi msemmija fil-punt (143)(d) u l-investimenti li jreġġgħu lura l-potenzjal tal-produzzjoni li jissemmew fil-punt (143)(e), l-intensità massima tal-ghajjnuna ma tistax taqbeż il-100 % tal-ispejjeż eliġibbli.
- (155) Fir-rigward tal-investment tal-għanijiet preventivi fil-punt (143)(e), l-intensità massima tal-ghajjnuna ma tistax taqbeż 80 %. Madankollu, tista' tiżdied sa 100 % jekk l-investment isir b'mod kollettiv minn aktar minn benefiċjarju wieħed.
- 1.1.1.2. Ghajjnuna għal investment favur il-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali u naturali li jinsabu fuq l-azjendi agrikoli
- (156) Il-Kummissjoni se tqis ghajjnuna għall-investimenti favur il-konservazzjoni tal-wirt kulturali u naturali li jinsabu fl-impriża agrikola bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk din tkun konformi mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni, il-kundizzjoni ġenerali għall-ghajjnuna għal investment stabbilita fil-punt (134) ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (157) Din it-Taqsima tapplika għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.
- (158) L-ghajjnuna għandha tingħata għall-wirt kulturali u naturali fil-forma ta' pajsaġġi naturali u binjiet li hija formalment rikonossuta bħala patrimonju kulturali jew naturali mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Istat Membru.

#### Spejjeż eliġibbli

- (159) L-ispejjeż li ġejjin maħsuba għall-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali u naturali huma eliġibbli:
- (a) spejjeż ta' investment f'assi tanġibbli;
  - (b) xogħol kapitali.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

- (160) Japplikaw l-intensitajiet tal-ghajjnuna li ġejjin:
- (a) fil-każ ta' investimenti li għandhom l-għan ta' konservazzjoni ta' karatteristiċi tal-patrimonju produttiv li jinsabu fuq l-azjendi agrikoli u sakemm l-investment ma jinvolvi xi żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni, l-intensità tal-ghajjnuna trid tkun limitata għal
    - (i) 80 % tal-ispejjeż reali mġarrba f'żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew oħrajn speċifiċi skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013;
    - (ii) 70 % tal-ispejjeż reali mġarrba f'reġjuni anqas żviluppatti;
    - (iii) 60 % tal-ispejjeż reali mġarrba f'żoni oħra;
  - (b) meta hemm żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni, japplikaw ir-rati ta' ghajjnuna għall-investment stabbiliti fil-punti (152) u (153) ;
  - (c) ghajjnuna addizzjonali tista' tingħata b'rata li tasal sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli biex tkopri l-ispejjeż żejda mġarrba minħabba l-użu ta' materjali tradizzjonali meħtieġa biex jinżammu l-karatteristiċi tal-patrimonju tal-bini li jinsabu fl-azjendi agrikoli;
  - (d) minkejja r-regoli previsti fil-punti (a) sa (c), l-intensità massima tal-ghajjnuna tista' tasal sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli, fejn l-investment jikkonċerna infrastrutturi fuq skala żgħira;
  - (e) fil-każ ta' investimenti li għandhom l-għan li jippreservaw karatteristiċi ta' wirt mhux produttivi li jinsabu f'azjendi agrikoli, bħal karatteristiċi arkeoloġiċi jew storiċi, l-intensità tal-ghajjnuna tista' tasal sa 100 % tal-ispejjeż reali mġarrbin;
  - (f) L-ghajjnuna għax-xogħlijiet kapitali trid tkun limitata għal EUR 10 000 fis-sena.

#### 1.1.1.3. Ghajjnuna għal investment li tikkonċerna r-rilokazzjoni tal-binijiet tal-azjenda agrikola

- (161) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-investimenti li jikkonċernaw ir-rilokazzjoni tal-binjiet tal-farm bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tkun konformi mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, il-kundizzjoni ġenerali għall-ghajjnuna għal investment stabbilita fil-punt (134) u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

- (162) Din it-Taqsima tapplika għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.
- (163) Ir-rilokazzjoni ta' bini ta' farm trid issegwi għan ta' interess pubbliku. L-interess pubbliku invokat biex jiġġustifika l-ghajjnuna taħt din it-Taqsima jrid ikun speċifikat fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat.

#### Intensitajiet tal-ghajjnuna fir-rigward tal-ispejjeż eliġibbli

(164) Japplikaw l-intensitajiet tal-ghajjnuna li ġejjin:

- (a) meta rilokazzjoni ta' bini ta' farm tkun tikkonsisti fiż-żarmar, it-tneħħija u l-bini mill-ġdid ta' faċilitajiet eżistenti, l-intensità tal-ghajjnuna tista' tasal sa 100 % tal-ispejjeż proprji mġarrba għal tali attivitajiet;
- (b) meta, minbarra l-punt (a) ta' hawn fuq, ir-rilokazzjoni tirriżulta fl-immodernizzar tal-faċilitajiet jew f'żieda fil-kapaċità produttiva, japplikaw l-intensitajiet tal-ghajjnuna għall-investment kif imsemmi fil-punti (152) u (153) fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-immodernizzar tal-faċilitajiet jew iż-żieda tal-kapaċità ta' produzzjoni. Għall-finijiet ta' dan il-punt, is-sempliċi sostituzzjoni ta' bini jew faċilitajiet eżistenti b'bini jew faċilitajiet aġġornati mingħajr ma fundamentalment jinbidlu l-produzzjoni jew it-teknoloġiji involuti, mhijiex ikkunsidrata bħala relatata mal-immodernizzar;
- (c) fejn ir-rilokazzjoni tikkonċerna attivitajiet qrib stabbiliment rurali, bil-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja jew tiżdied il-prestazzjoni ambjentali tal-istabbiliment rurali u tikkonċerna infrastrutturi fuq skala żgħira, l-intensità tal-ghajjnuna tista' tasal sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

#### 1.1.1.4. Ghajjnuna għall-investimenti b'rabta mal-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli

- (165) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-investimenti relatati mal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk din tkun konformi mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mal-kundizzjoni ġenerali għall-ghajjnuna għal investment stabbilita fil-punt (134) u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (166) Ghajjnuna għal bijokarburanti mill-ikel m'għandhiex tingħata skont din it-Taqsima, ħalli jingħata inkentiv għal bidla lejn il-produzzjoni ta' għamliet aktar avvanzati ta' bijokarburanti, kif maħsub bir-regoli orizzontali dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-ambjent u l-enerġija.
- (167) Din it-Taqsima tapplika għal ghajjnuna għal investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli relatati mal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli kif jissemma fil-punt (35)11 u fil-punt (35)12.
- (168) L-Istati Membri jistgħu jagħtu ghajjnuna għal investimenti relatati mal-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, diment li din l-ghajjnuna tkun tissodisfa kull kundizzjoni ta' wieħed mill-istrumenti ta' ghajjnuna li ġejjin:
- (a) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' ghajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat<sup>(53)</sup>; jew
- (b) Linji Gwida dwar l-ghajjnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020; jew
- (c) il-kundizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dawn il-Linji Gwida.

#### L-ispejjeż eliġibbli

(169) L-ispejjeż eliġibbli skont il-punt (168)(c) iridu jkunu limitati għal:

- (a) il-kostruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-kiri, jew it-titjib tal-proprjeta immobbli, b'art mixtrija li tkun eliġibbli biss diment li ma taqbiżx l-10 % tal-ispejjeż totali eliġibbli tal-operazzjoni kkonċernata;
- (b) ix-xiri jew ix-xiri bin-nifs ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;

<sup>(53)</sup> ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1.

- (c) spejjeż ġenerali relatati man-nefqa msemmija fil-punti (a) u (b), bħal tariffi tal-perit, tal-inġinier u dawk ta' konsultazzjoni, tariffi li għandhom x'jaqsmu ma' konsulenza dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inklużi studji tal-fattibbiltà; l-istudji dwar il-fattibbiltà jibqgħu nefqa eliġibbli anki fejn, abbażi tar-riżultati tagħhom, ebda nefqa skont il-punti (a) u (b) ma tkun saret;
- (d) l-akkwist jew l-iżvilupp ta' softwer tal-kompjuter u l-akkwist ta' privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur u marki kummerċjali.

(170) L-ispejjeż li ġejjin mhumiex eliġibbli:

- (a) spejjeż, minbarra dawk imsemmijin fil-punt (169) marbutin ma' kuntratti ta' lokazzjoni, bħall-marġni ta' lokatur, spejjeż ta' rifinanzjament tal-imgħax, spejjeż ġenerali u miżati tal-assigurazzjoni.
- (b) il-kapital tax-xogħol;
- (c) spejjeż relatati mal-investimenti għall-konformità mal-istandards tal-Unjoni li huma fis-seħħ.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

(171) L-intensità massima tal-ghajjnuna skont dawn il-Linji Gwida ma tistax taqbeż:

- (a) 75 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi;
- (b) 75 % tal-ammont tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli fil-Gżejjer minuri tal-Eġew;
- (c) 50 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli tal-investiment f'reġjuni anqas żviluppatti u fir-reġjuni kollha li l-PDG *per capita* tagħhom għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 kien inqas minn 75 % tal-medja tal-UE-25 għall-perjodu ta' referenza imma li l-PDG *per capita* tagħhom huwa l fuq minn 75 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27;
- (d) 40 % tal-ammont tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli f'reġjuni oħrajn.

(172) Ir-rati ta' ghajjnuna msemmija fil-punt (171) ta' hawn fuq jistgħu jżiedu b'20 punt perċentwali, sakemm l-intensità tal-ghajjnuna massima ma taqbiżx 90 % għal operazzjonijiet:

- (a) marbuta ma' fużjoni ta' organizzazzjonijiet produtturi; jew
- (b) appoġġjati fil-qafas tal-EIP.

(173) Ghajjnuna individwali li taqbeż il-limitu ta' notifika msemmi fil-punt (37)(a) trid tiġi notifikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

#### 1.1.2. *Ghajjnuna biex jinbeda negozju għal bdiewa żgħażaġh u għall-iżvilupp ta' farms żgħar*

(174) Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-ghajjnuna biex jinbeda negozju għall-bdiewa żgħażaġh u ghajjnuna biex jinbeda negozju għall-iżvilupp ta' farms żgħar kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(175) Din it-Taqsima tapplika għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.

(176) L-ghajjnuna tingħata lil bdiewa żgħażaġh kif spjegat fil-punt (35).29 ta' dawn il-Linji Gwida, li huma impriżi mikro u żgħar jew lil farms żgħar. Farms żgħar iridu jkunu definiti mill-istati Membri fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u jridu jkunu limitati għal impriżi mikro u żgħar.

(177) L-Istati Membri jridu jiddefinixxu l-livelli limitu superjuri u inferjuri ta' ghajjnuna għall-aċċess f'termini ta' potenzjal ta' produzzjoni tal-azjenda agrikola, imkejjel f'produzzjoni standard, kif definit fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1242/2008<sup>(54)</sup>, jew ekwivalenti, għal aċċess għal ghajjnuna tal-bidu għal bdiewa żgħażaġh u l-iżvilupp ta' farms żgħar. Il-livell limitu inferjuri għall-aċċess għal ghajjnuna tal-bidu għall-bdiewa żgħażaġh irid ikun ogħla mil-livell limitu superjuri għall-aċċess għal ghajjnuna għall-iżvilupp ta' farms żgħar.

<sup>(54)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1242/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi tipoloġija Komunitarja għall-azjendi agrikoli (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 3).

- (178) Meta l-ghajjnuna tingħata lill-bidwi żgħażugħ li qed jistabbilixxi azjenda fil-forma ta' persuna legali, il-bidwi żgħażugħ għandu jeżerċita kontroll effettiv u fuq żmien twil fuq il-persuna legali fir-rigward ta' deċizzjonijiet relatati mat-tmexxija, il-benefiċċji u r-riskji finanzjarji. Meta diversi persuni fiżiċi, inkluż persuni li mhumiex bdiewa żgħażagħ, għandhom sehem fil-kapital jew fit-tmexxija tal-persuna legali, il-bidwi żgħażugħ għandu jkun kapaċi li jeżerċita kontroll effettiv u fuq żmien twil bħal dan jew waħdu jew b'mod konġunt flimkien ma' persuni oħra. Meta persuna legali hija kkontrollata b'mod uniku jew konġunt minn persuna legali oħra, dawn ir-rekwiżiti għandhom japplikaw għal kull persuna fiżika li għandha l-kontroll fuq dik il-persuna legali l-oħra.
- (179) L-ghajjnuna trid tingħata bil-kundizzjoni li jiġi sottomess pjan ta' direzzjoni tan-negozju lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, li l-implimentazzjoni tiegħu trid tibda fi żmien disa' xhur mid-data tal-adozzjoni tad-deċizzjoni ta' għoti tal-ghajjnuna.
- (180) Fil-każ ta' ghajjnuna għal bdiewa żgħażagħ, il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju jrid jistabbilixxi li l-benefiċjarju jrid jikkonforma mad-definizzjoni ta' bidwi attiv prevista fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, fi żmien 18-il xahar mid-data tat-twaqqif.
- (181) Madankollu, meta l-bidwi żgħażugħ ma jkollux hiliyet u kompetenzi okkupazzjonali xierqa, dan ikun intitolat li jirċievi ghajjnuna, diment li jimpenja ruħu li jikseb dawk il-hiliyet u kompetenzi okkupazzjonali fi żmien 36-il xahar mid-data tal-adozzjoni tad-deċizzjoni dwar l-għoti tal-ghajjnuna. Dak l-impenn għandu jiġi inkluż fil-pjan ta' direzzjoni tan-negozju.
- (182) Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju jrid jiddeskrivi dawn li ġejjin:
- (a) fil-każ ta' ghajjnuna tal-bidu lil bdiewa żgħażagħ:
- (i) is-sitwazzjoni inizjali tal-azjenda agrikola;
  - (ii) il-kisbiet u l-miri għall-iżvilupp tal-attivitajiet tal-azjenda agrikola;
  - (iii) dettalji tal-azzjonijiet inklużi dawk relatati mas-sostenibbiltà ambjentali u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, meħtieġa għall-iżvilupp tal-attivitajiet tal-azjenda agrikola, bħal investimenti, taħriġ, pariri jew kwalunkwe attività oħra;
- (b) fil-każ ta' ghajjnuna tal-bidu għall-iżvilupp ta' farms żgħar:
- (i) is-sitwazzjoni inizjali tal-azjenda agrikola; u
  - (ii) dettalji tal-azzjonijiet inklużi dawk marbutin mas-sostenibbiltà ambjentali u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, li jistgħu jsostnu l-kisba tal-vijabbiltà ekonomika, bħal investimenti, taħriġ, kooperazzjoni jew kwalunkwe azzjoni oħra.]
- (183) L-ghajjnuna trid tiġi pprovduta jew titħallas tal-inqas f'żewġ ħlasijiet parzjali jew bin-nifs fuq perjodu ta' ħames snin. Għall-bdiewa żgħażagħ, l-aħħar ghajjnuna jew l-aħħar ħlas bin-nifs tal-ghajjnuna jrid ikun kundizzjonali għall-implimentazzjoni korretta tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju msemmi fil-punt (179).

#### L-intensità tal-ghajjnuna

- (184) L-ghajjnuna massima trid tkun limitata għal EUR 70 000 għal kull bidwi żgħażugħ u EUR 15 000 għal kull farm żgħir. L-Istati Membri jridu jiddefinixxu l-ammont ta' ghajjnuna għal bdiewa żgħażagħ filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni soċjoekonomika taż-żona kkonċernata.

#### *1.1.3. Ghajjnuna għat-trasferiment ta' azjendi agrikoli*

- (185) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għat-trasferiment ta' azjendi agrikoli bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (186) Din it-Taqsima tapplika għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja li jittrasferixxu l-azjenda agrikola tagħhom b'mod permanenti lil impriża oħra attiva fil-produzzjoni agrikola primarja.
- (187) L-ghajjnuna tingħata lill-impriżi, eliġibbli biex jieħdu sehem fl-iskema tal-bdiewa żgħażagħ, stabbilita bit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, li fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal ghajjnuna tagħhom, ikun ilhom eliġibbli għal tal-inqas sena u li jieħdu impenn li jittrasferixxu b'mod permanenti l-azjenda agrikola kollha tagħhom u l-intitolamenti ta' pagament korrispondenti lil impriża oħra.

(188) L-ghajjnuna trid titħallas bħala pagament annwali jew bħala pagament ta' darba.

(189) L-ghajjnuna trid titħallas mid-data tat-trasferiment tal-azjenda agrikola sal-31 ta' Diċembru 2020.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

(190) L-ghajjnuna tikkorrispondi għal 120 % tal-pagament annwali li l-benefiċjarju huwa eliġibbli li jirċievi mill-iskema tal-farms żgħar.

#### 1.1.4. *Ghajjnuna inizjali għal gruppi u organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur agrikolu*

(191) Il-Kummissjoni għandha fehma pożittiva fir-rigward tal-ghajjnuna inizjali għal gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet ta' produtturi peress li din toħloq inċentiv sabiex il-bdiewa jingħaqdu flimkien. Għaldaqstant, ser tqis l-ghajjnuna inizjali għal gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet ta' produtturi kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(192) Din it-Taqsima tapplika għas-settur agrikolu kollu <sup>(55)</sup>.

(193) Huma biss il-gruppi jew l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li ġew uffiċjalment rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat abbażi ta' preżentazzjoni ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju li huma eliġibbli għall-ghajjnuna.

(194) L-ghajjnuna tal-bidu trid tingħata soġġett għall-obbligu tal-Istat Membru li jivverifika li l-għanijiet tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju ntlaħqu fi żmien ħames snin mid-data tar-rikonoxximent uffiċjali tal-grupp jew l-organizzazzjoni ta'produtturi.

(195) Il-ftehimiet, id-deċizzjonijiet u l-prattiki miftiehma li ġew konklużi fil-qafas tal-grupp jew l-organizzazzjoni ta' produtturi għandhom jikkonformaw mar-regoli dwar il-kompetizzjoni kif japplikaw bis-saħħa tal-Artikoli 206 sa 210 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(196) Bħala alternattiva li tiġi pprovduta għajjnuna tal-bidu għall-gruppi u l-organizzazzjonijiet ta' produtturi, tista' tingħata għajjnuna sal-istess ammont globali direttament lill-produtturi biex jagħmlu tajjeb għall-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-ispejjeż tat-tmexxija tal-gruppi jew l-organizzazzjonijiet matul l-ewwel ħames snin wara l-formazzjoni tal-grupp jew tal-organizzazzjoni.

(197) L-Istati Membri jistgħu jibqgħu jagħtu għajjnuna tal-bidu lill-gruppi ta' produtturi anki wara li jkunu ġew rikonoxxuti bħala organizzazzjonijiet ta' produtturi skont il-kundizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(198) L-ghajjnuna trid tkun limitata għal gruppi ta' produtturi u organizzazzjonijiet ta' produtturi li għandhom definizzjoni ta' SMEs <sup>(56)</sup>. Il-Kummissjoni mhijiex ser tawtorizza għajjnuna mill-Istat għall-ispejjeż koperti minn din it-Taqsima favur intrapiżi kbar <sup>(57)</sup>.

(199) L-iskemi ta' għajjnuna awtorizzati taħt din it-Taqsima ser ikunu soġġetti għal kundizzjoni li teħtieġ li huma jaġġustaw biex titqies kwalunkwe bidla fir-regolamenti li jirregolaw l-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli.

#### L-ispejjeż eliġibbli

(200) L-ispejjeż eliġibbli jistgħu jinkludu l-ispejjeż ta' kiri ta' bini xieraq, ix-xiri ta' tagħmir tal-uffiċċju, inkluż hardwer u softwer tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-persunal amministrattiv, l-ispejjeż ġenerali u t-tariffi legali u amministrattivi. Fejn jinxtara bini, l-ispejjeż eliġibbli għal bini jridu jkunu limitati għal spejjeż ta' kera b'rati tas-suq.

(201) Ma tistax tingħata għajjnuna lil:

- (a) organizzazzjonijiet tal-produtturi, entitajiet jew korpi, bħalma huma kumpaniji jew kooperattivi, li l-għan tagħhom huwa l-ġestjoni ta' azjenda agrikola waħda jew aktar u li huma għalhekk produtturi uniċi;

<sup>(55)</sup> Ara d-definizzjoni ta' settur agrikolu fil-punt (35)2 ta' dawn il-Linji Gwida.

<sup>(56)</sup> Ara d-definizzjoni ta' SME fil-punt (35)13 ta' dawn il-Linji Gwida.

<sup>(57)</sup> Ara d-definizzjoni ta' intrapiża kbira fil-punt (35)14 ta' dawn il-Linji Gwida.

- (b) assoċjazzjonijiet agrikoli, li jagħmlu kompiti, bħalma huma appoġġ reċiproku u għajjnuna lill-farms u servizzi ta' ġestjoni tal-farms, fl-azjendi tal-membri mingħajr ma jkunu involuti fl-adattament konġunt tal-provvista lis-suq;
- (c) gruppi, organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet ta' produttori li l-għanijiet tagħhom mhumiex kompatibbli mal-Artikolu 152(1)(c) u (3) u mal-Artikolu 156 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (202) L-għajjnuna trid titħallas bħala għajjnuna b'rata fissa f'pagamenti akkont annwali għall-ewwel ħames snin mid-data li fiha l-grupp jew l-organizzazzjoni tal-produtturi ġie rikonoxxut b'mod uffiċjali mill-awtorità kompetenti abbażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tiegħu. L-Istati Membri jridu jħallsu biss l-aħħar parti wara li jkunu vverifikaw l-implimentazzjoni korretta tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju.
- (203) L-għajjnuniet li jingħataw lil grupp jew assoċjazzjonijiet ta' produttori biex ikopru l-ispejjeż li mhumiex marbuta ma' spejjeż tal-bidu, bħal investimenti jew attivitajiet ta' promozzjoni, ser jiġu vvalutati skont ir-regoli li jirregolaw dan it-tip ta' għajjnuniet.

#### L-intensità tal-għajjnuna

- (204) L-intensità tal-għajjnuna trid tkun limitata għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.
- (205) L-ammont totali tal-għajjnuna jrid ikun limitat għal EUR 500 000. L-għajjnuna trid tkun digressiva.
- 1.1.5. *L-għajjnuna għall-impenji agroambjentali klimatiċi u ta' trattament xieraq tal-annimali*
- (206) Din it-Taqsima tapplika għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.
- 1.1.5.1. *L-għajjnuna għall-impenji agri-ambjent-klima*
- (207) Il-Kummissjoni ser tqis l-għajjnuna għal impenji agroambjentali klimatiċi bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (208) Din it-Taqsima tapplika għall-għajjnuna lill-impriżi u l-grupp tat-tali impriżi li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu f'impenn agroambjentali klimatiku wieħed jew aktar fuq l-art agrikola li għandhom jiġu ddefiniti mill-Istati Membri, inkluż iżda mhux limitat għall-erja agrikola kif iddefinita skont il-punt (35)50 ta' dawn il-Linji Gwida.
- (209) Din il-miżura għandu jkollha l-għan li tippreserva kif ukoll tippromwovi l-bidliet meħtieġa fil-prattiki agrikoli li jagħtu kontribuzzjoni pożittiva għall-ambjent u l-klima.
- (210) L-għajjnuna se tkopri biss dawk l-impenji volontarji li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti skont il-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-kriterji rilevanti u l-attivitajiet minimi kif stabbiliti skont il-punti (c)(ii) u (c)(iii) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, rekwiżiti minimi rilevanti għall-użu ta' fertilizzanti u prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti kif ukoll rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħrajn stabbiliti mil-liġi nazzjonali. Dawn l-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji kollha jridu jkunu identifikati u deskritti fin-notifika lill-Kummissjoni.
- (211) L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom sabiex jiżguraw li l-impriżi li jimpenjaw ruħhom li jwettqu operazzjonijiet taħt din il-miżura jiġu pprovduti bl-għarfien u l-informazzjoni meħtieġa biex jimplimentawhom, inkluż permezz ta' pariri minn esperti relatati mal-impenn u/jew billi jagħmlu l-għajjnuna skont din il-miżura bil-kundizzjoni li jinkiseb it-taħriġ rilevanti.
- (212) L-impenji f'din il-miżura jridu jitwettqu għal perjodu ta' ħames sa seba' snin. Madankollu, meta jkun hemm bżonn li jinkisbu jew jinżammu l-benefiċċji ambjentali mfittxija, l-Istati Membri jistgħu jstabbilixxu perjodu itwal għal tipi partikolari ta' impenji, anki billi jipprovdu għall-estensjoni annwali tagħhom wara tmiem il-perjodu inizjali<sup>(58)</sup>. Fir-rigward ta' impenji ġodda li jsegwu direttament l-impenn imwettaq fil-perjodu inizjali, l-Istati Membri jistgħu jstabbilixxu perjodu iqsar.

<sup>(58)</sup> Pereżempju, fil-każ ta' sottomiżuri mmirati għar-restawr u ż-żamma tal-habitats mistaġħdra, l-għajjnuna tista' tingħata għal aktar minn seba' snin fid-dawl tal-komplessità biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.



- (213) Meta jkun rilevanti, għandu jkun hemm konformità mar-regoli għall-pagamenti relatati mal-erja stabbiliti fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u ma' kull att delegat adottat skont dik id-dispożizzjoni.
- (214) Tista' tingħata għajjnuna għall-impenji agroambjentali klimatiki għal amministraturi tal-artijiet oħra u gruppi ta' benefiċjarji minbarra impriżi attivi fis-settur agrikolu skont it-Taqsima 3.4 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida.
- (215) L-impenji skont il-miżura agroambjentali klimatika biex tiġi estiża t-trobbija tal-bhejjem iridu tal-anqas jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) il-mergħa kollha tal-azjenda trid titmexxa u tinżamm biex jiġi evitat raġa mhux biżżejjed jew eċċessiv;
  - (b) id-densità tal-bhejjem trid tiġi ddefinita filwaqt li jitqiesu l-bhejjem kollha li jirgħu miżmuma fil-farm jew, fil-każ ta' impenn għal limiti tal-lissija ta' nutrijenti, l-annimali kollha miżmuma fil-farm li huma rilevanti għall-impenn inkwistjoni.
- (216) L-impenji skont il-miżura agroambjentali klimatika għat-trobbija ta' razez lokali f'periklu li jintilfu minħabba l-biedja jew biex jiġu ppreservati riżorsi ġenetiċi tal-pjanti mhedda b'erożjoni ġenetiku jridu jeħtieġu:
- (a) li jitrabbew annimali tal-farm ta' razez lokali, adatti ġenetikament għal sistema jew ambjent wieħed jew aktar ta' produzzjoni tradizzjonali fil-pajjiż, f'periklu li jintilfu minħabba l-biedja; jew
  - (b) li jinżammu r-riżorsi ġenetiċi adattati naturalment għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali u mhedda mill-erożjoni ġenetika.
- (217) L-ispeċijiet ta' annimali tal-farm li ġejjin ser ikunu eliġibbli għall-għajjnuna: bhejjem; in-nagħaġ; il-mogħoż; l-ekwidi; il-ħnieżer u l-għasafar.
- (218) Ir-razez lokali ser jiġu kkunsidrati bħala f'periklu li jintilfu minħabba l-biedja jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin u jekk il-kundizzjonijiet jiġu deskritti u inklużi fin-notifika lill-Kummissjoni:
- (a) fil-livell nazzjonali jiġi ddikjarat in-numru ta' nisa għat-tniissil ikkonċernat;
  - (b) dak in-numru u l-istatus fil-periklu tar-razez elenkati huwa ċertifikat minn korp xjentifiku rilevanti rikonoxxut kif xieraq;
  - (c) korp rilevanti rikonoxxut kif xieraq jirreġistra u jżomm aġġornat il-ktieb tal-merħla jew ir-reġistru tal-bhejjem għar-razza;
  - (d) il-korpi kkonċernati jkollhom il-ħiliet u l-għarfien meħtieġ biex jidentifikaw l-annimali tar-razez f'periklu.
- (219) Ir-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti ser jiġu kkunsidrati bħala li huma mhedda mill-erożjoni ġenetika bil-kundizzjoni li fin-notifika lill-Kummissjoni tiġi deskritta u inklużi biżżejjed evidenza tal-erożjoni ġenetika, abbażi tar-riżultati u indikaturi xjentifiċi għat-tnaqqis tar-razez lokali/varjetajiet lokali primittivi, id-diversità tal-popolazzjoni tagħhom u fejn ikunu rilevanti għall-modifiki fil-prattiki agrikoli prevalenti fil-livell lokali.
- (220) Tista' tingħata għajjnuna għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura għall-operazzjonijiet mhux koperti mid-dispożizzjonijiet skont il-punti (208) sa (219) ta' din it-Taqsima.

#### L-ispejjeż eliġibbli

- (221) Għajjnuna, ħliet l-għajjnuna għall-operazzjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġeneriċi kif jissemma fil-punt (220), li tkopri l-kumpens lill-benefiċjarji għal kull jew għal parti mill-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf minħabba l-impenji li saru. L-għajjnuna trid tingħata darba fis-sena.

- (222) F'każijiet iġġustifikati kif xieraq, għall-operazzjonijiet li jikkonċernaw il-konservazzjoni ambjentali, l-ghajjnuna tista' tingħata bħala rata fissa jew pagament ta' darba għal kull unità għall-impenji biex jiġi rinunzjat l-użu kummerċjali ta' oqsma, ikkalkolata abbażi tal-ispejjeż addizzjonali mġarrba u dħul mitluf.
- (223) Meta jkun hemm bżonn, il-pagamenti jistgħu jkopru wkoll spejjeż tat-tranżazzjoni li jaslu sa 20 % tal-primjum imħallas għall-impenji agroambjentali klimatiċi. Meta l-impenji jidħlu għalihom gruppi ta' impriżi, il-livell massimu jrid ikun ta' 30 %.
- (224) Madankollu, jekk Stat Membru jixtieq jikkompensa għall-ispejjeż tat-tranżazzjoni kkawżati mid-dħul f'impenji agroambjentali klimatiċi, irid jipprova provi konvinċenti ta' dawk l-ispejjeż, pereżempju billi jippreżenta tqabbil bejn l-ispejjeż ma' impriżi li ma daħlux f'impenji bħal dawn. Għalhekk, normalment il-Kummissjoni mhijetx ser tawtorizza għajjnuna mill-Istat għal spejjeż tat-tranżazzjoni għall-issoktar ta' impenji li diġà dahu fihom fl-imgħoddi, sakemm Stat Membru ma jurix li dawk l-ispejjeż għadhom iseħħu jew li qegħdin jiġu imposti spejjeż ġodda tat-tranżazzjoni.
- (225) Meta l-ispejjeż tat-tranżazzjoni jiġu kkalkolati fuq il-bażi ta' spejjeż medji u/jew farms medji, l-Istati Membri għandhom juru li b'mod partikolari l-intrapriżi l-kbar mhumiex ikkompensati ż-żejjed. Għall-fini ta' kalkolu tal-kompens, l-Istati Membri jridu jqisu jekk l-ispejjeż tat-tranżazzjoni inkwistjoni humiex imġarrba għal kull impriża jew għal kull ettaru.
- (226) Ma tista' tingħata l-ebda għajjnuna taħt din il-miżura għal impenji li huma koperti mill-miżura dwar l-agrikoltura organika ddefinita fit-Taqsima 1.1.8 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida.
- (227) Ghajjnuna għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura tkopri l-ispejjeż għal dawn l-operazzjonijiet:
- (a) azzjonijiet immirati: azzjonijiet li jipromwovu konservazzjoni *in situ* u *ex situ*, karatterizzazzjoni, ġbir u użu ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura, inklużi inventarji bbażati fuq il-web ta' riżorsi ġenetiċi li bħallissa huma kkonservati *in situ*/ konservazzjoni fuq il-farm, u ta' ġabriet u databases *ex situ*;
  - (b) azzjonijiet ikkonċertati: azzjonijiet li jipromwovu l-iskambju ta' tagħrif għall-konservazzjoni, il-ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura tal-Unjoni, fost organizzazzjonijiet kompetenti fl-Istati Membri;
  - (c) azzjonijiet ta' akkumpanjament: azzjonijiet ta' informazzjoni, tqassim u konsultattivi li jinvolvu organizzazzjonijiet mhux governattivi u partijiet interessati rilevanti oħrajn, korsijiet ta' taħriġ u tħejija ta' rapporti tekniċi.

#### L-ammont tal-ghajjnuna u l-intensità tal-ghajjnuna

- (228) Ghajjnuna, ħlief l-ghajjnuna għall-operazzjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġeneriċi kif jissema fil-punt (220), trid tkun limitata għal dawn l-ammonti massimi: L-ammont massimu ta' għajjnuna huwa EUR 600 għal kull ettaru fis-sena għall-uċuħ tar-raba' annwali; EUR 900 għal kull ettaru għal kull sena għall-uċuħ tar-raba' perenni speċjalizzati; EUR 450 għal kull ettaru fis-sena għal użi oħra tal-art. EUR 200 għal kull unità tal-bhejtem fis-sena għal speċijiet lokali fil-periklu li jintilfu għall-finijiet tal-biedja.
- (229) Dawn l-ammonti massimi jistgħu jidiedu f'każijiet debitament sostanzjati meta jitqiesu ċirkostanzi speċifiċi li jridu jiġu iġġustifikati, fin-notifika lill-Kummissjoni.
- (230) Għall-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi tal-foresti fl-agrikoltura, l-ghajjnuna trid tkun limitata għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

#### 1.1.5.2. Ghajjnuna għall-impenji għat-trattament xieraq tal-annimali

- (231) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna għat-trattament xieraq tal-annimali bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (232) Din it-Taqsima tapplika għall-ghajjnuna lill-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja li jimpenjaw ruhom, fuq bażi volontarja, biex iwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu fimpenn wieħed jew aktar tat-trattament xieraq tal-annimali u li huma bdiewa attivi.
- (233) L-ghajjnuna tkopri biss dawk l-impenji li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti skont il-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħrajn. Dawn ir-rekwiżiti rilevanti jridu jkunu identifikati u deskritti fin-notifika lill-Kummissjoni.

- (234) L-impenji għat-trattament xieraq tal-annimali eliġibbli biex jirċievu għajjnuna jridu jipprovdu standards imtejba tal-metodi ta' produzzjoni f'wieħed mill-oqsma li ġejjin:
- (a) l-ilma, l-għalf u l-indukrar tal-annimali skont il-ħtiġijiet naturali tat-trobbija tal-annimali;
  - (b) il-kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni, bħall-allokkazzjonijiet ta' spazju ikbar, materjali tal-bejta, materjali ta' arrikkiment, dawl naturali;
  - (c) l-aċċess għall-barra;
  - (d) prattiki li jevitaw il-mutilazzjoni u/jew il-kastrazzjoni ta' annimali jew f'każijiet speċifiċi meta tkun jit-qies li hemm b'żonn issir il-mutilazzjoni jew il-kastrazzjoni tal-annimali, li jipprovdu għall-użu ta' anestetika, analġeżija u mediċina antiinfjammatorja jew immunokastrazzjoni.
- (235) L-impenji għat-trattament xieraq tal-annimali jridu jittieħdu għal perjodu ta' bejn sena u seba' snin li jiġġedded.
- (236) It-tiġdid tal-kuntratt jista' jkun awtomatiku, jekk dettalji dwar dan ikunu deskritti fil-kuntratt. Il-mekkaniżmu ta' tiġdid tal-impenji għat-trattament xieraq tal-annimali stipulat aktar 'il fuq irid jiġi stabbilit mill-Istati Membri skont ir-regoli nazzjonali rilevanti tagħhom. Mekkaniżmu bħal dan irid jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni bħala parti min-notifika dwar l-għajjnuna mill-Istat skont din it-Taqsima. It-tiġdid dejjem irid ikun soġġett għar-rispett tal-kundizzjonijiet approvati mil-Kummissjoni għall-għajjnuna skont din it-Taqsima.

#### Spejjeż eliġibbli

- (237) L-għajjnuna trid tingħata kull sena u tista' tikkumpensa lill-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja għall-ispejjeż addizzjonali kollha jew parti minnhom u għad-dħul mitluf li jirriżulta mill-impenji li jkunu għamlu.
- (238) Meta jkun hemm b'żonn, jistgħu jkopru wkoll spejjeż tat-tranżazzjoni għall-valur sa 20 % tal-primjum imħallas għall-impenji fuq it-trattament xieraq tal-annimali. Madankollu, jekk Stat Membru jixtieq jikkumpensa għall-ispejjeż tat-tranżazzjoni kkawżati mid-dħul f'impenji fuq it-trattament xieraq tal-annimali, irid jipprovdi provi konvinċenti dwar dawk l-ispejjeż, pereżempju billi jippreżenta tqabbil bejn l-ispejjeż ma' impriżi li ma daħlux f'impenji għat-trattament xieraq tal-annimali bħal dawn. Għaldaqstant, normalment il-Kummissjoni ma tawtorizzax għajjnuna mill-Istat għal spejjeż tat-tranżazzjoni għall-issoktar ta' impenji fuq it-trattament xieraq tal-annimali li diġà daħlu għalihomvfl-imgħoddi, sakemm Stat Membru ma jurix li dawk l-ispejjeż għadhom iseħħu jew li qegħdin jiġu imposti spejjeż tat-tranżazzjoni ġodda.
- (239) Meta l-ispejjeż tat-tranżazzjoni jiġu kkalkolati fuq il-bażi ta' spejjeż medji u/jew farms medji, l-Istati Membri għandhom juru li b'mod partikolari l-intrapriżi l-kbar mhumieix ikkumpensati ż-żejjed. Għall-fini ta' kalkolu tal-kumpens, l-Istati Membri jridu jqisu jekk l-ispejjeż tat-tranżazzjoni inkwistjoni humieix imġarrba għal kull impriża jew għal kull ettaru.

#### L-ammont tal-għajjnuna

- (240) L-għajjnuna trid tkun limitata għal EUR 500 għal kull unità tal-Bhejjem.

#### *1.1.6. Għajjnuna għall-iżvantaġġi relatati ma-żoni ta' Natura 2000 u għad-Direttiva Qafas dwar l-ilma*

- (241) Il-Kummissjoni ser tqis l-għajjnuna mill-Istat għall-iżvantaġġi relatati ma-żoni ta' Natura 2000 u għad-Direttiva Qafas dwar l-ilma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (242) Din it-Taqsima tapplika għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.
- (243) L-għajjnuna għall-amministraturi oħra tal-artijiet minbarra impriżi attivi fis-settur agrikolu f'każijiet iġġustifikati kif xieraq tista' tingħata skont it-Taqsima 3.5 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida.

#### Spejjeż eliġibbli

- (244) L-għajjnuna tkopri l-kumpens lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf li ġej minn żvantaġġi fiż-żoni kkonċernati, relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Habitats, id-Direttiva dwar l-Għasafar u d-Direttiva Qafas dwar l-ilma<sup>(59)</sup>.

<sup>(59)</sup> Ara l-punt (52) u n-nota 42 ta' qiegħ il-paġna ta' dawn il-Linji Gwida.

- (245) L-għajjnuna marbuta mad-Direttiva dwar il-Habitats u d-Direttiva dwar l-Għasafar tista' tingħata biss fir-rigward ta' żvantaġġi li jirriżultaw mir-rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stipulata fl-Artikolu 94 u fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1306/2013 u l-kriterji rilevanti u l-attivitajiet minimi kif stabbilit skont il-punti (ii) u (iii) tal-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.
- (246) L-għajjnuna marbuta mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tista' tingħata biss fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi li:
- (a) iddaħħlu mid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, huma konformi mal-programmi ta' miżuri tal-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara għall-fini ta' kisba tal-għanijiet ambjentali ta' dik id-Direttiva u jmorru lil hinn mill-miżuri meħtieġa biex tiġi implimentata leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ilma;
  - (b) imorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stipulata fil-Kapitolu I tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-kriterji rilevanti u l-attivitajiet minimi kif stabbilit skont il-punti (ii) u (iii) tal-Artikolu 4(1)(c), tar-Regolament (EU) No 1307/2013;
  - (c) imorru lil hinn mil-livell ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fiż-żmien li fih ġiet adottata d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma kif stipulat fl-Artikolu 4(9) ta' dik id-Direttiva; u
  - (d) jimponu bidliet kbar fl-użu tat-tip ta' art, u/jew restrizzjonijiet kbar fil-prattika tal-biedja li jirriżultaw f'telf sinifikanti ta' dħul.
- (247) Ir-rekwiżiti msemmija fil-punti (245) u (246) iridu jkunu identifikati u deskritti fin-notifika lill-Kummissjoni.
- (248) Iż-żoni li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-għajjnuna:
- (a) iż-żoni agrikoli ta' Natura 2000 magħżula skont id-Direttiva dwar il-Habitats u d-Direttiva dwar l-Għasafar;
  - (b) żoni oħra ddelimitati ta' ħarsien tan-natura b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għall-biedja li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Habitats; dawn iż-żoni ma jistgħux jaqbużu l-5 % taż-żoni magħżula ta' Natura 2000 koperti mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm tal-iżvilupp rurali rilevanti;
  - (c) żoni agrikoli inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċiri tax-xmara skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

#### L-ammont tal-għajjnuna

- (249) L-għajjnuna trid tkun limitata għall-ammonti li ġejjin: massimu ta' EUR 500 għal kull ettaru fis-sena fil-perjodu inizjali li ma jaqbiżx il-ħames snin; massimu ta' EUR 200 għal kull ettaru fis-sena minn hemm 'il quddiem. L-għajjnuna relatata mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma trid tammonta għal tal-inqas EUR 50 għal kull ettaru fis-sena.
- (250) L-ammonti massimi ta' EUR 500 u EUR 200 jistgħu jiżiedu f'każijiet eċċezzjonali filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkustanzi speċifiċi li għandhom jiġu ġġustifikati. L-ammont minimu ta' EUR 50 għal għajjnuna relatata mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma jista' jitnaqqas f'każijiet sostanzjali kif xieraq meta jitqiesu ċirkostanzi speċifiċi li jridu jiġu ġġustifikati.
- 1.1.7. *Għajjnuna għaż-żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn*
- (251) Il-Kummissjoni ser tqis l-għajjnuna mill-Istat f'żoni muntanjużi u żoni oħra li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (252) Din it-Taqsima tapplika għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.
- (253) L-għajjnuna tista' tingħata lil impriżi li jimpenjaw ruħhom li jsegwu l-attività ta' biedja tagħhom f'żoni magħżula skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u li jkunu bdiewa attivi.

L-ispejjeż eliġibbli

- (254) L-ghajjnuna tkopri l-kumpens lill-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja għall-ispejjeż addizzjonali kollha jew għal parti minnhom u d-dħul mitluf relatat mar-restrizzjonijiet għall-produzzjoni agrikola fiż-żona kkonċernata. L-Istati Membri għandhom juru l-limiti inkwistjoni u jagħtu evidenza li l-ammont ta' kumpens li jrid jitħallas ma jmurx lil hinn mit-telf ta' dħul u l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw minn dawk il-limiti.
- (255) L-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf iridu jiġu kkalkolati b'paragun maż-żoni li mhumiex affettwati minn restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħrajn speċifiċi, filwaqt li jitqiesu l-pagamenti skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.
- (256) Meta jiġu kkalkolati l-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf, l-Istati Membri jistgħu, fejn debitament ġustifikat, jagħmlu distinzjoni fil-livell ta' pagament li tqis:
- (a) is-severità ta' kwalunkwe restrizzjoni permanenti naturali identifikata li taffettwa l-attivitajiet tal-biedja;
- (b) is-sistema ta' biedja.
- (257) L-ghajjnuna ser tingħata kull sena għal kull ettaru ta' erja agrikola.

L-ammont tal-ghajjnuna

- (258) L-ghajjnuna trid tiġi stabbilita bejn l-ammonti minimi u massimi li ġejjin: EUR 25 minimu għal kull ettaru fis-sena bħala medja taż-żona tal-benefiċjarju li tingħata għajjnuna, u EUR 250 massimu għal kull ettaru fis-sena. Madankollu, l-ammont massimu jista' jaasal sa EUR 450 għal kull ettaru fis-sena f'żoni muntanjużi kif iddefinit fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.
- (259) L-ammonti massimi jistgħu jiżiedu f'każijiet debitament sostanzjati meta jitqiesu ċirkostanzi speċifiċi li jridu jiġu ġġustifikati, fin-notifika lill-Kummissjoni.
- (260) L-Istati Membri jridu jipprovdu għad-digressività tal-ghajjnuna 'l fuq minn livell minimu ta' żona għal kull azjenda, li għandu jiġi ddefinit fil-programm, bl-eċċezzjoni jekk l-għotja tikkonċerna biss l-ammont minimu għall kull ettaru kif stabbilit fil-punt (258) ta' dawn il-Linji Gwida. Għal dan il-għan, in-notifiki għandhom jispeċifikaw id-daqs tal-farm li ser jibbenefika minn din l-ghajjnuna.
- (261) Fil-każ ta' persuna ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-Istati Membri jistgħu japplikaw id-digressività tal-ghajjnuna fil-livell tal-membri ta' dawn il-persuni jew gruppi ġuridiċi fejn il-liġi nazzjonali tistipula li l-membri individwali jassumu drittijiet u obbligi komparabbli ma' dawk ta' bdiewa individwali li għandhom l-istatus ta' kap ta' azjenda, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus ekonomiku, soċjali u fiskali tagħhom, sakemm dawn ikunu kkontribwixxew għat-tisħiħ tal-istrutturi agrikoli tal-persuni jew gruppi ġuridiċi kkonċernati.
- (262) Minbarra l-ghajjnuna prevista fil-punt (253) lill-benefiċjarji, l-Istati Membri jistgħu jagħtuhom għajjnuna b'din il-miżura bejn l-2014 u l-2020 f'żoni li huma eliġibbli skont l-Artikolu 36(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005<sup>(60)</sup> waqt il-perjodu ta' programmazzjoni tal-iżvilupp rurali 2007-2013. Għall-benefiċjarji f'żoni li m'għadhomx eliġibbli wara d-deliminazzjoni l-ġdida msemmija fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, din l-ghajjnuna trid tkun digressiva għal mhux aktar minn erba' snin mid-data meta tintemm id-deliminazzjoni skont l-Artikolu 32(3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u mhux aktar tard mill-201C. Dawk l-ghajjnuniet iridu jibdew b'mhux aktar minn 80 % ta-pagament medju iffissat fil-programm tal-iżvilupp rurali għall-perjodu 2007-2013 jew, jekk il-miżura tkun ingħatat esklussivament minn fondi nazzjonali, fid-deċizzjoni rilevanti dwar l-ghajjnuna mill-Istat, skont l-Artikolu 36(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, u jridu jintemmu sal-2020 b'mhux aktar minn 20 %. Meta l-applikazzjoni tar-riżultati tad-digressività fil-livell tal-pagamenti tilħaq EUR 25, l-Istat Membru jista' jkompli jagħti l-ghajjnuna f'dan il-livell sakemm jitlestha l-perjodu ta' eliminazzjoni gradwali.
- (263) Wara t-testija tad-delimitazzjoni, il-benefiċjarji fiż-żoni li jibqgħu eliġibbli jridu jirċievu pagament sħiħ taħt din il-miżura.

<sup>(60)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1).

1.1.8. *L-ghajjnuna għall-agrikoltura organika*

- (264) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-agrikoltura organika bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (265) Din it-Taqsima tapplika għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.
- (266) L-ghajjnuna għal kull ettaru tista' tingħata lill-impriżi jew gruppi ta' impriżi li jimpenjaw ruħhom b'mod volontarju li jikkonvertu jew iżommu prattiki u metodi tal-agrikoltura organika kif jiddefinixxi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007<sup>(61)</sup> u li jkunu bdiewa attivi.
- (267) L-ghajjnuna tingħata biss għal impenji li jmorru lil hinn mill-istandards u r-rekwiżiti li ġejjin, li jridu jiġu identifikati u deskritti fin-notifika lill-Kummissjoni:
- (a) l-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013;
  - (b) il-kriterji rilevanti u l-attivitajiet minimi kif stabbiliti skont il-punti (ii) u (iii) tal-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013;
  - (c) ir-rekwiżiti minimi rilevanti applikabbli għall-użu ta' fertilizzanti u l-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti; kif ukoll
  - (d) rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħrajn stabbiliti fil-liġi nazzjonali.
- (268) L-impenji jridu jitwettqu fuq perjodu inizjali ta' ħames sa seba' snin. Madankollu, meta tingħata l-ghajjnuna għall-konverżjoni għall-agrikoltura organika, l-Istati Membri jistgħu jstabbilixxu perjodu inizjali iqsar li jikkorrispondi għall-perjodu ta' konverżjoni. Meta tingħata għajjnuna għaż-żamma tal-agrikoltura organika, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-estensjoni annwali wara t-terminazzjoni tal-perjodu inizjali. Fir-rigward ta' impenji ġodda li jikkonċernaw iż-żamma li ssegwi direttament l-impenn imwettaq fil-perjodu inizjali, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodu iqsar.
- (269) Meta jkun rilevanti, għandu jkun hemm konformità mar-regoli għall-pagamenti relatati mal-erja stabbiliti fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u ma' kull att delegat adottat skont dik id-dispożizzjoni.

Spejjeż eliġibbli

- (270) L-ghajjnuna tkopri kumpens lill-benefiċjarji għal parti mill-ispejjeż addizzjonali jew kollha u t-telf ta' dħul li ġejjin mill-impenji.
- (271) Meta jkun hemm bżonn, l-ghajjnuna tista' tkopri wkoll spejjeż tat-tranżazzjoni b'valur massimu ta' 20 % tal-primjum imħallas għall-impenn. Meta l-impenji jidħlu għalihom gruppi ta' impriżi, il-livell massimu huwa ta' 30 %. Din l-ghajjnuna tingħata fuq bażi annwali.
- (272) Madankollu, jekk Stat Membru jixtieq jikkompensa għall-ispejjeż tat-tranżazzjoni kkawżati mid-dħul f'impenji fuq l-agrikoltura organika, irid jipprovdi prova konvinċenti dwar dawk l-ispejjeż, pereżempju billi jippreżenta tqabbil bejn l-ispejjeż ma' impriżi li ma daħlux f'impenji bħal dawn. Għalhekk, normalment il-Kummissjoni ma tawtorizzax għajjnuna mill-Istat għal spejjeż tat-tranżazzjoni għall-issoktar ta' impenji ta' agrikoltura organika li diġà daħlu fihom fl-imgħoddi, sakemm Stat Membru ma jurix li dawk l-ispejjeż għadhom iseħħu jew li qegħdin jiġu imposti spejjeż ġodda tat-tranżazzjoni.
- (273) Meta l-ispejjeż tat-tranżazzjoni jiġu kkalkolati fuq il-bażi ta' spejjeż medji u/jew farms medji, l-Istati Membri għandhom juru li b'mod partikolari l-impriżi l-kbar mhumiex ikkumpensati ż-żejjed. Għall-fini ta' kalkolu tal-kumpens, l-Istati Membri għandhom iqisu jekk l-ispejjeż tat-tranżazzjoni inkwistjoni humiex imġarrba għal kull impriża jew għal kull ettaru.
- (274) L-ghajjnuna ma tistax tingħata skont din it-Taqsima għal impenji koperti mill-miżura agroambjentali klimatika, jew għal spejjeż koperti mit-Taqsima dwar l-ghajjnuna biex tħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' produttori ta' prodotti agrikoli fis-sistemi tal-kwalità.
- (275) L-ghajjnuna għal investimenti fil-produzzjoni primarja u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti organiċi hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet dwar l-ghajjnuna għall-investment.

<sup>(61)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2029/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

L-ammont tal-ghajjnuna

- (276) L-ammont tal-ghajjnuna L-ammont massimu ta' ghajjnuna huwa EUR 600 għal kull ettaru fis-sena għall-uċuħ tar-raba' annwali; EUR 900 għal kull ettaru għal kull sena għall-uċuħ tar-raba' perenni speċjalizzati; EUR 450 għal kull ettaru fis-sena għal użu ieħor tal-art.
- (277) Dawn il-limiti massimi jistgħu jinqabżu f'każijiet eċċezzjonali, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi li jistgħu jiġu ġġustifikati.

1.1.9. *Ghajjnuna għall-parteċipazzjoni ta' produttori ta' prodotti agrikoli fl-iskemi tal-kwalità*

- (278) Il-Kummissjoni għandha ser tqis l-ghajjnuna favur il-parteċipazzjoni ta' produttori ta' prodotti agrikoli u l-gruppi fl-iskemi tal-kwalità kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonfora mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (279) Din it-Taqsima tapplika għall-produttori ta' prodotti agrikoli. Bdiewa attivi biss huma eliġibbli għall-ghajjnuna msemmija fil-punt (280)(a).

L-ispejjeż eliġibbli

- (280) L-ghajjnuna tkopri dawn l-ispejjeż eliġibbli fir-rigward tal-iskema tal-kwalità kif jissema fil-punt (282) ta' dawn il-Linji Gwida:
- (a) l-ispejjeż għal parteċipazzjoni ġdida fl-iskemi tal-kwalità;
- (b) l-ispejjeż għall-miżuri obbligatorji tal-kontroll fir-rigward tal-iskemi tal-kwalità meħuda skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali jew fisem l-awtoritajiet kompetenti;
- (c) l-ispejjeż tal-attivitajiet ta' riċerka tas-suq, il-ħolqien u d-disinn tal-prodotti u għall-preparazzjoni tal-applikazzjonijiet għar-rikonossiment ta' skemi tal-kwalità.
- (281) L-ghajjnuna msemmija fil-punt (280)(a) u (b) ma tistax tingħata għall-ispejjeż ta' kontrolli li jsiru mill-benefiċjarji stess, jew fejn il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi li l-ispejjeż tal-kontrolli jiġu ssodisfati mill-produttori tal-prodotti agrikoli u l-grupp tagħhom, mingħajr ma tispeċifika l-livell attwali ta' imposti.
- (282) L-iskemi tal-kwalità msemmija fil-punt (280)(a) ta' dawn il-Linji Gwida jridu jkunu dawn:
- (a) l-iskema tal-kwalità skont ir-Regolamenti u d-dispożizzjonijiet li ġejjin:
- (i) il-Parti II, it-Titolu II, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tikkoncerna l-inbid;
- (ii) ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012;
- (iii) ir-Regolament (UE) Nru 834/2007<sup>(62)</sup>;
- (iv) Ir-Regolament (UE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(63)</sup>;
- (v) Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(64)</sup>;
- (b) skemi tal-kwalità, inklużi skemi ta' ċertifikazzjoni tal-farms, għal prodotti agrikoli rikonossuti mill-Istati Membri bħala skemi li jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:
- (i) l-ispeċifiċità tal-prodott finali prodott taħt skemi ta' kwalità bħal dawn trid tkun ġeja minn obbligi ċari li jiġu ggarantiti
- karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti; jew
- metodu speċifiku ta' biedja jew produzzjoni; jew

<sup>(62)</sup> ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2029/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

<sup>(63)</sup> ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).

<sup>(64)</sup> ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14).

- kwalità tal-prodott finali li tmur sew lil hinn mill-istandards tal-komoditajiet kummerċjali rigward is-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali jew il-protezzjoni ambjentali;
- (ii) l-iskema ta' kwalità trid tkun miftuħa għall-produtturi kollha;
- (iii) l-iskema ta' kwalità trid tkun tinvolvi speċifikazzjonijiet tal-prodott vinkolanti u l-konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet tiġi vverifikata minn awtoritajiet pubbliċi jew minn korp ta' spezzjoni indipendenti;
- (iv) l-iskema ta' kwalità trid tkun trasparenti u tiggarrantixxi traċċabbiltà sħiħa tal-prodotti agrikoli;
- (c) skemi ta' ċertifikazzjoni volontarja ta' prodott agrikolu rikonoxxuti mill-Istat Membru kkonċernat bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - il-linji gwida tal-aqwa prattika tal-UE dwar skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji għal prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel<sup>(65)</sup>.
- (283) L-għajnuna trid tkun aċċessibbli għal dawk l-impriżi kollha eliġibbli fl-erja kkonċernata, abbażi ta' kundizzjonijiet iddefiniti b'mod oġġettiv.
- (284) L-għajnuna msemmija fil-punt (280)(b) u (c) ta' dawn il-Linji Gwida ma għandhiex tinvolvi pagamenti diretti lill-benefiċjarji u trid titħallas lill-korp responsabbli għall-miżuri tal-kontroll, lil min jipprovdri r-riċerka jew lil min jagħti l-konsulenza.

#### L-ammont tal-għajnuna

- (285) L-għajnuna msemmija fil-punt (280)(a) ta' hawn fuq trid tingħata għal perjodu massimu ta' ħames snin u trid tkun limitata għal EUR 3 000 għal kull benefiċjarju fis-sena. Din trid tingħata fil-forma ta' pagament ta' inċentiv annwali, li l-livell tiegħu huwa stabbilit skont il-livell tal-ispejjeż fissi li ġejjin mill-parteċipazzjoni fi skemi tal-kwalità.
- (286) L-għajnuna msemmija fil-punt (280)(b) u (c) tista' tasal sa 100 % tal-ispejjeż reali mġarrba.
- 1.1.10. *Għajnuna għall-għoti ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu*
- (287) Din it-Taqsima tkopri l-għajnuna għall-għoti ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu ħlief l-għajnuna għas-servizzi ta' sostituzzjoni tal-farms li tista' tingħata biss lil ċertu impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.
- (288) L-għoti ta' appoġġ tekniku jista' jsir minn gruppi ta' produtturi jew organizzazzjonijiet oħra, ikun xi jkun id-daqs tagħhom.
- (289) L-għajnuna għandha tkun aċċessibbli għal dawk kollha eliġibbli fil-qasam ikkonċernat, abbażi ta' kundizzjonijiet iddefiniti b'mod oġġettiv. Meta l-għoti ta' appoġġ tekniku jsir minn gruppi u organizzazzjonijiet ta' produtturi, is-sħubija tat-tali gruppi jew organizzazzjonijiet ma għandhiex tkun kundizzjoni għal aċċess għas-servizz. Kull kontribut ta' persuni mhux membri għall-ispejjeż amministrattivi tal-grupp jew tal-organizzazzjoni kkonċernata għandu jkun limitata għall-ispejjeż tal-forniment tas-servizz.

#### 1.1.10.1. Għajnuna għat-trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni

- (290) Il-Kummissjoni se tqis l-għajnuna għat-trasferiment tal-għarfien u l-azzjonijiet ta' informazzjoni kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji ta' dawn il-Linji Gwida, il-kundizzjonijiet ġenerali għall-għajnuna għall-appoġġ tekniku u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (291) L-għajnuna tkopri l-kisbiet ta' taħriġ u ħilet vokazzjonali, inklużi korsijiet ta' taħriġ, workshops u kkworċjar, attivitajiet ta' dimostrazzjoni u azzjonijiet ta' informazzjoni.
- (292) L-għajnuna tista' tkopri wkoll skambju ta' ġestjoni tal-farms fuq perjodu qasir u żjarat fil-farms.

<sup>(65)</sup> ĠU C 341, 16.12.2010, p. 5.



L-ispejjeż eliġibbli

(293) L-ghajjnuna tkopri l-ispejjeż eliġibbli li ġejjin:

- (a) l-ispejjeż ta' organizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali, azzjonijiet ta' kisbiet ta' ħiliet, attivitajiet ta' dimostrazzjoni jew azzjonijiet ta' informazzjoni;
- (b) l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u għal kull jum tal-parteċipanti;
- (c) l-ispiża tal-provvista ta' servizzi ta' sostituzzjoni meta l-parteċipanti jkunu assenti;
- (d) fil-każ ta' proġetti ta' dimostrazzjoni, huma eliġibbli dawn l-ispejjeż tal-investment li ġejjin:
  - (i) il-konstruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-kiri, jew it-titjib ta' proprjetà immobbli, bl-art mixtrija eliġibbli biss sa limitu li ma jaqbiżx l-10 % tal-ispejjeż totali eliġibbli tal-operazzjoni kkonċernata;
  - (ii) ix-xiri jew ix-xiri bin-nifs ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;
  - (iii) l-ispejjeż ġenerali marbuta man-nefqa msemmija fil-punti (i) u (ii), bħad-drittijiet tal-perit, l-inġinier u ta' konsultazzjoni, id-drittijiet li għandhom x'jaqsmu ma' pariri dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inkluż l-istudji ta' fattibbiltà; l-istudji ta' fattibbiltà jibqgħu spiża eliġibbli anki meta, abbażi tar-riżultati tagħhom, ma tiġġarrab ebda nefqa skont il-punti (i) u (ii);
  - (iv) l-akkwist jew l-iżvilupp ta' softwer tal-kompjuter u l-akkwisti ta' privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur u marki kummerċjali.
  - (v) meta jkun debitament ġustifikat, l-ghajjnuna għal proġetti ta' dimostrazzjoni fuq skala żgħira tista' tingħata għal spejjeż addizzjonali u dħul mitluf marbut mal-proġett ta' dimostrazzjoni.

(294) L-ispejjeż imsemmija fil-punt (293)(d)(i) sa (iv) huma eliġibbli biss sakemm dawn jintużaw għall-proġett ta' dimostrazzjoni u għat-tul taż-żmien tal-proġett ta' dimostrazzjoni. Huma mejusa eliġibbli biss dawk l-ispejjeż tad-deprezzament li jikkorrispondu mal-ħajja tal-proġett ta' dimostrazzjoni u li huma kkalkolati abbażi ta' prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati.

(295) Il-korpi li jipprovdu servizzi ta' trasferiment tal-għarfien u ta' informazzjoni jrid ikollhom il-kapaċitajiet xierqa fil-forma ta' kwalifiki tal-persunal u taħriġ regolari biex iwettqu dawk il-kompiti.

(296) L-ghajjnuna msemmija fil-punt (293)(a) u (c) u (d)(i) sa (d)(iv) m'għandhiex tinvolvi pagamenti diretti lill-benefiċjarji u trid titħallas lil min jagħmel l-azzjoni ta' trasferiment tal-għarfien u tal-informazzjoni. L-ghajjnuna msemmija fil-punt (293)(d)(v) trid titħallas direttament lill-benefiċjarji. L-ghajjnuna għal proġetti ta' dimostrazzjoni fuq skala żgħira, imsemmija fil-punt (293)(d)(i) sa (iv), tista' titħallas direttament lill-benefiċjarji.

L-intensità tal-ghajjnuna

(297) L-intensità tal-ghajjnuna trid tkun limitata għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

(298) Fil-każ tal-ispejjeż eliġibbli msemmijin fil-punt (293)(d) l-ammont massimu tal-ghajjnuna jrid ikun limitat għal EUR 100 000 fuq 3 snin fiskali.

1.1.10.2. Ghajjnuna għas-servizzi konsultattivi

(299) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-fornimenti ta' servizzi konsultattivi kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mal-kundizzjonijiet ġenerali għall-ghajjnuna għall-appoġġ tekniku u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(300) L-ghajjnuna għandha tifassal biex tgħin lill-impriżi attivi fis-settur agrikolu u l-bdiewa żgħażaġh jibbenefikaw mill-użu tas-servizzi ta' konsulenza għat-titjib tal-prestazzjoni ekonomika u ambjentali kif ukoll il-kapaċità tal-impriża u/jew l-investment tagħhom li ma jagħmlux ħsara lill-klima u li jkunu reżiljenti.

- (301) Il-parir irid ikun marbut mill-anqas ma' prijorità waħda tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali u jrid ikopri bħala minimu wieħed mill-elementi li ġejjin:
- (a) L-obbligi li ġejjin mir-rekwiżiti statutorji tal-ġestjoni u/jew mill-istandards għall-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba previsti fil-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013;
  - (b) fejn applikabbli, il-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent stabbiliti fil-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 u ż-żamma tal-erja agrikola li hemm referenza għaliha fil-punt (c) tal-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament;
  - (c) miżuri mmirati għall-modernizzazzjoni tal-farms, it-tiswir tal-kompetittività, l-integrazzjoni settorjali, l-innovazzjoni, l-orjentazzjoni tas-suq kif ukoll il-promozzjoni tal-intraprenditorija;
  - (d) ir-rekwiżiti ddefiniti mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma;
  - (e) ir-rekwiżiti ddefiniti mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(66)</sup>, u b'mod partikolari l-konformità mal-prinċipji ġenerali ta' ġestjoni integrata tal-pesti kif imsemmi fl-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi<sup>(66)</sup>;
  - (f) fejn ikun rilevanti, l-istandards tas-sikurezza okkupazzjonali u l-istandards tas-sikurezza marbuta mal-farms;
  - (g) parir speċifiku għal bdiewa li qed jistabbilixxu ruħhom għall-ewwel darba, inkluż parir dwar sostenibbiltà ekonomika u ambjentali.
- (302) Parir jista' jkopri kwistjonijiet oħra u b'mod partikolari l-informazzjoni relatata mal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u l-protezzjoni tal-ilmijiet kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament 1307/2013 jew kwistjonijiet marbutin mal-prestazzjoni ekonomika u ambjentali tal-azjenda agrikola, inklużi l-aspetti tal-kompetittività. Dan jista' jinkludi konsulenza għall-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra, agrikoltura organika u aspetti tas-saħħa tal-kura tal-annimali.
- (303) L-ghajjnuna ma tistax tinvolvi pagamenti diretti lill-benefiċjarji. L-ghajjnuna trid titħallas lill-fornitur tas-servizzi ta' konsulenza.
- (304) Il-korpi magħżula biex jipprovdu servizz konsulattiv irid ikollhom ir-riżorsi xierqa fil-forma ta' taħriġ regolari u persunal ikkwalifikat u esperjenza konsulattiva, u affidabbiltà fir-rigward tal-oqsma li jagħtu pariri fihom.
- (305) Meta jagħtu parir, il-fornituri tas-servizzi konsulattivi jridu jirrispettaw l-obbligi ta' nuqqas ta' divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.
- (306) Meta jkun debitament iġġustifikat u xieraq, il-parir jista' jingħata fi grupp b'mod parzjali, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni tal-utent individwali tas-servizzi konsultattivi.

#### L-ammont tal-ghajjnuna

- (307) L-ammont ta' ghajjnuna huwa limitat għal EUR 1 500 għal kull parir.

#### 1.1.10.3. Ghajjnuna għal servizzi ta' sostituzzjoni fuq il-farms

- (308) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna għas-servizzi ta' sostituzzjoni fuq il-farms kompatibbli mas-suq intern tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mal-kundizzjonijiet ġenerali għall-ghajjnuna għall-appoġġ tekniku u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (309) L-ghajjnuna ma tistax tinvolvi pagamenti diretti lill-bidwi. L-ghajjnuna trid titħallas lill-fornitur tas-servizz ta' sostituzzjoni fuq il-farm.

<sup>(66)</sup> Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 64 ta' dawn il-Linji Gwida.

L-ispejjeż eliġibbli

- (310) L-ghajjnuna tkopri l-ispejjeż reali mġarrba għas-sostituzzjoni ta' bidwi, persuna fiżika li hija membru ta' unità domestika agrikola, jew ħaddiem fuq farm, matul l-assenza tagħhom mix-xogħol minħabba mard, inkluż mard ta' wliedhom, btala, liv tal-maternità u tal-ġenituri jew f'każ ta' mewt.
- (311) It-tul taż-żmien totali tas-sostituzzjoni għandu jkun limitat għal 3 xhur kull sena għal kull benefiċjarju, ħlief fil-każ ta' sostituzzjoni għal-liv tal-maternità u tal-ġenituri li għandu jkun limitat għal 6 xhur f'kull każ. Madankollu f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista' tawtorizza perjodu itwal taż-żmien.

L-intensità tal-ghajjnuna

- (312) L-intensità tal-ghajjnuna hija limitata għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

1.1.1.1. *Ghajjnuna għall-kooperazzjoni fis-settur agrikolu*

- (313) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna għall-kooperazzjoni fis-settur agrikolu kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

- (314) Din it-Taqsima tapplika għas-settur agrikolu kollu<sup>(67)</sup>.

- (315) L-ghajjnuna għandha tingħata ħalli jiġu promossi għamliet ta' koperazzjoni li jinvolvu mill-anqas żewġ entitajiet irrISPETTIVAMENT minn jekk dawn ikunux attivi fis-settur agrikolu, iżda li jkunu soġġetti li mill-koperazzjoni jgawdi biss is-settur agrikolu, u b'mod partikolari:

- (a) l-approċċi ta' kooperazzjoni bejn impriżi differenti fis-settur agrikolu, il-katina alimentari (iżda biss jekk ir-riżultat tal-ipproċessar ikun prodott agrikolu) u bejn atturi oħrajn attivi fis-settur agrikolu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet u l-prijoritajiet tal-politika tal-iżvilupp rurali, inklużi l-gruppi ta' produttori, il-kooperattivi u l-organizzazzjoni interprofessjonali;
- (b) il-ħolqien ta' raggruppamenti u networks;
- (c) it-twaqqif u t-tħaddim ta' gruppi operazzjonali tal-EIP għall-produttività u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura kif imsemmija fl-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

- (316) L-ghajjnuna se tingħata għall-kooperazzjoni relatata, b'mod partikolari, mal-attivitajiet li ġejjin:

- (a) il-proġetti pilota;
- (b) l-iżvilupp ta' prodotti, prattiċi, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-settur agrikolu u fis-settur tal-ikel biss, sa fejn huma kkonċernati l-prodotti agrikoli;
- (c) kooperazzjoni bejn operatori żgħar fis-settur agrikolu fl-organizzazzjoni ta' proċessi ta' ħidma konġunta u l-qsim ta' faċilitajiet u riżorsi;
- (d) kooperazzjoni orizzontali u vertikali bejn atturi tal-katina tal-provvista għat-twaqqif u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u swieq lokali;
- (e) attivitajiet ta' promozzjoni f'kuntast lokali relatati mal-iżvilupp ta' katina tal-provvista qasira u swieq lokali;
- (f) azzjoni konġunta mwettqa bil-għan ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew adattament għalih;
- (g) approċċi konġunti għal proġetti ambjentali u prattiki ambjentali attwali inkluż il-ġestjoni effiċjenti tal-ilma, l-użu tal-enerġija rinnovabbli<sup>(68)</sup> u l-preżervazzjoni tal-pajsaġġi agrikoli;

<sup>(67)</sup> Ara d-definizzjoni ta' settur agrikolu fil-punt (35)2 ta' dawn il-Linji Gwida.

<sup>(68)</sup> Dan japplika wkoll għall-kooperazzjoni relatata mal-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli jew il-produzzjoni ta' bijokarburanti fażjendi agrikoli, diment li jitħarsu l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 1.1.1.1 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida.

- (h) kooperazzjoni orizzontali u vertikali bejn l-atturi tal-katina tal-provvista fil-forniment sostenibbli ta' bijomassa għall-użu fil-produzzjoni tal-ikel jekk ir-riżultat ikun prodott agrikolu u produzzjoni tal-enerġija għall-konsum proprju;
- (i) l-implimentazzjoni, b'mod partikolari minn gruppi ta' msieħba pubbliċi u privati ħliet dawk iddefiniti fil-punt (b) tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, tal-istrategġija tal-iżvilupp lokali ħliet dawk iddefiniti fl-Artikolu 2(19) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, li jindirizzaw waħda jew aktar mill-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali;
- (317) Ghajjnuna għall-ħolqien ta' raggruppamenti u networks għandha tingħata biss lil raggruppamenti u networks li għadhom kif jiffurmaw u dawk li għadhom kif bdew attività li hija ġdida għalihom.
- (318) L-ghajjnuna għall-attivitajiet msemmija fil-punt (316)(a) u (b) tista' tingħata wkoll lill-atturi individwali. Meta l-ghajjnuna tingħata lill-atturi individwali, ir-riżultati tal-proġett jew tal-attività appoġġjata jridu jinxterdu.
- (319) L-ghajjnuna għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' ktajjen qosra tal-provvista, kif imsemmi fil-punt (316)(d) u (e) trid tkopri biss il-ktajjen tal-provvista li jinvolvu xjen iktar minn intermedjarju wieħed bejn il-bidwi u l-konsumatur.
- (320) L-ghajjnuna skont din it-Taqsima għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi dwar il-kompetizzjoni, b'mod partikolari mal-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat, peress li japplikaw bis-saħħa tal-Artikoli 206 sa 210 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

#### L-ispejjeż eliġibbli

- (321) L-ghajjnuna tkopri l-ispejjeż eliġibbli li ġejjin, sakemm ikollhom x'jaqsmu ma' attivitajiet agrikoli:
- (a) l-ispejjeż għal studji dwar iż-żona kkonċernata, u għal studji tal-fattibbiltà, u għat-tfassil ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju jew strategġija tal-iżvilupp lokali minbarra dik imsemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013;
- (b) l-ispejjeż tal-animazzjoni taż-żona kkonċernata sabiex proġett territorjali kollettivi jew proġett li jkun fattibbli li jrid jitwettaq minn grupp operazzjonali tal-EIP għall-Produttività u s-Sostenibbiltà tal-Agricoltura kif imsemmi fl-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. Fil-każ tar-raggruppamenti, l-animazzjoni tista' tikkonċerna wkoll l-organizzazzjoni tat-taħriġ, in-netwerking bejn membri u r-reklutaġġ ta' membri ġodda;
- (c) l-ispejjeż operazzjonali tal-kooperazzjoni, bħall-paga tal-"koordinatur";
- (d) l-ispejjeż diretti ta' proġetti speċifiċi marbuta mal-implimentazzjoni ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju, strategġija tal-iżvilupp lokali li mhijiex dik imsemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jew azzjonijiet oħra mmirati lejn l-innovazzjoni inklużl-ittestjar; l-ispejjeż diretti jridu jkunu limitati għall-ispejjeż eliġibbli tal-ghajjnuna ta' investment, kif speċifikat fit-Taqsima 1.1.1.1 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna ta' investment;
- (e) l-ispejjeż għall-attivitajiet ta' promozzjoni.
- (322) L-ghajjnuna trid tkun limitata għal perjodu massimu ta' seba' snin ħliet għall-azzjoni ambjentali kollettiva f'każijiet debitament iġġustifikati kif xieraq.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

- (323) L-ghajjnuna tista' tasal sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.
- (324) L-ispejjeż diretti, imsemmija fil-punt (321)(d) ta' hawn fuq, iridu jkunu limitati għall-intensità tal-ghajjnuna massima tal-ghajjnuna ta' investment kif speċifikat fit-Taqsima dwar l-ghajjnuna ta' investment.

### **1.2. Ġestjoni tar-riskji u tal-kriżijiet**

- (325) L-għoti ta' ghajjnuna mill-Istat tista' tkun mezz xieraq ta' appoġġ fir-rigward ta' ċerti tipi ta' riskji fis-settur agrikolu, peress li l-attività agrikola inġenerali hija partikolarment skoperta għal riskji u kriżijiet. Madankollu jeżistu differenzi bejn impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja u impriżi attivi fl-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, li normalment ikollhom possibbiltajiet aħjar biex jilqgħu r-riskji. Għaldaqstant, uħud mill-kategoriji tal-ghajjnuna f'din it-Taqsima ser ikunu disponibbli għall-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja biss.

- (326) Meta tingħata għajnuna mill-Istat għal attivitajiet affettwati mir-riskji u l-kriżijiet, il-Kummissjoni ser tqis l-bżonn li jiġu evitati distorsjonijiet żejda tal-kompetizzjoni, billi teħtieġ kontribuzzjoni minima mill-produtturi għat-telf jew l-ispiża tat-tali miżuri ta' għajnuna jew xi miżuri adegwati oħrajn li għandhom jittieħdu biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u jiġi żgurat li l-għajnuna mill-Istat hija proporzjonata mat-telf imġarrab. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tqis il-ħtieġa li l-benefiċjarju jieħu miżuri preventivi adegwati biex jimminimizza l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija.
- 1.2.1. *Għajnuniet bħala kumpens għad-dannu mġarrab mill-produzzjoni agrikola jew mill-mezzi ta' produzzjoni agrikola u biex jiġi evitat id-dannu*
- 1.2.1.1. *Għajnuna biex tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali*
- (327) Il-Kummissjoni ser tqis għajnuna mill-Istat biex tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-Trattat jekk din tikkonforma ma' dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (328) Din it-Taqisma tapplika għas-settur agrikolu <sup>(69)</sup>.
- (329) Peress li jikkostitwixxu eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni ġenerali ta' nuqqas ta' għajnuna mill-Istat fis-suq intern stabbilit fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat, il-Kummissjoni tenniet b'konsistenza li l-kunċetti ta' 'diżastru naturali' u 'avveniment eċċezzjonali' imsemmija fl-Artikolu 107(2)(b) tat-Trattat iridu jiġu interpretati b'mod restrittiv. Dan ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea <sup>(70)</sup>.
- (330) Sallum il-ġurnata, il-Kummissjoni aċċettat li terremoti, valangi, uqigħ tal-art u għargħar jistgħu jikkostitwixxu diżastri naturali. Barra minn hekk il-Kummissjoni tqis l-iżvilupp fi ħdan il-qafas tal-inizjattiva għall-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat li tippermetti li ssir eżenzjoni ġenerali ta' dawn il-kategoriji li ġejjin ta' avvenimenti ta' diżastri naturali: trombi tal-arja, uragani, eruzzjonijiet vulkaniċi, u nirien qawwija b'oriġini naturali. Okkorrenzi eċċezzjonali li l-Kummissjoni aċċettat fil-passat kienu jinkludu gwerrer, disturbu intreni jew strajkijiet u, b'ċerti riżervi u skont il-kobor tagħhom, aċċidenti nukleari jew industrijali kbar u nirien li jirriżultaw ftelf fuq skala kbira <sup>(71)</sup>. Il-Kummissjoni ser tkompli tevalwa proposti biex tingħata għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107 (2)(b) tat-Trattat fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li tqis l-prattika preċedenti tagħha f'dan il-qasam.
- (331) Għajnuna mogħtija skont din it-Taqisma hija soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rrikonoxxiet b'mod formali l-karattru tal-avveniment bħala diżastru naturali jew okkorrenza eċċezzjonali;
- u
- (b) hemm rabta ta' kawżalità diretta bejn id-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali u l-ħsara mġarraba mill-impriża.
- (332) Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jstabbilixxu bil-quddiem kriterji li abbażi tagħhom jitqies li jkun ingħata r-rikonoxximent formali msemmi fil-punt (331)(a).
- (333) L-għajnuna trid titħallas direttament lill-impriża kkonċernata jew lil grupp jew organizzazzjoni ta' produtturi li l-impriża hija membru fihom. Meta l-għajnuna titħallas lil grupp u organizzazzjoni ta' produtturi, l-ammont tal-għajnuna ma jstax jaqbeż l-ammont tal-għajnuna li għalih hija eliġibbli l-impriża.
- (334) L-iskema ta' għajnuna trid tiġi stabbilita fi żmien tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-avveniment, u l-għajnuna għandha titħallas fi żmien erba' snin minn dik id-data.

<sup>(69)</sup> Ara d-definizzjoni ta' settur agrikolu fil-punt (35)2 ta' dawn il-Linji Gwida.

<sup>(70)</sup> Il-Qorti tal-Ġustizzja, 11.11.2004, C 73/03, Spanja vs il-Kummissjoni, punt 37; Il-Qorti tal-Ġustizzja, 23.2.2006, C-346/03 u C-529/03, Giuseppe Atzeni et, punt 79.

<sup>(71)</sup> Il-Kummissjoni ma aċċettatx li nirien f'impjant tal-ipproċessar uniku li kien kopert minn assigurazzjoni kummerċjali normali jistgħu jiġu kkunsidrati bħala okkorrenza eċċezzjonali. Bħala regola ġenerali, il-Kummissjoni ma taċċettax li tifqigħa ta' mard tal-annimali jew l-okkorrenza ta' pesta tal-pjanti tista' titqies li tikkostitwixxi diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali. Madankollu, f'każ wieħed, hija għarfet li l-firxa konsiderevoli ta' marda tal-annimali kompletament ġdida kienet tikkostitwixxi avveniment eċċezzjonali.

- (335) Biex titħaffef il-ġestjoni rapida ta' kriżijiet, il-Kummissjoni ser tawtorizza skemi ta' għajjnuna qafas *ex ante* bħala kumpens għad-danni kkawżati minn terremoti, valangi, uqigħ tal-art u għargħar kif ukoll minn trombi tal-arja, uragani, eruzzjonijiet vulkaniċi u nirien qawwija ta' oriġini naturali, sakemm il-kundizzjonijiet li bihom tista' tingħata l-għajjnuna f'każijiet ta' diżastri naturali bħal dawn jiġu stipulati b'mod ċar<sup>(72)</sup>. Fil-każ ta' skemi *ex-ante* l-Istati Membri jridu jikkonformaw mal-obbligu ta' rapportar stabbilit fil-punt (728).
- (336) L-għajjnuna mogħtija bħala kumpens għad-danni kkawżati minn tipi oħra ta' diżastri naturali mhux imsemija fil-punt (330) u għad-danni kkawżati b'okkorrenzi eċċezzjonali, trid tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

#### L-ispejjeż eliġibbli

- (337) L-ispejjeż eliġibbli huma l-ispejjeż tad-danni mġarrba bħala konsegwenza diretta tad-diżastru naturali jew okkorrenza eċċezzjonali, kif iwwalutati minn awwtorità pubblika, minn espert indipendenti rikonnoxxut mill-awtorità awwtorizzanti jew minn impriża tal-assigurazzjoni.
- (338) Id-dannu jista' jinkludi dan li ġej:
- (a) dannu materjali f'assi bħal bini, tagħmir, makkinarju, stokkijiet u l-mezzi ta' produzzjoni;
  - (b) telf ta' dħul li jirriżulta mill-qerda sħiħa jew parzjali tal-produzzjoni agrikola u l-mezzi ta' produzzjoni agrikola.
- (339) Id-dannu jrid jiġi kkalkolat fil-livell tal-benefiċjarju individwali.
- (340) Il-kalkolu tad-dannu materjali jrid ikun ibbażat fuq l-ispejjeż tat-tiswija jew il-valur ekonomiku tal-ass affettwat qabel id-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali. Dan ma jstax jaqbeż l-ispiża tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur tas-suq ġust ikkawżati mill-avveniment jew l-okkurrenza eċċezzjonali, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-proprjetà eżatt qabel u eżatt wara d-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali.
- (341) It-telf tad-dhul irid jiġi kkalkolat billi jitnaqqas:
- (a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodotti agrikoli prodotti fis-sena tad-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali, jew f'kull sena ta' wara affettwata mill-qerda sħiħa jew parzjali tal-mezzi ta' produzzjoni, bil-prezz medju tal-bejgħ miksub matul dik is-sena; minn
  - (b) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja ta' prodotti agrikoli prodotti fil-perjodu ta' tliet snin qabel id-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu ta' ħames snin qabel id-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali, ħlief l-ogħla u l-inqas entrata bil-prezz medju tal-bejgħ miksub.
- (342) Dak l-ammont jista' jiżdied bi spejjeż oħrajn imġarrbin mill-benefiċjarju minħabba d-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali, u jrid jitnaqqas b'kull spiża mhux imġarrba minħabba d-diżastru naturali jew l-okkorrenza eċċezzjonali li kieku xorta waħda kien iġarrabhom il-benefiċjarju.
- (343) Indiċijiet jistgħu jintużaw sabiex tiġi kkalkolata l-produzzjoni agrikola annwali tal-benefiċjarju diment li l-metodu ta' kalkolu użat jippermetti li jiġi stabbilit it-telf reali ta' benefiċjarju individwali f'sena partikolari.
- (344) Il-Kummissjoni ser taċċetta metodi oħrajn għall-kalkolu tad-dannu diment li tkun sodisfatta li dawn huma rappreżentattivi, mhumiex ibbażati fuq rendimenti għoljin b'mod mhux normali u ma jirriżultawx f'kumpens eċċessiv għal xi benefiċjarju. Il-kejl tal-firxa tad-dannu jista' jsir skont il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull tip ta' prodott billi jintużaw:
- (a) indiċijiet bijoloġiċi (kwantità ta' telf ta' bijomassa) jew indiċijiet ta' telf ta' rendiment ekwivalenti fil-livell ta' farm, lokali, reġjonali jew nazzjonali; jew
  - (b) indiċijiet tat-temp (inklużi l-kwantità ta' xita u t-temperatura) stabbiliti fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali.

<sup>(72)</sup> Id-deċizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar għajjnuna mill-Istat fil-każijiet N 274b/2010, N 274a/2010, SA.33605, SA.33628, SA.36787.

L-intensità tal-ghajjnuna

(345) L-ghajjnuna u kull pagament ieħor riċevut bħala kumpens għad-danni, inklużi pagamenti minn poloz tal-assigurazzjoni, għandhom ikunu limitati għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

1.2.1.2. Ghajjnuna biex tikkompensa għad-dannu kkawżat minn avvenimenti klimatiki avversi li jistgħu jkunu assimilati ma' diżastru naturali

(346) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna bħala kumpens għad-dannu kkaġunat minn avveniment klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk din tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(347) Din it-Taqsima tapplika għal ghajjnuna mogħtija biex tikkompensa għad-dannu kkaġunat minn avveniment klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali kif definit fil-punt (35).31. f'dawn il-Linji Gwida. Tapplika biss għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.

(348) Ghajjnuna mogħtija skont din it-Taqsima hija soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tkun għarfet b'mod formali l-karattru tal-avveniment bħala avveniment klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali;

u

(b) hemm rabta ta' kawżalità diretta bejn l-avveniment klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali u d-dannu mġarrab mill-impriża.

(349) Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jstabbilixxu bil-quddiem kriterji li abbażi tagħhom jitqies li jkun ingħata r-rikonoxximent formali msemmi fil-punt (348)(a).

(350) Fil-każ ta' skemi *ex-ante* l-Istati Membri jridu jikkonformaw mal-obbligu ta' rapportar stabbilit fil-punt (728).

(351) L-ghajjnuna trid titħallas direttament lill-impriża kkonċernata jew lil grupp jew organizzazzjoni ta' produttori li l-impriża hija membru fihom. Meta l-ghajjnuna titħallas lil grupp jew organizzazzjoni ta' produttori, l-ammont tal-ghajjnuna ma jistax jaqbeż l-ammont tal-ghajjnuna li għalih hija eliġibbli l-impriża.

(352) L-iskemi ta' ghajjnuna jridu jkunu stabbiliti fi żmien tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-avveniment klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali. L-ghajjnuna trid titħallas fi żmien erba' snin mid-data.

L-ispejjeż eliġibbli

(353) L-ispejjeż eliġibbli huma d-dannu mġarrab bħala konsegwenza diretta ta' avveniment klimatiku avvers li jista' jiġi assimilat ma' diżastru naturali, kif ivvalutat jew minn awtorità pubblika, jew minn esperti indipendenti rikonoxxut mill-awtorità awtorizzanti jew inkella minn impriża tal-assigurazzjoni.

(354) Id-dannu jinkludi dawn li ġejjin:

(a) id-dannu materjali f'assi bħal bini tal-farms, tagħmir u makkinarju, stokkijiet u l-mezzi ta' produzzjoni;

(b) it-telf ta' dħul mill-qerda sħiħa jew parzjali tal-produzzjoni agrikola u l-mezzi ta' produzzjoni.

(355) Il-kalkolu tad-dannu mġarrab minħabba l-avveniment klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali jrid isir fil-livell tal-benefiċjarju individwali.

(356) Id-dannu materjali fl-assi kkaġunat mill-avveniment klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali jrid jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-kost tat-tiswija jew il-valur ekonomiku tal-ass affettwat qabel l-avveniment klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali. Ma jistax jaqbeż l-ispiża tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur ġust tas-suq ikkawżat mill-avveniment klimatiku avvers u li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-assi eżatt qabel u eżatt wara l-avveniment klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali.

(357) Meta t-tnaqqis tad-dħul tal-benefiċjarju msemmi fil-punt (354) (b) jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-livell ta' uċuħ tar-raba' jew bhejjem, għandu jiġi kkunsidrat biss id-dannu materjali marbut ma' dawk l-uċuħ tar-raba' jew bhejjem.

- (358) It-telf ta' dħul irid jiġi kkalkolat jew fil-livell ta' produzzjoni annwali tal-farm jew fil-livell tal-uċuh tar-raba' jew bhejjem billi jitnaqqas:
- (a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità tal-prodotti agrikoli prodotti fis-sena tal-avveniment klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali, jew kull sena ta' wara affettwata mill-qerda sħiħa jew parzjali tal-mezzi ta' produzzjoni, bil-prezz medju tal-bejgħ miksub matul dik is-sena;  
minn
- (b) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja tal-prodotti agrikoli prodotti fil-perjodu ta' tliet snin ta' qabel l-avveniment klimatiku avvers li jista' jitqabbel ma' diżastru naturali, jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu ta' ħames snin ta' qabel l-avveniment klimatiku avvers li jista' jkun assimilata ma' diżastru naturali, esklużi l-ogħla u l-inqas entrata bil-prezz medju tal-bejgħ miksub.
- (359) Dak l-ammont jista' jiżdied bi spejjeż oħrajn imġarrbin mill-benefiċjarju minħabba l-avveniment klimatiku avvers li jista' jkun assimilata ma' diżastru naturali. Dak l-ammont irid jitnaqqas bi kwalunkwe spiża mhux imġarrba minħabba l-avveniment klimatiku avvers li jista' jkun assimilata ma' diżastru naturali li kieku xorta waħda kien iġarrabhom il-benefiċjarju.
- (360) Indiċijiet jistgħu jintużaw sabiex tiġi kkalkolata l-produzzjoni agrikola annwali tal-benefiċjarju diment li l-metodu ta' kalkolu użat jippermetti li jiġi stabbilit it-telf reali ta' benefiċjarju individwali f'sena partikolari.
- (361) Il-Kummissjoni ser taċċetta metodi oħrajn għall-kalkolu tad-dannu diment li tkun sodisfatta li dawn huma rappreżentattivi, mhumiex ibbażati fuq rendimenti għoljin b'mod mhux normali u ma jirriżultawx f'kumpens eċċessiv għal xi benefiċjarju. Il-kejl tal-firxa tad-dannu jista' jsir skont il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull tip ta' prodott billi jintużaw:
- (a) indiċijiet bijoloġiċi (kwantità ta' telf ta' bijomassa) jew indiċijiet ta' telf ta' rendiment ekwivalenti stabbilit fil-livell ta' farm, lokali, reġjonali jew nazzjonali; jew
- (b) indiċijiet tat-temp (inklużi l-kwantità ta' xita u t-temperatura) stabbiliti fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

- (362) L-ghajjnuna u kwalunkwe pagament ieħor riċevut bħala kumpens għall-ħsara, inklużi pagamenti minn miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni jew poloz tal-assigurazzjoni oħrajn għad-dannu li għalih tingħata ghajjnuna, iridu jkunu limitati għal 80 % tal-ispejjeż eliġibbli. L-intensità tal-ghajjnuna tista' tiżdied għal 90 % f'żoni li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali.
- (363) Ghajjnuna mogħtija skont din it-Taqsima trid titnaqqas b'50 % sakemm ma tingħatax lil benefiċjarji li għamlu assigurazzjoni li tkopri tal-anqas 50 % tal-produzzjoni annwali medja jew tad-dħul relatat mal-produzzjoni tagħhom u l-aktar riskji klimatiċi statistikament frekwenti fl-Istat Membru jew fir-reġjun ikkonċernat, li tiġi pprovduta koperatura ta' assigurazzjoni għalihom. Deroga minn din il-kundizzjoni hija possibbli biss jekk Stat Membru jista' juri b'mod konvinċenti li, minkejja l-isforzi raġonevoli kollha, fiż-żmien li fih seħħew id-danni ma kienx hemm disponibbli assigurazzjoni affordabbli li tkopri l-aktar riskji klimatiċi statistikament frewekenti fl-Istat Membru jew fir-reġjun ikkonċernat.
- 1.2.1.3. Ghajjnuna għall-ispejjeż ta' prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda tal-mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti biex tagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat mill-mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti
- (364) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-ispejjeż tal-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda ta' mard tal-annimali jew pjanti jew pesti tal-pjanti u ghajjnuna biex tagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat minn dak il-mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.



- (365) Din it-Taqsima tapplika biss għall-ghajjnuna mogħtija lill-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.
- (366) L-ghajjnuna għandha titħallas biss:
- (a) fir-rigward ta' mard tal-annimali jew pesti tal-pjanti li għalihom ikunu jeżistu regoli tal-Unjoni jew nazzjonali, stabbiliti mil-liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva; u
  - (b) bħala parti minn:
    - (i) programm pubbliku fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew reġjonali għall-prevenzjoni, il-kontroll jew l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali jew tal-pesti tal-pjanti kkonċernati; jew
    - (ii) miżuri ta' emerġenza imposti mill-awtorità pubblika kompetenti; jew
    - (iii) miżuri biex jiġu eradikati jew imrażżna pesti ta' pjanti implimentati skont id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità <sup>(73)</sup>.
- (367) Il-programmi u l-miżuri msemmijin fil-punt (366)(b) iridu jinkludu deskrizzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni kkonċernati.
- (368) L-ghajjnuna ma tistax tkun relatata ma' miżuri li fir-rigward tagħhom il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tistipula li l-ispejjeż tat-tali miżuri għandhom jiġġarrbu mill-benefiċjarju, sakemm l-ispiża ta' tali miżuri ta' ghajjnuna ma jiġux ikkumpensati kompletament minn imposti obbligatorji fuq il-benefiċjarji.
- (369) L-ghajjnuna trid titħallas direttament lill-impriża kkonċernata jew lil grupp jew organizzazzjoni ta' produt-turi li l-impriża hija membru fihom. Meta l-ghajjnuna titħallas lil grupp jew organizzazzjoni ta' produttori, l-ammont tal-ghajjnuna ma għandux jeċċedi l-ammont tal-ghajjnuna li għalih hija eliġibbli l-impriża.
- (370) L-ebda ghajjnuna individwali ma għandha tingħata fejn jiġi stabbilit li l-marda jew l-infestazzjoni bil-pesta tal-pjanta kienu kkaġunati deliberatament jew bin-negliġenza tal-benefiċjarju.
- (371) Fir-rigward tal-mard tal-annimali, l-ghajjnuna għandha tingħata biss fir-rigward tal-mard imsemmi fil-lista tal-mard tal-annimali stabbilita mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali jew il-mard tal-annimali u ż-żoonosi elenkati fl-Anness I u fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(74)</sup>.
- (372) L-iskemi ta' ghajjnuna jridu jiġu introdotti fi żmien tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-ispiża jew id-dannu kkawżat mill-mard tal-annimali jew mill-pesti tal-pjanti. L-ghajjnuna trid titħallas fi żmien erba' snin minn dik id-data.
- (373) Fil-każ ta' skemi *ex-ante* l-Istati Membri jridu jikkonformaw mal-obbligu ta' rapportar stabbilit fil-punt (728).

#### L-ispejjeż eliġibbli

- (374) Fil-każ ta' miżuri ta' prevenzjoni, l-ghajjnuna trid tkopri l-ispejjeż eliġibbli li ġejjin:
- (a) verifiki tas-saħħa;
  - (b) analiżijiet inkluż fid-djanjostika *in vitro*;
  - (c) testijiet u miżuri oħra ta' tnaqqija inklużi testijiet tat-TSE u l-BSE;

<sup>(73)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara lill-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

<sup>(74)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tal-infiq relatat mal-katina alimentari, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/26/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jrevoka d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

- (d) ix-xiri, il-ħażna, l-amministrazzjoni u t-tqassim ta' tilqim, mediċini, sustanzi għall-kura tal-annimali, u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;
- (e) it-tbiċċir jew il-qtil preventiv tal-annimali jew il-qerda ta' prodotti tal-annimali u ta' pjanti u t-tindif u d-diżinfettar tal-azjenda u t-tagħmir;
- (375) Fil-każ ta' miżuri ta' kontroll u eradikazzjoni, l-ghajjnuna trid tkopri l-ispejjeż eliġibbli li ġejjin:
- (a) testijiet u miżuri oħra ta' tnaqqija fil-każ ta' mard tal-annimali, inklużi testijiet tat-TSE u l-BSE;
- (b) ix-xiri, il-ħażna, l-amministrazzjoni u t-tqassim ta' tilqim, mediċini, sustanzi għall-kura tal-annimali, u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;
- (c) it-tbiċċir jew il-qatla u l-qerda tal-annimali u l-qerda ta' prodotti agrikoli u l-qerda ta' prodotti marbutin magħhom jew il-qerda ta' pjanti, inklużi dawk li jmutu jew jiġu meqruda bħala riżultat ta' tilqima jew miżuri oħra ordnati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti u t-tindif u d-diżinfettar tal-azjenda u t-tagħmir.
- (376) L-ghajjnuna fir-rigward tal-ispejjeż eliġibbli msemija fil-punti (374) u (375) trid tingħata *in natura* u trid titħallas lil minn jipprovi l-miżuri tal-prevenzjoni u l-qerda ħliet l-ispejjeż eliġibbli msemija fil-punti (374)(d) u (375)(b) u l-ispejjeż eliġibbli msemija fil-punti (374)(e) u (375)(c) fil-każ tal-pesti tal-pjanti u għat-tindif u d-diżinfettar tal-azjenda u tat-tagħmir.
- (377) Fil-każ ta' ghajjnuna biex tagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat minn marda tal-annimali jew pesti tal-pjanti, il-kumpens irid jiġi kkalkolat biss fir-rigward:
- (a) tal-valur tas-suq tal-annimali mbiċċra jew maqtula jew li mietu jew il-prodotti marbutin magħhom, jew il-pjanti meqruda:
- (i) bħala riżultati tal-marda tal-annimali jew pesti tal-pjanti;
- (ii) bħala parti minn programm jew miżura pubblika msemija fil-punt (366)(b) ta' dawn il-Linji Gwida;
- (b) it-telf tad-dħul minħabba obbligi ta' kwarantina u diffikultajiet fl-istokkjar mill-ġdid jew fit-tħawwil mill-ġdid u r-rotazzjoni tal-uċuħ obligatorja imposta bħala parti minn xi programm pubbliku jew xi miżura msemija fil-punt (366)(b).
- (378) Dak l-ammont irid jitnaqqas bi kwalunkwe spiża mhux imġarrba direttament minħabba l-marda tal-annimali jew il-pesta tal-pjanti li kieku xorta waħda kien iġarrabhom il-benefiċjarju.
- (379) Il-valur tas-suq imsemmi fil-punt (377)(a) irid jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-valur tal-annimali, prodott u pjanti eżatt qabel ma feġġ jew ġie kkonfermat kwalunkwe suspett tal-marda tal-annimali jew il-pesti tal-pjanti.
- (380) L-ghajjnuna msemija fil-punt (377) trid tkun limitata għall-ispejjeż u d-dannu kkaġunat minn mard tal-annimali u pesti tal-pjanti li għalihom l-awtorità kompetenti:
- (a) tkun irrikonossiet formalment tifqigħa, fil-każ ta' marda tal-annimali; jew
- (b) tkun irrikonossiet formalment il-preżenza tagħhom, fil-każ ta' pesti tal-pjanti.
- (381) F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġġustifikati, il-Kummissjoni tista' taċċetta l-ispejjeż imġarrbin fit-twettiq tal-miżuri neċessarji minbarra dawk imsemmin f'din it-Taqsima.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

- (382) L-ghajjnuna u kwalunkwe pagament ieħor rċevut mill-benefiċjarju, inkluż il-pagamenti skont miżuri jew politiki oħra ta' assigurazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni għall-istess spejjeż eliġibbli jridu jkunu limitati għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

#### 1.2.1.4. Ghajjnuna għal bhejjem mejta

- (383) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna għal bhejjem mejta bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(384) Din it-Taqsima tapplika għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.

L-intensità tal-ghajjnuna fir-rigward tal-ispejjeż eliġibbli:

(385) Fir-rigward tal-ispejjeż eliġibbli elenkati hawn taħt, japplikaw l-intensitajiet tal-ghajjnuna li ġejjin:

- (a) ghajjnuna b'rata li tasal sa 100 % tal-ispejjeż għat-tneħħija tal-istokk li ntilef u 75 % tal-ispejjeż għall-qerda ta' tali stokk li ntilef; tista' tingħata ghajjnuna għall-ispejjeż tal-primjums imħallsa mill-impriżi agrikoli għall-assigurazzjoni li tkopri l-ispejjeż tat-tneħħija u l-qerda tal-istokk li ntilef skont id-dispozzjonijiet tat-Taqsima 1.2.1.6 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida;
- (b) ghajjnuna b'rata li tasal sa 100 % tal-ispejjeż għat-tneħħija u l-qerda tal-istokk li ntilef meta l-ghajjnuna hija ffinanzjata permezz ta' tariffi jew permezz ta' kontribuzzjonijiet obligatorji maħsuba għall-finanzjament tat-tneħħija u l-qerda ta' dak l-istokk li ntilef, sakemm it-tali tariffi jew kontribuzzjonijiet ikunu limitati għas-settur tal-laħam u imposti direttament fuqu;
- (c) ghajjnuna ta' 100 % tal-ispejjeż għat-tneħħija u l-qerda tal-istokk li ntilef fejn hemm obbligu ta' twettiq ta' testijiet għat-TSE fuq l-istokk li ntilef ikkonċernat jew fil-każ ta' tifqiegħa ta' marda tal-annimali msemmija fil-punt (371) ta' dawn il-Linji wida;

(386) L-ghajjnuna trid tkun kondizzjonali fuq l-eżistenza ta' programm ta' sorveljanza konsistenti li jiżgura r-rimi sikur tal-istokk kollu li ntilef fl-Istat Membru kkonċernat.

(387) L-ghajjnuna trid tiġi pprovduta *in natura* u ma tistax tinvolvi pagamenti diretti lill-benefiċjarji ħlief meta min jgħammar il-bhejjem u huwa wkoll il-benefiċjarju tal-ghajjnuna jaġixxi wkoll bħala fornitur tas-servizz.

(388) Sabiex titħaffef l-amministrazzjoni tal-ghajjnuna, l-ghajjnuna tista' titħallas lil operaturi ekonomiċi jew korpi li:

- (a) huma attivi downstream mill-impriżi attivi fis-settur tat-trobbija tal-bhejjem; u
- (b) jipprovdu servizzi marbuta mat-tneħħija u l-qerda tal-istokk li ntilef.

(389) Fir-rigward tal-istokk li ntilef u l-iskart tal-biċċeriji, il-Kummissjoni ser iżżomm il-politika taġħha li ma tawtorizzax l-ghajjnuna għall-istokk li ntilef mogħtija lil operaturi attivi fl-ipproċessar ta' prodott agrikolu u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u l-ghajjnuna għall-ispejjeż għat-tneħħija tal-iskart tal-biċċeriji. L-ghajjnuna mill-Istat għall-investimenti li saru fir-rigward tar-rimi tal-iskart tal-biċċeriji ser tiġi eżaminata skont ir-regoli rilevanti li japplikaw għall-ghajjnuna ta' investment.

1.2.1.5. Ghajjnuna biex tikkumpensa d-dannu kkawżat minn annimali protetti

(390) Danni liltagħmir, infrastruttura,annimali u pjanti kkawżati minn annimali protetti, hija problema li qiegħda tikber. Is-suċċess tal-politika ta' konservazzjoni tal-Unjoni tiddependi parzjalment fuq il-ġestjoni effettiva tal-kunflitti bejn annimali protetti u bdiewa. Għaldaqstant, u fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Kummissjoni ser tqis ghajjnuna bħala kumpens għad-dannu kkawżat minn annimali protetti bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(391) Din it-Taqsima tapplika għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.

(392) Tintalab kontroparti minima mill-benefiċjarji biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u biex jiġi pprovdut inċentiv għat-tnaqqis tar-riskju. Din il-kontribuzzjoni trid tieħu l-forma ta' miżuri preventivi raġonevoli, bħaċ-ċnut tas-sikurezza meta jkun possibbli u bħall-klieb li joqgħodu għassa mal-bhejjem, li huma proporzjonati għar-riskju ta' danni kkawżati minn annimali protetti fiż-żona kkonċernata. Jekk ebda miżura preventiva raġonevoli ma tkun possibbli, l-Istat Membru kkonċernat għandu juri l-impossibbiltà li jieħu tali miżuri preventivi sabiex l-ghajjnuna titqies kompatibbli.

(393) L-Istat Membru jrid jistabbilixxi rabta ta; kawżalità diretta bejn id-danni mġarrba u l-imġiba tal-annimal protett.

- (394) L-ghajjnuna trid titħallas direttament lill-impriża kkonċernata jew lil grupp jew organizzazzjoni ta' produttori li l-impriża hija membru fihom. Meta l-ghajjnuna titħallas lil grupp u organizzazzjoni ta' produttori, l-ammont tal-ghajjnuna ma jistax jaqbeż l-ammont tal-ghajjnuna li għalih hija eliġibbli l-impriża.
- (395) L-iskema tal-ghajjnuna trid tiġi stabbilita fi żmien tliet snin mid-data tal-okkorrenza tal-avveniment dannuż. L-ghajjnuna trid titħallas fi żmien erba' snin mid-data.

#### L-ispejjeż eliġibbli

- (396) L-ispejjeż eliġibbli huma l-ispejjeż tad-danni mġarrba bħala konsegwenza diretta tal-avveniment li kkawża d-dannu, kif jiġu vvalutati minn awtorità pubblika, minn esperti indipendenti rikonoxxut mill-awtorità awtorizzanti jew minn impriża tal-assigurazzjoni.
- (397) Id-dannu jista' jinkludi dan li ġej:
- (a) dannu għall-annimali maqtula jew għall-pjanti meqruda: l-ispejjeż eliġibbli huma bbażati fuq il-valur tas-suq tal-annimal maqtul jew tal-pjanti meqruda mill-annimali protetti;
  - (b) l-ispejjeż indiretti: l-ispejjeż tal-veterinarju li jirriżultaw mill-kura tal-annimali mwegġġhin u l-ispejjeż tax-xogħol marbuta mat-tiftix għal annimali mitlufin;
  - (c) id-dannu materjali fl-assi li ġejjin: it-tagħmir tal-farm, il-makkinarju, il-bini tal-farm u l-istokkijiet; il-kalkolu tad-dannu materjali jrid ikun ibbażat fuq il-kost tat-tiswija jew il-valur ekonomiku tal-ass affettwat qabel l-avveniment li kkawża d-dannu; dan ma jistax jaqbeż l-ispejjeż tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur tas-suq ġust ikkawżat mill-avveniment li kkawża d-danni, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-proprjetà eżatt qabel u eżatt wara l-avveniment.
- (398) Dak l-ammont irid jitnaqqas bi kwalunkwe spiża mhux imġarrba minħabba l-avveniment li jikkawża d-dannu, li kieku xorta waħda kien iġarrabbhom il-benefiċjarju.
- (399) Id-dannu jrid jiġi kkalkolat fil-livell tal-benefiċjarju individwali.
- (400) L-investimenti relatati mal-miżuri biex jiġu evitati d-danni li jsiru minn annimali protetti, jistgħu jiġu appoġġjati skont il-kundizzjonijiet tat-Taqsima 1.1.1.1 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna ta' investiment fl-azjendi agrikoli.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

- (401) Il-kumpens jista' jingħata sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.
- (402) Il-kumpens għall-ispejjeż indiretti jrid ikun proporzjonat mal-ispejjeż diretti u ma jistax jaqbeż 80 % tat-total tal-ispejjeż eliġibbli indiretti.
- (403) L-ghajjnuna u kwalunke pagament ieħor riċevut bħala kumpens għad-dannu, inklużi pagamenti skont miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni jew poloz tal-assigurazzjoni oħrajn għad-dannu li għalih ingħatat l-ghajjnuna, iridu jkunu limitati għal 100 % tal-ispejjeż diretti eliġibbli u 80 % tal-ispejjeż indiretti eliġibbli.

#### 1.2.1.6. Ghajjnuna għall-pagament ta' primjums tal-assigurazzjoni

- (404) F'ħafna każijiet, l-assigurazzjoni hija għodda li tgħin tassew għall-ġestjoni tajba tar-riskji u l-kriżijiet. Għaldaqstant, u fir-rigward tal-possibbiltajiet ta' finanzjament spiss neqsin tal-bdiewa, il-Kummissjoni tieħu pożizzjoni favorevoli fir-rigward tal-ghajjnuna mill-Istat għall-primjums tal-assigurazzjoni fejn l-assigurazzjoni tikkonċerna l-produzzjoni agrikola primarja.
- (405) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-pagament ta' primjums tal-assigurazzjoni kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (406) Din it-Taqsima tapplika għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.
- (407) L-ghajjnuna ma għandhiex tkun ta' xkiel għat-tħaddim tas-suq intern għas-servizzi ta' assicurazzjoni. B'mod partikolari, l-ghajjnuna ma għandhiex tkun limitata għall-assigurazzjoni pprovduta minn kumpanija tal-assigurazzjoni unika jew grupp ta' kumpaniji, jew tkun soġġetta għall-kundizzjoni li jiġi ffirmat kuntratt ta' assicurazzjoni ma' kumpanija stabbilita fl-Istat Membru kkonċernat.
- (408) L-iskemi ta' assicurazzjoni mill-ġdid ser jiġu analizzati abbażi ta' każ b'każ.

L-ispejjeż eliġibbli

- (409) L-ispejjeż eliġibbli huma dawk l-ispejjeż għall-assigurazzjoni li tkopri d-dannu ikkawżat minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali, avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jkunu assimilati ma' diżastri naturali, mard tal-annimali u pesti tal-pjanti, it-tneħħija u l-qerda tal-istokk li ntilef u d-dannu kkawżat minn annimali protetti, kif jispeċifikaw it-Taqsimiet 1.2.1.1., 1.2.1.2., 1.2.1.3., 1.2.1.4. u 1.2.1.5., kif ukoll minn avvenimenti klimatiċi avversi oħra u/jew id-dannu kkawżat minn inċidenti ambjentali.
- (410) Il-ħlasijiet tal-assigurazzjoni jistgħu jikkumpensaw biss l-ispiża tal-kumpens għad-dannu imsemmi fil-punt (409) ta' hawn fuq u jistgħu ma jeħtiġux jew ma jispeċifikawx it-tip jew il-kwantità ta' produzzjoni futura.
- (411) Fir-rigward tal-ghajjnuna għall-primjums tal-assigurazzjoni għall-assigurazzjoni tat-telf ikkawżat bl-inċidenti ambjentali, għandhom jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet addizzjonali: l-okkorrenza ta' inċident ambjentali trid tiġi rikonoxxuta formalment bħala tali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. Fejn rilevanti, l-Istati Membri jistgħu jstabbilixxu minn qabel kriterji li abbażi tagħhom jitqies li jkun ingħata dak ir-ikonoxximent formali. Jistgħu jintużaw l-indiċijiet imsemmija fil-punti (360) u (361) biex tiġi kkal-kulata l-produzzjoni agrikola annwali tal-benefiċjarju u kemm hu kbir it-telf.

L-intensità tal-ghajjnuna

- (412) L-intensità grossa tal-ghajjnuna ma għandhiex taqbeż il-65 % tal-primjum tal-assigurazzjoni bl-eċċezzjoni tal-ghajjnuna għat-tneħħija u l-qerda tal-istokk li ntilef, fejn l-intensità tal-ghajjnuna ma tistax taqbeż il-100 % tal-ispiża tal-primjum tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-primjums tal-assigurazzjoni għat-tneħħija tal-istokk li ntilef u 75 % tal-ispiża tal-primjum tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-primjums tal-assigurazzjoni għall-qerda ta' tali stokk li ntilef.
- (413) L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-ammont tal-primjum tal-assigurazzjoni li huwa eliġibbli għal ghajjnuna billi japplikaw limiti massimi xierqa.

1.2.1.7. Ghajjnuna għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-fondi reċiproki

- (414) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-fondi reċiproki biex tħallas il-kumpens lill-bdiewa għad-dannu kkawżat minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastri naturali, mard tal-annimali u pesti tal-pjanti, kif speċifikat fit-Taqsimiet 1.2.1.2. u 1.2.1.3. u/jew għad-dannu kkawżat minn inċidenti ambjentali kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u l-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (415) Din it-Taqsima tapplika għal impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.
- (416) Il-fond reċiproku kkonċernat irid:
- (a) jiġi akkreditat mill-awtorità kompetenti skont il-liġi nazzjonali;
  - (b) ikollu politika trasparenti dwar id-depożiti fil-fond u l-ġbid minnu;
  - (c) ikollu regoli ċari li jattribwixxu r-responsabbiltajiet għal kwalunkwe dejn sostnut.
- (417) L-Istati Membri jridu jiddefinixxu r-regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fondi reċiproki, b'mod partikolari għall-għoti ta' pagamenti bħala kumpens, kif ukoll għall-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn ir-regoli. L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-arranġamenti tal-fondi għandhom jipprovdu penali f'każ ta' negliġenza min-naħa tal-impriża.

L-ispejjeż eliġibbli

- (418) Fost l-ispejjeż eliġibbli hemm l-ispejjeż tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji ffondi reċiproki biex jitħallas kumpens lill-bdiewa għad-dannu kkawżat minn avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jkunu jitqabblu ma' diżastri naturali, mard tal-annimali u pesti tal-pjanti kif speċifikat fit-Taqsimiet 1.2.1.2. u 1.2.1.3. u/jew għad-dannu kkawżat minn inċidenti ambjentali. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu jkunu marbuta biss mal-ammonti mħallsa mill-fond reċiproku bħala kumpens finanzjarju lil impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.

(419) Fir-rigward tal-ghajjnuna għall-kuntribuzzjonijiet finanzjarji f'fondi reċiproki biex jitħallas kumpens għad-danu kkwżat minn inċidenti ambjentali, għandhom jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet addizzjonali li ġejjin: l-okkorrenza ta' inċident ambjentali trid tiġi rikonossuta formalment bħala tali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu minn qabel kriterji li abbażi tagħhom jitqies li jkun ingħata dak ir-ikonossiment formali. Jistgħu jintużaw l-indiċijiet imsemmija fil-punti (360) u (361) biex tiġi kkalkulata l-produzzjoni agrikola annwali tal-benefiċjarju u kemm hu kbir it-telf.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

(420) L-ghajjnuna trid tkun limitata għal 65 % tal-ispejjeż eliġibbli.

(421) L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ispejjeż li huma eliġibbli għall-ghajjnuna billi jiġu applikati:

(a) limiti massimi għal kull fond;

(b) limiti massimi xierqa tal-fond għal kull membru/affiljat.

#### 1.2.2. *Għajjnuna għall-Għeluq tal-Kapaċità ta' Produzzjoni*

(422) Din it-Taqisma tapplika għas-settur agrikolu kollu <sup>(75)</sup>.

1.2.2.1. L-għeluq tal-kapaċità għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, il-pjanti jew il-bnedmin jew għal raġunijiet sanitarji, etiċi jew ambjentali

(423) Il-Kummissjoni se tqis li l-ghajjnuna għall-għeluq tal-kapaċità hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(424) L-għeluq tal-kapaċità jsir għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, il-pjanti jew il-bnedmin, jew għal raġunijiet sanitarji, etiċi jew ambjentali, bħat-tnaqqis fid-densitajiet globali tal-merħliet.

(425) Irid ikun hemm kontroparti suffiċjenti mill-benefiċjarju tal-ghajjnuna. Din il-kontroparti ser tikkonsisti f'deċiżjoni definittiva u irrevokabbli sabiex titwaqqaf jew tingħalaq b'mod irrevokabbli l-kapaċità ta' produzzjoni kkonċernata. Dan ser jinvolvi jew l-għeluq sħiħ tal-kapaċità mill-impriża kkonċernata jew, fejn dan ikun debitament iġġustifikat, l-għeluq parzjali tal-kapaċità. Iridu jinkisbu impenji legalment vinkolanti mill-benefiċjarju li l-għeluq tal-kapaċità ta' produzzjoni kkonċernata huwa definittiv u ma jistax jitreġġa' lura u li l-benefiċjarju mhux ser jibda l-istess attività x'imkien ieħor. Dawn l-impenji jridu jkunu jorbtu wkoll lil kwalunkwe xerxer ieħor tal-art jew faċilità kkonċernata fil-futur.

(426) Huma biss l-impriżi li fil-fatt kienu qegħdin jipproduċu, u huma biss il-kapaċitajiet ta' produzzjoni li fil-fatt kienu qegħdin jintużaw b'mod kostanti matul l-aħħar ħames snin qabel l-għeluq tal-kapaċità li huma eliġibbli għall-ghajjnuna. F'każijiet fejn il-kapaċità ta' produzzjoni tkun diġà għalqet b'mod definittiv, jew meta jkun jidher li dak l-għeluq ma jistax jiġi evitat, ma hemm l-ebda kontroparti mill-benefiċjarju, u l-ghajjnuna ma tistax tingħata.

(427) Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tehmeż kundizzjonijiet addizzjonali mal-awtorizzazzjoni tal-ghajjnuna.

(428) Għall-ghajjnuna, huma eliġibbli biss dawk l-impriżi li jissodisfaw l-istandards tal-Unjoni. Impriżi li ma jissodisfaw l-istandards tal-Unjoni u li jkollhom iwaqqfu l-produzzjoni xorta huma esklużi.

(429) Sabiex jiġu evitati erożjoni u effetti negattivi oħrajn fuq l-ambjent, art agrikola miftuħa li titwaqqfilha l-produzzjoni trid fil-prinċipju tiġi afforestata jew mibdula f'żona tan-natura fi żmien sentejn u b'tali mod li jiġi żgurati li jiġu evitati effetti negattivi fuq l-ambjent. Inkella, art agrikola miftuħa tista' terġa' tintuża 20 sena wara l-għeluq effettiv tal-kapaċità. Sa dak iż-żmien, dik l-art agrikola trid tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, b'konformità mat-Titolu VI tal-Kapitolu I tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, u mar-regoli ta' implimentazzjoni rilevanti. L-għeluq tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(76)</sup> irid isir f'konformità mal-Artikoli 11 u 22 ta' dik id-Direttiva li tirrikjedi li jittieghdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi evitat kull riskju ta' tniġġis u li s-sit tal-operazzjoni jerġa' lura fi stat sodisfaċenti.

<sup>(75)</sup> Ara d-definizzjoni ta' settur agrikolu fil-punt (35)2 ta' dawn il-Linji Gwida.

<sup>(76)</sup> Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

(430) L-ghajjnuna mogħtija taħt skema ta' ghajjnuna għandha tkun aċċessibbli għall-impriżi eliġibbli kollha.

#### L-ispejjeż eliġibbli

(431) L-ghajjnuna tkopri l-kumpens għat-telf tal-valur tal-assi, imkejla bħala l-valur attwali tal-bejgħ tal-assi.

(432) Minbarra l-kumpens għat-telf tal-valur tal-assi, għall-għeluq tal-kapaċità għal raġunijiet ambjentali, jista' jingħata pagament ta' iċċentiv li ma jistax jaqbeż l-20 % tal-valur tal-assi.

(433) Jista' jingħata wkoll kumpens għall-ispejjeż tal-qerda tal-kapaċità ta' produzzjoni.

(434) L-ghajjnuna tista' titħallas ukoll biex tikkumpensa għal spejjeż soċjali obbligatorji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-għeluq.

(435) L-ghajjnuna għall-afforestazzjoni u l-konverżjoni tal-art f'żoni tan-natura trid tingħata skont ir-regoli fit-Taqsimiet 2.1.1 u 2.1.2 tal-Parti II u r-regoli dwar l-investment mhux produttiv stabbiliti fit-Taqsima 1.1.1.1 tal-Parti II.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

(436) L-ammonti massimi tal-ghajjnuna huma dawn:

(a) sa 100 % għall-kumpens tat-telf tal-valur tal-assi, għall-kumpens tal-ispejjeż tal-qerda tal-kapaċità tal-produzzjoni u biex tikkumpensa għal-ispejjeż soċjali obbligatorji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-għeluq;

(b) sa 120 % għall-kumpens tat-telf tal-valur tal-assi fejn l-għeluq isir għal raġunijiet ambjentali.

#### 1.2.2.2. L-għeluq tal-kapaċità għal raġunijiet oħrajn

(437) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-għeluq tal-kapaċità għal raġunijiet oħra differenti minn dawk stabbiliti fit-Taqsima 1.2.2.1. kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(438) L-għeluq irid isir għar-ristrutturar tas-settur, għad-diversifikazzjoni jew għall-irtirar bikri.

(439) Iridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fil-punti (425) sa (429) .

(440) Ma tista' tingħata l-ebda ghajjnuna li tinterferixxi mal-mekkaniżmi tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli. L-iskemi tal-ghajjnuna li japplikaw għas-setturi li huma soġġetti għal-limiti jew kwoti ta' produzzjoni ser jiġu evalwati fuq bażi ta' każ b'każ.

(441) L-ghajjnuna trid tkun parti minn programm li għandu għanijiet definiti u skeda ta' żmien speċifika mmirata għar-ristrutturar tas-settur, għad-diversifikazzjoni, jew għall-irtirar bikri.

(442) Sabiex jiġi żgurat impatt rapidu fuq is-suq, id-durata tal-iskemi bil-għan li tingħalaq il-kapaċità għandha tiġi limitata għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur għall-ġbir ta' applikazzjonijiet għal parteċipazzjoni, u perjodu ieħor ta' tmax-il xahar għall-għeluq proprju. Il-Kummissjoni mhix se taċċetta skemi ta' ghajjnuna b'durata ta' aktar minn tliet snin, peress li l-esperjenza turi li dawn jistgħu jirriżultaw fl-irtardjar tal-bidliet meħtieġa.

(443) L-iskema ta' ghajjnuna għandha tkun aċċessibbli għall-atturi ekonomiċi kollha fis-settur ikkonċernat bl-istess kundizzjonijiet. Sabiex jinkiseb impatt massimu, l-Istat Membru għandu juża sistema trasparenti ta' sejħiet għal interess li pubblikament tistieden lill-impriżi kollha potenzjalment interessati sabiex jieħdu sehem; fl-istess ħin, l-organizzazzjoni tal-iskema ta' ghajjnuna għandha titmexxa b'tali mod li la tkun teħtieġ u lanqas ma tiffaċilita ftehimiet mhux kompetittivi jew Prattiki miftiehma bejn l-impriżi kkonċernati.

L-ispejjeż eliġibbli u l-intensità tal-ghajjnuna

(444) Huma applikabbli d-dispożizzjonijiet dwar l-ispejjeż eliġibbli u dwar l-intensità tal-ghajjnuna tat-Taqsima 1.2.2.1 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż skont il-punt (432).

**1.3. Tipi oħrajn ta' ghajjnuna fis-settur agrikolu****1.3.1. Ghajjnuna lis-settur tat-trobbija tal-bhejjem**

(445) Il-Kummissjoni tieħu pożizzjoni favorevoli fir-rigward tal-ghajjnuna li tikkontribwixxi għaż-żamma u t-titjib tal-kwalità ġenetika tal-bhejjem tal-Unjoni. Għalhekk ser tiddikjara l-ghajjnuna fis-settur tat-trobbija tal-bhejjem kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(446) Din it-Taqsima tapplika għall-SMEs attivi fil-produzzjoni agrikola primarja. Il-Kummissjoni mhijiex ser tawtorizza ghajjnuna mill-Istat għall-ispejjeż koperti minn din it-Taqsima favur intrapriżi kbar.

(447) L-ghajjnuna għandha tiġi pprovduta *in natura* u ma għandhiex tinvolvi pagamenti diretti lill-benefiċjarji.

L-ispejjeż eliġibbli

(448) L-ghajjnuna tkopri t-twaqqif u ż-żamma ta' kotba dwar il-merħliet kif ukoll it-testijiet imwettqa minn jew fisem partijiet terzi, biex tiġi ddeterminata l-kwalità ġenetika jew ir-rendiment tal-bhejjem, bl-eċċezzjoni ta' kontrolli mwettqa mis-sid tal-bhejjem u kontrolli ta' rutina tal-kwalità tal-ħalib.

(449) L-ispejjeż eliġibbli jinkludu:

(a) l-ispejjeż amministrattivi li ġejjin tat-twaqqif u ż-żamma ta' kotba dwar il-merħliet imsemmija fil-punt (448):

(i) il-ġbir u l-amministrazzjoni tad-dejta dwar l-annimali, pereżempju l-orijini ta' annimal, id-data ta' twelid tiegħu, id-data ta' inseminazzjoni tiegħu, id-data tal-mewt tiegħu u r-raġunijiet għala seħħ dan, u evalwazzjoni ta' espert, l-attwalizzazzjoni u l-ipproċessar tad-dejta meħtieġa għat-twaqqif u ż-żamma tal-kotba dwar il-merħliet;

(ii) ix-xogħlijiet amministrattivi relatati mar-reġistazzjoni tad-dejta rilevanti dwar l-annimali fil-kotba tal-merħla;

(iii) l-attwalizzazzjoni tas-sofwer għall-ġestjoni tad-dejta fil-kotba tal-merħla;

(iv) il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni online li tirrigwarda l-kotba tal-merħla u tad-dejta mill-kotba tal-merħla online; jew

(v) spejjeż amministrattivi relatati oħra;

(b) l-ispejjeż li ġejjin għat-testijiet biex tiġi ddeterminata l-kwalità ġenetika jew ir-rendiment tal-bhejjem imsemmija fil-punt(448):

(i) l-ispejjeż tat-testijiet jew il-kontrolli;

(ii) l-ispejjeż relatati għall-ġbir u l-evalwazzjoni tad-dejta rċevuta minn tali testijiet u kontrolli fir-rigward taż-żieda fis-saħħa tal-annimali u l-livell ta' protezzjoni ambjentali;

(iii) l-ispejjeż relatati għall-ġbir u l-evalwazzjoni tad-dejta rċevuta minn tali testijiet u l-kontrolli mmi-rati lejn il-valutazzjoni tal-kwalità ġenetika tal-annimali għall-implimentazzjoni ta' tekniki avvanzati ta' tgħammir u għaż-żamma tad-diversità ġenetika; jew

(iv) spejjeż relatati oħrajn.

L-intensità tal-ghajjnuna

(450) L-ghajjnuna tista' tiġi awtorizzata sa 100 % għall-finanzjament tal-ispejjeż amministrattivi tat-twaqqif u ż-żamma ta' kotba dwar il-merħliet.

(451) L-ghajjnuna ser tiġi awtorizzata sa 70 % għall-ispejjeż tat-testijiet imwettqa minn jew fisem partijiet terzi, biex tiġi ddeterminata l-kwalità ġenetika jew ir-rendiment tal-bhejjem.



### 1.3.2. Ghajjnuna għall-miżuri ta' promozzjoni favur il-prodotti agrikoli

- (452) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-promozzjoni tal-prodotti agrikoli kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (453) Din it-Taqsima tapplika għas-settur agrikolu kollu<sup>(77)</sup>. Il-benefiċjarji tal-ghajjnuna għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet, il-fieri kummerċjali jew l-esibizzjonijiet, imsemmija fil-punt (464)(a) iridu jkunu limitati għall-SMEs.
- (454) L-attività ta' promozzjoni trid tkun maħsuba jew biex tinforma lill-pubbliku dwar il-karatteristiċi tal-prodotti agrikoli, bħal pereżempju bl-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet, bil-parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali u l-attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi, bil-popolarizzazzjoni tal-għarfien xjentifiku, jew bil-pubblikazzjonijiet b'informazzjoni fattwali, jew inkella biex l-operaturi ekonomiċi jew il-konsumaturi jiġu mħeġġa jixru l-prodott agrikolu kkonċernat permezz ta' kampanji ta' promozzjoni.
- (455) Il-kampanja ta' promozzjoni trid tkun iffokata fuq prodotti koperti bl-iskemi tal-kwalità msemmija fil-punt (282) jew irid ikollha karattru ġeneriku u ta' ġid għall-produtturi kollha tat-tip ta' prodott ikkonċernat.
- (456) Il-kampanja ta' promozzjoni trid tkun konformi mal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/13/KE<sup>(78)</sup> u, fejn xieraq, mar-regoli speċifiċi dwar it-tikkettar.
- (457) L-Istati Membri jridu jibagħtu kampjuni rappreżentattivi ta' materjal ta' promozzjoni meta jinnotifikaw għajjnuna jew skema ta' għajjnuna għal kampanja ta' promozzjoni. Jekk dak il-materjal ma jkunx disponibbli meta ssir in-notifika, għandu jsir impenn biex jiġi pprovdut fi stadju aktar tard u fi kwalunkwe każ qabel it-tnedija tal-kampanja ta' promozzjoni.
- (458) Kampanji ta' promozzjoni li jaqbu l-livell limitu tan-notifika msemmi fil-punt (37)(b) iridu jiġu nnotifikati b'mod individwali.
- (459) Il-provvediment ta' miżuri promozzjonali jista' jittieħed minn gruppi ta' produtturi jew organizzazzjonijiet oħra irrispettivament mid-daqs tagħhom. Meta l-miżura ta' promozzjoni ssir minn gruppi ta' produtturi jew organizzazzjonijiet oħra, il-parteċipazzjoni ma għandhiex tkun soġġetta għal sħubija ta' dawk il-gruppi jew organizzazzjonijiet filwaqt li kwalunkwe kontribuzzjoni fir-rigward tat-tariffi amministrattivi għall-grupp jew l-organizzazzjoni għandha tkun limitata għall-ispiża tal-għoti tal-miżura ta' promozzjoni.
- (460) L-ghajjnuna trid tingħata:
- (a) *in natura*; jew
- (b) abbażi ta' rimborż tal-ispejjeż reali mġarrba mill-benefiċjarju.
- (461) B'deroga mill-punt (460), l-ghajjnuna għall-kampanji ta' promozzjoni trid tingħata biss *in natura* permezz ta' servizzi ssussidjati.
- (462) Meta l-ghajjnuna tingħata *in natura* l-ghajjnuna ma tistax tinkludi pagamenti diretti lill-benefiċjarji iżda trid titħallas lill-fornitur tal-miżuri promozzjonali.
- (463) L-ghajjnuna għal premji simboliċi msemmija fil-punt (464)(a)(v) tista' titħallas biss lill-fornitur tal-miżuri ta' promozzjoni jekk il-premju fil-fatt ingħata u mal-preżentazzjoni ta' prova tal-għoti.

#### L-ispejjeż eliġibbli

- (464) L-ispejjeż eliġibbli għall-ghajjnuna għall-promozzjoni ta' prodotti agrikoli fi ħdan l-Unjoni huma dawn:
- (a) l-ispejjeż li jikkonċernaw l-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet, fieri kummerċjali u esibizzjonijiet, sakemm l-ghajjnuna hija aċċessibbli għal dawk kollha eliġibbli fil-qasam ikkonċernat, abbażi ta' kundizzjonijiet iddefiniti b'mod oġġettiv:
- (i) il-ħlasijiet tal-parteċipazzjoni;
- (ii) l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ispejjeż għat-trasport ta' animali;

<sup>(77)</sup> Ara d-definizzjoni ta' settur agrikolu fil-punt (35)2 ta' dawn il-Linji Gwida.

<sup>(78)</sup> Id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel (ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29).

- (iii) l-ispejjeż ta' pubblikazzjonijiet u websajts li jħabbru l-avveniment;
  - (iv) il-kera ta' bini u stands u l-ispejjeż għall-installazzjoni u ż-żarmar tagħhom;
  - (v) il-premjijiet simboliċi sa valur ta' EUR 1 000 għal kull premju u rebbieħ tal-kompetizzjoni;
- (b) l-ispejjeż tal-pubblikazzjonijiet f'mezzi stampati u elettroniċi, il-websajts u riklami f'mezzi elettroniċi, fuq ir-radju jew it-televisin, bil-għan li jippreżentaw informazzjoni fattwali dwar il-produtturi minn reġ-  
jun partikolari jew produtturi ta' prodott partikolari, sakemm l-informazzjoni tkun newtrali u l-produtturi kollha jingħataw l-istess opportunità li jkunu rappreżentati fil-pubblikazzjoni;
- (c) l-ispejjeż għat-tixrid tal-għarfien xjentifiku u informazzjoni fattwali dwar:
- (i) l-iskemi tal-kwalità kif jissewma fil-punt (282) miftuħa għal prodotti agrikoli minn Stati Membri oħra u pajjiżi terzi;
  - (ii) prodotti agrikoli ġeneriċi u l-benefiċċji nutrizzjonali tagħhom u l-użi ssuġġeriti għalihom;
- (d) l-ispejjeż għall-kampanji ta' promozzjoni mmirati lejn il-konsumaturi organizzati fil-midja jew ħwienet għall-konsumaturi kif ukoll għall-materjal ta' promozzjoni kollu li huwa distribwit direttament lill-konsumaturi.

#### Referenza għall-impriża, l-isem tad-ditta jew l-oriġini partikolari

- (465) L-attivitajiet ta' promozzjoni msemmija fil-punt (464)(c) u l-kampanji ta' promozzjoni li jissemmew fil-punt (464)(d), u b'mod partikolari l-attivitajiet ta' promozzjoni li huma ġeneriċi fin-natura tagħhom u għall-ġid tal-produtturi kollha tat-tip ta' prodott ikkonċernat, ma għandhomx isemmu xi impriża, marka kummerċjali jew oriġini partikolari. Il-kampanji ta' promozzjoni, imsemmija fil-punt (464)(d) ma għandhomx ikunu assenjati għal prodotti ta' kumpanija partikolari waħda jew aktar.
- (466) Madankollu, ir-restrizzjoni dwar ir-referenza għall-oriġini ma tapplikax għall-attivitajiet ta' promozzjoni u l-kampanji ta' promozzjoni imsemmija fil-punt (464)(c) u (d), li jiffukaw fuq prodotti koperti bl-iskemi tal-kwalità kif jissewma fil-punt (282), diment li jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet:
- (a) meta l-attività ta' promozzjoni tiffoka fuq denominazzjonijiet rikonossuti mill-Unjoni, tista' tirreferi għall-oriġini tal-prodotti, sakemm ir-referenza tikkorrispondi eżatt għal dik irreġistrata mill-Unjoni;
  - (b) meta l-attività tkun tikkonċerna prodotti koperti bl-iskemi tal-kwalità li mhumiex skemi għal denominazzjonijiet rikonossuti mill-Unjoni, l-oriġini tal-prodotti tista' tissemma', sakemm tkun sekondarja fil-messaġġ. Sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-referenza għall-oriġini hijiex sekondarja, il-Kummissjoni ser tqis l-ammont globali tat-test u/jew id-daqs tas-simbolu inklużi l-istampi kif ukoll il-preżentazzjoni ġenerali li tirreferi għall-oriġini meta mqabbla mat-test u/jew is-simbolu li jirreferi għall-element li l-aktar jolqot l-għajn, jiġifieri l-parti tal-promozzjoni li mhijiex iffokata fuq l-oriġini tar-prodott.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

- (467) L-intensità tal-ghajjnuna għall-ispejjeż eliġibbli msemmija fil-punt (464)(a) sa (c), ser tkun sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.
- (468) L-intensità tal-ghajjnuna għall-kampanji ta' promozzjoni li jiffukaw fuq prodotti koperti mill-iskemi tal-kwalità, kif jissewma fil-punt (464)(d) flimkien mal-punt (455), ma tistax taqbeż il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-kampanja. Jekk is-settur jikkontribwixxi tal-anqas 50 % tal-ispejjeż, tkun xi tkun il-forma tal-kontribuzzjoni, pereżempju taxxi speċjali, l-intensità tal-ghajjnuna tista' tasal sa 100 %<sup>(79)</sup>.
- (469) L-intensità tal-ghajjnuna għall-kampanji ta' promozzjoni ġeneriċi, imsemmija fil-punt (464)(d) flimkien mal-punt (455), tista' tkopri sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

<sup>(79)</sup> Il-Kawża T-139/09, Franza v. il-Kummissjoni [2012]ECR.

Promozzjoni fpajjiżi terzi

(470) Il-Kummissjoni ser tanalizza l-ghajjnuna mill-Istat għall-promozzjoni fpajjiżi terzi u tiddikjaraha bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk l-ghajjnuna tkun konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 3/2008. Madankollu, il-Kummissjoni mhijiex ser tiddikjara bħala kompatibbli għajjnuna mill-Istat għal promozzjoni li:

(a) tingħata lil impriżi partikolari jew lil marki kummerċjali;

(b) tirriskja li tipperikola l-bejgħ ta' prodotti minn Stati Membri oħrajn jew tikkritikahom.

1.3.3. *Għajjnuna lir-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer minuri tal-Eġew*

(471) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer minuri tal-Eġew kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(472) Din it-Taqsima tapplika għas-settur agrikolu kollu<sup>(80)</sup>.

(473) Rigward ir-reġjuni l-aktar imbiegħda, f'konformità mal-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) Nru 228/2013, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat ma japplikawx fir-rigward tal-ghajjnuniet li ġejjin mogħtija minn Stati Membri skont dak ir-Regolament:

(a) miżuri favur produzzjonijiet agrikoli lokali skont il-Kapitolu IV ta' dak ir-Regolament;

(b) ghajjnuniet mogħtija minn Franza lis-settur agrikolu taz-zokkor skont l-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament;

(c) ghajjnuniet għall-programmi dwar is-saħħa tal-pjanti skont l-Artikolu 24 ta' dak ir-Regolament; u

(d) ghajjnuniet mogħtija minn Spanja għall-produzzjoni tat-tabakk fil-Gżejjer Kanarji skont l-Artikolu 28 ta' dak ir-Regolament.

(474) Minbarra f'dawk il-każijiet, ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat japplikaw għall-miżuri fir-rigward tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, bil-partikolarità li ġejja: l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 jistipula li l-Kummissjoni tista' tawtorizza ghajjnuna operattiva fis-setturi tal-produzzjoni, l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I għat-Trattat, li fuqhom japplikaw l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat, bil-għan li jitnaqqsu r-restrizzjonijiet speċifiċi fuq il-biedja fir-reġjuni l-aktar imbiegħda minħabba l-iżolament, l-insularità u d-distanza kbira.

(475) Rigward il-gżejjer minuri tal-Eġew, b'konformità mal-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 229/2013, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat ma japplikawx għal pagamenti li jsiru skont il-Kapitolu III u IV ta' dak ir-Regolament mill-Greċja b'konformità ma' dak ir-Regolament.

(476) Ħlief f'dawk il-każijiet, l-ghajjnuna mill-Istat ma tapplikax għal miżuri fir-rigward tal-gżejjer minuri tal-Eġew, bil-partikolarità li ġejja: l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 229/2013 jipprovdi li l-Kummissjoni tista' tawtorizza ghajjnuna operattiva fis-setturi tal-produzzjoni, l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I tat-Trattat, li fuqhom japplikaw l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat, bil-għan li jitnaqqsu r-restrizzjonijiet speċifiċi fuq il-biedja fil-gżejjer minuri tal-Eġew bħala riżultat tal-insularità, iċ-ċokon, it-terren muntanjuż u l-klima, id-dipendenza ekonomika tagħhom fuq għadd żgħir ta' prodotti u d-distanza tagħhom mis-swieq.

<sup>(80)</sup> Ara d-definizzjoni ta' settur agrikolu fil-punt (35)2 ta' dawn il-Linji Gwida.

L-ispejjeż eliġibbli

(477) L-ispejjeż addizzjonali tat-trasport ta' prodotti agrikoli li ġew prodotti fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Eġew huma eliġibbli għal kumpens skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-benefiċjarji għandhom l-attività tal-produzzjoni tagħhom fir-reġjuni ultraperiferiċi jew fil-gżejjer iż-żgħar tal-Eġew;
- (b) l-għajnuna hija oġġettivament kwantifikabbli bil-quddiem fuq il-bażi ta' somma fissa jew proporzjon għal kull tunnella jew kilometru jew għal xi unità relevanti oħra;
- (c) l-ispejjeż addizzjonali tat-trasport huma kkalkolati fuq il-bażi tal-vjaġġ tal-prodotti ġewwa l-fruntiera nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat billi jintużaw l-mezzi ta' trasport li jirriżultaw fl-inqas spejjeż għall-benefiċjarju, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż esterni għall-ambjent;
- (d) għar-reġjuni ultraperiferiċi, l-ispejjeż addizzjonali eliġibbli tat-trasport jistgħu jinkludu l-ispejjeż tat-trasport ta' prodotti agrikoli mill-post tal-produzzjoni tagħhom lejn postijiet fiż-żoni ultraperiferiċi fejn ikomplu jiġu pproċessati.

(478) Il-Kummissjoni ser teżamina l-proposti biex tagħti għajnuna mill-Istat għal spejjeż oħrajn minbarra spejjeż addizzjonali tat-trasport li hija mfassla sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet tar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer minuri tal-Eġew fuq bażi ta' każ b'każ, fuq il-bażi tal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni u d-dispożizzjonijiet legali speċifiċi li japplikaw għal dawk ir-reġjuni, u, jekk tkun applikabbli, fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-miżuri kkonċernati mal-programmi tal-iżvilupp rurali għar-reġjuni kkonċernati, u l-effetti tagħhom fuq il-kompetizzjoni kemm fir-reġjuni kkonċernati kif ukoll f'partijiet oħrajn tal-Unjoni.

1.3.4. *Għajnuna għal konsolidazzjoni tal-art agrikola*

(479) Il-Kummissjoni ser tqis l-għajnuna għall-konsolidazzjoni tal-art agrikola kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

L-ispejjeż eliġibbli

(480) L-ispejjeż eliġibbli jridu jkunu limitati għall-ispejjeż legali, amministrattivi u ta' stħarriġ tal-konsolidazzjoni tal-art.

L-intensità tal-għajnuna

(481) L-intensità tal-għajnuna trid tkun sa 100 % tal-ispejjeż reali mġarrba.

1.3.5. *Għajna għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà*

(482) L-għajnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-impriżi f'diffikultà fis-settur agrikolu se tiġi vvalutata skont il-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà, kif emendati jew mibdula <sup>(81)</sup>.

(483) Madankollu, fir-rigward tal-għajnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja japplikaw l-eċċezzjonijiet li ġejjin:

- (a) b'deroga mill-punt 79 tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà, il-Kummissjoni tista' teżenta wkoll għajnuna għall-SMEs min-notifika individwali jekk l-SME kkonċernata ma tkunx tissodisfa ebda kriterju minn dawk stabbiliti fil-punt 10 tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà.

<sup>(81)</sup> Għall-abbozz tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà, jekk jgħoġbok ara l-websajt li ġejja: [http://ec.europa.eu/competition/consultations/2013\\_state\\_aid\\_rescue\\_restructuring/index\\_en.html](http://ec.europa.eu/competition/consultations/2013_state_aid_rescue_restructuring/index_en.html)

- (b) il-prinċipju li l-ghajjnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar għandha tingħata darba biss japplika wkoll għas-settur tal-produzzjoni agrikola primarja; madankollu, minflok perjodu ta' 10 snin, kif stabbilit fit-Taqsima 3.3 tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà, se japplika perjodu ta' ħames snin.

#### 1.3.6. Ghajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur agrikolu

- (484) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur agrikolu kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

- (485) Din it-Taqsima tapplika għas-settur agrikolu kollu<sup>(82)</sup>.

- (486) Il-proġett megħjun irid ikun ta' interess għall-impriżi kollha fis-settur partikolari jew fis-sottosettur ikkonċernat.

- (487) Qabel id-data tal-bidu tal-proġett megħjun, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi ppubblikata fuq l-internet:

(a) li l-proġett megħjun jitwettaq;

(b) l-għanijiet tal-proġett megħjun;

(c) data approssimattiva tal-pubblikazzjoni tar-riżultati mistennija mill-proġett megħjun;

(d) il-post tal-pubblikazzjoni fuq l-internet tar-riżultati mistennija mill-proġett megħjun fuq l-internet;

(e) referenza li r-riżultati huma disponibbli għall-impriżi kollha attivi fis-settur agrikolu partikolari jew is-sottosettur ikkonċernat mingħajr ebda spiża.

- (488) Ir-riżultat tal-proġett megħjun għandu jkun disponibbli fuq l-internet mid-data ta' tmiem il-proġett megħjun jew mid-data meta tingħata xi informazzjoni dwar daww ir-riżultati lill-membri ta' xi organizzazzjoni partikolari, skont liema data tiġi l-ewwel. Ir-riżultati għandhom jibqgħu disponibbli fuq l-internet għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin mid-data tat-tmiem tal-proġett megħjun;

- (489) L-ghajjnuna trid tingħata direttament lill-organizzazzjoni tar-riċerka u ta' tixrid tal-għarfien. Il-miżura ma tridx tinvolvi l-għoti tal-ghajjnuna bbażata fuq il-prezz tal-prodotti agrikoli għall-impriżi attivi fis-settur agrikolu.

#### L-ispejjeż eliġibbli

- (490) L-ispejjeż eliġibbli jinkludu dan li ġej:

(a) spejjeż tal-persunal relatati mar-riċerkaturi, mat-tekniki u persunal ieħor ta' sostenn safejn dawn huma impjegati fuq il-proġett;

(b) l-ispejjeż tal-istrumenti u t-tagħmir sal-punt u għall-perjodu użat għall-proġett. Jekk dawn l-istrumenti u t-tagħmir ma jintużawx tul ħajjthom kollha fil-proġett, jitqiesu eliġibbli biss l-ispejjeż ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett, kif kalkolati abbażi ta' prassi tajba tal-kontabbiltà;

(c) l-ispejjeż tal-bini u l-art sal-punt u għall-perjodu użat għall-proġett. Fir-rigward tal-bini, għandhom jitqiesu bħala eliġibbli biss daww l-ispejjeż tad-deprezzament li jikkorrispondu mal-ħajja tal-proġett, kif ikkalkolati abbażi ta' prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati. Għall-artijiet, huma eliġibbli l-ispejjeż tat-trasferiment kummerċjali jew l-ispejjeż tal-kapital realment imġarrba;

<sup>(82)</sup> Ara d-definizzjoni ta' settur agrikolu fil-punt (35)2 ta' dawn il-Linji Gwida.

- (d) l-ispejjeż tar-riċerka kuntrattwali, l-għarfien u privattivi mixtrija jew liċenzjati minn sorsi barranin b'kundizzjonijiet distakkati, kif ukoll l-ispejjeż tal-konsulenti u s-servizzi ekwivalenti użati esklussivament għall-projeġt;
- (e) spejjeż ġenerali addizzjonali u spejjeż operattivi oħrajn, inklużi spejjeż ta' materjali, provvisti u prodotti simili, imġarrbin direttament minħabba l-projeġt.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

(491) L-intensità tal-ghajjnuna trid tkun sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

(492) L-ghajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur agrikolu li ma tissodisfax dawn il-kundizzjonijiet, se tiġi vvalutata skont il-Qafas tal-Komunità għall-ghajjnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, kif emendat jew mibdul<sup>(83)</sup>.

#### **Kapitolu 2. Ghajjnuna għas-settur tal-forestrija li mhijiex kofinanzjata mill-FAEŻR, mogħtija bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal tali miżuri kofinanzjati jew mogħtija bħala ghajjnuna mill-Istat biss**

(493) Is-settur tal-forestrija mhux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat u l-Anness I tiegħu. L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat japplikaw għal ghajjnuna li jagħtu l-Istati Membru lis-settur tal-forestrija. Minkejja l-fatt li l-produzzjoni ta' sufra naturali, mhux maħduma, mgħaffġa, granulata jew mitħuna, skart tas-sufra (intestatura NM 4501) u l-produzzjoni tal-castanea/qastan (kodiċi NM 0802 41 00) taqa' taħt l-Anness I tat-Trattat, l-ghajjnuna kollha għall-attivitajiet ta' forestrija relatati ma' daww is-siġar tista' taqa' taħt dan il-Kapitolu tal-Linji Gwida.

(494) Skont l-għan tal-Unjoni fil-Premessa 20, l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1305/2013, l-użu tal-ghajjnuna għal art sostenibbli u li ma tagħmilx ħsara lill-klima jinkludi żvilupp ta' żoni ta' foresti u ġestjoni sostenibbli ta' foresti. Dawn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jiżguraw koerenza mar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u l-atti ta' implimentazzjoni u delegati tiegħu, u mal-prinċipji ġenerali tal-ghajjnuna mill-Istat. Dawn il-prinċipji jolqtu l-ispejjeż eliġibbli u l-intensitajiet tal-ghajjnuna skont dawn il-Linji Gwida.

(495) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 2 ta' dawn il-Linji Gwida huma mingħajr ħsara għall-possibbiltà li tingħata ghajjnuna mill-Istat għas-settur tal-forestrija skont ir-regoli tal-Unjoni komuni jew għas-setturi kollha jew għall-kummerċ u l-industrija, kif jissewma fil-punt (34) ta' dawn il-Linji Gwida. L-ghajjnuna għal investimenti fl-iffrankar tal-enerġija u l-enerġiji rinnovabbli huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 2 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida peress li t-tali ghajjnuna għandha tikkonforma mal-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-protezzjoni tal-ambjent u l-enerġija tal-2014-2020, sakemm din ma tkunx eżentata mill-obbligu ta' notifika. Madankollu, skont l-Artikolu 5(5)(c), l-Artikolu 21(1)(e) u l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, dawn il-Linji Gwida jkopru investimenti relatati mal-użu ta' injam bħala materja prima jew sors tal-enerġija, li huwa limitat għall-operazzjonijiet ta' ħidma kollha qabel l-ipproċessar industrijali. Dawn il-Linji Gwida ma japplikawx għal industriji bbażati fuq il-foresti.

(496) Skont dan il-Kapitolu, il-Kummissjoni ser tiddikjara l-ghajjnuna mill-Istat għas-settur tal-forestrija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk l-ghajjnuna tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u r-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fit-Taqsimiet 2.1 sa 2.9 ta' hawn taħt.

<sup>(83)</sup> ĠU C 198, 27.6.2014, p. 1.

- (497) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu jkopri l-ghajjnuna għas-settur tal-foresti kif stipulat fil-punt (23) (b) ta' dawn il-Linji Gwida.
- (498) L-istruttura tas-sjieda u l-ġestjoni tal-foresti madwar l-Unjoni huma varjati. L-Artikoli 22 sa 26 u l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jstabilixxu restrizzjonijiet speċifiċi rigward il-benefiċjarji potenzjali tal-ghajjnuna ta' miżuri kkofinanzjati mill-FAEŻR fis-settur tal-forestrija. Għall-miżuri tal-forestrija li jkunu parti minn programm tal-iżvilupp rurali li jgawdi appoġġ mill-FAEŻR, japplikaw ir-restrizzjonijiet għall-kamp ta' applikazzjoni tal-benefiċjarji tal-ghajjnuna stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013, ħliet għall-foresti tropikali u subtropikali u għall-imsaġar tat-territorji tal-Azores, ta' Madeira, il-Gżejjer Kanarji, il-gżejjer minuri tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 229/2013 u tad-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej tat-Taqsimiet 2.1.1 sa 2.1.5 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida. Sabiex jikkomplimentaw il-politika tal-UE dwar l-iżvilupp rurali, ir-restrizzjonijiet rigward il-benefiċjarji potenzjali la japplikaw għall-miżuri tal-iżvilupp rurali bħall-forestrija, li huma ffinanzjati b'mod esklussiv minn riżorsi nazzjonali u anqas ma japplikaw għall-miżuri speċifiċi tal-ghajjnuna tat-Taqsima 2.8 u tat-Taqsima 2.9 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida. Madankollu, fir-rigward tal-investimenti fit-teknoloġija tal-forestrija u fl-ipproċessar, il-mobilizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-foresta u l-bidu ta' grupp tal-produtturi kif jissewma fit-Taqsima 2.1.5 u tat-Taqsima 2.7, rispettivament il-limitazzjonijiet dwar id-daqs tal-benefiċjarji eliġibbli għandhom dejjem japplikaw skont l-Artikolu 26 u l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

## 2.1. Investimenti fl-iżvilupp taż-żona tal-foresti u titjib tal-vijabbiltà tal-foresti

- (499) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-investimenti fl-iżvilupp taż-żona tal-foresti u t-titjib tal-vijabbiltà tal-foresti kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (500) Din it-Taqsima tikkonċerna għajjnuna għall-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' msaġar; it-twaqqif ta' sistemi tal-agroforestrija, il-prevenzjoni u l-irkupru mill-ħsara lill-foresti minn nirien fil-foresti, diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi, avvenimenti katastrofiċi, avvenimenti relatati mat-tibdil fil-klima, tifqigħat tal-pesti u tal-mard, l-investimenti li jteju r-reżiljenza u l-valur ambjentali kif ukoll il-potenzjal ta' miti-gazzjoni tal-ekosistemi tal-foresti u l-investimenti fit-teknoloġiji tal-forestija u fl-ipproċessar, fil-mobilizzazzjoni u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-foresti.
- (501) L-istrategġja tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 tat-03 ta' Mejju 2011<sup>(84)</sup> tħeġġeġ it-twaqqif ta' pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-forestrija, fejn huwa disponibbli l-finanzjament tal-Unjoni. Għalhekk kull meta r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jeħtieġ hekk għal miżura speċifika tal-forestrija li tagħmel parti minn programm ta' żvilupp rurali, għal azjendi li jaqbżu ċertu daqs li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom jew mod ieħor, l-ghajjnuna għandha trid tiddependi fuq il-preżentazzjoni tal-informazzjoni rilevanti minn pjan għall-ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti b'mod konformi mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif iddefinit fil-Konferenza Ministerjali dwar il-protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa tal-1993<sup>(85)</sup> ("ġestjoni sostenibbli tal-foresti"). Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal għajjnuna tal-forestrija skont dawn il-Linji Gwida li hija ffinanzjata esklussivament mill-baġit nazzjonali.

<sup>(84)</sup> Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, L-assigurazzjoni ta' ħajjtna, il-kapital naturali tagħna: strategġja tal-UE għall-bijodiversità sal-2020, COM(2011) 244 final.

<sup>(85)</sup> It-tieni Konferenza Ministerjali dwar il-protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa, mis-16 sas-17 ta' Ġunju 1993, Helsinki/il-Finlandja "Riżoluzzjoni H1 – Linji Gwida Ġenerali għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti fl-Ewropa".

L-ispejjeż eliġibbli

- (502) Il-kapital tax-xogħol m'għandux jitqies bħala spiża eliġibbli għall-investimenti fis-settur tal-forestrija. Dawn l-ispejjeż eliġibbli komuni għall-investimenti huma stabbiliti fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.
- (a) il-kostruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-lokazzjoni, jew it-titjib tal-proprjetà immobbli, bl-art mixtrija eliġibbli biss sa limitu li ma jaqbiżx l-10% tal-ispejjeż totali eliġibbli tal-operazzjoni kkonċernata; F'każijiet eċċezzjonali u ġġustifikati kif xieraq, il-limitu jista' jżied għal iktar mill-perċentwal għall-operazzjonijiet li jikkonċernaw il-konservazzjoni ambjentali;
  - (b) ix-xiri jew ix-xiri bin-nifs ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;
  - (c) spejjeż ġenerali relatati man-nefqa msemmija fil-punti (a) u (b), bħal tariffi tal-perit, tal-inġinier u dawk ta' konsultazzjoni, tariffi li għandhom x'jaqsmu ma' konsulenza dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inklużi studji tal-fattibbiltà; l-istudji dwar il-fattibbiltà jibqgħu nefqa eliġibbli anki fejn, abbażi tar-riżultati tagħhom, ma tkun saret ebda nefqa skont il-punti (a) u (b);
  - (d) l-akkwist jew l-iżvilupp ta' softwer tal-kompjuter u l-akkwisti ta' privattivi, liċenzji, drittijiet tal-awtur u marki kummerċjali;
  - (e) l-ispejjeż tal-istabiliment tal-pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti u l-istrumenti ekwivalenti tagħhom;
  - (f) spejjeż oħra marbuta mal-kuntratti ta' lokazzjoni, bħall-marġni tal-lokatur, l-ispejjeż ta' rifinanzjament tal-interessi, l-ispejjeż ġenerali u l-imposti tal-assigurazzjoni ma jistgħux ikunu spejjeż eliġibbli.
- (503) Barra minn hekk, l-għanijiet u l-għamla tal-miżuri tal-forestrija previsti fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jiddeterminaw liema operazzjonijiet, inklużi interventi ta' darba, jistgħu jkunu eliġibbli għal għajnuna. Għal konsistenza mar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, l-ispejjeż eliġibbli tal-miżuri tal-forestrija skont dawn il-Linji Gwida huma konsistenti mal-ispejjeż eliġibbli rilevanti għall-miżura speċifika tal-forestrija fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

2.1.1. Għajnuna għall-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' msaġar

- (504) Il-Kummissjoni se tqis l-għajnuna għall-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' msaġar kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

Il-benefiċjarji tal-għajnuna

- (505) Tista' tingħata għajnuna għall-ispejjeż ta' stabbiliment u l-primjum annwali lill-proprjetarji ta' artijiet pubbliċi u privati u l-assoċjazzjonijiet tagħhom.
- (506) L-għajnuna għall-afforestazzjoni tal-art tal-awtoritajiet pubbliċi jew għal siġar li jikbru maljar tkopri biss l-ispejjeż ta' stabbiliment. Fil-każ ta' art tal-Istat, tista' tingħata għajnuna jekk il-korp li jimmaniġġja tali art ikun korp privat jew muniċipalità.

L-ispejjeż eliġibbli

- (507) L-għajnuna tkopri l-ispejjeż ta' stabbiliment ta' żona ta' foresta jew msaġar fuq art agrikola u mhux agrikola. L-għajnuna fil-forma ta' primjum annwali għal kull ettaru tista' tingħata wkoll sabiex jiġu koperti l-ispejjeż tad-dħul agrikolu mitluf u ta' żamma, inkluż tindif bikri u tard, għal perjodu massimu ta' tnax-il sena.
- (508) Ma tistax tingħata għajnuna għat-tħawwil ta' siġar għal imsaġar ta' newba qasira, siġar tal-Milied jew siġar li jikbru malajr għall-produzzjoni tal-enerġija. Speċijiet imħawla jridu jkunu adattati għall-kundizzjonijiet ambjentali u klimatiċi taż-żona u jkunu konformi ma' rekwiżiti ambjentali minimi.



(509) Fil-kuntest tal-afforestazzjoni u l-ħolqien tal-imsaġar japplikaw ir-rekwiżiti ambjentali minimi li ġejjin:

- (a) l-għażla tal-ispeċijiet li għandhom jitħawlu, taż-żoni u tal-metodi li għandhom jintużaw trid tevita l-afforestazzjoni mhux xierqa ta' habitats sensitivi bħalma huma l-artijiet tal-pit u l-artijiet mistagħdra u l-effetti negattivi fuq żoni ta' valur ekoloġiku għoli inklużi żoni b'biedja ta' valur naturali għoli. Fis-siti indikati bħala ta' Natura 2000 skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE<sup>(86)</sup> u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(87)</sup> trid tiġi permessa biss afforestazzjoni konsistenti mal-għanijiet tal-ġestjoni tas-siti kkonċernati u miftiehma mal-awtorità tal-Istat Membru responsabbli mill-implimentazzjoni ta' Natura 2000;
- (b) l-għażla tal-ispeċijiet, il-varjetajiet, l-ekotipi u l-provenjenzi tas-siġar trid tqis il-hteġa għar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u għal diżastri naturali u l-kundizzjoni pedoloġika u idroloġika taż-żona kkonċernata, kif ukoll il-karattru invażiv potenzjali tal-ispeċi fil-kundizzjonijiet lokali kif definiti mill-Istati membri. Il-benefiċjarju irid jintrabat li jipproteġi u jieħu ħsieb il-foresti tal-anqas matul il-perjodu li għalih jitħallas il-primjum għad-dħul agrikolu mitluf u ż-żamma. Dan irid jinkludi l-indukrar, iż-żbir jew ir-ragħa, kif xieraq, fl-interess tal-iżvilupp tal-foresta fil-futur u r-regolazzjoni tal-kompetizzjoni b'veġetazzjoni erbaċea u l-evitar tal-akkumulazzjoni ta' materjal li jikber minn taħt suxxettibbli għan-nar. Fir-rigward tal-ispeċijiet li jikbru malajr, l-Istati Membri jridu jiddefinixxu ż-żmien minimu u massimu qabel il-qtugħ. Iż-żmien minimu ma jistax ikun anqas minn tmien snin u ż-żmien massimu ma jistax jaqbeż l-20 sena;
- (c) f'każijiet fejn, minħabba kundizzjonijiet ambjentali jew klimatiċi diffiċli, inklużi d-degradazzjoni ambjentali, it-tħawwil ta' speċijiet imsaġġra perenni ma jistax ikun mistenni li jwassal għall-istabbiliment ta' kopertura ta' foresta kif iddefinit skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, l-Istat Membru jista' jip-permetti lill-benefiċjarju jistabbilixxi kopertura ta' veġetazzjoni ta' siġar oħra. Il-benefiċjarju jrid jip-provdi l-istess livell ta' attenzjoni u protezzjoni kif applikabbli għall-foresti;
- (d) fil-każ ta' operazzjonijiet tal-afforestazzjoni li jwasslu biex il-foresti jikbru aktar minn ċertu limitu li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri, l-operazzjoni trid tikkonsisti minn:
- (i) it-tħawwil esklussiv ta' speċijiet u/jew speċijiet reżiljenti għat-tibdil fil-klima fiż-żona bijoġeografika kkonċernata, li permezz ta' valutazzjoni tal-impatti, ma jidhrux li huma ta' theddida għall-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistemi, jew li għandhom impatt negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem; jew
- (ii) taħlita ta' speċijiet ta' siġar li tinkludi jew tal-anqas 10 % tas-siġar b'weraq wesgħin fiż-żona, jew minimu ta' tliet speċijiet ta' siġar jew varjetajiet, bl-anqas waħda komuni minnhom li tieħu tal-anqas 10 % taż-żona.

(510) Fiż-żoni fejn l-afforestazzjoni hija diffiċli minħabba kundizzjonijiet pedoklimatiċi serji, tista' tingħata għaj-nuna għat-tħawwil ta' speċijiet oħra tal-injam perenni bħal arbuxelli jew siġar baxxi adattati għall-kundizzjonijiet lokali.

(511) In-notifika lill-Kummissjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tajba li turi l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-punt (509) ta' hawn fuq u l-ġustifikazzjonijiet fejn tapplika kwalunkwe deroga.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

(512) L-ghajjnuna tista' tingħata sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

#### 2.1.2. *Għajjnuna sabiex jiġu stabbiliti sistemi tal-agroforestrija*

(513) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna sabiex jiġu stabbiliti sistemi tal-agroforestrija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

<sup>(86)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p.7) ("id-Direttiva dwar il-Habitats")

<sup>(87)</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7) ("id-Direttiva dwar l-Għasafar").

(514) L-ghajjnuna tista' tingħata għat-twaqqif tas-sistemi tal-użu tal-art li fihom is-siġar jitkabbru flimkien ma' agrikoltura fuq l-istess art kif iddefinit fil-punt (35)65. ta' dawn il-Linji Gwida.

#### Il-benefiċjarji tal-ghajjnuna

(515) L-ghajjnuna tista' tingħata lill-proprietarji ta' artijiet privati, muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom.

#### L-ispejjeż eliġibbli

(516) L-ghajjnuna tkopri l-ispejjeż tal-istabiliment u jista' jingħata primjum annwali għal kull ettaru biex ikopri l-ispejjeż ta' manutenzjoni għal perjodu massimu ta' ħames snin.

(517) L-Istati Membri jridu jstabilixxu n-numru massimu u minimu ta' siġar għal kull ettaru, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet pedoklimatiċi u ambjentali lokali, l-ispeċijiet tal-forestrija u l-ħtieġa li jiġi żgurat użu agrikolu sostenibbli tal-art.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

(518) L-ghajjnuna tista' tkun limitata għal massimu ta' 80 % tal-ammont tal-ispejjeż ta' investiment eliġibbli għat-twaqqif ta' sistemi tal-agroforestrija, u sa 100 % tal-ammont tal-primjum annwali.

2.1.3. *Ghajjnuna għall-prevenzjoni u l-irkupru mill-ħsara lill-foresti minħabba nirien, diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi oħra, pesti tal-pjanti u avvenimenti katastrofiċi*

(519) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-prevenzjoni u għall-irkupru mill-ħsara lill-foresti minħabba nirien, diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi oħra, pesti tal-pjanti, avvenimenti katastrofiċi u avvenimenti relatati mat-tibdil fil-klima kompattibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(2)(b) jew, kif jaf ikun il-każ, l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk din tkun konformi mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

#### Il-benefiċjarji tal-ghajjnuna

(520) Tista' tingħata għajjnuna lill-proprietarji ta' foresti privati u pubbliċi u korpi privati u pubbliċi oħra u l-assoċjazzjonijiet tagħhom.

#### L-ispejjeż eliġibbli

(521) L-ghajjnuna tkopri l-ispejjeż għal:

(a) il-bini ta' infrastruttura protettiva; fil-każ li jfaqqgħu nirien l-l-ghajjnuna tista' tkopri wkoll għajjnuna li tikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' manutenzjoni; ma tista' tingħata l-ebda għajjnuna għal attivitajiet relatati mal-agrikoltura fiż-żoni koperti minn impenji agroambjentali klimatiċi;

(b) attivitajiet lokali ta' prevenzjoni fuq skala żgħira kontra n-nirien, jew perikli oħra naturali, inkluż l-użu ta' annimali li jirgħu;

(c) l-istabiliment u titjib ta' faċilitajiet għall-monitoraġġ tan-nirien fil-foresti, tal-pesti u ta' mard u tat-tagħmir ta' komunikazzjoni;

(d) l-irkupru tal-potenzjal tal-foresti li sofrew ħsara minħabba nirien, diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi oħra, pesti tal-pjanti, avvenimenti katastrofiċi u avvenimenti relatati mat-tibdil fil-klima.

(522) Fil-każ tal-irkupru tal-potenzjal tal-foresti, li jissema fil-punt (521)(d), l-ghajjnuna trid tkun soġġetta għar-rikonossiment formali mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Istati Membri li l-avveniment imsemmi fuq ikun seħħ, u li jew dak l-avveniment, jew il-miżuri adottati skont id-Direttiva 2000/29/KE biex jiġu miġġielda, eradikati jew ikkontrollati l-organiżmi dannużi, ikkawżaw il-qerda ta' mill-anqas 20 % tal-potenzjal tal-foresti rilevanti.

- (523) Fil-każ ta' għajjnuna għall-prevenzjoni ta' ħsara f'foresta minn pesti tal-pjanti, ir-riskju tal-okkorrenza tal-pesta tal-pjanti għandu jkun appoġġat b'evidenza xjentifika u rikonoxxut minn organizzazzjoni xjentifika pubblika. Meta rilevanti, man-notifika trid tingħata l-lista ta' organiżmi dannużi li jistgħu jikkawżaw pest tal-pjanti.
- (524) Operazzjonijiet eliġibbli jridu jkunu konsistenti mal-pjan ta' protezzjoni tal-foresti stabbilit mill-Istati Membri. Għal dak li jirrigwarda azjendi li jaqbużu ċertu daqs li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri fil-programm ta' żvilupp rurali, meta l-miżura tkun konfinanzjata mill-FAEŻR, l-għajjnuna trid tkun tiddependi fuq il-preżentazzjoni tal-informazzjoni rilevanti minn pjan għall-ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti b'mod konformi mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif definit fil-Konferenza Ministerjali dwar il-protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa tal-1993, li tindika l-għanijiet preventivi.
- (525) Iż-żoni tal-foresti eliġibbli għall-għajjnuna relatata mal-prevenzjoni tan-nar huma dawk biss li jiġu klassifikati li għandhom riskju medju sa riskju għoli ta' nirien skont il-pjan ta' protezzjoni tal-foresti stabbilit mill-Istat Membru.
- (526) M'għandiex tingħata għajjnuna għat-telf ta' dħul ikkawżat min-nirien, diżastri naturali, avvenimenti klimatiki avversi li jistgħu jitqabblu ma' diżastri naturali, avvenimenti klimatiki avversi oħra, pesti tal-pjanti, avvenimenti katastrofiċi u avvenimenti relatati mat-tibdil fil-klima.

#### L-intensità tal-għajjnuna

(527) L-għajjnuna tista' tingħata sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

(528) Għajjnuna mogħtija għall-ispejjeż eliġibbli kif imsemmi fil-punt (521)(d) u kull pagament ieħor riċevut mill-benefiċjarju, inklużi pagamenti skont miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn jew poloz tal-assigurazzjoni għall-istess spejjeż eliġibbli, huma limitati għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

#### *2.1.4. Għajjnuna għall-investimenti li jtejbu r-reżiljenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi tal-foresti*

(529) Il-Kummissjoni se tqis l-għajjnuna għall-investimenti li jtejbu r-reżiljenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi tal-foresti kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

#### Il-benefiċjarji tal-għajjnuna

(530) Tista' tingħata għajjnuna lil persuni fiżiċi, proprjetarji ta' foresti privati u pubbliċi u korpi legali privati u dawk pubbliċi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom.

#### L-ispejjeż eliġibbli

(531) L-investimenti għandhom ikunu mmirati għall-kisba tal-impenji għal għanijiet ambjentali għall-provvista ta' servizzi tal-ekosistemi u/jew għat-tisħiħ tal-valur ta' kumditajiet pubbliċi tal-foresti u l-imsaġar fiż-żona kkonċernata jew għat-titjib tal-potenzjal ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima tal-ekosistemi, mingħajr l-esklużjoni tal-benefiċċji ekonomiċi fuq perjodu ta' żmien twil.

#### L-intensità tal-għajjnuna

(532) L-għajjnuna tista' tingħata sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

#### *2.1.5. Għajjnuna għall-investimenti fit-teknoloġiji tal-forestrija u fl-ipproċessar, il-mobilizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-foresti*

(533) Il-Kummissjoni se tqis l-għajjnuna għall-investimenti li jsaħħu l-potenzjal tal-forestrija jew li huma marbutin mal-ipproċessar, il-mobilizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni li jżidu l-valur tal-prodotti tal-foresti kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

- (534) L-Istati Membri jridu jeżiġu konformità mal-istandards minimi għall-effiċjenza enerġetika għall-investimenti appoġġati f'infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli li jikkunsmaw jew jipproduċu l-enerġija, fejn tali standards jeżistu fil-livell nazzjonali.
- (535) L-investimenti fl-installazzjonijiet, li l-għan primarju tagħhom huwa l-produzzjoni tal-elettriku mill-bijomassa, ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-għajna sakemm ma jiġix utilizzati perċentwal minimu ta' enerġija, li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri.
- (536) L-għajna għall-proġetti tal-bijoenerġija għandha tkun limitata għall-bijoenerġija li tissodisfa l-kriterji ta' sostenibbiltà applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkluż l-Artikolu 17(2) sa (6) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

#### Il-benefiċjarji tal-għajna

- (537) Tista' tingħata għajna lill-proprietarji ta' foresti privati, muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom u lill-SMEs għal investimenti. Fit-territorji tal-Azores, ta' Madeira, il-gżejjer Kanarji, il-gżejjer minuri tal-Eġew fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 201D/93 u d-dipartimenti tal-għajna barranin Franċiżi. Tista' tingħata wkoll għajna lil impriżi li mhumiex SMEs.

#### L-ispejjeż eliġibbli

- (538) L-għajna tista' tingħata għall-investimenti li jtejbu l-potenzjal tal-forestrija jew li jkunu relatati mal-ipproċessar, il-mobilizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni li jżidu l-valur tal-prodotti tal-foresti.
- (539) L-investimenti marbuta mat-titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti jridu jkunu ġustifikati fir-rigward tat-titjib mistenni għall-foresti fuq azjenda waħda jew aktar u jistgħu jinkludu investimenti għal makkinarju u prattiki tal-ħsad li ma jagħmlux ħsara lill-ħamrija u li ma jagħmlux ħsara lir-riżorsi.
- (540) L-investimenti marbuta mal-produzzjoni u l-użu tal-injam bħala materja prima jew sors tal-enerġija jridu jkunu limitati għall-operazzjonijiet ta' ħidma kollha qabel l-ipproċessar industrijali.

#### L-intensità tal-għajna

- (541) L-intensità tal-għajna ma tistax taqbeż:

- (a) 75 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi;
- (b) 75 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli fil-gżejjer minuri tal-Eġew;
- (c) 50 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli freġjuni anqas żviluppati u fir-reġjuni kollha li l-PDG *per capita* tagħhom għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 kien inqas minn 75 % tal-medja tal-UE-25 għall-perjodu ta' referenza iżda li l-PDG *per capita* tagħhom kien aktar minn 75 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27;
- (d) 40 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli freġjuni oħrajn.

#### 2.1.6. *Għajna għal investimenti fl-infrastruttura relatata mal-iżvilupp, l-immodernizzar jew l-adattament tal-forestrija*

- (542) Il-Kummissjoni se tqis l-għajna għall-investimenti fl-infrastruttura relatati mal-iżvilupp, l-immodernizzar jew l-adattament tal-forestrija kompatabbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

#### L-ispejjeż eliġibbli

- (543) L-għajna tkopri l-investment f'assi tanġibbli u intanġibbli li jikkonċernaw infrastruttura marbuta mal-iżvilupp, l-immodernizzar jew l-adattament tal-foresti, inkluż l-aċċess għall-art tal-foresti, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, u l-provvista u l-iffrankar tal-enerġija u l-ilma.

#### L-intensità tal-għajna

- (544) Fil-każ ta' investimenti mhux produttivi, investimenti bl-għan esklussiv li jtejbu l-valur ambjentali tal-foresti u investimenti għal toroq fil-foresti, li huma miftuħin għall-pubbliku b'xejn u li jaqdu l-aspetti multifunzjonali tal-foresti, l-intensità tal-għajna hija limitata għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

(545) Fil-każ ta' investimenti li jtejbu l-potenzjal ekonomiku fi żmien qasir jew fit-tul tal-foresti, l-intensità tal-ghajjuna trid tkun limitata għal:

- (a) 75 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi;
- (b) 75 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli fil-gżejjer minuri tal-Eġew;
- (c) 50 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli f'reġjuni anqas żviluppatti u fir-reġjuni kollha li l-PDG *per capita* tagħhom għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 kien inqas minn 75 % tal-medja tal-UE-25 għall-perjodu ta' referenza iżda li l-PDG *per capita* tagħhom kien aktar minn 75 % tal-medja tal-PDG tal-UE-27;
- (d) 40 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli f'reġjuni oħrajn.

## 2.2. **Għajjuna għal żvantaġġi relatati maż-żoni tal-foresta ta' Natura 2000**

(546) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjuna mill-Istat relatata ma' Natura 2000 f'żoni tal-foresta kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

### Il-benefiċjarji tal-ghajjuna

(547) Tista' tingħata għajjuna lill-proprietarji ta' foresti privati u l-assoċjazzjonijiet ta' proprietarji ta' foresti privati.

### L-ispejjeż eliġibbli

(548) L-ghajjuna skont din il-miżura trid tingħata kull sena u għal kull ettaru ta' foresta sabiex tikkompensa l-benefiċjarji għal spejjeż addizzjonali mġarrba u d-dħul mitluf li jirriżulta mill-iżvantaġġi fiż-żoni kkonċernati, marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Habitats u d-Direttiva dwar l-Għasafar.

(549) Iż-żoni li ġejjin jistgħu jkunu eliġibbli għall-ghajjuna:

- (a) iż-żoni tal-foresta ta' Natura 2000 magħżula skont id-Direttiva dwar il-Habitats u d-Direttiva dwar l-Għasafar;
- (b) żoni delimitati oħrajn ta' ħarsien tan-natura b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għall-foresta li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Habitats; diment li, meta l-miżura tkun ikkofinanzjata mill-FAEŻR bħala miżura ta' żvilupp rurali, għal kull programm ta' żvilupp rurali, daww iż-żoni ma jaqbżux il-5 % taż-żoni identifikati ta' Natura 2000 koperti bl-ambitu territorjali tiegħu; għal miżuri ta' ghajjuna ffinanzjati esklussivament mill-fondi nazzjonali, din ir-restrizzjoni territorjali tal-aħħar ma tapplikax.

### L-ammont tal-ghajjuna

(550) L-ghajjuna trid tkun limitata għall-ammonti massimi li ġejjin: EUR 500 għal kull ettaru fis-sena fil-perjodu tal-bidu li ma jaqbiżx il-ħames snin u EUR 200 għal kull ettaru fis-sena minn hemm 'il quddiem. Dawn l-ammonti massimi jistgħu jiżdiedu f'każijiet sostanzjali kif xieraq filwaqt li jitqiesu ċirkostanzi speċifiċi li għandhom jiġu ġġustifikati fil-programmi ta' żvilupp rurali jew b'xi mod ieħor, jekk il-miżura tkun iffinanzjata esklussivament minn fondi nazzjonali.

## 2.3. **Għajjuna għas-servizzi tal-ambjent u l-klima tal-foresta u l-konservazzjoni tal-foresta**

(551) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjuna għas-servizzi tal-ambjent u l-klima tal-foresta u l-konservazzjoni tal-foresta kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(552) L-ghajjuna skont din il-miżura trid tingħata għal kull ettaru ta' foresta. Għal dak li jirrigwarda l-azjendi tal-foresta li jaqbzū ċertu daqs li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri fil-programm ta' żvilupp rurali tagħhom, l-ghajjuna trid tkun tiddependi fuq il-preżentazzjoni tal-informazzjoni rilevanti minn pjan għall-ġestjoni tal-foresta jew strument ekwivalenti b'mod konformi mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresta kif iddefinit fil-Konferenza Ministerjali dwar il-protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa tal-1993.

- (553) L-ghajjnuna tkopri impenn jew impenji volontarji li jmorru lil hinn mir-reqwiziti obbligatorji rilevanti stabbiliti mill-att dwar il-forestrija nazzjonali jew leġiżlazzjoni nazzjonali oħra rilevanti. Fil-każ ta' FAEŻR kofinanzjat minn miżura ta' żvilupp rurali, ir-reqwizit obbligatorju rilevanti għandu jkun identifikat u deskritt biċ-ċar fil-programm ta' żvilupp rurali. Fil-każ ta' miżuri tal-ghajjnuna ffinanzjati esklussivament mill-fondi nazzjonali, ir-reqwizit obbligatorju rilevanti għandu jiġi identifikat u deskritt fin-notifika lill-Kummissjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat.
- (554) L-impenji jridu jittieħdu għal perjodu ta' bejn ħames u seba' snin. Madankollu, fejn meħtieġ u ġġustifikat kif xieraq, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perjodu itwal għal tipi ta' impenji partikolari. Fil-każ ta' FAEŻR ikkofinanzjat minn miżura ta' żvilupp rurali, dan għandu jiġi speċifikat fil-programm ta' żvilupp rurali. Fil-każ ta' miżuri tal-ghajjnuna ffinanzjati esklussivament mill-fondi nazzjonali, dan għandu jiġi identifikat fin-notifika ta' ghajjnuna mill-Istat.
- (555) Meta jkun rilevanti, għandhom jitħarsu r-regoli għall-pagamenti relatati maż-żona stabbiliti fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u d-dispożizzjoni rilevanti tal-atti ddelegati tiegħu.

#### Il-benefiċjarji tal-ghajjnuna

- (556) Tista' tingħata ghajjnuna lill-proprietarji ta' foresti pubbliċi u privati u korpi legali privati u dawk pubbliċi oħra u l-assoċjazzjonijiet tagħhom. Fil-każ ta' foresti tal-Istat, tista' tingħata ghajjnuna biss jekk il-korp li jkun qiegħed jimmaniġġja tali foresta jkun korp privat jew municipalitá.
- (557) L-entitajiet pubbliċi u privati huma eliġibbli għall-ghajjnuna għall-konservazzjoni u l-promozzjoni ta' riżorsi ġenetiċi tal-foresta għal operazzjonijiet li mhumiex koperti mod ieħor f'din it-Taqsima.

#### L-ispejjeż eliġibbli u l-modalitajiet tal-ghajjnuna

- (558) L-ghajjnuna għandha tikkumpensa lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf kollha jew parti minnhom li jirriżultaw mill-impenji li jsiru. Meta jkun hemm b'żonn din tista' tkopri wkoll l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet sa valur li jasal sa 20 % tal-primjum tal-ghajjnuna mħallas għall-impenji favur l-ambjent tal-foresti.
- (559) F'każijiet iġġustifikati kif xieraq għal operazzjonijiet li jikkonċernaw il-konservazzjoni tal-ambjent, tista' tingħata ghajjnuna bħala pagament wieħed b'rata fissa jew ta' darba għal kull unità għall-impenji biex ma jsirx użu kummerċjali mis-siġar u l-foresti, ikkalkolat fuq il-bażi tal-ispejjeż addizzjonali mġarrba u d-dħul mitluf.
- (560) L-ghajjnuna tista' tiġi pprovduta għall-konservazzjoni u l-promozzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti għal operazzjonijiet mhux koperti mid-dispożizzjonijiet taħt il-punti fi ħdan din it-Taqsima.
- (561) L-operazzjonijiet għall-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi fil-forestrija jridu jinkludu dan li ġej:
- azzjonijiet immirati: azzjonijiet li jippromwovu l-konservazzjoni, il-karatterizzazzjoni, il-ġbir u l-użu *in situ* u *ex situ*, tar-riżorsi ġenetiċi fil-forestrija, inkluż l-inventarji bbażati fuq il-web ta' riżorsi ġenetiċi li bħalissa huma kkonservati *in situ*, inkluż il-konservazzjoni fuq azjenda f'foresti, u ta' ġabriet u databases *ex situ*;
  - azzjonijiet ikkonċertati: azzjonijiet li jippromwovu l-iskambju ta' tagħrif għall-konservazzjoni, il-ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fil-forestrija tal-Unjoni, fost organizzazzjonijiet kompetenti fl-Istati Membri;
  - azzjonijiet ta' akkumpanjament: azzjonijiet ta' informazzjoni, tqassim u konsultazzjoni li jinvolvu organizzazzjonijiet mhux governattivi u partijiet interessati rilevanti oħrajn, korsijiet ta' taħriġ u t-tħejjija ta' rapporti tekniċi.

#### L-ammont tal-ghajjnuna

- (562) Ghajjnuna, ħlief l-ghajjnuna għall-operazzjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi kif jissemma fil-punt (560) trid tkun limitata għall-ammont massimu ta' EUR 200 għal kull ettaru kull sena: Dak l-ammont jista' jiżded f'każijiet sostanzjati kif xieraq meta jitqiesu ċirkostanzi speċifiċi li jridu jiġu ġġustifikati fil-programmi tal-iżvilupp rurali jew b'mod ieħor fin-notifika lill-Kummissjoni.
- (563) Għall-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi tal-foresti, l-ghajjnuna trid tkun limitata għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

**2.4. Ghajjnuna għat-trasferiment tal-għarfien u l-azzjonijiet ta' informazzjoni fis-settur tal-forestrija**

- (564) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għat-trasferiment tal-għarfien u l-azzjonijiet ta' informazzjoni kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (565) L-ghajjnuna għat-trasferiment tal-għarfien u l-azzjonijiet tal-informazzjoni għall-ġid tal-persuni involuti fis-settur tal-forestrija għandha tkun konformi mal-kundizzjonijiet rilevanti applikabbli stabbiliti fit-Taqsima 1.1.10.1 tal-Parti II ħliet fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-punt (294), l-ammont massimu tal-ghajjnuna inkluż fil-punt (298) u l-possibbiltà li l-ghajjnuna titħallas direttament lill-benefiċjarju fil-punt (296).
- (566) L-ghajjnuna tista' tkopri skambji ta' ġestjoni tal-foresti għal żmien qasir u żjarat fil-foresti.
- (567) It-tul u l-kontenut tal-iskemi qosra ta' skambju tal-ġestjoni tal-foresti u żjarat fil-foresti iridu jiġu definiti fin-notifika lill-Kummissjoni, kemm fil-każ ta' miżura kofinanzjata tal-FAEŻR fil-programm tal-iżvilupp rurali, kif ukoll fil-każ ta' skema ffinanzjata mill-Istat Membru. Dawn l-iskemi u ż-żjarat iridu jiffukaw b'mod partikolari fuq metodi u/jew teknoloġiji tal-forestrija sostenibbli, l-iżvilupp ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju u teknoloġiji ġodda, u fuq it-titjib tar-reżiljenza tal-foresta.

**2.5. Ghajjnuna għas-servizzi konsultattivi fis-settur tal-forestrija**

- (568) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għas-servizzi konsultattivi fis-settur tal-forestrija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (569) L-ghajjnuna għas-servizzi konsultattivi fis-settur tal-forestrija lil proprjetarji tal-foresti trid tingħata skont il-kundizzjonijiet rilevanti applikabbli speċifikati fil-punt 1.1.10.2 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida, flimkien mad-dispożizzjonijiet addizzjonali li ġejjin relatati mal-forestrija.

**L-ispejjeż eliġibbli**

- (570) L-ghajjnuna ser tingħata biex tgħin lill-propjetarjal-foresti jibbenefikaw mill-użu ta' servizzi konsultattivi għat-titjib tal-prestazzjoni ekonomika u ambjentali kif ukoll l-elementi li ma jagħmlux ħsara lill-klima u r-reżiljenza tal-azjendi, l-impriża u/jew l-investment tagħhom.
- (571) Il-konsulenza mogħtija lill-propjetarji tal-foresti trid tkopri bħala minimu l-obbligi rilevanti skont id-Direttiva dwar il-Habitats, id-Direttiva dwar l-Għasafar u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Tista' tkopri wkoll kwistjonijiet marbuta mal-prestazzjoni ekonomika u ambjentali tal-azjenda tal-foresta.

**2.6. Ghajjnuna għall-kooperazzjoni fis-settur tal-foresti**

- (572) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-kooperazzjoni fis-settur tal-forestrija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (573) L-ghajjnuna għall-koperazzjoni li tinvolvi mill-anqas żewġ entitajiet fis-settur tal-forestrija jew fis-setturi tal-forestrija u tal-agrikoltura, trid tingħata skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 1.1.11. tal-Parti II.
- (574) Għas-settur tal-forestrija, japplikaw id-dispożizzjonijiet addizzjonali li ġejjin.

L-ispejjeż eliġibbli u l-intensitajiet tal-għajnuna

- (575) Mingħajr preġudizzju għall-ispejjeż imsemmija fit-Taqsimiet 1.1.11 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida, l-għajnuna għall-koperazzjoni fis-settur tal-forestrija tista' tkun relatata wkoll mat-tfassil ta' pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti jew l-ekwivalenti.
- (576) L-ispejjeż diretti msemmijin fil-punt (321)(d) l-ispejjeż diretti ta' proġetti speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni ta' pjan tal-ġestjoni tal-foresti jew l-ekwivalenti, iridu jkunu limitati għall-ispejjeż eliġibbli u l-intensitajiet massimi tal-għajnuna ta' għajnuna għal investiment fis-settur tal-forestrija, kif speċifikat fit-Taqsima 2.1 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida dwar l-għajnuna għal investiment.
- (577) L-għajnuna għal kooperazzjoni fis-settur tal-forestrija tista' tkun relatata ma' kooperazzjoni orizzontali u vertikali fost l-atturi tal-katina tal-provvista fil-produzzjoni sostenibbli tal-bijomassa għal produzzjoni tal-enerġija u proċessi industrijali f'konformità mal-Kapitolu 3.10 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida.

**2.7. Għajnuna tal-bidu għal gruppi u organizzazzjonijiet ta' produttori fis-settur tal-forestrija**

- (578) Il-Kummissjoni se tqis l-għajnuna tal-bidu għall-gruppi u l-organizzazzjonijiet ta' produttori fis-settur tal-forestrija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (579) Il-gruppi jew l-organizzazzjonijiet tal-produtturi biss li ġew uffiċjalment rikonnoxxuti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat abbażi ta' preżentazzjoni ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju jistgħu jkunu eliġibbli għall-għajnuna. L-għajnuna trid tingħata soġġetta għall-obbligu tal-Istat Membru biex ikun iwwerifikat li l-għanijiet tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju ntlaħqu fi żmien il-perjodu ta' ħames snin mid-data ta' rikonnoxximent tal-grupp jew organizzazzjoni tal-produtturi.
- (580) Il-ftehimiet, id-deċizzjonijiet u l-prattiki f'daqqa konklużi fil-qafas tal-grupp jew l-organizzazzjoni ta' produttori jridu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi dwar il-kompetizzjoni, u b'mod partikolari mal-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat.
- (581) L-għajnuna ma għandhiex tingħata lil
- (a) organizzazzjonijiet tal-produzzjoni, entitajiet jew korpi, bħalma huma kumpaniji jew kooperattivi, li l-għan tagħhom huwa l-ġestjoni ta' azjenda tal-forestrija waħda jew aktar u li huma għalhekk produttori uniċi;
  - (b) assoċjazzjonijiet tal-forestrija oħra, li jagħmlu kompiti, bħalma huma appoġġ reċiproku u servizzi maġiġerjali tal-forestrija, fl-azjenda tal-membri mingħajr ma jkunu involuti fl-adattament konġunt tal-provvista lis-suq.

Il-benefiċjarji tal-għajnuna

- (582) L-għajnuna hija limitata għal gruppi u organizzazzjonijiet ta' produttori li huma SMEs. Il-Kummissjoni mhijiex ser tawtorizza għajnuna mill-Istat għall-ispejjeż f'din it-Taqsima favur impriżi kbar.
- (583) Bħala alternattiva li tiġi pprovduta għajnuna għall-gruppi jew l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, tista' tingħata għajnuna sal-istess ammont globali direttament lill-produtturi biex jagħmlu tajjeb għall-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-ispejjeż tat-tmexxija tal-gruppi jew l-organizzazzjonijiet matul l-ewwel ħames snin wara l-formazzjoni tal-grupp.



L-ispejjeż eliġibbli

- (584) L-ispejjeż eliġibbli jinkludu l-ispejjeż ta' kiri ta' bini xieraq, l-akkwist ta' tagħmir tal-uffiċċju, inkluż hardwer u softwer tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-persunal amministrattiv, l-ispejjeż ġenerali u t-tariffi legali u amministrattivi. Fejn jinxtara bini, l-ispejjeż eliġibbli għal bini jridu jkunu limitati għal spejjeż ta' kera b'rati tas-suq.
- (585) L-ghajjnuna trid titħallas bħala ghajjnuna b'rata fissa f'pagamenti akkont annwali għall-ewwel ħames snin mid-data li fiha l-grupp jew l-organizzazzjoni tal-produtturi ġie rikonoxxut b'mod uffiċjali mill-awtorità kompetenti abbażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negożju tiegħu.
- (586) L-Istati Membri jridu jħallsu l-aħħar ħlas parzjali biss wara li jkunu vverifikaw l-implimentazzjoni korretta tal-pjan ta' direzzjoni tan-negożju.

L-intensità tal-ghajjnuna

- (587) L-intensità tal-ghajjnuna trid tkun sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.
- (588) L-ammont totali tal-ghajjnuna jrid ikun limitat għal EUR 500 000. L-ghajjnuna trid tkun digressiva.

**2.8. Ghajjnuna oħra għas-settur tal-forestrija b'għanijiet ekoloġiċi, protettivi u rikreazzjonali**

- (589) B'konformità mal-politika stabbilita matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, sabiex tikkontribwixxi għaż-żamma u t-titjib tal-foresti u biex tippromwovi l-funzjoni ekoloġika, protettiva u rikreazzjonali tagħhom, il-Kummissjoni ser tqis li l-miżuri ta' ghajjnuna mill-Istat, bl-għan primarju li jżommu, jtejbu jew jirkupraw il-funzjonijiet ekoloġiċi, protettivi u rikreazzjonali tal-foresti, il-bijodiversità u ekosistema tal-foresti b'saħħitha huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (590) L-Istati Membri għandhom juru li l-miżuri jikkontribwixxu direttament għaż-żamma jew l-irkupru tal-funzjonijiet ekoloġiċi, protettivi u rikreazzjonali tal-foresti, il-bijodiversità u ekosistema tal-foresti b'saħħitha.
- (591) Skont din it-taqsim, ma tista' tingħata l-ebda ghajjnuna lil industriji bbażati fil-foresti jew għal estrazzjoni kummerċjalment vijabbli ta' injam maqtugħ jew għat-trasport ta' injam maqtugħ jew għall-ipproċessar ta' injam jew riżorsi oħra tal-foresta fi prodotti jew għall-ġenerazzjoni tal-enerġija. Ma tista' tingħata l-ebda ghajjnuna għall-qtugħ li l-għan primarju tiegħu hija l-estrazzjoni kummerċjalment vijabbli tal-injam jew għall-istokkjar mill-ġdid fejn is-siġar maqtugħa huma sostitwiti b'oħrajn ekwivalenti.

L-intensità tal-ghajjnuna

- (592) L-ghajjnuna għall-miżuri kollha deskritti f'din it-taqsim tista' tingħata sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

Il-benefiċjarji tal-ghajjnuna

- (593) L-ghajjnuna tista' tingħata lil impriżi attivi fis-settur tal-forestrija.

**2.8.1. L-ghajjnuna għal azzjonijiet speċifiċi tal-foresta u interventi bl-għan primarju ta' kontribuzzjoni għaż-żamma jew l-irkupru tal-ekosistema u l-bijodiversità tal-foresta jew il-pajsaġġ tradizzjonali**

- (594) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għat-tħawwil, l-irmondar, iż-żbir u l-qtugħ totali ta' siġar u veġetazzjoni oħra f'foresti eżistenti, it-tneħħija ta' siġar li waqgħu, u l-ispejjeż tal-ippjanar ta' tali miżuri kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk l-ghajjnuna tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni u d-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għat-taqsim 2.8 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida, u fejn l-għan primarju tat-tali miżuri huwa li jikkontribwixxu għaż-żamma jew l-irkupru tal-ekosistema u l-bijodiversità ta' foresta jew il-pajsaġġ tradizzjonali.

**2.8.2. Ghajjnuna għaż-żamma u t-titjib tal-kwalità tal-ħamrija u l-iżgurar ta' tkabbir ibbilanċjat u b'saħħtu tas-siġar fis-settur tal-forestrija**

- (595) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għaż-żamma u t-titjib tal-kwalità tal-ħamrija u l-iżgurar ta' tkabbir ibbilanċjat u b'saħħtu tas-siġar fis-settur tal-forestrija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, id-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għat-taqsim 2.8 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(596) L-ghajjnuna tista' tingħata għaż-żamma u t-titjib tal-kwalità tal-ħamrija fil-foresti u biex jiġi żgurat tkabbir ibbilanċjat u b'saħħtu tas-siġar.

(597) Il-miżuri jistgħu jinkludu titjib tal-ħamrija bil-fertilizzazzjoni u trattamenti oħra għaż-żamma tal-bilanċ naturali tagħha, it-tnaqqis tad-densità eċċessiva tal-veġetazzjoni u l-iżgurar taż-żamma tal-ilma suffiċjenti u drenaġġ kif suppost. L-Istati Membri għandhom juru li l-miżuri ma jnaqqis il-bjodiversità, jikkawżaw lissija ta' nutrijenti jew jaffettwaw ħażin ekosistemi tal-ilma naturali jew żoni ta' protezzjoni tal-ilma.

(598) L-ghajjnuna tista' tkopri l-ispejjeż tal-ippjanar ta' tali miżuri.

2.8.3. *Irkupru u żamma tal-mogħdijiet naturali, l-elementi u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u l-habitat naturali għall-annimali fis-settur tal-forestrija*

(599) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-irkupru u żamma tal-mogħdijiet naturali, l-elementi u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u l-habitat naturali għall-annimali fis-settur tal-forestrija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, id-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għat-Taqsima 2.8 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(600) L-ghajjnuna tista' tingħata għar-restawr u ż-żamma tal-mogħdijiet naturali, l-elementi u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u l-habitat naturali għall-annimali, inklużi l-ispejjeż għall-ippjanar.

(601) Il-miżuri li għandhom l-għan li jimplementaw id-Direttiva dwar il-Habitats u d-Direttiva dwar l-Għasafar huma esklużi minn din it-tip ta' ghajjnuna, peress li għandhom jiddaħħlu fis-seħħ skont il-kundizzjonijiet tat-Taqsima 2.2 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida.

2.8.4. *Ghajjnuna għall-manutenzjoni ta' toroq biex jiġu evitati nirien fil-foresti*

(602) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-manutenzjoni ta' toroq kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, id-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għat-Taqsima 2.8 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(603) L-ghajjnuna għall-manutenzjoni ta' toroq għandu jkollha l-għan li tevita nirien fil-foresti. Ir-rabta bejn l-għan tal-ghajjnuna u l-manutenzjoni tat-toroq għandha tintwera fin-notifika lill-Kummissjoni.

2.8.5. *Ghajjnuna li tikkumpensa l-ħsara fforesti kkaġunata minn annimali rregolati bil-liġi*

(604) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkaġunata minn annimali rregolati mil-liġi fforesti kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, id-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għat-Taqsima 2.8 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(605) Għas-settur tal-forestrija, annimali rregolati mil-liġi jkopru annimali protetti kif definit fil-punt (35)28 u speċijiet soġġetti għal leġiżlazzjoni nazzjonali speċifika, meta jkun hemm interess muri bil-provi għall-preservazzjoni tal-popolazzjoni tal-ispeċi.

(606) Tintalab kontroparti minima mill-benefiċjarji biex jittaffair-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u biex jiġi pprovdut inċentiv għat-tnaqqis tar-riskju. Dik il-kontribuzzjoni trid tieħu l-forma ta' miżuri preventivi raġonevoli, bħaċ-ċnut tas-sikurezza meta jkun possibbli, li huma proporzjonati għar-riskju ta' ħsara mill-annimali rregolati fiż-żona tal-foresta kkonċernata. Jekk ebda miżura preventiva raġonevoli ma tkun possibbli, l-Istat Membru għandu juri l-impossibbiltà li tittieħed miżura preventiva bħal din fin-notifika lill-Kummissjoni sabiex l-ghajjnuna titqies kompatibbli.

(607) Trid tiġi stabbilita rabta każwali diretta bejn il-ħsara mġarrba u l-imġiba tal-annimali.

(608) Iridu jiġu stabbiliti skemi ta' ghajjnuna relatati ma' avveniment ta' ħsara speċifiku fi żmien tliet snin mill-okkorrenza tal-avveniment li kkawża l-ħsara. L-ghajjnuna trid titħallas fi żmien erba' snin minn dik id-data.

(609) Il-ħsara trid tiġi kkalkolata fil-livell tal-benefiċjarju individwali.

L-ispejjeż eliġibbli

- (610) L-ispejjeż eliġibbli huma l-ispejjeż tal-ħsara mġarrba bħala konsegwenza diretta tal-avveniment li jikkawża l-ħsara, kif jiġi vvalutat minn awtorità pubblika, minn espert indipendenti rikonnoxxut mill-awtorità awtorizzanti jew minn impriża tal-assigurazzjoni.
- (611) Il-ħsara tista' tinkludi dan li ġej:
- (a) ħsara lil siġar ħajjin. L-ghajjnuna tista' tingħata biex tikkumpensa għat-telf tal-istokk u għall-ispejjeż ta' stokkjar mill-ġdid sal-valur tas-suq tal-istokk meqrud mill-annimali rregolati. Meta jiġi kkalkolat il-valur tas-suq tat-telf inkrementali, l-inkrement potenzjali tal-istokk meqrud sal-età normali tal-qtugħ jista' jitqies;
  - (b) spejjeż oħra li jġarrab il-benefiċjarju minħabba l-avveniment li kkawża ħsara, bħal miżuri tat-trattament, inklużi it-tħejjija tal-ħamrija għat-tħawwil mill-ġdid u l-prodotti, l-apparati u l-materjali meħtieġa għal dawn l-operazzjonijiet;
  - (c) il-ħsara materjali lil dawn l-assi: it-tagħmir tal-forestrija, il-makkinarju u l-bini. Il-kalkolu tal-ħsara materjali trid ikun ibbażata fuq l-ispiża tat-tiswija jew il-valur ekonomiku tal-ass affettwat qabel ma l-avveniment ikkawża l-ħsara; Dan ma jstax jaqbeż l-ispiża tat-tiswija jew it-tnaqqis fil-valur tas-suq ġust ikkawżat mill-avveniment, jiġifieri d-differenza bejn il-valur tal-proprjetà eżatt qabel u eżatt wara l-avveniment li kkawża l-ħsara.
- (612) Dak l-ammont irid jitnaqqas bi kwalunkwe spiża mhux imġarrba minħabba l-avveniment li kkawża l-ħsara, li inkella kien ikollha titħallas mill-benefiċjarju.
- (613) Miżuri preventivi kontra ħsara li saret minn annimali fforesti jistgħu jkunu sostnuti skont it-Taqsima 2.1.4 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida bħala protezzjoni ta' habitats u azzjonijiet relatati mal-bijodiversità.
- (614) L-ghajjnuna għall-irkupru mill-ħsara lill-foresti kkaġunat minn annimali rregolati mil-liġi nazzjonali tista' tingħata jekk tinżamm konformità mal-kundizzjonijiet tat-Taqsima 2.1.3.

L-intensità tal-ghajjnuna

- (615) Huwa awtorizzat kumpens sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.
- (616) L-ghajjnuna u kull pagament ieħor mogħti bħala kumpens għad-danni, inklużi pagamenti minn poloz tal-assigurazzjoni jew minn miżuri nazzjonali jew tal-Unjoni, huma limitati għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

**2.8.6. Ghajjnuna sabiex jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti**

- (617) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna għall-pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, id-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għat-Taqsima 2.8 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (618) Peress li l-politika dwar l-iżvilupp rurali tal-2014-2020 tagħmel il-pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti jew strumenti ekwivalenti prekundizzjoni għall-eliġibbiltà għal ghajjnuna skont bosta miżuri, bl-għan li jissaħħu l-kisbiet tal-għanijiet tal-iżvilupp rurali, il-Kummissjoni żżomm il-politika attwali tagħha li l-ghajjnuna tista' tingħata sabiex jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti.
- (619) L-ghajjnuna trid tikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-ghajjnuna għal servizzi ta' konsulenza fis-settur tal-forestrija kif jistabbilixxu l-punti (288), (289), (299) u (303) sa (306) tal-Parti II.

**2.9 Ghajjnuna fis-settur tal-forestrija allinjata mal-miżuri tal-ghajjnuna agrikola**

- (620) Fl-imġhoddi, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-politika tagħha li għal miżuri ta' ghajjnuna speċifiċi inqas distortivi, ir-regoli huma komuni għas-settur agrikolu u tal-forestrija.

- (621) Billi ssegwi t-tendenza li jiġu allinjati l-politiki agrikoli u tal-forestrija meta l-ghajjnuna titqies li hija inqas distorsiva, il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tal-forestrija u l-ghajjnuna għal konsolidazzjoni tal-art tal-foresti kompatibbli mas-suq intern jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' dawn it-taqsimiet.
- (622) L-intensità tal-ghajjnuna trid tkun limitata għal 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.
- 2.9.1. *Għajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tal-foresti*
- (623) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tal-foresti kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mal-kundizzjonijiet tat-Taqsima 2.9 u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (624) Il-proġett meġhun għandu jkun ta' interess għall-impriżi kollha attivi fis-setturi jew is-sottosetturi partikolari tal-forestrija kkonċernati.
- (625) Qabel id-data tal-bidu tal-proġett meġhun, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi ppubblikata fuq l-internet:
- (a) li jitwettaq il-proġett meġhun;
  - (b) l-għanijiet tal-proġett meġhun;
  - (c) data approssimattiva għall-pubblikazzjoni tar-riżultati mistennija mill-proġett meġhun;
  - (d) il-post ta' publikazzjoni tar-riżultati mistennija mill-proġett meġhun fuq l-internet;
  - (e) referenza li r-riżultati tal-proġett meġhun huma disponibbli għall-impriżi kollha attivi fis-settur jew sottosettur tal-forestrija kkonċernat mingħajr spejjeż.
- (626) Ir-riżultat tal-proġett meġhun għandu jkun disponibbli fuq l-internet mid-data ta' tmiem il-proġett meġhun jew mid-data meta tingħata xi informazzjoni dwar dawk ir-riżultati lill-membri ta' xi organizzazzjoni partikolari, skont liema data tiġi l-ewwel. Ir-riżultati għandhom jibqgħu disponibbli fuq l-internet għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin tad-data tat-tmiem tal-proġett meġhun.
- (627) L-ghajjnuna għandha tingħata direttament lill-organizzazzjoni ta' riċerka u tqassim tal-għarfien u ma għandhiex tinvolvi l-forniment ta' ghajjnuna fuq il-bażi tal-prezz tal-prodotti tal-forestrija lil impriżi attivi fis-settur tal-forestrija.

#### L-ispejjeż eliġibbli

- (628) L-ghajjnuna trid tkun limitata għal dawn l-ispejjeż eliġibbli:
- (a) spejjeż tal-persunal relatati mar-riċerkaturi, mat-tekniki u persunal ieħor ta' sostenn safejn dawn huma impjegati fuq il-proġett;
  - (b) l-ispejjeż tal-istrumenti u t-tagħmir sal-punt u għall-perjodu użat għall-proġett. Jekk dawn l-istrumenti u t-tagħmir ma jintużawx tul haġġithom kollha fil-proġett, jitqiesu eliġibbli biss l-ispejjeż ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett, kif kalkolati abbażi ta' prassi tajba tal-kontabbiltà;
  - (c) l-ispejjeż tal-bini u l-art sal-punt u għall-perjodu użat għall-proġett. Fir-rigward tal-bini, għandhom jitqiesu bħala eliġibbli biss dawk l-ispejjeż tad-deprezzament li jikkorrispondu mal-ħajja tal-proġett, kif ikkalkolati abbażi ta' prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati. Għall-artijiet, huma eliġibbli l-ispejjeż tat-trasferiment kummerċjali jew l-ispejjeż tal-kapital realment imġarrba;
  - (d) l-ispejjeż tar-riċerka kuntrattwali, l-għarfien u privattivi mixtrija jew liċenzjati minn sorsi barranin b'kundizzjonijiet distakkati, kif ukoll l-ispejjeż tal-konsulenti u s-servizzi ekwivalenti użati esklussivament għall-proġett;
  - (e) spejjeż ġenerali addizzjonali u spejjeż operattivi oħrajn, inklużi spejjeż ta' materjali, provvisti u prodotti simili, imġarrbin direttament minħabba l-proġett.

### 2.9.2. Ghajjnuna għall-konsolidazzjoni tal-art tal-forestrija

(629) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna għall-konsolidazzjoni tal-art tal-forestrija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mal-kundizzjoni tat-Taqsima 2.9 u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

#### L-ispejjeż eliġibbli

(630) L-ispejjeż eliġibbli jridu jkunu limitati għall-ispejjeż reali legali, amministrattivi u ta' stħarriġ tal-konsolidazzjoni tal-art imġarrba.

### **Kapitolu 3. Għajnuniet fiż-żoni rurali li huma kofinanzjati mill-FAEŻR jew mogħtija bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal tali miżuri kofinanzjati**

#### Dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida

(631) L-ghajjnuna skont il-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida għandha tissodisfa din il-kundizzjoni komuni li ġejja: l-ghajjnuna trid tingħata fil-qafas ta' programm tal-iżvilupp rurali skont u f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, bħala ghajjnuna kofinanzjata mill-FAEŻR jew bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali li jiffinanzja din l-ghajjnuna.

(632) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 3 huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tingħata ghajjnuna għaż-żoni rurali skont ir-regoli tal-Unjoni li huma komuni għas-setturi kollha jew għall-kummerċ u l-industrija.

(633) Fir-rigward tal-investimenti skont it-Taqsimiet 3.1, 3.2, 3.6 u 3.10 tal-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida, l-ghajjnuna trid tikkonforma mad-dispożizzjonijiet komuni li ġejjin kif stabbilit fil-punti (634) sa (639).

(634) L-investimenti fl-iffrankar tal-enerġija u l-enerġiji rinnovabbli huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida. Din l-ghajjnuna trid tikkonforma mal-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020, ħlief meta tkun eżentata mill-obbligu ta' notifika.

#### L-ispejjeż eliġibbli għall-investimenti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 3, tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida

(635) L-ispejjeż eliġibbli għall-miżuri ta' ghajjnuna għall-investment fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 3, tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida jridu jkunu limitati għall-ispejjeż li ġejjin:

(a) il-bini, il-kisba, inkluża l-lokazzjoni, jew it-titjib ta' proprjetà immobbli, bix-xiri biss ta' art li hija eliġibbli sa mhux iktar minn 10 % tal-ispejjeż totali eliġibbli tal-operazzjoni kkonċernata; madankollu f'każijiet eċċezzjonali u ġġustifikati kif xieraq, perċentwal ogħla jista' jiġi awtorizzat għal operazzjonijiet li jikkonċernaw il-konservazzjoni ambjentali;

(b) ix-xiri jew ix-xiri bin-nifs ta' makkinarju u tagħmir sal-valur tas-suq tal-assi;

(c) spejjeż ġenerali relatati man-nefqa msemmija fil-punt (635)(a) u (b), bħal tariffi tal-periti, tal-inġiniera u dawk ta' konsultazzjoni, tariffi li għandhom x'jaqsmu ma' konsulenza dwar is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika, inklużi studji tal-fattibbiltà; l-istudji dwar il-fattibbiltà jibqgħu nefqa eliġibbli anki fejn, abbażi tar-riżultati tagħhom, skont il-punt (635) (a) u (b) ma tkun saret ebda nefqa;

(d) investiment f'dawn l-assi intaġibbli: l-akkwist jew l-iżvilupp ta' softwer tal-kompjuter u l-akkwisti ta' privativi, liċenzi, drittijiet tal-awtur u marki kummerċjali.

(636) L-ispejjeż, minbarra dawk imsemmija fil-punt (635), marbuta mal-kuntratti ta' lokazzjoni, bħall-marġni tal-lokatur, l-ispejjeż ta' rifinanzjament tal-interessi, l-ispejjeż ġenerali u l-imposti tal-assigurazzjoni mhumiex ser jitqiesu bħala spejjeż eliġibbli.

(637) Il-kapital tax-xogħol mhux spiża eliġibbli skont il-Kapitolu 3 tal-Parti II.

L-intensità tal-ghajjnuna għall-miżuri ta' investiment skont il-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida

(638) L-intensità tal-ghajjnuna ma tistax taqbeż:

(a) f'regġuni anqas żviluppati:

- (i) 50 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli għall-investiment fir-regġuni li l-PDG *per capita* tagħhom huwa anqas minn 45 % tal-medja tal-UE-27;
- (ii) 35 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli għall-investiment fir-regġuni li l-PDG *per capita* tagħhom huwa bejn 45 % u 60 % tal-medja tal-UE-27;
- (iii) 25 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli għall-investiment fir-regġuni li l-PDG *per capita* tagħhom huwa aktar minn 60 % tal-medja tal-UE-27;

(b) fir-regġuni l-aktar imbiegħda: l-intensitajiet ta' ghajjnuna massimi stabbiliti fil-punt (a) jistgħu jiżiedu sa 20 punt perċentwali fir-regġuni l-aktar imbiegħda li għandhom PDG *per capita* li jilħaq 75 % tal-medja tal-UE-27 jew taħtu jew sa 10 punti perċentwali f'regġuni l-aktar imbiegħda oħra;

(c) f'żoni "c":

- (i) 15 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli għal investiment f'żoni b'popolazzjoni baxxa u f'regġuni NUTS 3 jew partijiet ta' regġuni NUTS 3 li jaqsmu fruntiera tal-art ma' pajjiż li ma jagħmilx parti miż-ŻEE jew mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA);
- (ii) 10 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli għall-investimenti f'żoni "c" mhux predefiniti;
- (iii) f'dawk li kienu żoni "a", l-intensitajiet tal-ghajjnuna jistgħu jiżiedu sa 5 punti perċentwali mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017;
- (iv) fejn żona "c" tkun biswit żona "a", l-intensità tal-ghajjnuna massima permessa fiż-żoni NUTS 3 jew partijiet ta' żoni NUTS 3 f'dik iż-żona "c" li huwa biswit iż-żona "a" tista' tiżded kif ikun meħtieġ biex id-differenza fl-intensità tal-ghajjnuna bejn iż-żewġ żoni ma taqbiżx il-15-il punt perċentwali;

(d) bl-eċċezzjoni tal-ghajjnuna mogħtija favur proġetti ta' investiment kbar, l-intensitajiet ta' ghajjnuna massimi stabbiliti fil-punti (a) sa (c) ta' hawn fuq jistgħu jiżiedu sa 10 punti perċentwali għall-impriżi medji u sa 20 punt perċentwali għal impriżi mikro u żgħar;

(e) fiż-żoni l-oħra kollha: 10 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli għall-investiment għall-impriżi medji u 20 % tal-ammont tal-ispejjeż eliġibbli għall-investiment għall-impriżi mikro u żgħar;

(f) l-intensità massima tal-ghajjnuna għal proġetti kbar tal-investiment trid titnaqqas għall-ammont aġġustat tal-ghajjnuna kif definit fil-Punt (35). ta' dawn il-Linji Gwida.

(639) Jekk l-ghajjnuna mis-sorsi kollha tkun taqbeż il-limitu tan-notifika, kif speċifikat fil-punt (37)(c), l-ghajjnuna għall-investiment individwali mogħtija bi skema notifikata tibqa' soġġetta għall-obbligu ta' notifika skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

3.1. **Ghajjnuna għall-investimenti li tikkonċerna l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli fi prodotti mhux agrikoli, il-produzzjoni tal-qoton jew l-investimenti fil-ħolqien u l-iżvilupp ta' attivitajiet mhux agrikoli**

(640) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-investimenti li jikkonċernaw l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli fi prodotti mhux agrikoli, il-produzzjoni tal-qoton jew l-investimenti fil-ħolqien u l-iżvilupp ta' attivitajiet mhux agrikoli kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mad-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(641) L-ghajjnuna skont din il-miżura għandha tkopri investment fassi tanġibbli u intanġibbli.

(642) Din it-Taqsima tapplika għal għajjnuna għal:

- (a) l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli fejn ir-riżultat tal-proċess tal-produzzjoni huwa prodott mhux agrikolu;
- (b) il-produzzjoni tal-qoton, inkluż l-attività ta' tfeđiq (ginning);
- (c) l-investimenti fl-attivitajiet mhux agrikoli li jingħataw lil bdiewa jew membri ta' unità domestika agrikola li jiddiversifikaw l-attivitajiet mhux agrikoli u lil impriżi mikro u żgħar u persuni fiżiċi f'żoni rurali.

### 3.2. Għajjnuna għal servizzi bażiċi u tiġdid ta' villaġġi f'żoni rurali

(643) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna għal servizzi bażiċi<sup>(88)</sup> u t-tiġdid tal-villaġġi fiż-żoni rurali kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) u mal-Artikolu 107(3)(d) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mad-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(644) L-ghajjnuna taħt din il-miżura tkopri:

- (a) it-tfassil u l-aġġornament ta' pjanijiet għall-iżvilupp tal-muniċipalitajiet u l-villaġġi f'żoni rurali u s-servizzi bażiċi tagħhom u tal-pjanijiet ta' protezzjoni u ġestjoni b'rabta mas-siti ta' Natura 2000 u żoni oħra ta' valur naturali għoli;
- (b) l-investimenti fil-ħolqien, it-titjib jew l-espansjoni ta' kull tip ta' infrastruttura fuq skala żgħira kif jid-definixxi l-punt (35)48, ħlief l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija, u fl-infrastruttura tal-broadband;
- (c) l-investimenti fl-istabbiliment, it-titjib jew l-espansjoni ta' servizzi bażiċi lokali għall-populazzjoni rurali, inkluż dawk relatati mad-divertiment u l-kultura, u l-infrastruttura relatata;
- (d) l-investimenti għall-użu pubbliku fl-infrastruttura rikreazzjonali, l-informazzjoni għat-turisti u l-infrastruttura tat-turiżmu fuq skala żgħira;
- (e) l-istudji u l-investimenti assoċjati mal-manutenzjoni, ir-restawr u t-titjib tal-patrimonju kulturali u naturali tal-villaġġi, il-pajsaġġi rurali u siti ta' valur naturali għoli, inklużi aspetti soċjoekonomiċi relatati, kif ukoll azzjonijiet ta' għarfien ambjentali;
- (f) l-investimenti li jolqtu r-rilokazzjoni ta' attivitajiet u l-konverżjoni ta' bini jew faċilitajiet oħra li jinsabu fi stabbiliment rurali jew viċin tagħhom, bil-għan li jtejbu l-kwalità tal-ħajja jew iżidu l-prestazzjoni ambjentali tal-istabbiliment.

(645) L-investimenti taħt din il-miżura huma eliġibbli għall-ghajjnuna meta l-operazzjonijiet rilevanti jiġu implimentati skont il-pjanijiet għall-iżvilupp tal-muniċipalitajiet u l-villaġġi fiż-żoni rurali u s-servizzi bażiċi tagħhom, fejn jeżistu tali pjanijiet, u jridu jkunu konsistenti ma' kwalunkwe strateġija ta' żvilupp lokali rilevanti.

(646) L-ghajjnuna msemmija fil-punt (644)(e) għandha tingħata għal patrimonju li huwa formalment rikonoxxut bħala patrimonju kulturali jew naturali mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti ta' Stat Membru.

<sup>(88)</sup> L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat japplikaw għall-ghajjnuna għal servizzi fiż-żoni rurali, sakemm jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, filwaqt li jqisu l-interpretazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat mogħtija fl-avviż li ġej tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajjnuna.

L-ispejjeż eliġibbli

(647) L-ispejjeż li ġejjin huma eliġibbli:

- (a) l-ispejjeż għat-tfassil u l-aġġornament u l-pjanijiet ta' ġestjoni relatati maż-żoni rurali u s-servizzi bażiċi tagħhom, u għal siti ta' valur naturali għoli;
- (b) l-ispejjeż ta' investment għal assi tangiġibbli u intangiġibbli;
- (c) l-ispejjeż għat-tħejjija ta' studji assoċjati mal-patrimonju kulturali u naturali, pajsaġġi rurali u siti ta' valur naturali għoli; l-ispejjeż marbuta mal-azzjonijiet ta' għarfien ambjentali;
- (d) l-ispejjeż ta' xogħlijiet kapitali jistgħu jkunu wkoll għal għajjnuna eliġibbli msemmija fil-punt (644)(e).

L-intensità tal-għajjnuna

(648) L-intensità tal-għajjnuna għall-attivitajiet skont il-punt (644)(a) u (b) ma tridx taqbeż il-100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

(649) L-intensità tal-għajjnuna għall-attivitajiet imsemmija fil-punt (644)(c), (d) u (e) ma tistax taqbeż il-100 % tal-ispejjeż eliġibbli. L-introġti netti jridu jitnaqqsu mill-ispejjeż eliġibbli *ex ante* jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

(650) L-intensità tal-għajjnuna għall-attivitajiet fil-punt (644)(f) ma tridx taqbeż dawn l-ammonti:

- (a) meta r-rilokazzjoni tal-attivitajiet jew il-konverżjoni tal-binjiet jew faċilitajiet oħra tikkonsisti fiż-żarmar, it-tneħħija u l-bini mill-ġdid ta' faċilitajiet eżistenti, 100 % tal-ispejjeż reali mġarrba għat-tali attivitajiet;
  - (b) meta r-rilokazzjoni tal-attivitajiet jew il-konverżjoni tal-binjiet jew faċilitajiet oħrajn, minbarra ż-żarmar, it-tneħħija u l-bini mill-ġdid ta' faċilitajiet eżistenti kif imsemmi fil-punt (650)(a), tirriżulta fmodernizzar ta' dawn il-faċilitajiet jew f'żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni, l-intensitajiet ta' għajjnuna għal investimenti stabbiliti fil-punt (638) fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-immodernizzar tal-faċilitajiet jew iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni.
- (651) Għall-finijiet tal-punt (650) (b), is-simpliċi sostituzzjoni ta' bini jew faċilitajiet eżistenti b'binjiet jew faċilitajiet aġġornati ġodda mingħajr ma fundamentalment tibdel il-produzzjoni tat-teknoloġija involuta mhijiex ser titqies bħala relatata mal-immodernizzar.

### 3.3. Għajjnuna inizjali għan-negozju għall-attivitajiet mhux agrikoli f'żoni rurali

(652) Il-Kummissjoni ser tqis l-għajjnuna inizjali għan-negozju għall-attivitajiet mhux agrikoli f'żoni rurali bħala kompatiġibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mad-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(653) L-għajjnuna tista' tingħata lil bdiewa jew membri tal-unità domestika tal-azjenda agrikola li jiddiversifikaw f'attivitajiet mhux agrikoli, lil impriżi mikro u żgħar u lil persuni fiżiċi fiż-żoni rurali. Tista' tingħata wkoll għajjnuna għat-twaqqif ta' servizzi tal-ġestjoni tal-farms, tas-sostituzzjoni tal-farms u servizzi ta' konsulenza relatati mal-forestrija, inkluża s-Sistema ta' Konsulenza tal-Farms imsemmija fl-Artikoli 12 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 lill-impriżi medji u kbar f'żoni rurali.

(654) L-għajjnuna trid tingħata bil-kundizzjoni li jiġi ppreżentat pjan ta' direzzjoni tan-negozju. L-implimentazzjoni tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju trid tibda fi żmien disa' xhur mid-data li fiha tittieħed id-deċiżjoni li tingħata l-għajjnuna.

(655) Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju jrid jiddeskrivi dawn li ġejjin:

- (a) is-sitwazzjoni ekonomika inizjali tal-benefiċjarju li japplika għal għajjnuna;
- (b) il-miri u l-għanijiet għall-iżvilupp tal-attivitajiet il-ġodda tal-benefiċjarju;
- (c) id-dettalji tal-azzjonijiet meħtieġa għall-iżvilupp tal-attivitajiet tal-benefiċjarju, bħad-dettalji tal-investimenti, it-taħriġ, il-konsulenza jew attività oħra.



- (656) L-ghajjnuna trid titħallas f'tal-anqas żewġ ħlasijiet parzjali tul perjodu massimu ta' ħames snin. Il-ħlasijiet parzjali jistgħu jkun digressivi. Il-ħlas tal-aħħar ħlas parzjali jrid ikun soġġett għall-implimentazzjoni korretta tal-pjan ta' direzzjoni tan-negożju.
- (657) Fl-istabbiliment tal-ammont tal-ghajjnuna, l-Istati Membri jridu jqisu anki s-sitwazzjoni soċjoekonomika taż-żona tal-programm.

#### L-ammont tal-ghajjnuna

- (658) L-ammont tal-ghajjnuna jrid ikun limitat għal EUR 70 000 għal kull impriża. L-Istati Membri jridu jiddefinixxu l-ammont tal-ghajjnuna filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni soċjoekonomika taż-żona kkonċernata.

#### **3.4. Ghajjnuna għall-impenji agroambjentali klimatiċi lil amministraturi oħrajn tal-artijiet u lil impriżi fiż-żoni rurali li mhumiex attivi fis-settur agrikolu**

- (659) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għall-impenji agroambjentali klimatiċi lil amministraturi oħrajn tal-artijiet u lil impriżi fiż-żoni rurali li mhumiex attivi fis-settur agrikolu, bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mad-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (660) L-ghajjnuna trid tingħata skont il-kundizzjonijiet rilevanti applikabbli speċifikati fil-punt 1.1.5.1 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida, bid-dispożizzjonijiet addizzjonali li ġejjin relatati ma' amministraturi tal-artijiet oħrajn.
- (661) L-ghajjnuna għall-impenji agroambjentali klimatiċi tista' tingħata lil gruppi ta' impriżi attivi fis-settur agrikolu u amministraturi tal-artijiet oħrajn li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu f'impenn agroambjentali klimatiku wieħed jew aktar fuq l-art agrikola li għandha tiġu ddefinita mill-Istati Membri, inkluż iżda mhux limitat għaż-żona agrikola kif iddefinit skont (35).50 ta' dawn il-Linji Gwida.
- (662) Meta jkun iġġustifikat kif xieraq biex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali, tista' tingħata għajjnuna għall-impenji agroambjentali klimatiċi lil amministraturi tal-artijiet oħrajn jew gruppi ta' amministraturi tal-artijiet oħrajn.
- (663) L-ghajjnuna lill-impriżi f'żoni rurali li mhumiex attivi fis-settur agrikolu tista' tiġi pprovduta għall-konservazzjoni u għall-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura għal operazzjonijiet mhux koperti mid-dispożizzjonijiet taħt il-punti (208) sa (219) tat-Taqsima 1.1.5.1. tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida.

#### **3.5. Ghajjnuna għal żvantaġġi relatati ma' żoni tan-Natura 2000 lil amministraturi tal-artijiet oħrajn**

- (664) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna għal żvantaġġi relatati ma' żoni tan-Natura 2000 lil amministraturi tal-artijiet oħrajn bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta' valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mad-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (665) L-ghajjnuna tista' tingħata lil amministraturi tal-artijiet oħrajn f'każijiet iġġustifikati kif xieraq biss.

#### L-ispejjeż eliġibbli

- (666) L-ghajjnuna tista' tingħata biex tkkumpensa lil amministraturi tal-artijiet oħrajn għal spejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf li jirriżulta mill-iżvantaġġi fiż-żoni kkonċernati, relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Habitats u d-Direttiva dwar l-Għasafar.
- (667) Il-miżuri meħuda f'dawn l-oqsma biss huma eliġibbli għall-ghajjnuna:

- (a) iż-żoni agrikoli ta' Natura 2000 magħżula skont id-Direttiva dwar il-Habitats u d-Direttiva dwar l-Għasafar;
- (b) żoni delimitati oħra ta' protezzjoni naturali b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għall-biedja li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Habitats.

L-ammont tal-ghajjnuna

(668) L-ghajjnuna trid tkun limitata għall-ammonti li ġejjin: massimu ta' EUR 500 għal kull ettaru fis-sena fil-perjodu inizjali li ma jaqbiżx il-ħames snin; massimu ta' EUR 200 għal kull ettaru fis-sena minn hemm 'il quddiem. L-ammonti massimi ta' EUR 500 u EUR 200 jistgħu jiżdedu f'każijiet eċċezzjonali filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkustanzi speċifiċi li għandhom jiġu ġġustifikati.

**3.6. Ghajjnuna għat-trasferiment ta' għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni fiż-żoni rurali**

(669) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna għat-trasferiment ta' għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni, l-amministraturi tal-art u l-SMEs fiż-żoni rurali, bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mad-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(670) L-ghajjnuna skont din il-miżura tkopri azzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali u kisba tal-ħiliet (inklużi korsijiet ta' taħriġ, workshops u kkwocjar), attivitajiet ta' wiri u azzjonijiet ta' informazzjoni. L-ghajjnuna tista' tingħata anki għat-taħriġ ta' konsulenti marbuta mas-servizzi ta' konsulenza msemmija fit-Taqsima 1.1.10.2. u t-Taqsimiet 2.5. u 3.7. tal-Parti II.

(671) Tista' tingħata ghajjnuna favur persuni involuti fis-settur tal-ikel, amministraturi tal-artijiet oħrajn li mhumiex impriżi attivi fis-settur agrikolu u SMEs f'żoni rurali. L-ghajjnuna għat-taħriġ tal-konsulenti tista' tingħata wkoll favur impriżi kbar f'żoni rurali.

(672) L-ghajjnuna tista' tingħata fir-rigward tal-ispejjeż eliġibbli li ġejjin:

(a) l-ispejjeż għall-organizzazzjoni u l-forniment tat-trasferiment tal-għarfien jew l-azzjoni ta' informazzjoni;

(b) fil-każ ta' proġetti ta' wiri, l-ghajjnuna tista' tkopri wkoll spejjeż tal-investment rilevanti;

(c) l-ispejjeż għall-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u għal kull jum tal-parteċipanti.

(673) L-ghajjnuna msemmija fil-punti (672)(a) u (b) ma tistax tinvolvi pagamenti diretti lill-benefiċjarji. L-ghajjnuna trid titħallas lill-fornitur tat-taħriġ jew trasferiment tal-għarfien u azzjoni ta' informazzjoni oħra.

(674) L-ghajjnuna trid tkun aċċessibbli għal dawk l-impriżi kollha eliġibbli attivi fiż-żona rurali kkonċernata, abbażi ta' kundizzjonijiet iddefiniti b'mod oġġettiv.

(675) Il-korpi li jipprovdu servizzi ta' trasferiment tal-għarfien u ta' informazzjoni jrid ikollhom il-kapaċitajiet xierqa fil-forma ta' kwalifiki tal-persunal u taħriġ regolari biex iwettqu dan il-kompitu.

L-intensità tal-ghajjnuna

(676) L-intensità tal-ghajjnuna trid tkun limitata għal 50 % tal-ispejjeż eliġibbli fil-każ ta' impriżi kbar, għal 60 % fil-każ ta' impriżi medji u għal 70 % fil-każ ta' impriżi mikro u żgħar. L-ghajjnuna għat-taħriġ tal-konsulenti trid tkun limitata għal EUR 200 000 għal kull tliet snin.

**3.7. Ghajjnuna għal servizzi ta' konsulenza fiż-żoni rurali**

(677) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna għas-servizzi ta' konsulenza fiż-żoni rurali bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mad-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(678) L-ghajjnuna għandha tingħata biex tgħin lil amministraturi tal-artijiet oħrajn u SMEs fiż-żoni rurali jibbenefikaw mill-użu ta' servizzi ta' konsulenza għat-titjib tal-prestazzjoni ekonomika u ambjentali kif ukoll it-tnaqqis tal-ħsara lill-klima u r-reżiljenza tal-intrapriża u/jew l-investment tagħhom.

(679) Konsulenza lill-SMEs f'żoni rurali tista' tkopri kwistjonijiet marbuta mal-prestazzjoni ekonomika u ambjentali tal-benefiċjarju.

- (680) Il-konsulenza lil amministraturi tal-artijiet oħrajn f'żoni rurali għandha tkopri bħala minimu wieħed mill-elementi stabbiliti fil-punt (301) tat-Taqsima 1.1.10.2 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida. Tista' tkopri kwistjonijiet oħra, kif imsemmi fil-punt (302).
- (681) L-ghajjnuna ma tistax tinvolvi pagamenti diretti lill-benefiċjarji. L-ghajjnuna trid titħallas lill-fornitur ta' servizzi konsultattivi.
- (682) Meta jagħtu konsulenza, il-fornituri tas-servizzi konsultattivi jridu jirrispettaw l-obbligi ta' nuqqas ta' divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.
- (683) Meta dan ikun iġġustifikat u xieraq, il-konsulenza tista' tingħata fi grupp b'mod parzjali, filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjonijiet tal-utent individwali tas-servizzi konsultattivi.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

- (684) L-ghajjnuna trid tkun limitata għal EUR 1 500 għal kull parir.

### **3.8. Ghajjnuna għal parteċipazzjoni ġdida tal-bdiewa attivi fi skemi tal-kwalità għall-qoton u l-oġġetti tal-ikel**

- (685) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna għall-partiċipazzjoni l-ġdida tal-bdiewa attivi fi skemi tal-kwalità għall-qoton jew l-oġġetti tal-ikel bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mad-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.
- (686) L-ghajjnuna tikkonċerna l-ewwel partiċipazzjoni tal-bdiewa attivi f'waħda mill-kategoriji ta' skemi tal-kwalità li ġejjin:
- (a) skemi tal-kwalità għal qoton jew l-oġġetti tal-ikel stabbiliti mil-leġislazzjoni tal-Unjoni;
- (b) skemi tal-kwalità għal qoton jew oġġetti tal-ikel rikonoxxuti mill-Istati Membri bħala konformi mal-kriterji li ġejjin:
- (i) l-ispeċifità tal-prodott finali prodott taħt skemi ta' kwalità bħal dawn trid tkun ġejja minn obbligi ċari li jiġu ggarantiti
- karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti; jew
- metodu speċifiku ta' biedja jew produzzjoni; jew
- kwalità tal-prodott finali li tmur sew lil hinn mill-istandards tal-komoditajiet kummerċjali rigward is-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali jew il-protezzjoni ambjentali;
- (ii) l-iskema ta' kwalità trid tkun miftuħa għall-produtturi kollha;
- (iii) l-iskema ta' kwalità trid tkun tinvolvi speċifikazzjonijiet tal-prodott vinkolanti u l-konformità ma' daww l-ispeċifikazzjonijiet tiġi vverifikata minn awtoritajiet pubbliċi jew minn korp ta' spezzjoni indipendenti;
- (iv) l-iskema ta' kwalità trid tkun trasparenti u tigarantixxi traċċabbiltà sħiħa tal-prodotti agrikoli;
- (c) skemi ta' ċertifikazzjoni volontarja ta' prodott agrikolu rikonoxxuti mill-Istati Membri li jissodisfaw il-Linji Gwida tal-Unjoni dwar l-aħjar prattika għat-tħaddim ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarja relatati mal-prodotti agrikoli.

L-ispejjeż eliġibbli

- (687) L-ghajjnuna trid tingħata fil-forma ta' pagament ta' inċentiv annwali, li għandu jiġi ddeterminat skont il-livell tal-ispejjeż fissi li ġejjin minn parteċipazzjoni fl-iskemi tal-kwalità.
- (688) L-ghajjnuna tista' tingħata għal perjodu massimu ta' ħames snin.

L-ammont tal-ghajjnuna

- (689) L-ghajjnuna trid tkun limitata għal EUR 3 000 għal kull benefiċjarju kull sena.

**3.9. Ghajjnuna għal attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-qoton u oġġetti tal-ikel koperti minn skema tal-kwalità**

- (690) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna għall-attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-qoton u l-oġġetti tal-ikel bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mad-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

L-ispejjeż eliġibbli

- (691) Tista' tingħata għajjnuna għal attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-qoton u l-oġġetti tal-ikel li huma koperti minn skema tal-kwalità u li għalihom tingħata għajjnuna skont it-Taqsima 3.8 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida.
- (692) L-ghajjnuna tista' tingħata lil gruppi ta' produttori li qegħdin jimplementaw l-attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni.
- (693) L-ghajjnuna trid tkopri l-ispejjeż għall-azzjonijiet bil-karatteristiċi li ġejjin:
- (a) ikunu maħsuba biex jipperswadu lill-konsumaturi jixtru oġġetti tal-ikel jew qoton koperti minn skema tal-kwalità;
  - (b) li jiġbdu l-attenzjoni għal karatteristiċi jew vantaġġi speċifiċi tal-oġġetti tal-ikel jew il-qoton, b'mod partikolari għall-kwalità, metodu ta' produzzjoni speċifiku, standards għoljin ta' trattament xieraq tal-annimali u r-rispett għall-ambjent b'rabta mal-iskema tal-kwalità kkonċernata.
- (694) L-azzjonijiet imsemmija fil-punt (693) ma jistgħux jinċitaw lill-konsumaturi biex jixtru ikel jew qoton minħabba l-oriġini partikolari tagħhom, ħlief għal dawk koperti mill-iskemi tal-kwalità introdotti mit-Titolu II tar-Regolament (EU) Nru 1151/2012.
- (695) Madankollu, tista' tiġi indikata l-oriġini tal-oġġetti tal-ikel jew il-qoton, sakemm ir-referenza għall-oriġini tkun subordinata għall-messaġġ prinċipali.
- (696) L-attivitajiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni relatati ma' impriżi partikolari jew ta' marki kummerċjali ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-ghajjnuna.
- (697) Attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni fis-suq intern biss huma eliġibbli.

L-intensità tal-ghajjnuna

- (698) L-intensità tal-ghajjnuna trid tkun sa 70 % tal-ispejjeż eliġibbli.

**3.10. Ghajjnuna għall-kooperazzjoni fiż-żoni rurali**

- (699) Il-Kummissjoni ser tqis l-ghajjnuna mill-Istat għall-kooperazzjoni fiż-żoni rurali kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mad-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

- (700) L-ghajjnuna għandha tingħata sabiex tippromwovi l-forom ta' koperazzjoni fost l-impriżi attivi fis-settur agrikolu, l-impriżi attivi fil-katina tal-provvista u atturi oħra li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-politika tal-iżvilupp rurali, inklużi gruppi ta' produttori, kooperattivi u organizzazzjonijiet interprofessjonali, meta mill-koperazzjoni jgawdu ż-żoni rurali.
- (701) Il-koperazzjoni trid tinvolvi mill-anqas żewġ entitajiet, u għandha tkun relatata l-aktar ma'
- (a) approċċi ta' kooperazzjoni;
  - (b) il-ħolqien ta' raggruppamenti u networks;
  - (c) it-twaqqif u t-tħaddim ta' gruppi operazzjonali tal-EIP għall-produttività u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura kif imsemmija fl-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.
- (702) L-ghajjnuna tista' tingħata għall-kooperazzjoni relatata mal-attivitajiet li ġejjin:
- (a) il-proġetti pilota;
  - (b) l-iżvilupp ta' prodotti, prattiki u proċessi u teknoloġiji fis-setturi tal-ikel;
  - (c) koperazzjoni bejn operaturi żgħar fl-organizzazzjoni ta' proċessi ta' ħidma konġunta u l-qsim ta' faċilitajiet u riżorsi u għall-iżvilupp u/jew il-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi tat-turiżmu relatati mat-turiżmu rurali;
  - (d) kooperazzjoni orizzontali u vertikali bejn atturi tal-katina tal-provvista għat-twaqqif u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u swieq lokali;
  - (e) attivitajiet ta' promozzjoni f'kuntast lokali relatati mal-iżvilupp ta' katina tal-provvista qasira u swieq lokali;
  - (f) azzjonijiet konġunti mwettqa bil-għan ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew adattament għalih;
  - (g) approċċi konġunti għal proġetti ambjentali u prattiki ambjentali attwali inkluż il-ġestjoni effiċjenti tal-ilma, l-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-konservazzjoni tal-pajsaġġi agrikoli;
  - (h) kooperazzjoni orizzontali u vertikali bejn l-atturi tal-katina tal-provvista għall-forniment sostenibbli tal-bijomassa għall-użu fil-ikel, fil-produzzjoni tal-enerġija u fil-proċessi industrijali;
  - (i) l-implimentazzjoni, b'mod partikolari minn gruppi ta' msieħba pubbliċi u privati ħliet dawk iddefiniti fil-punt (b) tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, tal-istrategġiji tal-iżvilupp lokali ħliet dawk iddefiniti fl-Artikolu 2(19) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, li jindirizzaw waħda jew aktar mill-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali;
  - (j) id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tal-biedja fattivitajiet li jikkonċernaw il-kura tas-saħħa, l-integrazzjoni soċjali, l-agrikoltura appoġġjata mill-komunità u l-edukazzjoni dwar l-ambjent u l-ikel.
- (703) Ghajjnuna għall-ħolqien ta' raggruppamenti u networks tista' tingħata biss lil raggruppamenti u networks ġodda li għadhom kif iffurmu u dawk li għadhom kif bdew attività li hija ġdida għalihom.
- (704) Tista' tingħata ghajjnuna għall-proġetti pilota msemmija fil-punt (702)(a) u għall-iżvilupp ta' prodotti, prattiki, proċessi u teknoloġiji fis-settur tal-ikel imsemmija fil-punt (702)(b) anki lill-atturi individwali, fejn tiġi pprovduta din il-possibbiltà għall-programm ta' żvilupp rurali. Ir-riżultati tal-proġetti pilota skont il-punt (702)(a) u l-attivitajiet skont (702)(b) imwettqa minn atturi individwali jridu jixxerrdu.

- (705) L-ghajjnuna għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' ktajjen qosra tal-provvista, kif imsemmi fil-punt (702)(d) u (e) trid tkopri biss il-ktajjen tal-provvista li jinvolvu xjen iktar minn intermedjarju wieħed bejn il-bidwi u l-konsumatur.
- (706) L-ghajjnuna taħt din it-Taqsima għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi dwar il-kompetizzjoni, b'mod partikolari mal-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat.
- (707) L-ghajjnuna trid tkun limitata għal perjodu massimu ta' seba' snin minbarra l-azzjoni ambjentali kollettiva f'każijiet iġġustifikati kif xieraq.

#### L-ispejjeż eliġibbli

- (708) L-ghajjnuna tista' tingħata biex tkopri l-ispejjeż eliġibbli li ġejjin:
- (a) studji dwar iż-żona kkonċernata, studji tal-fattibbiltà, u l-ispejjeż għat-tfassil ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju jew strateġija tal-iżvilupp lokali minbarra dik imsemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013;
  - (b) l-ispejjeż tal-animazzjoni taż-żona kkonċernata sabiex proġett territorjali kollettiv jew proġett li jkun fattibbli li jitwettaq minn grupp operazzjonali tal-EIP għall-Produttività u s-Sostenibbiltà tal-Agricoltura kif imsemmi fl-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013; fil-każ tar-raggruppamenti, l-attività tista' tikkonċerna wkoll in-netwerking bejn membri u r-reklutaġġ ta' membri ġodda;
  - (c) l-ispejjeż operazzjonali tal-kooperazzjoni, bħall-paga tal-"koordinatur";
  - (d) l-ispejjeż diretti ta' proġetti speċifiċi marbuta mal-implimentazzjoni ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju, pjan ambjentali, strateġija ta' żvilupp lokali minbarra dik imsemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jew azzjonijiet oħra mmirati għall-innovazzjoni, inkluż l-ittestjar;
  - (e) l-ispejjeż għall-attivitajiet ta' promozzjoni.
- (709) L-ispejjeż diretti skont il-punt (708)(d) iridu jkunu limitati għall-ispejjeż eliġibbli ta' ghajjnuna għall-investimenti, kif speċifikat fil-punti (635) sa (636) u jridu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet speċifiċi msemmija fil-punt (634).

#### L-intensità tal-ghajjnuna

- (710) L-intensità tal-ghajjnuna għall-ispejjeż imġarrba msemmija fil-punt (708)(a), (b), (c) u (e) ma tridx taqbeż il-50 %.
- (711) L-intensità tal-ghajjnuna għall-ispejjeż diretti skont il-punt (708)(d) ma tridx taqbeż daww speċifikati fil-punt (638) ta' dawn il-Linji Gwida, inkluż il-mekkaniżmu ta' tnaqqis għal proġetti ta' investiment kbar. L-intensità tal-ghajjnuna li tapplika għaż-żona fejn jinsab l-investiment ser tapplika għall-benefiċjarji kollha li jieħdu sehem fil-proġett ta' kooperazzjoni. Jekk l-investiment ikun jinsab f'żewġ żoni jew aktar, l-intensità massima tal-ghajjnuna għall-investiment ser tkun dik applikabbli fiż-żona fejn tkun ser tiġġarrab l-akbar parti tal-ispejjeż eliġibbli.
- (712) Il-livell limitu ta' notifika msemmi fil-punt (639) japplika għall-ghajjnuna għall-ispejjeż diretti relatati mal-investimenti skont il-punt (708)(d).

#### **3.11. Ghajjnuna għat-twaqqif ta' fondi reċiproki**

- (713) Il-Kummissjoni se tqis l-ghajjnuna għat-twaqqif ta' fondi reċiproki bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mad-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(714) Il-fond reċiproku kkonċernat irid:

- (a) jiġi akkreditat mill-awtorità kompetenti skont il-liġi nazzjonali;
- (b) ikollu politika trasparenti dwar id-depożiti fil-fond u l-ġbid minnu;
- (c) ikollu regoli ċari li jattribwixxu r-responsabbiltajiet għal kwalunkwe dejn sostnut;
- (d) iħallas kontribuzzjoni finanzjarja lill-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja għat-telf ikkawżat minn avvenimenti klimatiki avversi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, u mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti kif speċifikat fit-Taqsimiet 1.2.1.2 u 1.2.1.3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u/jew it-telf ikkawżat minn inċidenti ambjentali.

(715) L-Istati Membri jridu jiddefinixxu r-regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fondi reċiproki, b'mod partikolari għall-għoti ta' pagamenti ta' kumpens kif ukoll għall-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn ir-regoli. L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-arranġamenti tal-fondi jipprevedu penali f'każ ta' negliġenza min-naħa tal-impriża.

#### L-ispejjeż eliġibbli

(716) L-ghajjnuna ta' hawn fuq tista' tkun relatata biss mal-ispejjeż amministrattivi għat-twaqqif tal-fond reċiproku, mifruxa fuq massimu ta' tliet snin b'mod digressiv; L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ispejjeż li huma eliġibbli għall-ghajjnuna billi japplikaw limiti massimi għal kull fond.

(717) Ma tista' tingħata l-ebda għajjnuna għall-istokk kapitali.

#### L-intensità tal-ghajjnuna

(718) L-ghajjnuna trid tkun limitata għal 65 % tal-ispejjeż eliġibbli.

### **PARTI III. KWISTJONIJET PROĊEDURALI**

#### **1. *It-tul tal-iskemi tal-ghajjnuna u evalwazzjoni***

(719) Skont il-prattika stabbilita fil-Linji Gwida ta' qabel, sabiex tikkontribwixxi għat-trasparenza u għar-reviżjoni regolari tal-iskemi ta' ghajjnuna kollha eżistenti, il-Kummissjoni ser tawtorizza biss l-iskemi ta' ghajjnuna b'durata limitata. L-iskemi li jkopru l-ghajjnuna mill-Istat għal miżuri li jistgħu jibbenefikaw ukoll minn ko-finanzjament tal-FAEŻR skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għandhom ikunu limitati għad-durata tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Fejn id-dritt tal-Unjoni jippermetti hekk, u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jagħmlu impenji ġodda għall-iżvilupp rurali abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu. Għalhekk, il-Kummissjoni ser tapplika dawk il-Linji Gwida anki għal tali impenji ġodda. Skemi oħrajn ta' ghajjnuna ma għandhomx japplikaw għal aktar minn seba' snin.

(720) Sabiex jiġi żgurat ulterjorment li jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-kummerċ, il-Kummissjoni tista' teħtieġ li ċerti skemi jkunu soġġetti għal limitazzjoni ta' żmien (is-soltu ta' erba' snin jew anqas) u għall-evalwazzjoni msemmija fil-punt (40). L-evalwazzjonijiet ser jitwettqu għal skemi fejn il-potenzjal tad-distorsjonijiet ikun partikolarment għoli, jiġifieri, dawk li jistgħu jirriskjaw li jkollhom effett ta' restrizzjoni jew distorsjoni sinifikanti fuq il-kompetizzjoni jekk l-implimentazzjoni tagħhom ma tiġix eżaminata mill-ġdid fi żmien xieraq.

(721) Minħabba l-għanijiet tal-evalwazzjoni u sabiex ma jiġix impost piż sproporzjonat fuq l-Istati Membri fir-rigward ta' ghajjnuna ta' ammonti iżgħar, l-evalwazzjoni tapplika biss għall-iskemi ta' ghajjnuna b'baġits għall-ghajjnuna kbar, li jkun fihom karatteristiċi ġodda jew li jkunu jipprevedu bidliet sinifikanti fis-suq, fit-teknoloġija jew fir-regolamentazzjoni. L-evalwazzjoni trid titwettaq minn esperti li jkun indipendenti mill-awtorità awtorizzanti tal-ghajjnuna fuq il-bażi ta' metodoloġija komuni u trid issir pubblika. Flimkien mal-iskema tal-ghajjnuna rilevanti, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw abbozz tal-pjan ta' evalwazzjoni, li jkun parti integrali mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iskema.

- (722) Fil-każ tal-iskemi tal-ghajjnuna li mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' eżenzjoni ġenerali, esklussivament minħabba l-baġit kbir tagħhom, il-Kummissjoni se tivvaluta l-kompatibbiltà tagħhom biss abbażi tal-pjan ta' evalwazzjoni.
- (723) L-evalwazzjoni trid tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni fiż-żmien opportun, biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-estensjoni possibbli tal-iskema tal-ghajjnuna u fi kwalunkwe każ, malli tiskadi. Kwalunkwe miżura ta' ghajjnuna sussegwenti b'għan simili trid tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni.

## 2. **Klawżola ta' revizzjoni**

- (724) Għandha tiġi pprovduta klawżola ta' revizzjoni għal impenji meħuda skont it-Taqsimiet 1.1.5.1 u 1.1.5.2., it-Taqsima 1.1.8, u t-Taqsimiet 2.3. u 3.4. tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida, sabiex ikun żgurat l-aġġustament tagħhom fil-każ tal-emendar tal-istandards obbligatorji, ir-rekwiżiti jew l-obbligi rilevanti msemmija f'dawk it-Taqsimiet li jridu jinqabżu mill-impenji li jissemmew f'dawk it-Taqsimiet.
- (725) L-operazzjonijiet imwettqin skont it-Taqsimiet 1.1.5.1, u 1.1.5.2., it-Taqsima 1.1.8, u t-Taqsimiet 2.3. u 3.4. tal-Parti II li jmorru lil hinn mill-perjodu ta' programmazzjoni tal-iżvilupp rurali tal-2014-2020, għandu jkun fihom klawżola ta' revizzjoni sabiex ikunu jistgħu jiġu aġġustati għall-qafas legali tal-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara.
- (726) Jekk l-aġġustamenti msemmija fil-punti (724) u (725) ma jiġux aċċettati jew ma jiġux implimentati mill-benefiċjarju, l-impenn jiskadi u l-ammont tal-ghajjnuna għandu jitnaqqas għall-ammont tal-ghajjnuna li jikkorrispondi għall-perjodu sa ma jiskadi l-impenn.

## 3. **Rapportar u monitoraġġ**

- (727) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999<sup>(89)</sup> u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004<sup>(90)</sup> u l-emendi sussegwenti tagħhom, l-Istati Membri jridu jissottomettu rapporti annwali lill-Kummissjoni.
- (728) Ir-rapport annwali jrid ikun fih ukoll informazzjoni dwar dawn li ġejjin:
- (a) il-mard tal-annimali jew il-pesti tal-pjanti kkonċernati fit-Taqsima 1.2.1.3;
  - (b) informazzjoni meteoroloġika fuq it-tip ta' avveniment klimatu jew id-diżastru naturali, meta jiġru, il-qilla relattiva tagħhom u l-post fejn jiġru, skont it-Taqsimiet 1.2.1.1 u 1.2.1.2 rispettivament.
- (729) Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tfttex informazzjoni addizzjonali dwar skemi tal-ghajjnuna eżistenti fuq bażi ta' każ b'każ, meta dan ikun meħtieġ biex tkun tista' twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha skont l-Artikolu 108(1) tat-Trattat.
- (730) L-Istati Membri jridu jiżguraw li jinżammu reġistri ddettaljati rigward il-miżuri kollha li jinvolvu l-għoti ta' ghajjnuna. Dawn ir-rekords iridu jinkludu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi stabbilit jekk il-kundizzjonijiet kollha ta' dawn il-Linji Gwida li, fejn applikabbli, jirrigwardaw il-kostijiet eliġibbli u l-intensità massima permissibbli tal-ghajjnuna jkunux ġew irrispettati. Dawn ir-rekords iridu jinżammu għal 10 snin mid-data tal-għoti tal-ghajjnuna u jridu jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni meta din tagħmel talba għalihom.

## 4. **Applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida**

- (731) Il-Kummissjoni se tapplika dawn il-Linji Gwida mill-1 ta' Lulju 2014.
- (732) Il-Kummissjoni se tapplika dawn il-Linji Gwida għal kull miżura nnotifikata fir-rigward ta' liema tintalab tieħu deċiżjoni wara l-1 ta' Lulju 2014, anki meta l-ghajjnuna kienet innotifikata qabel dik id-data. Madankollu, l-ghajjnuna individwali mogħtija skont l-iskemi ta' ghajjnuna approvati u nnotifikati lill-Kummissjoni f'konformità ma' obbligu ta' notifika ta' tali ghajjnuna fuq bażi individwali ser jiġu vvalutati skont dawn il-Linji Gwida li japplikaw għall-iskema ta' ghajjnuna approvata li fuqha hija bbażata l-ghajjnuna individwali.
- (733) Ghajjnuna illegali ser tiġi vvalutata skont ir-regoli fis-seħħ fid-data ta' għoti tal-ghajjnuna. L-ghajjnuna individwali mogħtija minn skema ta' ghajjnuna illegali se tiġi vvalutata skont il-Linji Gwida li japplikaw għall-iskema ta' ghajjnuna illegali fiż-żmien meta nġhatat l-ghajjnuna individwali.

<sup>(89)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 3).

<sup>(90)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE, (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).



(734) Dawk li kienu l-Linji Gwida tal-Komunità għall-ghajjnuna mill-Istat fis-settur Agrikolu u tal-Forestrija għall-2007 sal-2013 huma mħassra mid-data tal-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida. Għall-miżuri ta' żvilupp rurali kofinanzjati mill-FAEŻR, fejn id-dritt tal-Unjoni jippermetti hekk, u skont il-kundizzjonijiet stab-bilit fir-regoli ta' żvilupp rurali, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jagħmlu impenji ġodda skont dawk li kienu l-Linji Gwida għall-ghajjnuna mill-Istat fis-settur Agrikolu u tal-Forestrija għall-2007 sal-2013 skont il-Punt 189<sup>(91)</sup>.

#### 5. **Proposti għal miżuri xierqa**

(735) B'mod konformi mal-Artikolu 108(1) tat-Trattat, il-Kummissjoni tipproponi li l-Istati Membri jemendaw l-iskemi ta' ghajjnuna eżistenti tagħhom biex jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2015. Dwar dan id-dewmien, japplikaw dawn id-derogi li ġejjin:

- (a) skemi tal-ghajjnuna eżistenti, meta l-valutazzjoni tal-kompatibbiltà skont il-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat fis-settur tal-Forestrija u l-Agricoltura għall-2007-2013 tkun għamlitha l-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, iridu jkunu konformi ma' dawn il-Linji Gwida sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2015;
- (b) l-iskemi tal-ghajjnuna eżistenti biex jintlaħqu l-istandards skont is-Sottokapitolu IV.E tal-Linji Gwida Komunitarji għall-Ghajjnuna mill-Istat fis-settur Agrikolu u tal-Forestrija għall-2007-2013 u l-ghajjnuna għax-xiri ta' art għall-forestrija użata bħala żona għall-protezzjoni tan-natura, għandhom jitnehew sat-30 ta' Ġunju 2016;
- (c) skemi tal-ghajjnuna eżistenti għall-eżenzjonijiet u t-tnaqqis fit-taxxa skont id-Direttiva 2003/96/KE msemmija fis-Sottokapitolu VI.F tal-Linji Gwida Komunitarji għall-ghajjnuna mill-Istat fis-settur Agrikolu u tal-Forestrija għall-2007-2013 iridu jikkonformaw mar-regoli orizzontali applikabbli tal-Linji Gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija għall-2014-2020 sat-30 ta' Ġunju 2016, ħlief meta din l-ghajjnuna tkun eżentata mill-obbligu ta' notifika;
- (d) l-iskemi ta' ghajjnuna eżistenti għall-irtirar bikri għandhom jiġu eliminati gradwalment sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018.

(736) L-Istati Membri huma mistiedna jesprimu l-qbil espliċitu inkondizzjonali tagħhom ma' dawn il-miżuri xierqa proposti fi żmien xahrejn mid-data ta' pubblikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fin-nuqqas ta' tweġiba, il-Kummissjoni ser tassumi li l-Istat Membru inkwistjoni ma jaq-bilx mal-miżuri proposti.

#### 6. **L-iskadenza**

(737) Dawn il-Linji Gwida ser japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrevedi jew temenda dawn il-Linji Gwida fi kwalunkwe ħin jekk dan ikun meħtieġ, għal raġunijiet marbuta mal-politika dwar il-kompetizzjoni jew biex tqis politiki tal-Unjoni oħra, bħall-iżvilupp agrikolu u rurali jew kunsiderazzjonijiet ta' politika tas-saħħa tal-bniedem u l-annimali, kunsiderazzjoni tal-politika ambjentali u l-protezzjoni tal-pjanti, u impenji internazzjonali, jew għal kwalunkwe raġuni oħra ġġustifikata.

---

<sup>(91)</sup> Kif immodifikat fid-19 ta' Novembru 2013, ĠU C 339, 20.11.2013, p. 1.